# Festa Santa Marija
## Mqabba 2006



St. Mary
FIREWORKS FACTORY
Mqabba
MALTA

**L-Għaqda tan-Nar Santa Marija**
**L-Ewwel Rebbieħa tal-Festival**
**Internazzjonali tan-Nar ta' Malta**

**Palazz Santa Marija,**
**Pjazza tal-Knisja,**
**Mqabba, Malta**
**Tel: 21683020**
http://www.santamarija.com
e-mail: info@santamarija.com

**Bord Editorjali**
Carmel Briffa
Carmel Ellul
Alfred Galea
Antoine Sciberras
Elvin Sciberras
Chris Spiteri

**Artikolisti**
Carmel Zahra
Nicholas Briffa
Carmel Ellul
Carmel Briffa
Dun Nazzaren Caruana
Mro. David Agius
Fr. Joseph Zahra O.P.
Mario Camilleri
Stefano Farrugia
Benjamin Camilleri
Alfred Galea
Christopher Spiteri
Vince Marshall
Giovanni Farrugia
Vince Attard
Carlo Sciberras
Joe Chetcuti
Seminarista Jonathan Farrugia
Franġiska Ghigo
Joseph Camilleri
Nicholas Baldacchino
Carmen Lia
Anthony Ellul
Carmel Bianchi
Lorenzo Zahra
Mario Fenech

**Proof Reading**
Elvin Sciberras

**Ritratti tal-Qoxra**
*Quddiem*
L-istatwa ta' Santa Marija meqjuma ġewwa l-parroċċa ta' l-Imqabba thares lejn l-ispettaklu tan-nar offrut mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija. Spettaklu li wassal għar-rebħ ta' l-ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta 2006.
*Wara*
Iż-żewġ unuri Internazzjonali li tħaddan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba.
*Qoxra Ġewwa*
Il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius, l-ewwel Banda Mqabbija li daqqet ġewwa t-Teatru Manoel nhar il-15 ta' Novembru 2005, festa ta' Santa Ċeċilja, Patruna tal-Mużika.

Design, Separations & Printing
BEST Print CO. LTD
Żurrieq Road, Qrendi
Tel: 21680789 Fax: 21649012

# Werrej

Kumitat Eżekuttiv ..... 2
Soċjetà mogħnija bl-Unuri ..... 5
Nagħmlu Unur lill-Imqabba ..... 7
Unur lill-Parroċċa Tagħna ..... 9
Ngħollu Isem Is-Soċjetà ..... 11
Meħtieġa l-Għajnuna u l-Koperazzjoni ta' Kulħadd ..... 13
Suċċess Miksub b'Tant Sagrifiċċju ..... 15
Unur fuq Unur ..... 17
Sena ta' Ħidma Kontinwa ..... 19
Tifkiriet għall-bejgħ ..... 23
Lil Santa Marija, Omm l-Imħabba ..... 25
Il-Planċier Artistiku ..... 27
2005 – Sena Memorabbli għas-Soċjetà Santa Marija ..... 29
Għaxar Snin mill-Bidu tal-Ġemellaġġ ..... 31
10 Snin fuq l-Internet – www.santamarija.com ..... 37
Mistiedna Barranin – Festa Santa Marija, Mqabba 2006 ..... 41
Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V ..... 46
Programm Strumentali u Vokali – 10 ta' Awissu 2006 ..... 48
L-Ewwel Banda Mqabbija ġewwa t-Teatru Manoel ..... 49
Programm Festi Esterni f'ġieħ Santa Marija ..... 50
Funzjonijiet tal-Knisja ..... 53
Bedford Town Band ..... 55
Marija Port tas-Salvazzjoni ..... 61
Leonard Farrugia (1931-1996) ..... 63
Marija fil-Familja ..... 67
Tifkiriet ta' Toni Borg ..... 69
Attivitajiet Varji ..... 71
L-Isqof Mario Grech ..... 73
Sena ta' Ħidma bla Waqfien ..... 75
Id-Domma ta' l-Assunzjoni ta' Marija Verġni ..... 85
Filippo Fortunato Venuti u l-Kwadru Titulari ta' l-Assunta fl-Imqabba ..... 87
Preżentazzjoni tat-Tfal ..... 97
Trofew Chev. George Martin A. Mus. L.C.M.,O.S.T.J. ..... 99
Xogħol Kontinwu Kollu mill-Qalb ..... 99
Għad-Domma ta' l-Assunzjoni ..... 101
Nar ta' l-Art ..... 103
L-Ewwel Champions tan-Nar ..... 105
Ta' Santa Marija ta' l-Imqabba l-għażla tal-pubbliku Malti ..... 109
L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tagħmel unur lill-Imqabba u lil Malta ..... 111
Suċċessi u Unuri ..... 115
Programm tan-Nar ..... 117
L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba tagħti l-wirja tal-logħob tan-nar waqt is-Summit tal-Commonwealth ..... 119
L-Imqabba u l-Festa tagħha jiċċelebraw ir-rebħ ta' l-Ewwel Kampjonat tan-Nar ..... 121
Suċċess frott id-dedikazzjoni ta' ħafna dilettanti ..... 125
L-ewwel Skambju Kulturali miż-Żgħażagħ fl-Imqabba ..... 129
Ir-Reffiegħa ta' l-Istatwa ta' Santa Marija ..... 133
Minn fejn se jgħaddi l-Marċ ..... 135
Inkomplu nsebbħu l-Każin Tagħna ..... 139
Il-Leġġenda ta' Peppinu ..... 141
Rendikont Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja – Festa Santa Marija 2005 ..... 145
Titjira sal-Ġenna ..... 147
Vista Pastorali fl-Imqabba mill-Kan. A. Bolonja ..... 152
Il-Kult Marjan fil-Gżejjer Maltin ..... 152

# Kumitat 2006



**Presidenti Onorarji**
Onor. Dr. Louis Galea B.A., LL.D., M.P., Sur Joseph Farrugia

**President**
Carmel Zahra

**Viċi-President**
Antoine Sciberras

**Segretarju**
Carmel Ellul

**Viċi-Segretarju**
Mario Camilleri

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Assistent Kaxxier**
Carlo Sciberras

**Direttur tal-Każin**
Anthony Ellul

**Direttur Spiritwali**
Fr. Joseph Zahra O P

**Delegat Banda/PRO**
Chris Spiteri

**Delegat Attivitajiet fil-Każin**
Vincent Attard

**Delegat tal-Planċier**
Benny Camilleri

**Delegati għall-Armar**
Mario Camilleri, Alex Falzon, Michael Ghigo

**Delegat tan-Nar**
Michael Ghigo

**Uffiċjal Relazzjonijiet Internazzjonali**
Alfred Galea

**Konsulent Legali**
Dr. Marse Ann Farrugia Dip. CAN.L.,LL.D.

**Surmast Direttur tal-Banda**
Mro. David Agius A.Mus. L.C.M., A.Mus. V.C.M.(Hons.), A.L.C.M.

**Kummissjoni għall-Banda**
Chris Spiteri, Nicholas Baldacchino, Alfred Galea, Adrian Zahra

**Rappreżentant fl-Għaqda Każini tal-Baned Maltin**
Carmel Briffa

**Reviżuri**
Daniel Camilleri
Paul Spiteri



Mqabba SM Bk06.indd 3 27/7/06 11:36:44

# Soċjetà Mogħnija bl-Unuri

Is-Sur Carmel Zahra President

Għeżież soċi u partitarji,

Huwa ta' unur kbir għalija li għal sittax-il sena kelli l-opportunità li nwassal dan il-messaġġ f'dan il-ktejjeb hekk interessanti. Reġa' wasal ix-xahar ta' Awissu li hu tant għażiż għalina. Malli tiftakar f'dan ix-xahar mill-ewwel moħħok imur fuq il-Festa tant għażiża u devota ta' Santa Marija, Festa li fil-15 ta' Awissu tkun iċċelebrata mad-dinja kollha.

Qabel xejn tajjeb niftakru fi sħabna li ħallewna matul din is-sena b'mod partikulari Innocent Farrugia magħruf aktar magħna bħala Ċensu li kien pedina importanti fejn jirrigwardja l-armar tal-Festa, kif ukoll ex-membru fil-kumitat.

Propju għaxar snin ilu, fuq inizjattiva u l-ħidma tas-sur Alfred Galea, bandist attiv u l-Uffiċjal Relazzjonijiet Internazzjonali, il-Banda Re Ġorġ V rnexxielha toħroġ għall-ewwel darba barra minn xtutna sewwasew ġewwa Santa Vittoria in Matenano, ġewwa r-reġjun ta' Ascoli Piceno fl-Italja. Sena wara bħala għeluq ta' dan il-Ġemellaġġ storiku il-banda mill-istess regjun ġiet mistiedna sabiex tieħu sehem fil-Festa ta' Santa Marija. Dawn l-attivitajiet ġew inkurunati wara li ksibna unur uniku u prestiġġjuż mill-Unjoni Ewropea, *Les Etoiles d'or du Jumelage*.

Tajjeb insemmi li fis-sena 1996 is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, permezz tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, fetħet orizzonti ġodda permezz tal-websajt uffiċjali *www.santamarija.com* fejn konna minn ta' l-ewwel Soċjetajiet Mużikali fil-pajjiż li dħalna fid-dinja ta' l-informatika. Nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lis-sur Mario Mifsud ta' din l-inizjattiva li ħalliet ġid kbir għaliex b'hekk stajna nesponu lis-Soċjetà u r-raħal tagħna mad-dinja kollha. Ma nistax ma nsemmix u nuri l-apprezzament tiegħi u ta' sħabi lejn is-sinjorina Louiselle Sciberras li hija l-amministratur ta' din il-websajt, li tieħu ħsieb taġġornaha fuq bażi regolari. Nirringrazzja wkoll lis-Sezzjoni Żgħażagħ li ta' kull sena jisponsorjaw dan l-istess sit elettroniku. Prosit lill-istess Sezzjoni għall-attivitajiet varji li jorganizzaw matul is-sena kollha fosthom ma nistax ma nsemmix l-Iskambju kulturali ma' grupp ta' żgħażagħ mill-Italja u l-Ġimgħa Marjana li ġiet organizzata għat-tieni sena konsekuttiva f'Mejju li għadda kif ukoll il-briju matul il-marċi tal-Festa.



*Is-Segretarju Carmel Ellul jagħti tifkira żgħira lill-President f'għeluq il-15-il sena minn meta s-sur Carmel Zahra nħatar bħala President tas-Soċjetà.*

Din is-sena ser jiżżanżnu sett ta' tmien trofini ġodda għal Triq Karmenu Ciantar u se jkunu kkomplimentati b'għaxar pedestalli u statwi għall-istess triq. Dan ix-xogħol qed isir bl-inizjattiva tas-sur Mario Camilleri u qegħdin jinħadmu mis-sur Charles Falzon. Dan il-proġett ambizzjuż żgur li ser ikompli jsebbaħ din it-triq għall-Festa hekk grandjuża.

Ma nistax ma nifraħx u nirringrazzja lill-Għaqda tan-Nar Santa Marija, li b'mod volontarju jaħdmu id f'id is-sena kollha sabiex ikunu jistgħu joffrulna spettakli ta' nar għal din il-Festa. Ta' min isemmi li din l-Għaqda kompliet għolliet isem is-Soċjetà tagħna meta f'Novembru li għadda kienet mistiedna toffri spettaklu ta' nar ġewwa Għajn Tuffieħa wara ċ-ċena offruta mill-E.T. Reġina Elizabetta II għall-membri tas-*Summit* tal-*Commonwealth (CHOGM)*. Propju din is-sena l-Għaqda kompliet tgħolli isimha u isem is-Soċjetà tagħna meta rnexxielha toħroġ bl-unuri kollha wara li rebħet l-ewwel unur tal-Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta. Din l-Għaqda kkompetiet ma' wħud mill-aqwa kmamar tan-nar f'Malta kif ukoll ma' oħrajn barranin. Mill-ġdid grazzi mill-qalb għas-sagrifiċċji kbar tagħkom tul is-sena kollha.

Bħal ma tafu l-funzjonijiet tal-knisja huma kbar u interessanti. Għalhekk nappella biex kull min jista', jattendi għal dawn il-funzjonijiet reliġjużi. Dawn il-funzjonijiet minbarra li huma sbieħ, iħallu ħafna ġid spiritwali u jgħinuna nitgħallmu iżjed fuq il-ħajja ta' Ommna Marija. Barra minn hekk inkunu nistgħu ingawdu wkoll il-knisja ddedikata lil Santa Marija, kif tkun imlibbsa għall-Festa hekk kbira u sabiħa. U la qed insemmu l-funzjonijiet reliġjużi nieħu l-okkażjoni u nifraħ lis-Seminarista Jonathan Farrugia li għadu kif irċieva l-Ministeru tal-Lettorat. Żgur li dan hu pass importanti fil-mixja tiegħu lejn is-saċerdozju.

Ma rridx nagħlaq dawn il-ħsibijiet mingħajr ma nirringrazzja lill-Fergħa tan-Nisa li huma strumentali fejn tidħol l-indafa tas-sede tagħna. Nirringrazzja wkoll lis-soċi kollha li wrew fiduċja fija u lil sħabi tal-Kumitat Eżekuttiv, li reġgħu ħatruni President ta' din is-Soċjetà bi storja kbira.

Nirringrazzja wkoll lis-sotto-kumitati kollha, soċi u partitarji, lill-kleru u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor ikunu strumentali fis-suċċess ta' din il-Festa ad unur Santa Marija. Grazzi lil kulħadd.

**Viva Santa Marija, Patruna ta' l-Imqabba.**



Mqabba SM Bk06.indd 5 27/7/06 11:36:59

# Nagħmlu Unur lill-Imqabba

## Is-Sur Nicholas Briffa Sindku ta' l-Imqabba

Waslet festa oħra, qisu l-bieraħ meta ġejt mitlub għall-ewwel darba bħala Sindku ta' dan ir-raħal biex inwassal il-messaġġ tiegħi għal din l-okkażjoni. Jien ċert li l-membri ta' din is-Soċjetà taħt id-direzzjoni tal-Kumitat għamlu minn kollox biex iwasslu lilna l-Imqabbin, il-Maltin u l-barranin, festa li tagħmel unur lil kulħadd.

Qed niċċelebraw il-Festa Titulari fl-Imqabba ad unur Santa Marija li lkoll inqimuha bħala Ommna, għax aħna bħala poplu nisrani dejjem irrikorrejna lejHa kull meta xi gwaj resaq lejna u tlabniHa tidħol għalina quddiem il-Mulej.

Huwa d-dover tiegħi bħala Sindku ta' dan ir-raħal li nħeġġeġ lill-Imqabbin kollha biex minn din il-festa nagħmlu unur għalina lkoll u min jiġi fostna jżurna għal din l-okkażjoni, jmur lura sodisfatt u jibqa' jsemmi lil raħalna għall-ħiliet u t-tradizzjoni li bqajna nżommu qawwija matul is-snin.

Għandna nħallu barra dak kollu li b'xi mod jista' jtebba' din il-festa tant għażiża għalina l-Imqabbin u nagħmlu minn kollox biex dak kollu li ġie ppreparat għalina jirnexxi. Inkunu maturi biżżejjed biex inżommu l-għaqda ta' bejnietna anke f'dawn il-ġranet ta' festa. Inkunu responsabbli u ma nħallux l-entużjażmu jiġri bina u forsi b'għemilna u l-imġiba tagħna newġġgħu lil xi ħadd.

Il-Kunsill ser ikun impenjat biex jara li fejn tidħol l-indafa fir-raħal jagħmel dmiru sew. Nitolbu l-koperazzjoni tal-pubbliku biex kemm jista' jkun jagħmel użu mill-*iskips* u l-*bins* li ser ikun hemm f'postijiet strateġiċi. Din ta' l-*iskips* is-sena l-oħra jidher li ħadmet, iżda għad fadal ħafna biex nilħqu l-livelli mixtieqa. Nappella wkoll biex kemm jista' jkun fliexken tal-birra ma jitħallewx jiġru fit-toroq fl-art għax jistgħu jkunu ta' periklu.

Il-kultura u t-tradizzjoni fl-Imqabba jmorru flimkien. Fil-qofol tal-festa esterna barra ħwejjeġ oħra, hemm il-banda u nħoss li għandna nibqgħu ninsistu li l-kultura tal-mużika tibqa' l-pern ta' l-attivitajiet li jsiru fil-każini tal-baned tagħna, naturalment ma' attivitajiet oħra kulturali li wkoll jixirqilhom kull tifħir. Nieħu l-okkażjoni biex nagħmilha pubblika u nagħti prosit lill-Kumitat tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Kunċerti sbieħ li organizzaw fit-Teatru Manoel u fis-Sala pittoreska ta' l-istess Soċjetà, verament kienu kunċerti ta' livell għoli. Nagħti prosit ukoll lill-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-unur li ġabu lill-istess Soċjetà, lill-Imqabba kif ukoll lil Malta kollha meta ġew ikklassifikati fl-ewwel post fil-Festival Intemazzjonali tal-Piroteknika li sar fil-Port il-Kbir.

Nikkonkludi, billi f'ismi u f'isem il-familja tiegħi, flimkien ma' sħabi l-kunsillieri kollha nawgura Festa mill-aqwa lill-President, Kumitat, Soċji u lill-Imqabbin kollha u biex f'dawn il-ġranet ta' festa nkattru l-għaqda ta' bejnietna għall-ġid ta' raħalna li tant ngħożżu u nħobbu.



*Is-Sindku Nicholas Briffa flimkien mas-sinjura tiegħu waqt il-kunċert Annwali mtella' mill-Banda Re Ġorġ V nhar l-10 t' Awissu 2005.*


**Akkademja tal-Mużika ġewwa l-Każin**

*Ibgħat lil uliedek jitgħallmu l-mużika b'xejn ġewwa l-Każin kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar.*

# Unur lill-Parroċċa Tagħna

Dun Nazzarenu Caruana Kappillan

Il-kittieb famuż Russu Dostoevski, fil-ktieb tiegħu *'L-Idjota'* jgħid illi 's-sbuħija se ssalva d-dinja'. Iżda fl-istess nifs isaqsi 'liema sbuħija se ssalva d-dinja?' Għaliex is-sbuħija jekk ma tkunx fil-verità u fit-tajjeb ma tiswa xejn. Is-sbuħija toħroġ mill-idejn l-artist li hu stess irid ikollu qalbu fil-verità. Ħaġa li Alla biss jista' jagħtihielna. Kristu stess jgħidilna: 'Jiena huwa t-triq, *il-verità* u l-ħajja'.

Fil-ktieb tat-Testment il-Qadim, *L-Għanja tal-Għanjiet,* hemm djalogu sabiħ bejn l-għarus u l-għarusa tiegħu. Fil-fatt dan hu d-djalogu li jeżisti bejn Alla u l-bniedem. F'mument minnhom l-għarus jimmaġina li daħal ġo ġnien sabiħ iżda magħluq minn kullimkien. Dan il-ġnien hu l-għarusa tiegħu li hija riżervata biss għalih. Ħadd aktar ma jista' jidħol hemmhekk. Hu biss jista' jgawdi minnha. F'mument minnhom jinfexx fi kliem bħal dan: "Kemm int sabiħa, maħbuba tiegħi, kemm int sabiħa" (Għan.4,1). Maż-żminijiet dan il-kliem *tal-Għanja tal-Għanjiet* l-istudjużi jirreferuħ għall-Madonna. Hi tabilħaqq is-sabiħa 'tota pulchra est Maria', 'int kollok sabiħa, O Marija'. Hi wkoll 'ġnien magħluq' li l-ħitan tiegħu waqqagħhom Kristu stess minn fuq is-salib. Dan meta tagħhielna bħala ommna. Lil San Ġwann qallu: 'Din hi ommok'. Il-Madonna issa saret ta' kulħadd u kulħadd jista' jitgħaxxaq minnha. Mhux ta' xejn li ħafna huma l-artisti (pitturi, skulturi, arkitetti, mużiċisti, poeti) li ħassew li għandhom jesprimu ruħhom fuq Marija. Hija tabilħaqq 'is-sabiħa' li kapaċi tispira lill-aqwa ġenji ta' l-arti bħalma kien Mikielangelo u Dante.

Fl-opinjoni tiegħi kienet ferm għaqlija li ż-żgħażagħ tas-Soċjetà Santa Marija, Mqabba, għat-tieni sena konsekuttiva huma wkoll kienu mbuttati sabiex jagħżlu l-Madonna bħala t-tema għal wirja li tellgħu fl-Isptar il-Qadim. Hemmhekk urewna kemm tabilħaqq il-Madonna kienet għal żmien twil it-tema preferuta ta' ħafna artisti anke Maltin. U issa dan it-talent mhux biss qegħdin narawh fil-pittura, fil-fotografija u fl-iskultura, iżda anke fid-diskorsi ta' diversi mistiedna u fil-kant, mużika, poeżija u affarijiet oħra.



*Il-Kappillan Dun Nazzaren Caruana waqt il-funzjoni tat-tberik ta' tfal u trabi quddiem il-Madonna, li saret għall-ewwel darba ġewwa l-parroċċa ta' l-Imqabba nhar it-30 ta' Lulju 2005, fil-ftuħ tal-Kwindiċina tal-Festa ta' Santa Marija.*

U issa niġu għall-Festa li dalwaqt se niċċelebraw ma' diversi parroċċi oħra ddedikati lil Santa Marija. Anke l-festa trid tkun espressjoni ta' mħabba min-naħa tagħna lejn din il-kreatura, anzi l-isbaħ kreatura li ħarġet minn idejn Alla. Id-differenza hija waħda. Filwaqt li l-artist ikun waħdu li joħroġ u jesprimi dak li hemm f'qalbu, fil-każ tal-festi hemm poplu sħiħ li qed jesprimi dak li hemm ġo fih. U dan b'diversi modi, kemm b'dak li jsir fil-knisja (funzjonijiet), kif ukoll dak li jsir barra bħalma huma l-baned, nar, tiżjin. Iżda dak li jgħodd għall-arti jgħodd ukoll għall-festi. Anke dawn iridu jkunu fil-verità. F'kelma oħra jekk dawn l-affarijiet inħammġuhom b'affarijiet li jistgħu joffendu lil Alla, jekk mhux ukoll lill-Madonna, dawn mhux talli ma jibqgħux espressjonijiet artistiċi iżda jispiċċaw f'ħaġa oħra li ma nafx x'tista' ssejħilhom. Hekk per eżempju jiġrilha festa li tispiċċa f'ħafna piki, kliem li joffendi, jew forsi anke ġlied li jispiċċa fil-firda.

Naħseb li din hija responsabbiltà tagħna lkoll li dawn il-festi, li aħna l-Maltin tant inħobbu, innadfuhom darba għal dejjem minn affarijiet li jħammġuhom. Aħna fl-Imqabba nistgħu nkunu minn ta' quddiem f'din il-ħaġa u meta jaslu l-festi nuru maturità kbira. Dawn il-festi nħossuhom tagħna lkoll. Huma okkażjoni sabiex f'dawn il-mumenti tas-sena nħossuna familja waħda u kburin b'dak li għandna. Meta kien hemm bżonn urejna biżżejjed li aħna kapaċi daqs ħaddieħor.

Jiena minn qalbi nawgura festa sabiħa lil kulħadd u fl-istess ħin nirringrazzja lil kull min qed jaħdem f'din id-direzzjoni, f'kelma waħda li jkollna festa li tagħti ferħ lil Marija Ommna, u tagħmel unur lill-parroċċa tagħna ta' l-Imqabba.

# Ngħollu Isem Is-Soċjetà

Is-Sur Carmel Ellul Segretarju

Għeżież soċi u partitarji,

Ghaddiet sena oħra u bhal dan iż-żmien ta' kull sena permezz ta' dan il-ktejjeb intom il-partitarji, soċi u ammiraturi tas-Soċjetà tkunu tafu x'ġara matul is-sena permezz tal-Kumitat Eżekuttiv u s-sotto kumitati li ghandha s-Soċjetà. Nista' nghid li l-festa l-kbira li organizzajna s-sena l-oħra ghadha fil-memorja ta' kulhadd u dan żgur li ma kienx ikun possibbli kieku ma sibniex warajna l-ghajnuna tas-soċi, partitarji u benefatturi.

Wara li nġabar l-armar u dak kollu konness mal-festa, il-kumitat flimkien mas-sotto kumitati fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V beda minnufih ihejji ghall-attivitajiet ta' matul is-sena u l-festa ta' Santa Marija li ġejja. Il-Kumitat flimkien mal-Kummissjoni Banda u mas-Surmast bdew it-tħejjijiet ghall-Kunċert Sinfoniku ġewwa t-Teatru Manoel f'Novembru li ghadda fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja. Il-Banda tagħna ħarġet bl-unuri kollha fejn paxxiet lil dawk kollha preżenti li litteralment honqu t-Teatru Manoel, bil-mużika li daqqet, u b'hekk kompliet gholliet l-isem tal-Banda u tas-Soċjetà.

Mal-Kummissjoni Banda komplejna bid-diskussjonijiet biex ghall-festa ta' din is-sena jkollna fostna Banda mistiedna mill-Ingilterra u fil-Programm ta' l-10 ta' Awissu bhal kull sena jkollna novità oħra. Hawn nixtieq nawgura suċċess lill-bandisti l-ġodda li ser idoqqu ghall-ewwel darba mal-Banda tagħna.

Din is-sena wkoll bhalma naghmlu kull sentejn kellna l-ħatra tal-Kumitat il-ġdid. Hawn nistghu nghidu li kellna kontestazzjoni tajba biex jinhatar kumitat ġdid. Minn hawn nawgura kull ħidma liż-żewġ membri ġodda Alex Falzon u Vince Attard. Grazzi wkoll tmur lil dawk li ma ġewx eletti u grazzi wkoll liż-żewġ ex-membri Benny Camilleri u Grezzju Farrugia. Ma nistax ukoll ma nsemmix lil ex-membru tal-kumitat Ċensu Farrugia li ħalliena f'Ottubru li ghadda. Tul ħajtu, Ċensu ta kontribut qawwi fit-tmexxija tal-każin, ta' l-armar u fin-nar. Hu kien jieħu ħsieb imexxi l-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Marija. Ċens, minn qalbi nghidlek grazzi tal-kontribut li tajt lejn is-Soċjetà li tant kienet ghal qalbek.

Din is-sena, il-Kumitat flimkien mal-Kummissjoni Banda, iddeċieda li l-kunċert li jsir f'Marzu mill-bandisti tal-post jiġi ddedikat ghall-memorja ta' Leonard Farrugia fl-okkażjoni tal-ghaxar snin minn mewtu fejn fost l-oħrajn jibqa' msemmi ghall-innu ferm popolari. Permezz ta' dan il-kunċert fakkarna wkoll l-ghaxar anniversarju mill-bidu tal-Ġemellaġġ storiku li s-Soċjetà tagħna ghamlet ma' *Corpo Bandistico di Santa Vittoria* ta' Ascoli, l-Italja. Ġemellaġġ li finalment wassal ghar-rebħ ta' l-unur *Les Etoile d'Or du Jumelage*, moghti mill-Unjoni Ewropea.



*Is-sur Carmel Zahra, President tas-Soċjetà, flimkien mas-Segretarju Carmel Ellul qed jirċievu tifkira żgħira mingħand il-President ta' l-Għaqda Każini tal-Banda wara l-Kunċert Sinfoniku mtella' fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja ġewwa t-Teatru Manoel, f'Novembru li għadda.*

Nista' nghid li l-Ghaqda tan-Nar tagħna kompliet tgholli l-isem tas-Soċjetà tagħna bis-sehem tagħha fl-okkażjoni kommemorattiva ghall-veterani tal-gwerra fil-*Jerma Palace Hotel*. Wara l-Ghaqda tagħna kienet mistiedna biex taghti spettaklu waqt ċena statali moghtija mill-E.T. ir-Reġina Eliżabetta II ġewwa Ghajn Tuffieħa, ċena moghtija lill-membri u rappreżentanti tal-pajjiżi tas-*Summit* tal-*Commonwealth*, fl-okkażjoni taċ-CHOGM. Il-qofol kollu ntlaħaq f'Mejju li ghadda meta l-Ghaqda tan-Nar tagħna ġiet iddikjarata rebbieħa assoluta ta' l-ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar organizzat f'Malta mill-Ministeru tat-Turiżmu. Meta jiena qed nikteb dawn il-kelmtejn, l-Ghaqda tan-Nar tagħna waslet fl-ahħar preparamenti tagħha biex bhal kull sena taghti spettaklu ta' nar fl-okkażjoni tal-Patruna tagħna Santa Marija lil eluf ta' Maltin u Ghawdxin kif ukoll barranin li jżuruna. Minn qalbi nghid grazzi lil dawk kollha nvoluti f'dawn l-attivitajiet tax-xogħol u s-sagrifiċċju taghhom matul is-sena kollha.

Din is-sena l-Ghaqda ta' l-Armar flimkien mas-Sezzjoni Żgħażagħ bdew proġett ta' armar ġdid ghal Triq Karmenu Ciantar. Din is-sena fil-fatt ser inżanżnu sett ta' trofej. Tkompla wkoll ix-xogħol fuq il-planċier il-ġdid fejn tajnieh spinta oħra 'l quddiem.

Insemmi wkoll l-iskambju kulturali li beda s-sena l-oħra fil-Festa ta' Santa Marija u tkompla f'Lulju ta' din is-sena bejn żgħażagħ mis-Soċjetà tagħna u żgħażagħ minn Cirò fl-Italja. Fost l-attivitajiet li organizzaw is-Sezzjoni Żgħażagħ kienet il-Ġimgħa Marjana li kienet ta' suċċess spiritwali. Ta' min isemmi wkoll li din is-sena qed infakkru l-ghaxar anniversarju minn meta s-Soċjetà tagħna dahlet fid-dinja ta' l-informatika permezz tal-websajt tagħha *www.santamarija.com*. Proġett iehor ambizzjuż tas-Sezzjoni Żgħażagħ li rnexxa mija fil-mija u kompla kabbar isem is-Soċjetà tagħna sahansitra barra minn xtutna.

Is-Sezzjoni tan-Nisa bil-ħidma taghhom ta' matul is-sena se thallas sett qniepen ġodda biex jintużaw mill-Banda tagħna. Hawn nixtieq nappella biex aktar nisa jghinu lill-kumitat tan-nisa fil-ħidma siewja mwettqa minnhom.

Dan huwa parti mix-xogħol li sar matul is-sena b'riżq il-Festa tant ghażiża ta' Santa Marija. Naghmel appell biex is-soċi u partitarji jaghtu s-sehem taghhom fl-armar u żarmar tal-knisja, tat-toroq tar-raħal tagħna u ghajnuna lill-Ghaqda tan-Nar tagħna kemm qabel u kif ukoll wara l-festa. Grazzi tmur lill-Kunsill Lokali ta' l-ghajnuna li jghatina. Grazzi wkoll tmur lill-benefatturi li joffru kull ghajnuna li jkun hemm bżonn matul is-sena u waqt il-ġranet tal-festa. Grazzi wkoll lil shabi tal-Kumitat u l-familji taghhom.

Fl-ahharnett nappella sabiex waqt il-marċi kulhadd iġid ruħu sewwa u jobdi l-ordnijiet tal-Kumitat, fejn ghandna nattendu bi ħġarna. Ma nonqsux lanqas milli nattendu ghall-funzjonijiet reliġjużi li jsiru fil-knisja f'ġieħ Santa Marija Patruna ta' l-Imqabba. Grazzi mill-qalb u l-Festa t-tajba lil kulhadd.

**Viva l-Patruna tagħna, Santa Marija.**



Mqabba SM Bk06.indd 11 27/7/06 11:37:33

# Meħtieġa l-Għajnuna u l-Koperazzjoni ta' Kulħadd

Is-Sur Carmel Briffa Kaxxier

Nibda billi nsellem lil sħabi tal-Kumitat, membri tas-Soċjetà, partitarji, benefatturi u lill-Imqabbin kollha u nawgura festa mill-isbaħ u li tkun ta' sodisfazzjon għal dawk kollha li jżuruna matul il-ġranet tal-festa.

Il-festa hija okkażjoni li tgħaqqadna u tferraħna u dan huwa l-għan prinċipali tal-kumitat meta qegħdin nimpenjaw ruħna bis-sħiħ biex f'din il-festa nerġgħu noħorġu bl-unuri bħas-snin l-imgħoddija. Il-ħidma fi ħdan is-Soċjetà qatt ma waqfet matul is-sena u dan grazzi għall-membri ħabrieka fi ħdan is-Soċjetà li volontarjament tul is-sena kollha jaħdmu b'ħilithom kollha biex fl-aħħar jieħdu l-frott li jkunu żergħu, dik li jkollna festa xierqa u kif jistħoqq lill-Patruna tagħna Santa Marija.

L-ewwelnett nixtieq nifraħ lill-Għaqda tan-Nar Santa Marija għall-unur li rebħet, dak tal-Festival Internazzjonali tan-Nar. L-Għaqda tan-nar fi ħdan is-Soċjetà li hija meqjusa bħala waħda mill-pijunieri ewlenin għall-ispettakli ta' logħob tan-nar sinkronizzat mal-mużika fil-pajjiż, tinsab lesta sabiex tpaxxi lill-Maltin kollha bi programm innovattiv lejlet u nhar il-Festa ta' Santa Marija.

Il-Banda taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius baqgħet impenjata s-sena kollha. F'Novembru tas-sena l-oħra għall-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja, il-Banda esegwit Kunċert Sinfoniku ġewwa t-Teatru Manoel fil-Belt Valletta bħala l-mistiedna tal-Għaqda Każini tal-Banda. F'Marzu l-Banda reġgħet esegwit Programm Sinfoniku fis-Sala tal-Każin fl-okkażjoni tat-tmien anniversarju mill-għoti ta' l-Unur "Les Etoiles d'Or du Jumelage" (1998-2006) u b'tifkira ta' għeluq l-għaxar snin mill-mewt ta' Leonard Farrugia li kien pilastru fil-banda tagħna. F'Mejju l-banda għamlet marċ mat-toroq ta' l-Imqabba fejn iċċelebrajna r-rebħ tal-Festival Internazzjonali tan-nar li sar għall-ewwel darba ġewwa Malta. Hawn ta' min jirringrazzja s-surmast u l-bandisti tal-lokal għas-sagrifiċċju li jagħmlu matul is-sena.



*Is-sur Carmel Briffa, Kaxxier, waqt il-Kunċert Annwali mtella' mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V nhar l-10 ta' Awissu 2005.*

Għall-festa ta' din is-sena ser jerġa' jkollna banda barranija li ġejja mill-Ingilterra. Hawn qiegħed nirreferi għall-banda St Keverne li flimkien mal-banda tagħna u l-baned mistiedna ser joffru spettaklu ta' mużika matul il-ġimgħa tal-festa. Ser ikollna wkoll mistieden speċjali mill-Ingilterra li ser jakkompanja l-banda nhar il-Ġimgħa 10 t'Awissu.

Is-Sezzjoni taż-Żgħażagħ komplew bl-attivitajiet tagħhom matul is-sena kollha. Hawn ta' min iffaħħarhom għall-fuljett "It-Titular" li qegħdin joħorġu kull xahrejn kif ukoll għall-Iskambju Kulturali li rnexxilhom jagħmlu mas-Sezzjoni Żgħażagħ Taljani fi ħdan l-Associazione Cristiane Lavoratori Italiani ta' Cirò. Tkompla x-xogħol fuq il-Planċier kif ukoll il-Grupp ta' l-Armar ħadmu bla waqfien fuq sett ta' Trofini ġodda.

Is-Sezzjoni tan-Nisa fi ħdan is-Soċjetà komplew jorganizzaw il-Coffee Mornings sabiex jgħinu finanzjarjament lis-Soċjetà kif ukoll jagħtu l-għajnuna tagħhom waqt attivitajiet organizzati mill-Kumitat.

Fl-aħħar nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li jagħtu l-għajnuna tagħhom kemm fl-armar tal-knisja kif ukoll ta' barra. L-għajnuna u l-koperazzjoni ta' kulħadd hija meħtieġa. Infakkarkom sabiex tkunu ġenerużi fl-offerti tagħkom kemm permezz ta' l-envelopes kif ukoll fil-ġbir li jsir matul il-ġranet tal-festa.

Nixtieq nagħlaq dan l-appell billi nħeġġiġkom tattendu għall-funzjonijiet fil-Knisja kif ukoll għall-marċi u l-attivitajiet organizzati mill-Kumitat. Nieħdu pjaċir flimkien f'dawn il-ġranet sbieħ tal-festa u nkunu ta' eżempju għal festi oħrajn.

Minn qalbi nawgura Festa Sabiħa u Qaddisa lil kulħadd.


Mqabba SM Bk06.indd 13 27/7/06 11:37:50

# Suċċess Miksub b'Tant Sagrifiċċji

**Mro. D Agius A Mus LCM A Mus VCM (Hons) ALCM** Surmast Direttur

Naghti merħba lill-qarrejja kollha ta' dan il-ktejjeb, li fih dejjem naġġornaw l-iżviluppi li jkunu seħħew fis-Soċjetà taghna minn sena għall-oħra.

Is-sena li ghaddiet kienet waħda memorabbli għall-banda taghna. Wara l-festa tas-sena l-oħra mill-ewwel bdejna naħdmu għall-kunċert klassiku ġewwa t-Teatru Manoel. Kien kunċert li ma jintesa qatt. Il-mużika li ntgħażlet kienet ferm impenjattiva iżda bil-ħidma u l-paċenzja kollha x-xogħol intlaħaq sewwa u kellna l-ogħla livell. Nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem li kelli kliem ta' tifħir kbir mid-Direttur Artistiku tat-Teatru Manoel għall-mod ibbilanċjat kif kien imqassam il-programm biex laħaq il-qofol tiegħu fil-ħin opportun li ħalla lill-udjenza b'togħma tajba. Hawnhekk nirringrazzja lill-Kumitat li ghenuni f'kull ma kelli bżonn u tal-fiduċja li kellhom fija, sabiex tellgħajna wieħed mill-aqwa kunċerti ta' Santa Ċeċilja ta' l-Assoċċjazzjoni tal-Baned Maltin f'dawn l-aħħar snin b'mużika u eżekuzzjoni inimitabbli. Nirringrazzja wkoll lill-mużiċisti kollha li hadu sehem, mhux anqas dawk tal-post li dejjem sibthom warajja. Hafna milli attendew għal dan il-kunċert ghadhom isibuni sal-lum u jsemmu dan il-kunċert.

Is-suċċess miksub ma ġiex mis-sema, imma bit-*teamwork* kollu, b'mod speċjali bir-responsabbiltà li ħadu l-mużiċisti bl-attendenza numeruża għall-provi. Dan il-kunċert jibqa' jżid ma' l-opportunitajiet li kelli ma' din il-banda fejn dawn il-kunċerti qed ikunu ta' interess mal-pubbliku inġenerali u min jgħid li aħna naghtu prominenza lil-loghob tan-nar biss qed jgharralu bl-ikrah. Hawn baned li jissejħu kbar, ghax ilhom imwaqqfin, li ghadhom ma esegwewx il-mużika li daqqet il-banda taghna f'dawn l-ahhar snin!! Ghalhekk ghandna nibqghu naħdmu kif qegħdin bħalissa u nħallu l-fatti jitkellmu waħedhom!!

Is-sena komplejniha bil-kunċert ġewwa l-każin f'għeluq l-għaxar snin mill-mewt tal-mibki Nardu Farrugia. Hawnhekk bħal kull sena ohra l-banda kienet magħmula 95% minn mużiċisti tal-lokal u ntwera x-xoghol li jsir minn dawn il-mużiċisti matul is-sena b'tant sagrifiċċju kbir. F'din is-sena peress li konna impenjati ferm bil-kunċert ġewwa t-Teatru Manoel, il-Christmas Concert li ntoduċejna s-sena ta' qabel ma sarx biex naghtu ftit nifs lill-bandisti tal-lokal. Din is-sena qiegħed fil-ħsieb tiegħi li jerġa' jsir iżda dan inħabbruh iktar tard.



*Preżentazzjoni ta' innu 'Lil Marija Mtellgħa s-Sema' li s-surmast David Agius ikkompona u rregala lis-Soċjetà. Is-Surmast Agius għoġbu jagħmel ukoll arranġament għall-orkestra sabiex dan l-innu jkun jista' jindaqq ukoll ġewwa l-Knisja fil-jiem tal-Festa. Dan l-arranġament ġie rregalat lill-Kappillan Dun N Caruana f'isem il-Knisja Parrokkjali.*

Din is-sena il-kunċert ta' l-10 ta' Awissu ser ikun uniku wkoll. Mal-banda ser jieħu sehem il-*Whistling Champion* tad-dinja David Morris. Huwa ser jesegwixxi diversi siltiet mal-banda u ser ikun wieħed mill-attrazzjonijiet ta' din is-sena. Barra minn hekk ma tonqosx il-mużika impenjattiva biex il-livell tal-banda taghna jibqa' fuq l-oghla pedestall f'Malta. Għalhekk inħeġġeġ lil kulhadd sabiex jagħmel l-appuntament tiegħu ghal dan il-kunċert li ser ikun imrawwem minn mużika għall-gosti ta' kulħadd.

Inkompli biex nawgura futur sabiħ għall-mużiċisti l-ġodda li ser ikollhom id-debutt tagħhom mal-banda fil-festa ta' din is-sena. Nappellalhom biex jibqgħu jistudjaw għax fil-mużika qatt ma tkun taf xejn, iżda dejjem trid taġġorna ruħek biex tibqa' żżomm il-livell u ttejbu.

Nixtieq ukoll nawgura suċċessi lis-Sezzjoni Żgħażagħ li minn sena għall-oħra jaghtu kontribut siewi waqt il-marċi tal-festa biex f'dawn l-aħhar snin kibret ferm. Hawnhekk irridu nqisu li l-festa taghna mhix festa waħedha, iżda Alla jbierek il-folol dejjem qed jinġibdu għall-festa taghna. Dan huwa grazzi ghall-organizzazzjoni perfetta li dejjem kien hemm. Żgħażagħ ibqgħu sejrin hekk!! Anke l-kummissjoni ta' l-armar kull sena qed iżżid opri ġodda biex ikomplu jsebbħu l-ambjent tal-festa fir-raħal taghna.

Fl-aħhar u mhux l-anqas indur għall-ħaddiema kollha tan-nar. Nghidilkom prosit ghas-suċċess miksub fil-kompetizzjoni tan-nar, fejn urejtu l-abbiltà taghkom li tirrenja anke fuq il-barranin!! Prosit minn qalbi u nawguralkom kull suċċess għall-festa ta' din is-sena u għall-futur. Grazzi talli żżommu isem is-Soċjetà fuq l-ogħla pedestall.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulhadd!!



Mqabba SM Bk06.indd 15 27/7/06 11:38:00

# Unur fuq Unur

Fr. Joseph Zahra O.P. Direttur Spiritwali

Wara r-rebħa ċelebri tan-nar li l-għaqda tan-nar tagħna għamlet fil-festival tan-nar ġewwa l-port il-kbir, il-messaġġ tiegħi fil-*guest book* tas-sit tas-Soċjeta kien jgħid hekk:

***"Awguri u prosit tassew. Erġajtu mhux biss għamiltu unur lill-Imqabba u lis-Soċjetà tagħna, imma għamiltu unur lil pajjiżna. Bi mpenn naslu u nkomplu nkunu ċ-champions. Qed nikteb dan bħala d-direttur spiritwali tagħkom u għaldaqstant nieħu l-okkażjoni wkoll biex inħeġġeġ ħalli nimpenjaw aktar irwieħna fl-ispiritwalità tagħna. Santa Marija trid tkun kburija bina, mhux biss fin-nar, fil-banda u fit-tiżjin, imma wkoll fir-ruħ tagħna meta tkun tixbaħha fl-imħabba lejn Ġesù rebbieħ. Ejjew inkunu champions maċ-Champion! Prosit tassew u żommu l-kwalità ewlenija tagħkom. Unur fuq unur. Kunu mberkin."***

Dak li ktibt b'awgurju, nixtieq nerġa' nġeddu għall-okkażjoni tal-festa ta' l-assunta tà din l-istess sena. Il-festa kbira u sabiħa li niċċelebraw hawnhekk ġewwa l-Imqabba, il-Festa Titulari tal-parroċċa tagħna, trid tfakkarna li fis-sema hemm Sidtna Marija mogħnija b'kull unur mis-Sanitissima Trinità. Unur li Marija ma tridx iżżommu għaliha nfisha u daqshekk biss. Marija tkun verament mimlija bl-unuri, meta tkun imdawra bina wliedha. Aħna l-unuri tà Marija, li ma tridx li wieħed biss jintilef minn uliedha.

Aħna ninsabu msejħin, permezz tà din il-festa f'ġieħ l-Assunta biex inġeddu il-wegħdiet tal-Magħmudija tagħna – li ngħażlu t-tajjeb u niċħdu lill-ħażin. Imma kif tistà tagħżel it-tajjeb? Kif tista' tkun unur għal Marija? Kif tistà tidħol fil-briju tal-festa bla ma tilbes il-flokk tal-festa?! Il-flokk tagħna ma għandux ikun biss minn barra. Il-flokk tagħna għandna nahsluh u nilbsuh minn ġewwa. Il-qalb tagħna ħa tilbsu l-flokk tal-festa din is-sena? Flokk nadif u sabiħ bix-xbieha ta' l-assunta stampata fuqu?! Qalbna ħa tagħmel verament unur lil Marija? Jekk dan ma jseħħx, il-festa tkun ġiet u marret – forsi nkunu għamilna unur ieħor lis-Soċjetà tagħna, imma qatt lil Sidtna Marija.



*Fr. Joseph Zahra O.P., Direttur Spiritwali tas-Soċjetà, li kien wieħed mill-kelliema matul il-Ġimgħa Marjana li ġiet organizzata f'Mejju 2006 mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija. It-tema magħżula minn Fr Joseph Zahra kienet Marija Port tas-Salvazzjoni.*

Mela ejjew flimkien nagħmlu festa qaddisa lil Marija. Festa li terġa' tkun unur għas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V f'kull aspett. Unur fuq Unur fin-nar, Unur fuq Unur fil-Mużika u fl-armar, Unur fuq Unur fil-briju, Unur fuq Unur fiċ-ċelebrazzjonijiet Liturġiċi tal-Parroċċa tagħna. Ejjew inkomplu nuru serjetà u dedikazzjoni f'kollox. Ejjew naħdmu ħalli niksbu unur ieħor: "Unur fuq unur fil-qlub tagħna billi nahsluhom permezz tas-Sagrament tal-Qrar u t-tqarbina Mqaddsa li tant għandna bżonn. L-Aħwa tħallux lilkom infuskom tiġu mkaxkra biss bil-ħafna ħidma u sagrifiċċju li ġġib magħha l-festa kbira tagħna u ma ssibux ħin biex tirċievu s-Sagramenti tar-Rikonċiljazzjoni u l-Ewkaristija. Qed nistedinkom u nħeġġiġkom biex titkaxkru wkoll u timtlew kollkom entużjażmu biex takkwistaw unur ieħor li tiċċelebraw festa b'qalb nadifa mħejjija tajjeb biex tkun tistà tiltaqa' ma' Marija Mtellgħa s-sema.

Iċ-ċans huwa dejjem magħkom kull meta tridu. Tà spiss inkun l-Imqabba għax dan inħoss li huwa dmir tiegħi bħala d-direttur spiritwali tas-Soċjetà Santa Marija. Min irid jista' jiġbidni f'ġenb u jqerr. Bil-mandat tal-Knisja, inkun fejn inkun, ma nistà qatt niċħad is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni lil xi ħadd. Mela kuraġġ, ħalli nerġgħu nagħmlu unur bil-festa tagħna mhux biss lill-Imqabba u lill-festi f'pajjiżna, imma nagħmlu unur lil Santa Marija billi kull wieħed u waħda minna nkunu unur uniku f'qalb din l-Omm tagħna tas-sema.

Kunu mberkin.

**VIVA SIDTNA MARIJA MTELLGĦA S-SEMA**



Mqabba SM Bk06.indd 17 27/7/06 11:38:13

# Sena ta' Ħidma Kontinwa

## ...jiżżanżnu sett ta' Trofej ġodda

Is-Sur Mario Camilleri Delegat Armar tal-Festa

Ghal darb'oħra permezz ta' dan l-artiklu ser nagħti rendikont tax-xogħol li sar tul l-aħħar sena f'dak li jirrigwarda l-armar tal-Festa. Iżda din is-sena nibda billi nsemmi l-mibki u wisq għażiż għalina Ċensu Farrugia li halliena f'Ottubru li għadda. L-armar tal-Festa għal Ċensu kien il-mimmi t'għajnejh u kien jieħu ħsiebu bl-akbar għożża. L-armar antik li għandna baqa' fi stat tajjeb grazzi għad-dedikazzjoni li kellu Ċensu għalih. Ta' dan kollu Ċensu jiena u sħabi ngħidulek grazzi ħafna. Nies bħal dawn mhux ta' min jinsihom!

F'dawn l-aħħar snin dejjem kienet fil-ħsibijiet tiegħi li nagħmlu xi armar ġdid għal Triq Karmenu Ciantar. Meta tkellimt ma' sħabi Charles Falzon u Michael Ghigo kienu entużjasti f'dan il-proġett. Tkellimt ma' sħabi tal-kumitat f'Mejju tas-sena li għaddiet u urejthom ix-xewqa tiegħi li nibdew naħdmu fuq din it-triq. Il-kumitat għaraf il-ħtieġa li l-armar li jibqa' jiġġedded u jien wegħedt li kemm jista' jkun m'aħniex se niddependu fuq is-Soċjetà fejn jidħlu finanzi. Matul is-sena ħloqna skema fejn ikkontribwew numru sabiħ ta' partitarji. Nirringrazzja lil Doris Camilleri u Alex Falzon li kienu involuti fil-ġbir.

Il-fiduċja kbira li għandna fl-artist Andrew Bugeja wasslitna sabiex ikkommissjanielu disinn għal sett ta' tmien trofej għal din it-triq. Hekk kif tlestew id-disinni għaddejna għax-xogħol ta' kostruzzjoni fejn minn Ottubru sal-lum is-sur Charles Falzon ma waqafx ġurnata waħda biex ilħaqna lestejna dan is-sett ta' tmien trofej. Jien li qattajt din is-sena naħdem ma' Charlie nista' napprezza s-sagrifiċċji li għamel dan il-partitarju flimkien mal-familja tiegħu li kienu wkoll involuti f'dan il-proġett. Hawnhekk tapprezza l-imħabba li għandhom ċerti partitarji għall-Festa tant għażiża tagħna. Ta' min jgħid ukoll li dan ix-xogħol inħadem u ġie miżmum ġo proprjetà tagħna minħabba l-fatt li fl-imħażen tas-Soċjetà għaddej xogħol fuq il-planċier artistiku. Carmel Ellul, Segretarju tas-Soċjetà, kien strumentali għas-self ta' ħafna għodda li ħaffewlna x-xogħol. Nirringrazzja lil Ivan Falzon talli ħa ħsieb jisprenja dawn it-trofej. Din is-sena se jkollna l-opportunità li naraw ix-xogħol li twettaq fuq dan is-sett ta' tmien trofej biex b'hekk jingħata sodisfazzjon lill-partitarji li taw sehemhom finanzjarjament f'dan il-proġett tant kbir.

L-armar li hemm maħsub għal din it-triq jinvolvi diversi xogħol peress li jirrekjedi diversi armar iżda nispera li fi ftit snin niffinalizzaw dan il-proġett li bla dubju ta' xejn ikun ta' attrazzjoni fil-jiem tal-Festa. Din is-sena ser nagħtu bidu għal sett ta' għaxar persunaġġi mit-Testment il-Ġdid li għandhom rabta mal-ħajja tal-Madonna. Il-persunaġġi magħżula huma dawk ta' l-Arkanġlu San Gabrijel, San Ġużepp, San Luqa, San Ġwann il-Battista, San Żakkarija,



*L-istatwi tal-Pedestall il-Kbir li ġew restawrati u indurati hekk kif għaddiet il-festa tal-2005.*

Santa Eliżabetta, Xmun, Anna, Santa Marija Madalena u Santa Marija ta' Kleofa. Wara diversi konsultazzjonijiet ix-xogħol ingħata lill-istatwarju Aaron Camilleri Cauchi li bla dubju ta' xejn huwa attwalment fost l-aqwa statwarji li nsibu fil-gżejjer tagħna. Din is-sena nispera li jkollna l-ewwel statwa li għandha tkun dik ta' San Ġwann il-Battista. Din l-statwa ser tiġi mħallsa mis-Sezzjoni Żgħażagħ ta' din is-Soċjetà.

Eżatt kif għaddiet il-Festa ddeċidejna li nirrestawraw l-istatwi tal-pedestall il-kbir li jirrappreżentaw l-Inkoronazzjoni tal-Madonna biex b'hekk inkomplu nieħdu ħsieb dan il-pedestall artistiku li għandna ġewwa rahalna. Dawn l-istatwi kienu nħadmu fl-1923 minn Mastru Karm Mallia fuq il-mudelli ta' Carlo Darmanin. Dan ix-xogħol ġie fdat f'idejn Andrew Bugeja. Ġie deċiż li nżidu xi ndoratura bid-deheb fuq l-istatwi. Ix-xogħol ġie msaħħaħ b'kisja reżin fejn kien hemm bżonn, b'mod speċjali fuq l-isħaba ta' taħt l-istatwi.

Michael Ghigo bħal kull sena ta l-kontribut tiegħu lil din l-Għaqda fejn beda x-xogħol fuq l-armi tat-trofej tal-pjazza. Kienet l-ewwel



*Is-Sur Michael Ghigo waqt xogħol fuq armi ġodda li ser jiżżanżnu għall-festa ta' din is-sena.*

prijorità tagħna li dawn l-armi jitlestew iżda min jaf sew lil Michael jaf kemm dan ikun involut fi preparamenti għall-Festa fosthom fin-nar ta' l-art u din is-sena wkoll kien involut fil-Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta li sar f'April li għadda. Minn hawn nifraħ lill-Għaqda tan-Nar Santa Marija għall-unuri li kisbet u tax-xogħol kollu li jagħmlu matul is-sena. Il-parti l-kbira ta' dan ix-xogħol huwa lest u għalhekk is-sena d-dieħla jkunu lesti mix-xogħol tal-*fibre*.

Inizjattiva oħra li saret din is-sena hija li tinbidel il-liedna ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Dan ix-xogħol sar kollu mis-sinjuri Raymond Vella u Antoine Abdilla.

Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja lil sħabi Charles Falzon u Michael Ghigo li mingħajrhom ċertament li dawn il-proġetti ma jsirux, lil Andrew Bugeja ta' l-għajnuna li jagħti lil din l-Għaqda, lil sħabi tal-kumitat ta' l-appoġġ kbir u fiduċja sħiħa fina u l-kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ tal-għajnuna finanzjarja li jagħtu kull sena lil din l-Għaqda. Nixtieq nirringrazzja lilkom partitarji ta' l-għajnuna tagħkom għal dawn il-proġetti. Nappella li tibqgħu tikkoperaw magħna u tkomplu tgħinu finanzjarjament bħal m'għamiltu fis-snin li għaddew. Għalhekk għeżież partitarji, filwaqt li nieħu din l-okkażjoni biex nawgura l-Festa t-tajba lill-Imqabbin kollha, nappella biex fil-jiem tal-Festa nibżgħu għall-armar ħalli nħalluh lil ta' warajna aħjar milli sibnieh aħna.

**Viva Santa Marija**.



*Is-Sur Charles Falzon waqt il-bini tat-trofej il-ġodda li ser ikomplu jsebbħu Triq K. Ciantar.*



*Il-mibki u wisq għażiż għalina Ċensu Farrugia li ħalliena f'Ottubru li għadda. Ċensu kien strumentali fejn jirrigwarda l-armar tal-festa kif ukoll ex-membru fil-kumitat.*

***F'dawn il-jiem tal-festa l-knisja parrokkjali tkun imżejna bl-isbaħ armar kif jixraq lill-Patruna Santa Marija. Nattendu bi ħġarna għall-funzjonijiet tal-knisja u napprezzaw is-sbuħija ta' dan l-armar.***



Mqabba SM Bk06.indd 21 27/7/06 11:38:30

***Bħala tifikra tar-Rebħ tal-Festival Internazzjonali tan-Nar mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija, is-Sezzjoni Żgħażagħ ser ikollha dawn it-tifkiriet għall-bejgħ***
**mill-Bar tal-Każin jew billi ċċemplu fuq 99825738**




## DVD

*DVD kommemorattiv ta' l-Esebizzjoni Spettakolari 'Dancing Stars over the Water' li tinkludi l-preparamenti, ċelebrazzjonijiet, sezzjoni fotografika u stqarrijiet fil-media.*

**Lm3.00**

## Key Chains



**Lm1.00**

## T-Shirts




**Lm2.50**




**Lm3.00**

## Brieret



Mqabba SM Bk06.indd 23 27/7/06 11:38:48

# Lil Santa Marija, Omm l-Imħabba!

Daqq il-qniepen jeħodni bil-hena,
Ħlejju, ħlejju, qalb l-oħla ħlewwiet,
Hekk kif joqrob iż-żmien ta' kull sena,
Li ġieħ naghtu lill-Omm tas-smewwiet;

Meta kollna f'daċ-ċkejken raħalna,
Ta' devoti niltaqghu flimkien,
U l-Assunta bil-ħeġġa ta' talbna,
Ninsġu innu, qawsalla ta' lwien:

Ħarstek benna ħdejn tagħna, il-ħjiena,
Ħarstek duwa mid-dnewwa u d-dmugh,
O Marija, Int xmara ta' ħniena,
Inti l-arka tal-kenn ghall-miġruħ.

Minn ħdejn Ibnek fis-sema, setgħana,
Int tħarisna mid-dlam tat-telfien,
Halli nkunu għal dejjem ferħana,
U niddawlu b' dak dawlek dehbien.

Ghax kif gharaf il-Papa fid-domma,
Wara studju bir-reqqa w bil-kbir,
Ġewwa l-ġenna, bil-glorja, 'l-Madonna,
Ġiet imtellgha bla dnub jew taħsir.

Kollok grazzja u tjieba, O Marija;
Int bqajt xempju tul ħajtek fuq l-art,
W sal-Qorriegħa, anke 'k b'sejf ġejt mifnija,
Fik issebbaħ id-Din li ħaddant.

Għalhekk din hi Madonna, xewqitna,
Li tqawwina bl-għerf tiegħek f'kull hin,
Biex festitek tissarraf f'ħajjitna,
U fil-fidi nisseddqu mgħannqin.

Kif Int ġbartna flimkien hawn fl-Imqabba,
Tajtna 'l Ibnek biex nimxu warajH;
Kattar fina, il-għaqda w l-imlħabba,
Biex ninxteħtu ħerqana f'dirgħajH.

Ghinna naħfru għal kollox lil għajrna,
Fik it-tama l' għad jisbaħ jum ġdid,
Fejn bil-faraġ, f'ħidmietna, fi djarna,
Int tagħnina b' kull barka w b' kull ġid.

Nitolbuk, hawn f'riġlejk, O Madonna,
Kemm l-adulti, tfal, żgħażagħ u xjuħ,
Biegħed minna kull semm li jifridna,
Żommna safja fil-ġisem u r-ruħ.

Ilqa' għandek lil dawk li ħallewna,
Biex isibu, il-kenn u l-mistrieħ,
U hekk aħna nixtiequ waqt mewtna,
Biex ma' l-anġli nkantawlek qatigħ!

Hawn fi ħdanek ħallina, Marija,
Għax Int tarka tas-sewwa w tas-sliem,
Insellmulek minn din l-art Maltija,
Inroddulek kull ħajr sa fit-tmiem.

Lilek ngħajtu bil-għana, O Reġina,
Mhux biss għalina l' Patruna nsibuk,
'Mma madwarna, f'kull rokna tad-dinja,
Bik jitgħaxxqu l-ulied, igawduk.

U ntennulek ilkoll f'għanja waħda,
Mixgħulin b' dik imħabbtek smewwija,
It-tislima li toħroġ minn qalbna,
Ave, ave, O Santa Marija!

Miktuba minn
**Stefano Farrugia – Mqabba**
Illum, 1 ta' Lulju 2006

10 Snin Online
www.santamarija.com



Mqabba SM Bk06.indd 25 27/7/06 11:38:54

# Il-Planċier Artistiku

Is-Sur Benjamin Camilleri Delegat Planċier



Tkejjel... taħseb... taqta' u twaħħal...ġranet sħaħ tul sena oħra ta' ħidma. Wara diversi kummenti ta' inkoraġġiment dwar xogħol li kien sar matul is-sena preċedenti fuq in-niċeċ u l-pilastri li jdawwru l-planċier, il-kummissjoni ddiskutiet pjan ta' ħidma għal sena oħra li kien jinkludi fost oħrajn, it-tkomplija ta' iktar xogħol ta' dokorazzjoni kif ukoll titjib fil-qafas permezz ta' alterazzjoni fuq it-tieni nofs ta' l-istruttura.

Il-festa ta' l-2005 immarkat it-tieni sena minn meta l-planċier beda jintuża bħala pjattaforma għall-Banda Re Ġorġ V u baned mistednin, kif ukoll it-tieni sena minn meta d-disinjatur, li fuq id-disinn tiegħu nbeda x-xogħol fuq il-qafas tal-ħadid, irtira mill-kariga li kien jokkupa. Sussegwentement dan wassal biex parti sostanzjali tar-responsabbiltà għat-tkomplija tax-xogħol sabet ruħha fuqi. Tajjeb li wieħed jinnota li d-disinni li kienu ġew ippreżentati sa dak iż-żmien, jiġifieri Awissu 2004, kienu jikkonċernaw partijiet mill-qafas, waqt li d-disinni tal-kumplament tal-planċier ma kinux għadhom ġew preżentati u mogħtija lil kummissjoni.

F'qasir żmien wara nhar il-festa ta' l-Assunta ta' l-2005, għal darb'oħra l-planċier ġie armat sabiex jitkompla x-xogħol. Matul din is-sena sar iktar xogħol ta' dekorazzjoni li hu ppjanat li jżejjen il-panewijiet. Għaldaqstant, waħda mill-akbar biċċa xogħol li kienet kompluta din is-sena kienet propju alterazzjoni li saret fuq il-parti ta' wara, sewwa sew min-nofs lura. Dan sar sabiex primarjament ġiet solvuta diffikultà li nħolqot minħabba wieħed mil-livelli li kellha l-istruttura, u li kien ukoll ser itellef id-disinn ta' l-injam maċ-ċirkonferenza. Barra minn hekk l-istess alterazzjoni saret sabiex il-mużiċisti li jiġu ospitati fuq il-planċier, kif ukoll membri tal-kor, ikunu jistgħu joqogħdu b'iktar kumdità speċjalment biex jaraw aħjar lil min ikun qiegħed jidderieġi. Dan l-istess tibdil kellu wkoll jiġi rifless fuq l-intavlar tal-wiċċ mad-dawra tal-planċier u l-parti ta' wara.

Ta' min wieħed jinnota li matul it-twettieq ta' din il-ħidma, jiena kelli l-assistenza fuq xi xogħlijiet lil Joseph Tonna. Nixtieq ukoll minn hawn nirringrazzja lill-kumitat tan-nisa li għal darba oħra taw il-kontribut tagħhom permezz ta' għotja li tammonta għal Lml,000.

F'għeluq dan il-messaġġ ma nistax nonqos milli nixtieq lil kulħadd is-saħħa u l-festa t-tajba.



*Il-Planċier Artistiku li beda jintuża bħala pjattaforma għall-Banda Re Ġorġ V sa mis-sena 2004. Fir-ritratt tidher il-Banda Re Ġorġ V waqt il-Programm Vokali u Strumentali ta' nhar l-10 ta' Awissu 2005.*



Mqabba SM Bk06.indd 27 27/7/06 11:39:00

# 2005 - Sena Memorabbli għas-Soċjetà Santa Marija

Matul is-sena 2005, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba iċċelebrat diversi anniversarji importanti fl-istorja tagħha. L-ewwel anniversarju kien dak ta' għeluq il-**mitt sena minn meta ġie ffurmat il-pedament tas-Soċjetà bit-twaqqif tal-Każin Soċjali Santa Marija fl-1905**. Anniversarju ieħor kien dak ta' għeluq is-**sittin sena mit-twaqqif ta' l-ewwel formazzjoni mużikali ġewwa l-Imqabba**, jiġifieri t-twaqqif ta' l-Orkestra Santa Marija li wara ġiet trasformata f'banda fl-1947. Din is-sena wkoll fakkarna għeluq is-seba' anniversarju mir-rebħ ta' l-unur uniku u prestiġġjuż**, *Les Etoiles d'Or du Jumellage,*** mogħti mill-Unjoni Ewropea wara Ġemellaġġ storiku bejn is-Soċjetà tagħna u dik ta' Santa Vittorja ġewwa Ascoli l-Italja.

Sabiex infakkru dawn l-anniversarji importanti, nhar it-2 ta' April 2005 ġie mtella' **Kunċert Sinfoniku ġewwa s-Sala Robert Samut** fil-Furjana, taħt il-patroċinju ta' l-Onorevoli Louis Galea, Ministru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi. L-impenn prinċipali tal-Banda kien bħal kull sena, dak matul tal-Festa Titulari ta' Santa Marija, fejn il-qofol jintlaħaq **b'Kunċert Annwali** nhar l-10 ta' Awissu. Paġna storika oħra nkitbet meta għall-ewwel darba fl-istorja tal-banda Mqabbija, il-Banda Re Ġorġ V tat **Kunċert Sinfoniku ġewwa t-Teatru Manoel**. Dan sar fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Ċeċilja, Patruna tal-Mużiċisti, nhar il-15 ta' Novembru taħt il-patroċinju ta' l-E.T. President ta' Malta, Dr. Edward Fenech Adami.

Is-sena 2005 kienet ta' suċċessi wkoll għall-Għaqda tan-Nar Santa Marija. L-ewwel impenn kien dak tad-29 ta' April fejn l-Għaqda kienet waħda mill-kontributuri ewlenin fil-**Festival ta' Malta tal-Logħob tan-Nar**. Hawnhekk intużat għall-ewwel darba f'pajjiżna s-sistema tal-Fire One. L-impenn li kien imiss kien nhar l-4 ta' Ġunju, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet f'għeluq



*Il-President tas-Soċjetà, is-Sur Carmel Zahra, flimkien mas-Sinjura tiegħu waqt ir-riċeviment fuq l-HMS Illustrious matul iż-żjara tal-Maestà Tagħha r-Reġina Eliżabetta II f'Malta għaċ-CHOGM. Din l-istedina saret minħabba r-rabta li teżisti bejn il-Banda Re Ġorġ V u l-familja Rjali.*




*Il-Maestà Tagħha r-Reġina Eliżabetta II tidher nieżla minn fuq l-HMS Illustrious wara r-riċeviment offrut lis-Soċjetajiet b'rabta mal-familja Rjali.*



*Il-Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba waqt il-Kunċert Sinfoniku fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja ġewwa t-Teatru Manoel nhar il-15 ta' Novembru 2005.*




*Irħama kommemorattiva li nkixfet nhar l-10 ta' Awissu 2005 sabiex tfakkar il-100 sena mit-twaqqif tal-Każin Soċjali Santa Marija. Din twaħħlet fil-post fejn kien iservi bħala Każin Soċjali għall-ewwel membri.*



Mqabba SM Bk06.indd 29 27/7/06 11:39:06

il-**25 sena mill-Konvenzjoni tal-FECC**. Hawn ittella' spettaklu ta' logħob tan-nar ta' l-art ġewwa l-gżira ta' Għawdex. Il-qofol ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ntlaħaq propju Lejlet il-Festa ad unur Santa Marija fejn bħas-soltu kellna spettakli ta' logħob tan-nar ta' l-ajru kif ukoll ta' l-art.

Din is-sena, l-**Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba ntgħażlet biex tagħmel spettaklu ta' logħob tan-nar ta' l-ajru sinkronizzat mal-mużika waqt iċ-ċena uffiċjali mogħtija mir-Reġina Eliżabetta II fis-Summit tal-mexxejja tal-Commonwealth** nhar il-25 ta' Novembru. Is-Soċjetà tagħna kienet ukoll mistiedna ghal riċeviment fuq l-**HMS Illustrious** mill-Maesta' Tagħha, minħabba r-rabta li teżisti bejn is-Soċjetà tagħna u l-Familja Rjali. Sabiex infakkru dawn l-avvenimenti, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ħarġet DVD li jinkludi dawn l-ispettakli bit-tema **2005 Shows**. Is-Soċjetà permezz ta' l-Għaqda tan-Nar ħasbet ukoll sabiex dawn l-ispettakli jibqgħu imfakkrin permezz tal-**Kalendarju 2006**.

Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija kienet strumentali fl-organizzazzjoni ta' **Skambju Kulturali** bejn iż-żgħażagħ tagħna u oħrajn minn Ciro' ġewwa l-Italja. Komplejna wkoll inkabbru r-relazzjonijiet internazzjonali tagħna billi kellna fosta **banda oħra barranija dik ta' Bedford Town Band mill-Ingilterra** li allegratna b'mużika varja matul il-ġimgħa tal-Festa ta' Santa Marija ta' l-Imqabba. Hawnhekk ma nistax ma nirringrazzjawx lis-Sur Alfred Galea, Uffiċjal Relazzjonijiet Internazzjonali. Fl-aħħarnett nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw is-sehem tagħhom sabiex seta' kellna sena memorabbli u ta' suċċess.




*Il-qoxra tad-DVD, 2005 Shows, li ħareġ propju sabiex ifakkar l-ispettakli kbar li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija offriet fil-Festival tan-Nar ta' Malta 2005, l-ispettaklu ta' lejlet il-Festa kif ukoll l-ispettaklu offrut ġewwa Għajn Tuffieħa wara ċ-ċena offruta mill-E.T. Reġina Eliżbetta II lill-membri tas-Summit tal-Commonwealth (CHOGM). Spettakli kollha sinkronizzati mal-mużika.*


Lorraine's

Beauty Clinic

*Lorraine Muscat I.T.E.C.*

*Beauty Therapist, Electrologist*



- Facials
- Specialised Facial Treatments
- Pedicures
- Manicures
- Hand & Foot Treatments with Paraffin Wax
- Eyebrow & Eye Lash Tinting
- Eyelash Perming
- Waxing
- Electrolysis
- Slimming Treatments
- Make-up for all occasions
- Make-up lessons (1-1 1/2 hours)
- Aroma Therapy Massage
- Paraffin Wax Treatment
- Nail Acrylics
- Nail Art

**Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba**

**Tel: 2168 9785 / 2164 1263. Mobile: 9945 0647**

# Għaxar Snin mill-Bidu tal-Ġemellaġġ bejn is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba, u l-Banda Taljana ta' Santa Vittoria ta' Ascoli

## Ġemellaġġ li Wassal għall-Unur Prestiġġjuż mill-Komunità Ewropea - 'Les Etoiles d'Or du Jumellage'

Avveniment importanti fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba kien Ġemellaġġ li sar bejn l-istess Soċjetà u l-*Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano* ta' Ascoli Piceno ġewwa l-Italja.

Kien nhar il-Ġimgħa 12 ta' Lulju 1996, meta nghata bidu għal dan l-avveniment ambizzjuż u storiku għas-Soċjetà tagħna. Tul din il-ġimgħa, il-Banda Re Ġorġ V esegwiet divesi programmi u marċi f'bosta postijiet ġewwa Ascoli, fosthom ir-raħal ta' Comunanza, Montemonaco u anki f'Amandola , Montelparo u Smerillo. F'kull dehra li kellha l-Banda tagħna konna milqugħin b'entużjażmu kbir mir-residenti tal-post li tawna l-appoġġ totali tagħhom. Biss il-qofol ta' din il-mawra tagħna ġewwa l-Italja kien nhar il-Ħadd 14 ta' Lulju 1996, meta l-Banda tagħna, li kienet tikkonsisti f'madwar 50 bandist li l-maġġoranza tagħhom kienu kollha Mqabbin, u l-*Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano*, ingħaqdu flimkien f'*mass band* u għamilna marċ matul it-toroq prinċipali tar-raħal li kien qed jospitana, Santa Vittoria. Fil-għaxija mbagħad għal ħabta tas-6.00 saret iċ-ċerimonja uffiċjali tal-Ġemellaġġ



*Il-Banda Re Ġorġ V flimkien mal-Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano waqt il-marċ li sar matul it-toroq priċipali ta' Santa Vittoria qabel iċ-ċerimonja uffiċjali ta' l-iffirmar tal-ġemellaġġ storiku.*



*Il-President tas-Soċjetà, is-Sur Carmel Zahra flimkien mas-Sindku kif ukoll Surmast tal-Banda Taljana waqt skambju ta' rigali fl-okkażjoni ta' dan il-ġemellaġġ.*

bejn is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba u dik ta' Santa Vittoria in Matenano, fil-preżenza taż-żewġ sindki, is-Sur Emanuel Buttigieg - dakinhar Sindku ta' l-Imqabba, u s-Sur Fancesco Mancini, Sindku tar-raħal ta' Santa Vittoria kif ukoll Surmast Direttur tal-Banda. Preżenti wkoll għal din iċ-ċerimonja kien hemm l-ogħla awtoritajiet tar-reġjun. Wara l-iffirmar tal-Ġemellaġġ storiku akkumpanjat minn riċeviment, fil-għaxija l-Banda tagħna esegwiet l-aqwa Programm Strumentali propju f'Santa Vittoria quddiem udjenza numeruża u fil-preżenza ta' persuni distinti li għoġobhom jonorawna bil-preżenza tagħhom.

Matul din il-ġimgħa, il-kontinġent Malti, kellna l-okkażjoni li nduru u nżuru diversi postijiet ġewwa l-Italja, fosthom San Marino, Rimini, Cascia fejn hemm il-qabar ta' Santa Rita, u anki Assisi fejn eventwalment kellna quddiesa minn patri Malti li qed jagħti s-servizz tiegħu f'din l-istess belt ta' San Franġisk. Kellna wkoll laqgħa kordjali ħafna mal-President tar-reġjun li laqagħna ġewwa l-post tal-Parlament. Hawnhekk il-President għarrafna li s-sena ta' wara, meta kien imiss lill-Banda Taljana żżur pajjiżna, il-kontinġent Taljan kien ser ikun jikkonsisti f'delegazzjoni reġjonali fuq



Mqabba SM Bk06.indd 31 27/7/06 11:39:10




Il-Banda Re Ġorġ V flimkien mal-membri tal-Kumitat Eżekuttiv wara l-wasla lura Malta permezz ta' titjira diretta ma' l-Airmalta, minn Ascoli nhar id-19 ta' Lulju 1996.



Il-Banda Re Ġorġ V mmexxija mis-Surmast Direttur Anthony Camilleri ġewwa Ascoli, l-Italja.

skala ministerjali wkoll, sabiex tkompli tikber ir-rabta diġà soda bejn iż-żewġ pajjiżi. Dan l-avveniment, l-ewwel parti tiegħu, ġie fi tmiemu nhar il-Ġimgħa 19 ta' Lulju 1996.

## It-Tieni Parti tal-Ġemellaġġ

Wara l-mawra tagħna ġewwa l-Italja, kien imiss issa lill-Banda Taljana li żżur ir-raħal tagħna ta' l-Imqabba u dan sar propju nhar id-9 ta' Awissu 1997 bil-wasla tal-*Corpo Bandistico ta' Santa Vittoria in Matenano* mmexxija minn delegazzjoni uffiċjali. Mal-kontinġent kien hemm ukoll ġurnalist li kien jieħu ħsieb jirraporta ġurnata b'ġurnata b'artikli li kienu jidhru fl-istampa Taljana tal-Provinċja ta' Ascoli Piceno. Tul din il-ġimgħa l-kontinġent kollu kellu żjarat f'diversi postijiet f'Malta u anki f'Għawdex fejn esegwixxa bosta programmi strumentali u anki kellhom iċ-ċans li josservaw il-wirt kulturali Malti. Il-qofol ta' din il-mawra ġewwa pajjiżna kien nhar il-11 ta' Awissu 1997, fejn il-Banda Taljana esegwiet kunċert mill-aqwa ġewwa r-raħal ta' l-Imqabba. Wara dan il-programm strumentali kulħadd kellu kliem ta' tifħir lejn din il-Banda mmexxija mill-istess Sindku tal-lokal, is-surmast Francesco Mancini. Is-16 ta' Awissu kien l-aħħar jum ta' dan l-avveniment storiku li nissel rabta ġdida bejn żewġt irħula differenti li għalkemm b'kultura, mentalità, u lingwa differenti, kellna ħaġa komuni bejnietna - il-mużika.

Ta' min jgħid li l-mawra tal-kontinġent Taljan saret



Il-Banda Taljana, Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano ġewwa l-bitħa tal-Palazz wara żjara lill-President ta' Malta.

propju matul il-ġimgħa fejn fir-raħal ta' l-Imqabba konna qed nċċelebraw il-Festa ta' Santa Marija, Patruna ta' l-istess raħal. Hawnhekk il-kontinġent Taljan seta' jgawdi u jara parti mill-kultura Maltija, dik tal-festi.

Dan il-Ġemellaġġ kien suċċess totali, għaliex inbniet ċertu rabta bejn il-popolazzjoni ta' l-Imqabba u dik ta' Santa Vittoria. Il-Banda Re Ġorġ V, żgur li għandha biex tiftaħar bis-sehem tagħha f'dan l-avveniment storiku għaliex ħarġet bl-unuri kollha kemm fl-Italja kif ukoll f'Malta.

## 'Les Etoiles d'Or du Jumellage'

Dan l-avveniment kompla jikber meta ġejna mgħarrfa li l-Komunità Ewropea għażlet lil dan il-Ġemellaġġ, wara li s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, flimkien mal-Banda Taljana *Corpo Bandistico ta' Santa Vittoria* ppreżentaw rapporti lill-istess Komunità Ewropea. Wara evalwazzjoni ta' iktar minn 4,000 rapport li kellha, il-Komunità Ewropea dehrilha li l-livell ta' organizzazzjoni li ntlaħaq waqt dan il-Ġemellaġġ kien jixraqlu li jiġi ppremjat.

Is-Soċjetà tagħna flimkien ma' dik Taljana ġew ippremjati bl-unur ferm prestiġġjuż ġewwa Ferrara l-Italja nhar it-13 ta' Novembru 1998. L-unur jikkonsisti fi plakka kommemorattiva flimkien ma' ċertifikat iffirmat mill-President tal-Komunità nnifsu.



L-Unur uniku u ferm prestiġġjuż mirbuħ mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Unur mogħti mill-Unjoni Ewropea wara evalwazzjoni ta' 'l fuq minn 4,000 ġemellaġġ li saru bejn is-sena 1996/97.

Il-ġemellaġġi qegħdin jgħinu mhux ftit għal aktar għaqda bejn iċ-ċittadini Ewropej u għalhekk unur bħal dan - **'Les etoiles d'or du Jumellage'** – ('Stilel tad-deheb għall-Ġemellaġġi') - jimla



Mqabba SM Bk06.indd 32 27/7/06 11:39:11



*Il-Banda Taljana ta' Santa Vittoria in Matenano waqt marċ li sar fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta.*



*Il-Banda Re Ġorġ V waqt wieħed mill-Programmi Strumentali ġewwa r-raħal ta' Smerillo fil-provinċja ta' Ascoli, l-Italja.*

lis-Soċjetà tagħna u lill-Banda tagħna b'entużjażmu u kuraġġ kbir, iktar u iktar meta s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V kienet l-ewwel u l-unika Soċjetà f'Malta li ġiet onorata b'dan l-unur.

Il-Kumitat tas-Soċjetà jixtieq jirringrazzja b'mod speċjali lill-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba li ta l-appoġġ totali tiegħu waqt il-Ġemellaġġ kif ukoll lis-Sur Alfred Galea, bandist attiv kif ukoll Uffiċjal Relazzjonijiet Internazzjonali fi ħdan is-Soċjetà, li kien il-moħħ u l-organizzatur ewlieni ta' dan il-Ġemellaġġ storiku.



*Il-Banda Taljana waqt iż-żjara tagħhom għall-festa ta' Santa Marija 1997.*




*Ktejjeb kommemorattiv li ħarġet is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V sabiex tfakkar dan l-avveniment storiku għas-Soċjetà tagħna.*



POLICE GENERAL HEADQUARTERS
Floriana,
Malta.

Our Reference No. CID/940/E/01

August, 2001

Our Lady of Lilies Band Club
"Pallazz il-Ġiju"
Parish Square,
Mqabba ZRQ 08

Attn: Benny Briffa
Secretary

**Re: Alleged fraud & misappropriation by the Mayor of Mqabba & committee of St. Mary Band Club of Mqabba**

Sir,

Reference is made to your letter, dated 1st November 2001, regarding the captioned subject.

Please note that the case has been exhaustively investigated and there is no evidence of any fraud or misappropriation.

The Attorney General's office has also been consulted.

Regards,

Michael Cassar
Assistant Commissioner
Drugs, Vice & Econ. Crime

Ministry of Justice & Local Council
The Mayor, Mqabba
Secretary, King George V Band Club, Mqabba

*Ittra mibgħuta mill-Assistent Kummissarju tal-Pulizija fejn jiddikjara li wara investigazzjonijiet estensivi ma sab ebda evidenza ta' miżapproprijazzjoni jew frodi kif kien hemm min allega. Ir-rebħ ta' l-unur Les Etoiles d'Or du Jumellage huwa frott il-ħila tas-Soċjetà u l-Banda tagħna.*

**IS-SOÇJETÀ SANTA MARIJA**
**U BANDA RE Ì ORÌ V**

qiegħda turi l-apprezzament tagħha
lill-kumitat u l-istaff tekniku kollu ta'

**Mqabba Football Club Youth Nursery**

għax-xogħol siewi li qiegħda tagħmel mat-tfal u
ż-żgħażagħ tar-raħal tagħna.

***Mqabba FC Youth Nursery tixtieq tavża li qiegħda tilqa' l-applikazzjonijiet mingħand il-ġenituri ta' tfal li huma mħajra li jingħaqdu man-nursery tagħna. Qegħdin naċċettaw tfal minn ħames (5) snin 'il fuq. Min hu interessat jista' jikkuntattja lis-Sur Mark Bondin fuq 7905 1404. L-applikazzjonijiet se jibqgħu jintlaqgħu matul l-istaġun kollu.***

***PS – Għal dawn l-aħħar sentejn, Mqabba FC Youth Nursery qiegħda tgawdi minn faċilitajiet ġodda fosthom ground sintetiku li jifforma parti mill-kumpless tekniku ta' Mqabba Football Club***

# Tahabel Limited

Prop: J. Ferriggi

*Rope & Chair Dealer*

*Fejn issibu kull tip ta' spag*
*u tajjar għax-xogħol tan-nar.*

'St. Catherine', John Borg Str.,
Ûejtun ZTN 05 - Malta
Tel: 2167 3589 – Mob: 9947 0351 – Fax: 2169 2894

Mqabba SM Bk06.indd 35 27/7/06 11:39:17

# 10 Snin fuq l-Internet: www.santamarija.com

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba, qed tiċċelebra għeluq l-għaxar anniversarju minn meta daħlet fid-dinja ta' l-informatika. Fil-fatt kien fil-1996 li b'ħidma kbira tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fi ħdan l-istess Soċjetà, ġiet imwaqqfa l-websajt uffiċjali tas-Soċjetà – **www. santamarija.com.**

Is-Soċjetà wettqet dan il-pass mhux biex tkun l-ewwel Soċjetà Mużikali li daħlet fl-*internet*, iżda għaliex kienet ċerta li nistgħu nagħtu daqskemm nirċievu. B'dan il-pass importanti li wettaqna, urejna li ma nistgħux nibqgħu magħluqin fil-linji dojoq ta' raħalna u ta' Malta biss. Għaldaqstant esponejna lis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba u ersaqna aktar viċin lejn soċjetajiet barranin li ħafna minnhom għandhom interessi simili għal dawk tagħna speċjalment fejn tidħol il-mużika u l-arti tal-piroteknika.

Prova ta' dan huma r-relazzjonijiet internazzjonali li s-Soċjetà għandha ma' kompożituri, surmastrijiet, għaqdiet u baned barranin. Hawn ma nistax ma nsemmix il-Ġemellaġġ storiku li s-Soċjetà tagħna għamlet mal-Banda Taljana *Corpo Bandistico di Santa Vittoria* li wassal għar-rebħ ta' l-unur mill-Unjoni Ewropea *Les Etoiles d'Or du Jumellage*, u diversi baned barranin li għoġobhom iżuruna fosthom l-istess Banda Taljana ta' Santa Vittoria (1997), Jugend Blasorchster Leipzig mill-Ġermanja (1998), il-Banda Filarmonika ta' Larissa mill-Greċja (2000), u l-Banda Kiryat minn Iżrael (2000). Fil-2001 kellna fostna il-Banda Kfar Saba minn Iżrael, filwaqt li fil-2002 kellna fostna il-Kor Alei Gefen ukoll minn Iżrael. Il-Bedford Town Band mill-Ingilterra (2005) kif ukoll l-iskambju kulturali li ġie organizzat flimkien ma' żgħażagħ Taljani minn Cirò, huma wkoll frott ir-relazzjonijiet internazzjonali li s-Soċjetà tagħna kabbret permezz ta' l-*internet*. Propju permezz ta' l-*internet* setgħu jsiru arranġamenti sabiex din is-sena jkollna fostha banda oħra Ingliża, dik ta' *St. Keverne Town Brass Band*, minn Cornwall kif ukoll il-*'Whistling Champion'* attwali tad-Dinja, David Morris.




Żgur li dan il-pass li ħadet is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V rnexxa mija fil-mija u llum għaxar snin wara nistgħu nikkonfermaw dan. Matul dan iż-żmien il-websajt tas-Soċjetà ġiet aġġornata regolarment sabiex tinkorpora fiha diversi ritratti, *video clips*, marċi kif ukoll informazzjoni dettaljata dwar diversi suġġetti ta' interess, b'mod partikulari fuq is-Soċjetà u fuq l-Imqabba. Interessanti l-fatt li ta' kull sena qed jidher il-ktejjeb annwali li s-Soċjetà toħroġ regolarment qabel kull Festa ad unur Santa Marija. Jidhru wkoll pubblikazzjonijiet oħra tal-passat li huma ta' interess, kif ukoll il-pubblikazzjoni ġdida maħruġa mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, 'It-Titular'. F'din il-websajt wieħed jista' jsib ukoll filmati ta' logħob tan-nar b'mod partikulari l-ispettakli li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija offriet matul il-Festival Internazzjonali ta' Malta tal-Logħob tan-Nar kif ukoll l-ispettaklu matul iċ-ċena statali li l-E.T. ir-Reġina Eliżabetta II offriet lill-mexxejja tas-*Summit* tal-*Commonwealth* ġewwa Għajn Tuffieħa (CHOGM). Ma jistgħux jonqsu ritratti u filmati tal-Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta ta' din is-sena li ġie mirbuħ mill-Għaqda tan-Nar

| Xahar | Viżitaturi | Hits | Paġni | Medja ta' viżitaturi kuljum |
|---|---|---|---|---|
| Lulju 2005 | 971 | 31,572 | 3,262 | 31 |
| Awissu | 1,826 | 148,856 | 8,838 | 58 |
| Settembru | 978 | 31,697 | 3,017 | 32 |
| Ottubru | 1,387 | 38,054 | 3,830 | 44 |
| Novembru | 1,531 | 55,590 | 5,997 | 51 |
| Diċembru | 1,946 | 46,798 | 5,091 | 62 |
| Jannar 2006 | 2,110 | 54,044 | 5,445 | 68 |
| Frar | 2,132 | 42,454 | 4,885 | 76 |
| Marzu | 3,643 | 59,927 | 8,290 | 117 |
| April | 4,631 | 84,941 | 8,772 | 154 |
| Mejju | 1,498 | 47,325 | 4,090 | 48 |
| Ġunju, sat-12 tax-xahar | 86 | 2,515 | 198 | 86 |
| **Total** | **22,739** | **643,773** | **61,715** | |

Santa Marija kif ukoll siltiet mill-kunċert li ġie mtella' ġewwa t-Teatru Manoel f'Novembru li għadda.

Fl-aħħar nett nixtieqŭ nirringrazzjaw pubblikament lis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija b'mod partikulari lil Mario Mifsud li kien il-moħħ wara l-bidu ta' din il-websajt kif ukoll lil Louiselle Sciberras, l-amministratur li tieħu ħsieb taġġorna din il-websajt tant informattiva fuq bażi regolari. Minn hawn nistieden lil kull min għandu għal qalbu l-każini tal-banda, il-festi u dak kollu li hu assoċjat magħhom sabiex iżur din il-websajt u jagħti l-kummenti tiegħu.

## Statistika u Analiżi

Analiżi ta' statistika tan-numru ta' nies li żaru dan is-sit u n-numru ta' *hits* f'dawn l-aħħar tnax-il xahar bejn l-1 ta' Lulju 2005 u t-12 ta' Ġunju 2006, total ta' 347 ġurnata.

Ta' min isemmi li n-numru tal-viżitaturi kif jidher fuq il-*homepage* kien ta' 'l fuq minn 19,000 filwaqt li skond l-istatistika dan huwa aktar. Tajjeb insemmu li s-sistema ta' kif jingħaddu n-numru ta' viżitaturi jvarja minn sistema għall-oħra.

Fil-waqt li fl-istatistika qegħdin nipproduċu n-numru eżatt ta' viżitaturi f'dawn l-aħħar kważi tnax-il xahar (347 ġurnata), il-*counter* fuq il-websajt jikkalkula n-numru ta' viżitaturi skond is-sistema stess, jiġifieri jekk xi ħadd żar is-sit aktar minn darba fl-istess ġurnata minn fuq l-istess *username* ta' l-*internet*, din tiġi kkalkulata bħala viżitatur wieħed.

## Statistika oħra

Il-viżitaturi ta' din il-websajt kienu minn diversi pajjiżi (il'fuq minn 57 pajjiż differenti), bħal Ġappun, Brażil, Belġju, Ċina, Spanja, Italja, Ingilterra, Litwanja, Norveġja, Amerika u Olanda. Insibu pajjiżi oħra bħal Tuvalu, Sri Lanka, Veneżwela u Tajlandja. Biss l-ogħla persentaġġ jibqa' dak ta' Malta.

L-aktar numru ta' viżitaturi wara dak minn Malta kien dak ta' l-Amerika segwit mill-Italja u l-Olanda.

Ta' min isemmi li kienu diversi l-kliem ('il fuq minn 110 kelma), li ntużaw sabiex wieħed fittex biex seta' jidħol fis-sit uffiċjali tas-Soċjetà, bħal per eżempju; santa marija, mqabba, murtali, nar, statwi, kappelli, marċi u oħrajn. Biss l-aktar kliem popolari kienu dawk ta' santa marija, mqabba u nar.

L-aktar paġni popolari li kien hemm mal-viżitaturi kienu l-paġni li jirrigwardjaw in-nar tal-festa, attivitajiet, il-*guestbook*, u l-informazzjoni fuq l-Imqabba.

L-aktar ħin popolari jkun dak ta' matul il-ġurnata b'mod partikulari bejn il-ħdax ta' fil-għodu u nofsinhar, filwaqt li l-*video clips*, ritratti varji u l-marċi jkollhom l-akbar numru ta' viżitaturi.

L-akbar numru ta' *hits* jibqa' dak ta' Awissu b'total ta' 148,856 segwit minn April 2006 b'total ta' 84,941. Ir-raġuni ovvja hi dik li f'Awissu tiġi ċċelebrata l-Festa ta' Santa Marija, Patruna ta' l-Imqabba u f'April, kif diġà semmejna, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija rebħet l-unur fil-Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta.

## Statistika

- **Analiżi meħuda fuq 347 ġurnata, bejn l-ewwel ta' Lulju 2005 u t-12 ta' Ġunju 2006.**
- **Numru ta' viżitaturi 22,739, medja ta' 65 kuljum jew medja ta' 'l fuq minn 2,000 viżitatur fix-xahar.**
- **Numru ta' *hits* kien ta' 643,773 jew aħjar medja ta' 1,855 kuljum. Dan ifisser kważi 56,000 *hit* fix-xahar.**
- **Total ta' paġni kien ta' 61,715 jew 178 kuljum.**
- **Total ta' *files* f'dan il-perjodu kien ta' 354,865.**
- **Total ta' *Kbytes* fl-istess perjodu kien ta' 21,690,687.**
- **L-akbar numru ta' viżitaturi kien dak matul ix-xahar ta' April 2006. Il-fattur prinċipali jkun li f'dan ix-xahar l-Għaqda tan-Nar Santa Marija rebħet l-ewwel unur ta' l-ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta, li ġie organizzat fuq bażi ta' kompetizzjoni.**

## Analiżi b'Mod Grafiku









Mqabba SM Bk06.indd 39 27/7/06 11:39:23

# Mistiedna Barranin

## *Festa Santa Marija, Mqabba – 2006*

Kitba tas-Sur Alfred Galea, Uffiċjal Relazzjonijiet Internazzjonali

**Kif nistgħu naqraw f'paġni oħrajn ta' dan il-ktejjeb, għall-anniversarji speċjali li s-Soċjetà tagħna ċċelebrat is-sena l-oħra kellna fostna għall-ewwel darba Banda mill-Ingilterra li ħadet sehem fil-festa ta' Santa Marija. Din is-sena s-Soċjetà reġgħet qiegħda tiċċelebra għadd ta' anniversarji speċjali oħrajn ta' ġrajjiet li seħħew fl-istorja glorjuża tagħha. Fost it-tifkiriet ta' din is-sena nsibu tlieta li seħħew fl-istorja riċenti tas-Soċjetà fl-isfera Internazzjonali. Din is-sena jaħbat l-10 sena mill-bidu tal-Ġemellaġġ bejn is-Soċjetà tagħna u l-*Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano* minn Ascoli Piceno l-Italja. Jaħbat ukoll l-10 sena minn meta s-Soċjetà tagħna fetħet bieb ieħor lid-dinja meta saret l-ewwel Soċjetà Mużikali fl-Imqabba li fetħet paġna fuq l-*Internet*. Matul il-festa ta' din is-sena wkoll ser inkomplu niċċelebraw is-suċċess stupend li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba kellha fl-ewwel *Malta International Fireworks Festival* li sar f'April li għadda ġewwa l-Port il-Kbir. Dakinhar l-Għaqda tan-Nar fi ħdan is-Soċjetà tagħna ikkompetiet ma' għaqdiet fost l-aħjar li nsibu f'Malta u fl-Ewropa u ħarġet bl-unuri bħala l-*Overall Winners* kemm fil-voti tal-ġurija kif ukoll minn fost l-opinjoni tal-Pubbliku Malti. Huwa għalhekk xieraq illi biex infakkru dawn l-avvenimenti Internazzjonali li seħħew fl-istorja tas-Soċjetà tagħna, għall-festa tagħna għal darba oħra jkollna parteċipazzjoni Internazzjonali. Din is-sena ser nimxu pass ieħor 'il quddiem meta minbarra Banda oħra mill-Ingilterra, għall-festa ser ikollna attrazzjoni mużikali fuq livell mondjali.**

### David Morris – *'Whistling Champion'* tad-Dinja

Il-programm annwali ta' l-10 t'Awissu li l-Banda Re Ġorġ V tagħmel fl-okkażjoni tal-festa din is-sena se jkun kemmxejn differenti mis-soltu u se jkun bla dubju wieħed oriġinali għall-aħħar. Dan mhux biss minħabba li ser ikun hemm parteċipazzjoni Internazzjonali flimkien mal-Banda, iżda wkoll minħabba li ser tiġi ppreżentata novità ġdida li x'aktarx qatt ma saret s'issa fi programm mużikali ta' Banda hawn Malta. Flimkien mal-Banda ser ikollna personalità mir-Renju Unit li la ser idoqq xi strument partikolari u lanqas ser tkanta xi arja minn xi opra… Minflok ser jakkumpanja l-melodija tal-Banda billi jsaffar !!

David Morris twieled ġewwa *Dobcross,* provinċja ta' *Saddleworth* fin-naħa ta' fuq ta' Ingilterra fil-25 ta' Marzu 1950. Beda jdoqq *Cornet* fl-età ta' 13-il sena u baqa miexi 'l quddiem sakemm fl-1975 sar *Cornet Champion* tar-Renju Unit. Matul il-karriera mużikali tiegħu bħala strumentalista daqq mal-wisq popolari *Kings of Brass & Virtuosi Brass of Great Britain*. Kien ukoll Direttur ma' għadd ta' *Brass Bands* min-naħa ta' fuq ta' l-Ingilterra fejn wassalhom sa *National Finals* u *Championships*.

Però qabel ma' David beda jdoqq il-*Cornet* ġewwa *Saddleworth* fejn għex tul ħajtu kollha, kellu jkun it-tisfir tiegħu li ġibed l-attenzjoni ta' l-għalliem tal-mużika tiegħu. Innoċentement isaffar fuq wara tal-karozza, David ma kellu l-ebda idea ta' dak li nnota l-għalliem tiegħu – Kellu intonazzjoni perfetta u stil uniku.



*Il-Whistling World Champion, David Morris bħala wieħed mill-mistiedna speċjali għal din is-sena. David Morris ser jesegwixxi diversi siltiet mużikali akkumpanjat mill-Banda Re Ġorġ V waqt il-Programm Vokali u Strumentali ta' nhar l-10 ta' Awissu 2006.*

Bl-esperjenza tiegħu fil-*Brass Bands* u permezz tat-teknika li kien diġà juża biex idoqq l-istrument tiegħu, David żviluppa wkoll it-teknika fit-tisfir biex aktar tard fil-karriera mużikali tiegħu beda' jiġi nnutat u mistieden sabiex isaffar xi biċċa 'l hemm u 'l hawn waqt xi *parties* privati, sakemm ġie pperswadut jirrekordja l-ewwel CD tiegħu *"Whistling down the Wind"*, kollezzjoni ta' *Ballads* antiki Ingliżi, biċċiet poplolari għall-*Brass Band*, u xi Arjiet minn opri magħrufin. Kollox akkumpanjat minn *Brass Band*.

F'April ta' l-2003 David Morris ġie mistieden ġewwa l-Istati Uniti sabiex jipparteċipa fil-*World Whistling*

*Championship* li jsir kull sena ġewwa *Louisburg, North Carolina*. Dan hu avveniment internazzjonali li ilu jsir għal dawn l-aħħar 30 sena, li jlaqqa' flimkien l-aħjar *Whistlers* tad-Dinja. Isir fuq temp ta' jumejn ġewwa l-*auditorium* ta' *Louisburg*. Il-parteċipanti jridu jikkompetu f'żewġ kategoriji, waħda klassika u l-oħra popolari. Seba' finalisti jiġu magħżula mill-ewwel *round* u r-rebbieħ *overall* jiġi dikjarat *International Grand Whistler Champion* tad-dinja. Dan l-avveniment jiġi tramess saħansitra madwar l-Amerika kollha permezz ta' *CBS Television*. Fl-2003 David Morris irnexxielu jirbaħ dan it-titlu u jieħu miegħu it-trofew prestiġġjuż lejn *Dobcross*. Kien wara dan is-suċċess li David irrekordja t-tieni *CD* tiegħu *"David Morris presents -World Champion Whistling"*.

Wara s-suċċess ġewwa l-Amerika u wara s-suċċess kbir li kisbu ż-żewġ *CDs* li ħareġ, illum il-ħajja professjonali ta' David Morris hija kollha ddedikata lill-mużika. Jiġi mistieden f'ħafna okkażjonijiet sabiex jagħti *performances.*

Żar erba' darbiet oħra l-Istati Uniti u riċentement kien mistieden ġewwa New Zealand. Deher ukoll f'ħafna *shows* televiżivi fosthom fuq BBC u ITV. Apparti dan David huwa wkoll mfittex ħafna bħala *Brass Tutor* kemm minn skejjel, kif ukoll minn studenti li jkunu jixtiequ javvanzaw fl-istudji mużikali tagħhom.

## Messaġġ minn David Morris

"Huwa diffiċli ngħid x'kien il-fattur ewlieni biex qbadt karriera professjonali fil-mużika, jekk hux bit-tisfir jew inkella bid-daqq tal-*Cornet* !! Meta kont għadni tifel, bit-tisfir ġbidt l-attenzjoni ta' George Gibson, *Brass Tutor* magħruf ġewwa *Saddleworth.* Id-daqq ta' l-istrument għenni ħafna sabiex niżviluppa aktar it-teknika, l-espressjoni u l-ħoss fit-tisfir.

Riżultat ta' dawn iż-żewġ fatturi marbutin flimkien, kienet ħaġa naturali li jien nagħżel *Brass Band* sabiex takkumpanjani fir-*recordings* ta' l-ewwel *CDs* tiegħi. Il-Banda li akkumpanjatni f'dawn l-okkażjonijiet kienet il-*Boarshurst Brass Band*, l-ewwel banda tiegħi, u dik il-banda li flimkien magħha wasalt kemm il-darba biex nieħu sehem fil-*Brass Band National Finals*, kemm bħala mużiċist u kemm bħala Direttur.

L-għan tiegħi huwa li nkompli niġi rikonoxxut bħala wieħed mill-aħjar *Whistlers* tad-Dinja u nixtieq nirrigrazzjakom talli tajtuni din l-opportunità biex naqsam it-talenti tiegħi magħkom ġewwa pajjiż ġdid. Marti Helen u jien ninsabu ħerqana ħafna sabiex inżuru Malta għall-ewwel darba. Ninsab ċert li ser ikollna esperjenza sabiħa ħafna. Narakom."

## St. Keverne Town Brass Band, Cornwall, UK

Wara s-suċċess li kellna s-sena l-oħra biż-żjara tal-Banda mill-Ingilterra *Bedford Town Band,* din is-sena ddeċidejna li nistiednu Banda oħra mill-Ingilterra, *St. Keverne Town Brass Band.* Din il-banda hija l-aħħar banda li wieħed isib qabel ma jilħaq in-naħa tan-nofsinhar ta' l-Ingilterra. Id-dar ta' din il-banda huwa r-raħal ta' *St. Keverne*, li jinsab fuq l-hekk imsejjħa *Lizard Peninsula* fir-reġjun Ingliż ta' *Cornwall*. Għalkemm dan ir-raħal jinsab f'parti kemmxejn remota ta' l-Ingilterra in-nies tiegħu rnexxielhom iżommu l-Banda ħajja għal aktar minn mitt sena. Aktar minn hekk minn din il-banda mal-medda taż-żmien ħarġu għadd ta' mużiċisti li għamlu suċċess f'oqsma differenti tal-mużika.

Mil-lat finanzjarju din il-banda hija indipendenti, jiġifieri m'għandha l-ebda għajnuna ta' *sponsors* u l-membri jemmnu li bil-ħidma tagħhom huma qegħdin jipprovdu opportunitajiet tajbin lin-nies tal-Peninsula minn fejn ġejjin. Biex tiġġenera l-finanzi tagħha l-Banda torganizza għadd ta' attivitajiet, l-aktar popolari tkun attività msejjħa *Ox Roast* li ssir kull sena fl-ewwel Erbgħa t'Awissu. Din l-attività issa ilha ssir għal aktar minn 40 sena u matulha l-pjazza tar-raħal taqa' f'idejn il-Banda u gendus sħiħ jiġi mixwi viċin il-Knisja tar-raħal.

Fil-preżent il-Banda tħaddan aktar minn 80 bandisti attivi maqsumin fi klassijiet għall-*Beginners*, *Training Band, Youth Band* u *Senior Band*, li riċentement irnexxielha tikseb suċċess konsiderevoli matul kompetizzjonijiet kemm fuq skala lokali, kif ukoll fuq skala nazzjonali.

Matul il-mitt sena li ilha teżisti din il-banda, għalkemm ġejja minn raħal żgħir, irnexxielha tilħaq għanijiet li kultant jiġbdu l-għira ta' baned ġejjin minn postijiet ferm ikbar. Xiehda ta' dan huma l-kwartieri li din il-banda inawgurat fl-1971, li ġew estiżi fl-1996 biex illum tħaddan sala moderna għall-provi li toffri xena mill-isbaħ ta' l-*English Channel*. Matul is-snin ta' eżistenza tagħha l-Banda kisbet ukoll għadd ta'



*St. Keverne Town Brass Band, il-banda Ingliża mistiedna għall-festa ta' Santa Marija ta' din is-sena.*

suċċessi meta daqqet f'ħafna postijiet prestiġġjużi, fosthom *Royal Albert Hall* f'żewġ okkażjonijiet, waħda minnhom tkun waqt il-*Cornish 1000 voices concert*. Il-Banda daqqet ukoll ġewwa l-*Millennium Dome* quddiem eluf ta' nies u numru ta' nies distinti. Fis-snin riċenti l-Banda kellha ħafna stediniet minn madwar id-dinja u raġunijiet finanzjarji biss żammewha milli taċċettahom kollha. Dan kien ser ikun il-każ meta fl-2001 il-banda kellha bżonn aktar minn 20,000 Lira Sterlina biex tkun tista' tieħu sehem f' *Nova Scotia International Tattoo* li jsir ġewwa l-Kanada. Madankollu, grazzi għall-ġenerożità tal-poplu u għall-ħidma kbira li saret mill-membri u partitarji tal-Banda, l-għan intlaħaq u l-Banda kisbet suċċess quddiem aktar minn 100,000 ruħ matul il-ġimgħatejn li għamlet fil-Kanada. Fl-2002 il-banda kisbet unur ieħor meta ġiet mistiedna tirrekordja *CD* ta' mużika folkloristika li aktar tard ġiet ippreżentata personalment lir-Reġina Eliżabetta II meta din żaret *Cornwall* bħala bidu tal-*Jubilee Tour* li kienet għamlet madwar l-Ingilterra. Din is-*CD* wara nħarġet għall-bejgħ bil-qligħ imur b'riżq il-*Queen's Jubilee Charity Fund*. Dan kollu wassal ukoll sabiex il-Banda tiġi mistiedna ddoqq quddiem *Buckingham Palace* fl-okkażjoni tal-*Jubilee Day* bil-preżenza tal-Familja Rjali ftit metri 'l bogħod mill-Banda. Avveniment li ġie segwit minn madwar miljun ruħ.



***Il-Knisja ta'** St Keverne **li nbniet fis-seklu ħdax u li hija waħda mill-akbar knejjes ta'** Cornwall **meta tesa' 850 ruħ bil-qiegħda.***

Matul l-istorja ta' *St. Keverne Town Band* kemm is-*Senior* kif ukoll il-*Youth Band* rebħu numru ta' titli Nazzjonali, total ta' tmienja bejniethom. Biex banda ġejja minn post tant remot fl-Ingilterra jirnexxielha tagħmel dan is-suċċess kollu kien jeħtieġ ħafna xogħol min-naħa tal-membri, kif ukoll għajnuna kbira mill-poplu tal-post. Bħala grazzi ta' dan kollu l-Banda ta' *St. Keverne* tiddedika ħafna mix-xogħol tagħha biex tkun ta' għajnuna lil ħaddieħor. Fil-fatt il-Banda tagħti ħafna mill-qligħ li tagħmel lil għadd ta' stituzzjonijiet tal-karità. B'hekk il-banda tħoss li qiegħda tagħti xi ħaġa lura bħala ringrazzjament ta' l-għajnuna li tirċievi fil-ħidma tagħha mill-poplu.

L-aktar suċċessi riċenti ta' din il-Banda jkunu fl-2005 meta rebħet kull kompetizzjoni li ħadet sehem fiha matul is-sena, total ta' sitta biex saret *National Champion 2nd Section Band of Great Britain 2005*. Din is-sena l-Banda tinsab tikkompeti fil-*1st Section* u diġà rnexxielha tikseb it-tielet post fl-*Area Championship* li sar ġewwa *Torquay* f'Marzu li għadda, anke jekk il-Banda kienet l-aktar waħda b'element żagħżugħ fil-kompetizzjoni.

**Is-Surmast Direttur**



***Il-Banda ser tkun immexxija minn Mro. Alan Retallack, li hu anke l-Manager tal-Banda għal dawn l-aħħar 15-il sena.***

Hawn Malta l-Banda ser tkun immexxija minn Alan Retallack, li hu anke l-*Manager* tal-Banda għal dawn l-aħħar 15-il sena. Alan Retallack twieled u għadu jgħix sal-lum fir-raħal ta' *St. Keverne* hekk kif għamlu ġenerazzjonijiet tal-familja tiegħu tul is-snin. Alan ingħaqad mal-Banda fl-1963 meta segwa l-passi ta' ommu li kienet mużiċista b'talent kbir u l-ewwel membru mara li qatt ingħaqdet mal-Banda f'*St Keverne*. Beda l-karriera tiegħu fuq il-*Cornet* qabel ma mexa għal strumenti oħra fi ħdan il-banda. Mal-Banda daqq f'ħafna postijiet prestiġġjużi fosthom *Royal Albert Hall* Londra. Hu u l-mara tiegħu Marilyn għandhom erbat itfal li kollha f'xi żmien jew ieħor kienu membri mal-banda. Tnejn minnhom għadhom idoqqu llum il-ġurnata. Il-karriera tiegħu bħala direttur bdiet fl-1995. Mexxa l-banda f'għadd ta' *tours* madwar l-Ewropa, kif ukoll ġewwa *Royal Albert Hall* ġewwa Londra.

**Tagħrif fuq ir-Raħal ta' St. Keverne**

Raħal mimli inizjattiva bi pjazza sabiħa mdawra bi knisja ħelwa, żewġ *pubs*, uffiċċju postali, u xi ħwienet. Iż-żmien ta' l-ikbar attività huwa s-sajf meta jkun hemm divertiment offrut mis-*St. Keverne Band*, u minn kor lokali magħmul mill-irġiel. Attivitajiet oħrajn jinkludu l-famuża *Ox Roast*, flimkien ma' numru ta' wirjiet ta' fjuri, pitturi u storja. Issir ukoll *Gymkhana*, li hija kompetizzjoni sportiva bejn il-pubbliku li tinkludi anke *horse riding*. Kappella, sala parrokkjali, *Club* tal-Banda, *Health Centre* u, naturalment, skola jgħaqqdu komunità attiva. Attività oħra antika u tradizzjonali ssir fil-Ġimgħa l-Kbira meta n-nies tal-post imorru jistadu għall-*cockles* (speċi ta' *shellfish*) madwar ix-xmara *Helford*. Din hi tradizzjoni antika ferm li sservi sabiex familji u ħbieb jiltaqgħu flimkien.

Fost l-avvenimenti li ġraw fl-istorja ta' dan ir-raħal insibu *The Cornish Rebellion* tal-1497, meta armata minn *Cornwall*, immexxija mill-ħaddied Michael Joseph An Gof minn *St. Keverne*, immarċjat lejn Londra biex tipprotesta kontra r-Re Enriku VII li kien għolla t-taxxi ta' l-Ingliżi minħabba l-gwerra fl-Iskozja. Matul il-mixja armata oħra minn *Bodmin*, immexxija minn



Mqabba SM Bk06.indd 44 27/7/06 11:39:30



*Żewġ statwi tal-Bronż imwaqqfa fid-daħla tar-raħal sabiex ifakkru* The Cornish Rebellion *tal-1497, meta armata minn* Cornwall*, immexxija mill-ħaddied Michael Joseph An Gof minn* St. Keverne*, immarċjat lejn Londra biex tipprotesta kontra r-Re Enriku VII li kien għolla t-taxxi ta' l-Ingliżi minħabba l-gwerra fl-Iskozja. Matul il-mixja armata oħra minn* Bodmin*, immexxija minn Thomas Flamank, ingħaqdet magħhom.*

Thomas Flamank, ingħaqdet magħhom. Naturalment l-Armata Rjali kienet aktar b'saħħitha u l-istorja spiċċat b'Michael Joseph u Flamank jiġu mgħallqa. Dawn it-tnejn baqgħu magħrufin bħala *The Cornish Braveheart* u llum il-ġurnata għadna nsibu żewġ statwi tal-Bronż imwaqqfa fid-daħla tar-raħal sabiex ifakkru dan l-avveniment fl-istorja kif ukoll dawn iż-żewġt irġiel qalbiena.

Persuna oħra storika li twieldet ġewwa *St. Keverne* kien Charles Incledon, li twieled fl-1764. Dan kien irnexxielu jsir kantant famuż ġewwa Londra. Kien il-favorit tar-Re Ġorġ III u kien kantant regolari ġewwa *Covent Garden*, ġewwa Londra.



*Il-*War Memorial *li nbena fl-1920 f'nofs il-pjazza ewlenija tar-raħal.*

Fost il-postijiet storiċi u ta' interess ġewwa *St. Keverne* nsibu: **Il-*War Memorial*** li nbena fl-1920 f'nofs il-pjazza ewlenija tar-raħal. Dan il-monument kien riċentement restawrat. **Il-Knisja ta' *St Keverne*** li nbniet fis-seklu ħdax u li hija waħda mill-akbar knejjes ta' *Cornwall* meta tesa' 850 ruħ bil-qiegħda. Mill-kampnar tagħha tidher veduta ferm sabiħa ta' *Cornwall* li f'ġurnata ċara twassal sa 70 mil bogħod. Ġewwa l-knisja nsibu għadd ta' monumenti storiċi fosthom wieħed li jfakkar vittma fid-diżastru tat-*Titanic*. Ma' ġenb il-knisja nsibu *Churchyard*, ċimiterju storiku fejn insibu midfuna għadd ta' nobbli, kif ukoll salib ta' l-irħam li jindika oqbra komuni ta' baħħara li mietu mgħarrqa fil-baħar viċin *St. Keverne*. Ħdejn il-bieb ta' dan il-post insibu l-kanun tal-vapur *HMS Primrose*, li kien għereq fil-baħar viċin ir-raħal.

Bħalma diġà semmejt aktar 'il quddiem avveniment annwali li jsir ġewwa *St. Keverne* huwa msejjaħ *Ox Roast*. Waqt din l-okkażjoni gendus jiġi msajjar fil-pjazza tar-raħal. Din il-ħaġa kienet saret għall-ewwel darba f'ħafna postijiet fl-Ingilterra fl-1937, fl-okkażjoni ta' l-inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ VI. Fl-1953, fl-okkażjoni ta' l-inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II kien hemm ħafna rħula Ingliżi li xtaqu jirrepetu din il-ħaġa ad unur ir-Reġina ġdida. Minħabba li dan kien ftit żmien biss wara l-gwerra, il-Ministeru ta' l-ikel fl-Ingilterra beża' li jekk jiġri hekk il-ħażna Nazzjonali tal-laħam setgħet tispiċċa. Għalhekk ħareġ ordni li biex ikollok permess tagħmel *Ox Roast* trid iġġib prova li kienet saret waħda fl-1937. *St. Keverne* kien fost 82 post fl-Ingilterra, u l-Uniku raħal minn *West Cornwall* li rnexxielu jġib permess biex b'hekk seta' jagħmel *Ox Roast* fl-1953. Minn dakinhar din baqgħet issir kull sena fil-bidu t'Awissu, u fis-snin riċenti saret waħda mill-attivitajiet annwali prinċipali ta' *St. Keverne Town Brass Band.*

## Konklużjoni

Filwaqt li nispera li l-informazzjoni li ġbart f'dan l-artiklu tkun interessanti, nittama li bil-preżenza tagħna nagħtu sodisfazzjon lil dawn il-barranin waqt li jkunu qed joffrulna t-talenti tagħhom ġewwa Malta. Mill-esperjenzi passati għandi fiduċja qawwija li bil-għajnuna ta' Kulħadd dawn il-Barranin li ser iżuruna waqt il-festa ser ikollhom esperjenza unika fostna.

Fl-aħħar nett nirringrazzja lill-Kumitat tas-Soċjetà li għal darba oħra wera' fiduċja fija meta fdali l-organizzazzjoni tal-parti tal-festa li tinvolvi parteċipazzjoni Internazzjonali. Nispera li għal darba oħra din tkun ħolqa oħra biex tingħaqad il-katina ħalli għal darba oħra jkollna festa kbira u kompluta minn kollox. Għandna nkunu kburin li bl-umiltà kollha s-Soċjetà tagħna qed jirnexxilha tgħolli dejjem iktar isem raħalna u pajjiżna 'il fuq **bil-fatti u bil-provi**. Grazzi lil kulħadd u awguri mill-qalb għal festa oħra kbira u sabiħa. Viva l-Patruna tagħna Ommna Marija.



*Avveniment annwali li jsir ġewwa* St. Keverne *huwa msejjaħ* Ox Roast*. Waqt din l-okkażjoni gendus jiġi msajjar fil-pjazza tar-raħal. Din il-ħaġa kienet saret għall-ewwel darba f'ħafna postijiet fl-Ingilterra fl-1937, fl-okkażjoni ta' l-inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ VI.*



Mqabba SM Bk06.indd 45 27/7/06 11:39:30

# Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V

Tikteb il-Kummissjoni Banda



*Il-Banda Re Ġorġ V tilqa' l-Istatwa Artistika u Devota ta' Santa Marija fuq iz-Zuntier nhar id-9 t'Awissu, Jum Ħruġ l-Istatwa.*



*Il-Banda Re Ġorġ V tesegwixxi Kunċert Sinfoniku ġewwa t-Teatru Manoel fil-festa ta' Santa Ċeċilja, Patruna tal-mużiċisti, organizzata mill-Għaqda Każini tal-Banda fil-15 ta' Novembru 2005.*



*Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li saru wara r-rebħ ta' l-ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta 2006, il-Banda Re Ġorġ V għamlet marċ matul it-toroq prinċipali tar-raħal.*



*Bandisti ġodda li ser jingħaqdu mal-Banda Re Ġorġ V fil-Festa ta' din is-sena.*

Awissu reġa' magħna u permezz ta' dan l-artiklu ddedikat lill-Banda tagħna ser naghtu fil-qosor rendikont dwar ħidmet il-Banda Re Ġorġ V fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija.

Is-sena 2005 bla dubju ser tibqa' mniżżla b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-banda tagħna. Minbarra s-servizzi li l-banda kellha f'bosta rħula u naturalment ġewwa l-Imqabba stess fl-okkażjoni tal-Festa Titulari, il-qofol ta' l-impenn tal-banda kien bla dubju fil-15 ta' Novembru meta għall-ewwel darba Banda Mqabbija daqqet ġewwa t-Teatru Manoel. Meta għedt impenn ridna nfissru l-kwalità ta' mużika li propju intgħażlet għal din l-okkażjoni. Kellna mużika varjata ferm, fejn minbarra silta ġdida li kkompona s-surmast Direttur David Agius, kellna xogħol ta' Tchaikovsky, Shostakovich u J. Strauss fost l-oħrajn. Takkumpanja l-banda kellna ukoll Arpa li kompliet iżżewwaq din is-serata indimentikabbli. Kellna kliem ta' tifħir minn kull qasam, kemm ta' dawk li jħobbu l-mużika u dawk dilettanti tal-baned Maltin. F'Marzu li għadda ġiet inawgurata wkoll DVD b'tifkira ta' dan l-avveniment.

Però x-xogħol tal-Kummissjoni Banda ma waqafx hemm. Appena għadda Novembru l-Kumitat ħa ħsieb sabiex jorganizza l-ikla annwali ad unur il-bandisti tal-post. Il-Kummissjoni Banda flimkien mas-surmast fassalna l-impenji tal-banda għal din is-sena u f'Jannar erġajna bdejna bir-*rehersals* bħala tħejjija għal *home concert* li issa sar parti mill-kalendarju tal-banda tagħna. Għal darba oħra ħadu sehem waqt dan il-kunċert għadd ta' bandisti u alljievi lokali li jingħataw opportunità sabiex juru t-talenti tagħhom. F'Mejju l-banda ħadet sehem fiċ-ċelebrazzjoniet li saru fl-okkażjoni tar-rebħ ta' l-unur li l-Għaqda tan-Nar rebħet fil-Festival Internazzjonali tan-nar. Wara komplejna bir-*rehersals*, din id-darba għall-programm annwali tal-festa. Qegħdin insemmu dan il-programm u tajjeb ngħidu li għal din is-sena mal-banda ser ikun hemm attrazzjoni internazzjonli speċjali. Qegħdin nirreferu għas-sur Dave Morris li huwa Whistle World Champion. Għal sena oħra ser ikollna ukoll banda oħra barranija mistiedna għal matul il-ġimgħa tal-festa. Din ser tkun il-banda St.Keverne minn ġewwa r-Renju Unit. Dan kollu kien possibbli wara diversi kuntatti tas-sur Alfred Galea membru fil-Kummissjoni Banda u Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Internazzjonali tas-Soċjetà. F'isem il-Kumitat Eżekuttiv u l-Kummissjoni Banda għal darba oħra nirringrazzjawh.

Bħalma tistgħu taraw minn sena għall-oħra l-Kummissjoni taħdem sabiex tkabbar il-livell li jkun intlaħaq fi snin preċedenti. Hekk għamlet din is-sena u nittamaw li b'dak li għandna ppreparat għall-okkażjoni tal-festa jinżel tajjeb magħkom soċi u partitarji tas-Soċjetà Santa Marija.

Ftit qabel semmejna alljievi u bandisti ġodda u huwa ta' pjaċir għalina din is-sena li għandna numru sabiħ ta' bandisti ġodda li ser jissieħbu mal-Banda Re Ġorġ V. Wara li s-sena l-oħra kellna bandist ġdid fuq il-percussion Chris Schembri Baldacchino din is-sena komplejna bi tkabbir tal-banda. Fil-fatt għal din is-sena jekk Alla jrid ser ikollna seba' bandisti ġodda: Matthew Borg u Joseph Briffa (*Althorn*), Jessica Farrugia u Davinia Camilleri (*Clarinet*), Philippe Saliba (*Trumpet*), Crista Saliba (*Flute*) u Jean Carl Grech (*Sax Alto*). Dan kollu huwa frott id-dedikazzjoni li s-Surmast ta' kull nhar ta' Sibt joffri.



Mqabba SM Bk06.indd 46 27/7/06 11:39:32

Nieħdu din l-opportunità sabiex nawguraw lil żewġ bandisti oħra mal-banda tagħna li għadhom kif iggradwaw fl-istudji tagħhom; Remenda Grech u Anne Marie Cutajar.

Nagħmlu appell b'mod speċjali lill-ġenituri sabiex tibagħtu lil uliedkom jitgħallmu l-mużika b'xejn ġewwa l-każin tagħna. Inħeġġu wkoll lill-bandisti tal-post sabiex matul is-sena nagħmlu ftit sforz u nkunu aktar regolari għall-kunċerti sabiex il-livell tagħna jibqa' dejjem jiżdied.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nistiednu lil kulhadd sabiex matul il-ġranet tal-festa nakkumpanjaw il-baned kemm tagħna kif ukoll dawk mistiedna. Nistednukom b'mod speċjali sabiex tattendu għall-programmi strumentali kemm tal-Banda tagħna kif ukoll tal-Banda Ingliża.

**Viva l-Banda Re Ġorġ V.**



*Kunċert ġewwa l-Każin li fakkar l-għaxar anniversarju mill-bidu tal-ġemellaġġ storiku kif ukoll l-għaxar anniversarju mill-mewt tal-mibki iżda qatt minsi s-Sur Leonard Farrugia.*





*Remenda Grech B.A. (Hons.) Social Work u Anne Marie Cutajar B. Eng. (Hons.), żewġ bandisti fi ħdan il-Banda Re Ġorġ V li ggradwaw fl-istudji tagħhom. Nawgurawlhom.*



*Chris Schembri Baldacchino, bandist li ħareġ idoqq għall-ewwel darba fil-festa tas-sena l-oħra.*



*Is-Sur Alfred Galea, Bandist tas-Sena 2005 jidher jirċievi l-unur mingħand is-Sur Rokku Camilleri, Direttur tal-Kumpanija Di Rocco Ltd.*




Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari ta' Santa Marija, Mqabba, 2006.
F'għeluq l-10 snin mill-bidu tal-Ġemellaġġ bejn
il-Banda Re Ġorġ V, Malta u l-Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano, Italja.
Bħala tifkira taż-żewġ Unuri Internazzjonali miksuba mis-Soċjetà;Etoile d'Or du Jumellage (1998)
Rebbieħa assoluti ta' l-ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar (2006)

Is-**Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, Mqabba**
tippreżenta:

# Programm Strumentali u Vokali

Bis-sehem ta' David Morris, *Whistling World Champion,* mill-Ingilterra.

**Il-Ħamis, 10 t'Awissu 2006 fid-9.00pm ġewwa l-pjazza prinċipali ta' l-Imqabba**

| | | |
|---|---|---|
| Innu | Innu Marċ | Pontifiċju |
| Maria Assunta | Charles Gounod | Leonard Farrugia |
| Marche | Slave | Peter I. Tchaikowsky |
| Polka | Trumpet Triplets<br>(Solista: David Morris) | H. Round |
| Irish Traditional | Londonderry Air<br>(Solista: David Morris) | Arr. Gordon Colman |
| Selection | The Magic of Mozart | Rita Defoort |
| Military March | Stars and Stripes Forever<br>(Solista: David Morris) | John Ph. Sousa |
| March | Pomps and Cirumstances No.1 | Sir Edward Helgar |
| Folk Song | Oh Shenandoah<br>(Solista: David Morris) | American Traditional |
| Latin Dance | El Cumbanchero<br>(Solista: David Morris) | Rafael Hernandez |
| Medley | New Sounds of the Carpenters | Richard Carpenter |
| Etude No.3 | So Deep is the Night<br>(Solista: David Morris) | Frederick Chopin |
| Danza Folk | Czardas<br>(Solista: David Morris) | Vittorio Monti |
| March | Radestzky | Johann Strauss |
| Innu ta' l-Imqabba | Lil Raħal Twelidi | Anthony Camilleri |
| Innu | Banda Re Ġorġ V | Anthony Camilleri |

**Surmast Direttur**:
Mro. David Agius
A. (Mus.) L.C.M.. A.Mus. V.C.M. (Hons.) A.L.C.M.

**Preżentaturi**:
Joyce Guillaumier u Patrick Mallia



Mqabba SM Bk06.indd 48 27/7/06 11:39:50

# L-Ewwel Banda Mqabbija ġewwa t-Teatru Manoel

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Ċeċilja, patruna tal-Mużiċisti, l-Għaqda Każini tal-Baned ippreżentat Kunċert Sinfoniku ġewwa t-Teatru Manoel nhar it-Tlieta 15 ta' Novembru 2005 taħt il-patroċinju ta' l-E.T. President ta' Malta, Dr. Edward Fenech Adami.



*Il-Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba waqt il-Kunċert Sinfoniku fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja ġewwa t-Teatru Manoel.*

Din is-sena l-Għaqda Każini tal-Banda fdat dan il-programm mużikali annwali tagħha f'idejn il-Banda tagħna, il-Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius. Min-naħa tagħna aħna lqajna din l-istedina u ppreparajna bis-sħiħ sabiex noħolqu serata mużikali li tolqot il-gosti ta' kulħadd. Għan li żgur li ntlaħaq għaliex dan il-Kunċert kien suċċess kbir u ntlaqa' tajjeb minn dawk kollha li ħonqu t-Teatru Manoel. Waqt dan il-kunċert indaqqet mużika minn kompożituri Maltin fosthom *Tone poem* mill-istess Surmast Direttur Mro. David Agius, *Ballet music* u *overture* minn kompożituri prolifiċi Russi Tchaikovsky u Shostakovich. Xogħlijiet oħra kienu ta' Johann Strauss u mużika mill-films *Lord of the Ring* u ta' Ennio Moricone fost l-oħrajn.

L-Imqabba, għalkemm raħal pjuttost żgħir, beda jħaddan l-arti mużikali aktar minn mitt sena ilu. Fil-fatt dan il-kunċert għalaq iċ-ċelebrazzjonijiet li s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V kienet qed tiċċelebra matul is-sena li għaddiet. Fil-fatt is-Soċjetà kienet qed tiċċelebra żewġ anniversarji importanti fl-istorja tagħha. L-ewwel anniversarju kien dak ta' għeluq il-**mitt sena minn meta ġie ffurmat il-pedament tas-Soċjetà tagħna bit-twaqqaf tal-Każin Soċjali Santa Marija fl-1905**. Dan kien l-ewwel pass sabiex ħames snin wara, fl-1910, twaqqfet uffiċjalment is-Soċjetà kif nafuha llum. Anniversarju ieħor kien dak ta' għeluq is-**sittin sena mit-twaqqif ta' l-ewwel formazzjoni mużikali ġewwa l-Imqabba**, jiġifieri t-twaqqif ta' l-Orkestra Santa Marija li wara ġiet trasformata f'banda fl-1947.

Tul dawn is-snin, l-ewwel l-orkestra u aktar tard il-banda kkontribwew sabiex il-kultura mużikali tikber fl-Imqabba. Illum naraw frott dan kollu, permezz ta' għadd ta' Mqabbin li b'lealtà lejn is-Soċjetà jagħtu s-servizz tagħhom matul is-sena. Nieħu l-opportunità sabiex infakkar u nirringrazzja lis-surmastrijiet u lill-bandisti kollha li tul dawn is-sittin sena offrew is-servizzi tagħhom sabiex kabbru isem is-Soċjetà tagħna, il-Banda Re Ġorġ V, kif ukoll ir-raħal ta' l-Imqabba.

Għalkemm l-impenn prinċipali tal-Banda jkun dejjem dak matul tal-Festa Titulari ta' Santa Marija, fejn kull sena l-qofol jintlaħaq b'kunċert annwali nhar l-10 ta' Awissu, il-Banda Re Ġorġ V qatt ma naqset li tilqa' għal sfidi ġodda. Fl-1996 il-Banda kellha opportunità ddoqq ġewwa l-Italja f'diversi lokalitajiet tar-Reġjun Marche, fejn flimkien mal-Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano qasmet l-esperjenzi mużikali tagħha permezz ta' ġemellagg storiku li wassal għar-rebħ ta' l-Unur uniku u prestiġġjuż ***Les Etoile's d'Or Du Jumelage*** mingħand l-Unjoni Ewropea fl-1998. Fil-fatt wieħed mill-anniversarji li s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V qed tiċċelebra din is-sena hu dak ta' l-**għaxar anniversarju mill-bidu ta' dan il-ġemellaġġ**. Issa l-Banda kitbet paġna storika oħra, meta għall-ewwel darba fl-istorja tal-banda Mqabbija tat kunċert sinfoniku ġewwa t-Teatru Manoel, ġojjell Malti ta' fama internazzjonali. B'hekk il-Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba saret l-ewwel Banda Mqabbija li daqqet ġewwa dan it-Teatru.

Fl-aħħarnett nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw is-sehem tagħhom sabiex seta' jittella' dan il-kunċert, fosthom il-Kummissjoni Banda, bandisti, flimkien mas-Surmast Direttur Mro. David Agius. F'isem sħabi tal-Kumitat nirringrazzja wkoll lill-Għaqda Każini tal-Banda u lill-i*sponsors* kollha li għenuna. Sabiex infakkru dan l-avveniment importanti, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorg V ħarġet DVD ta' dan il-kunċert sinfoniku. Kull min jixtieq kopja ta' dan id-DVD jista' jagħmel dan billi javviċina lil xi membru tal-Kumitat. Mill-ġdid prosit Banda Re Ġorġ V.



Kunċert Sinfoniku
mill-Banda Re Ġorġ V, Mqabba
fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Ċeċilja
15 ta' Novembru 2005.

| | | |
|---|---|---|
| Musical Impressions | Tone Poem | D. Agius |
| Spanish Trumpet | Selection | R. Derfort |
| Swan Lake | Suite mill-Ballet | P.I. Tchaikovsky |
| | Intervall | |
| Festive Overture | Overture | D. Shostakovich |
| Gabriel's Oboe | Music from Sound Track | E. Morricone |
| Samson et Dalila | Bacchanale | Camille Saint Saens |
| The Lord of the Rings | Excerpts from Symphony No. 1 | Johan Dewei |
| Die Fledermaus | Overture | Johann Strauss |

Innu Għaqda Każini tal-Banda

Innu Malti

*Il-mużika impenjattiva li ndaqqet għal din l-okkażjoni mill-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius.*



Mqabba SM Bk06.indd 49 27/7/06 11:39:50

# Programm Festi Esterni f'Ġieħ Santa Marija 2006

## Il-Ħadd, 30 ta' Lulju: BIDU TAL-KWINDIĊINA

**8.00pm** Il-Festa ta' din is-sena tibda permezz ta' Lejla Maltija fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Jieħu sehem l-aqwa talent Malti.

## It-Tnejn, 31 ta' Lulju: JUM IT-TFAL

**6.00pm** Quddiesa Kantata li fiha jsiru l-preżentazzjoni u t-tberik tat-trabi u tat-tfal lill-Madonna. Iqaddes u jmexxi l-funzjoni l-Wisq Rev. Dun Nazzaren Caruana, Kappillan. Il-Funzjoni tagħlaq billi l-ġenituri jpoġġu l-fjuri u x-xema' li jkunu ġabu magħhom quddiem l-Istatwa tal-Madonna. Tingħata tifkira lill-ġenituri tat-tfal li jkunu ħadu sehem fil-funzjoni.

**8.00pm** Mixgħela tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

## MATUL IL-ĠRANET TAL-KWINDIĊiNA

**8.00pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u l-Każin tas-Soċjetà.

## L-Erbgħa, 9 ta' Awissu: JUM IL-ĦRUĠ TA' L-ISTATWA

**7.30pm** Toħrog l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, fejn tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' innijiet marjani. Tieħu sehem ukoll is-Sopran Imqabbi, is-Sinjorina Francesca Farrugia. Wara, il-Banda mmexxija minn Mro. David Agius tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi.

## Il-Ħamis, 10 ta' Awissu: JUM IL-BANDA

**8.15pm** Il-Banda mistiedna St. Keverne ta' l-Ingilterra taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alan Retallack tibda marċ qasir minn Triq Karmenu Ciantar għall-pjazza tal-knisja u jispiċċa quddiem il-każin.

**8.45pm** Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinti, il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali Annwali. Wara jsir riċeviment li għalih mistiedna s-soċji, benefatturi u partitarji nisa u rġiel kollha.

## Il-Ġimgħa, 11 ta' Awissu: L-EWWEL JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda San Gużepp ta' Ħal Kirkop, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cassar, tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar diversi toroq fir-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## Is-Sibt, 12 ta' Awissu: IT-TIENI JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq ewlenin tar-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## Il-Ħadd, 13 ta' Awissu: IT-TIELET JUM TAT-TRIDU

**8.15pm** Il-Banda Ingliża mistiedna għall-Festa ta' din is-sena, St. Keverne Town Brass Band, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alan Retallack tesegwixxi program qasir ġewwa l-pjazza.

**9.00pm** Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda l-marċ tradizzjonali ta' l-aħħar tridu organizzat u mmexxi miż-żgħażagħ. Bħas-soltu, jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċji u partitarji flimkien ma' sorpriżi ġodda.

## It-Tnejn, 14 ta' Awissu: LEJLET IL-FESTA

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda marċ mat-toroq ta' l-Imqabba.

**8.30pm** Il-Banda Ingliża, St. Keverne Town Brass Band, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alan Retallack tesegwixxi Programm Strumentali ġewwa l-pjazza.

**10.30pm** Programm Strumentali mill-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, dejjem taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur Mro. David Agius.

## It-Tlieta, 15 ta' Awissu: L-GĦID TA' L-ASSUNTA

**12.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V għal darb'oħra mmexxija minn Mro. David Agius, tibda marċ popolari ta' filgħodu minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq prinċipali tar-raħal.

**6.00pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. Alfred Farrugia tibda marċ minn Triq Valletta sal-pjazza.

**6.00pm** Il-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Ronnie Debattista tibda marċ minn Triq Santa Katarina sal-pjazza, tidħol fiz-zuntier tal-Knisja u tilqa' l-ħruġ ta' l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara, il-banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**6.45pm** Hekk kif iż-żewg baned mistiedna jaslu fil-pjazza, ikomplu jdoqqu wara xulxin sa quddiem il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alfred Farrugia ssellem l-Istatwa Titulari minn fuq il-planċier bid-daqq ta' l-Ave Maria u innijiet oħra. Tiegħu sehem ukoll il-Mezzo Sopran Marie Therese Vassallo.

**8.45pm** Malli l-Istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria mmexxija minn Mro. Alfred Farrugia tesegwixxi l-Innu l-Kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni ta' Chev. Mro. George Martin, fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo. Jieħu sehem il-Baritonu Piju Dalli , it-Tenur Andrew Sapiano kif ukoll il-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara taħt id-direzzjoni tas-Sur Samuel Bezzina. Mad-dħul ta' l-istatwa fil-knisja s-Sopran Francesca Farrugia tesegwixxi l-Ave Maria. Wara, l-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali.

**10.30pm** Wara ringrazzjament ġewwa l-Knisja mill-membri u ammiraturi tan-nar, il-Banda Ingliża, St. Keverne Town Brass Band, mmexxija minn Mro. Alan Retallack tkompli tallegrana b'siltiet ta' mużika leġġera quddiem il-Każin.

## It-Tlieta, 22 ta' Awissu: L-OTTAVA TAL-FESTA

**7.30pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja kif ukoll tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Il-festa ta' din is-sena taghlaq permezz ta' varjetà għall-familja kollha quddiem il-każin.

# Funzjonijiet tal-Knisja

**Il-Ħadd, 30 ta' Lulju:** ***Bidu tal-Kwindiċina***

**6.30pm** Quddiesa Solenni, talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**It-Tnejn, 31 ta' Lulju:** ***Jum it-Tfal***

**6.00pm** Issir il-preżentazzjoni u tberik tat-trabi u tfal lill-Madonna.

**6.30pm** Quddiesa għat-tfal tal-parroċċa u bis-sehem taż-żgħażagħ. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**It-Tlieta, 1 ta' Awissu**

**6.30 pm** Quddiesa bis-sehem taż-żgħażagħ minn **Fr. Trevor Fairclough**. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**Il-Ħamis, 3 ta' Awissu**

**6.30pm** Quddiesa għall-membri ta' l-Għaqda tan-Nar minn **Rev. Joseph Zahra O.P**. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**Il-Ġimgħa, 4 ta' Awissu**

**6.30pm** Quddiesa li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Morda. Huma mheġġa sabiex jattendu l-anzjani u l-morda tar-raħal. **Imexxi Rev. Carmel Zammit O.P.**. Talba tal-Kwindiċina Innu u Barka.

**It-Tlieta, 8 ta' Awissu:** ***Jum it-Tifkira tas-soċi u benefatturi***

**6.30pm** Quddiesa kantata mill-**W. Rev. Kappillan Dun Nazzaren Caruana**, b'suffraġju għall-erwieħ tas-soċji u benefatturi mejtin. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**L-Erbgħa, 9 ta' Awissu:** ***Ħruġ ta' l-Istatwa***

**6.30pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina u Barka.

**7.30pm** Isir il-ħruġ solenni ta' l-Istatwa ta' Santa Marija u wara jitkanta l-Innu Ave Maris Stella u l-Antifona.



**Il-Ħamis, 10 ta' Awissu:** ***Jum il-Familji***

**6.00pm** Quddiesa bis-sehem tal-familji tal-parroċċa. Talba tal-Kwindiċina u Barka Sagramentali.

**Il-Ġimgħa, 11 ta' Awissu:** ***L-ewwel Jum tat-Tridu***

**6.30pm** Quddiesa solenni minn **Mons. Girgor Grech**. Wara, talba tal-Kwindiċina, Innu, Salve Reġina, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

**Is-Sibt, 12 ta' Awissu:** ***It-Tieni Jum tat-Tridu***

**8.00am** Quddiesa kantata.

**6.30pm** Quddiesa solenni minn **Mons. Lino Vella B. Sc. Ed. L. ped. SOC**. Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ħadd, 13 ta' Awissu:** ***It-Tielet Jum tat-Tridu***

**8.00am** Quddiesa kantata.

**6.30pm** Quddiesa solenni minn **Mons. Lino Vella B. Sc. Ed. L. ped. SOC.** Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

**It-Tnejn, 14 ta' Awissu:** ***Lejlet il-Festa***

**8.15am** Quddiesa solenni mill-**W. Rev. Kappillan Dun Nazzaren Caruana**. Wara jitkanta t-Te Deum u l-Antifona "Beata Mater".

**6.30pm** Tranżulazzjoni solenni tar-relikwa, immexxija minn **Mons. Lawrence Mifsud**. Wara, quddiesa kantata, Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**It-Tlieta, 15 ta' Awissu***: Jum il-Festa***

**7.00am** Quddiesa.

**8.00am** Quddiesa.

**9.15am** Quddiesa konċelebrata solenni bil-paniġierku minn **Mons. Lawrence Mifsud**.

**10.00am** Quddiesa fil-kappella ta' San Bażilju.

**11.00am** Quddiesa.

**5.00pm** Quddiesa.

**6.00pm** Għasar solenni minn **P. Ugolin Xerri OFM Conv**. Salve u Litanija.

**7.15pm** Purċissjoni bl-Istatwa Artistika, Devota u Titulari tal-parroċċa mmexxija mill-istess W.Rev. Ċelebrant.

**10.15pm** Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**It-Tlieta, 22 ta' Awissu:** ***L-Ottava tal-Festa***

**6.30pm** Quddiesa, Ripożizzjoni tar-Relikwa, Te Deum u Barka.

**Nota:**
Il-mużika tat-Tridu, lejlet u nhar il-Festa tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast W.R.Patri Salv Galea O.P.

**Sagrament tal-Qrar:**
It-Tnejn, 14 ta' Awissu, lejlet il-Festa, ikun hawn diversi konfessuri għall-Qrar bejn it-8.30am u l-10.30am u l-4.30pm u s-6.30pm.

# Bedford Town Band

## Il-Banda mill-Ingilterra li ħadet sehem fil-Festa ta' Santa Marija, 2005

Kitba tas-Sur Alfred Galea Organizzatur taż-Żjara

Is-sena li għaddiet is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba fakkret bil-kbir żewġ anniversarji fl-istorja li jagħmluha pijuniera ewlenija fir-raħal tagħna l-Imqabba: Għeluq il-100 sena mit-twaqqif tal-Każin Soċjali Santa Marija, li aktar tard fl-1910 sar il-Każin Soċjali Re Ġorġ V, u għeluq is-60 sena mit-twaqqif ta' l-Orkestra Santa Marija fi ħdan is-Soċjetà, li aktar tard fl-1947 saret il-Banda Re Ġorġ V. Il-qofol tat-tifkira ntlaħaq bla dubju matul il-festa ta' Santa Marija 2005. F'din l-okkażjoni speċjali, fuq stedina tas-Soċjetà, kellna preżenza Internazzjonali oħra tieħu sehem fil-festa tagħna, Brass Band Ingliża mill-belt ta' Bedford.

### L-Esperjenza tal-Bedford Town Band ġewwa Malta

Bħalma diġà għedt fl-introduzzjoni din il-Banda ġiet Malta fuq stedina tas-Soċjetà tagħna sabiex tieħu sehem u tesperjenza flimkien magħna l-festa ta' Santa Marija fl-Imqabba. L-ewwel dehra ta' din il-Banda ġewwa l-Imqabba kienet nhar is-Sibt 13 t'Awissu 2005, fl-aħħar jum tat-tridu. Għall-ħabta tat-8.15 pm il-Banda tat Kunċert ta' Mużika Leġġera fuq il-Planċier tas-Soċjetà, ġewwa l-pjazza quddiem il-Każin. Hekk kif spiċċa l-Kunċert, inghata bidu għall-marċ tradizzjonali ta' l-aħħar Tridu. Dan il-marċ tradizzjonali għal din l-okkażjoni kellu bidu speċjali billi ż-żewġ baned preżenti, dik tas-Soċjetà, il-Banda Re Ġorġ V, u l-*Bedford Town Band,* f'sens ta' Għaqda u Ħbiberija, daqqew flimkien l-Innu Marċ 'Marija Assunta' ta' Leonard Farrugia u l-marċ 'Sezzjoni Żgħażagħ' ta' David Agius. Is-



*Il-Bedford Town Band iddoqq ġewwa l-Imqabba f'lejlet il-festa (14-08-2005)*

Surmastrijiet rispettivi taż-żewġ baned, Mro. Chris North (*Bedford Band*) u Mro. David Agius (Banda Re Ġorġ V), idderiġew marċ kull wieħed. Wara, l-Banda Re Ġorġ V kompliet bil-marċ tagħha madwar it-toroq tar-raħal. Matul din is-serata wkoll il-membri tal-*Bedford Town Band* kellhom laqgħa mal-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba li saret ġewwa l-binja ta' l-Isptar



*Il-Baned Bedford Town u Re Ġorġ V jdoqqu flimkien (13.08.2005)*

il-Qadim fl-Imqabba. Waqt din il-laqgħa saru indirizzi mis-Sindku ta' l-Imqabba, is-Sur Nicholas Briffa, u s-Segretarja tal-Banda s-Sinjura Sue Blunt. Sar bdil ta' rigali bejn il-Kunsill u l-Banda, u nqara messaġġ mibgħut mis-Sindku ta' Bedford li wara ġie rregalat lill-Kunsill ta' l-Imqabba. Il-membri tal-Banda mbagħad ġew offruti ikel tradizzjonali Malti mill-Kunsill Lokali Mqabba u s-Soċjetà Santa Marija. Hekk kif spiċċat din il-laqgħa uffiċjali, il-membri ta' din il-Banda Ingliża ngħataw *T-Shirts* tas-Soċjetà u pparteċipaw flimkien mal-partitarji tas-Soċjetà matul il-qofol tal-marċ ta' l-aħħar tridu ġewwa l-pjazza ta' l-Imqabba.

Nhar il-Ħadd 14 t'Awissu mbagħad il-*Bedford Town Band* kompliet tipparteċipa fil-festa tagħna permezz ta' Kunċert ieħor, din id-darba fuq laqta aktar formali. Għal dan il-Kunċert kellna mistiedna fosta lill-*Acting British High Commissioner,* Sue Elliot, li flimkien mas-Sindku ta' l-Imqabba u s-Sinjura tiegħu, onoratna bil-preżenża tagħha. Matul din l-okkażjoni sar bdil ta' rigali, din id-darba bejn is-Soċjetà tagħna u l-*Bedford Town Band*. Min-naħa tas-Soċjetà ingħata rigal maħdum bl-idejn fuq ġebla Maltija skolpita bl-arma tas-Soċjetà tagħna. Min-naħa ta' Bedford ingħatat tifkira oriġinali f'forma ta' strument mużikali (*Bugle*) b'kitba fuqu li tfakkar l-okkażjoni. Hekk kif spiċċa l-Kunċert il-Banda mistiedna ġiet offruta ikel



Mqabba SM Bk06.indd 55 27/7/06 11:40:03

u xorb fuq il-bejt tal-Każin tas-Soċjetà minn fejn seta' jiġi segwit l-ispettaklu grandjuż ta' nar li jsir ġewwa l-Imqabba lejlet il-festa ta' Santa Marija. Wara dan l-ispettaklu kien imiss spettaklu ieħor, dak tan-nar ta' l-art.

F'jum il-festa, nhar it-Tnejn 15 t' Awissu, il-*Bedford Town Band* waslet l-Imqabba f'ħin eżatt sabiex issegwi ħruġ il-Proċessjoni bl-istatwa ta' Santa Marija. Matul dan il-jum il-membri tal-banda kienu daqsxejn aktar liberi sabiex jaraw u jiskopru l-Imqabba armata għall-festa titulari. L-aktar mument interessanti għal kulħadd kien meta l-istatwa waslet quddiem il-Każin għad-daqq ta' l-Innu Kbir 'Lil Marija Mtellgħa s-Sema' ta' George Martin. Wara d-dħul tal-proċessjoni u r-ringrazzjament ġewwa l-knisja mill-Għaqda tan-Nar, il-*Bedford Town Band* għalqet il-festa tas-sena li għaddiet permezz ta' Kunċert ieħor fuq il-planċier tal-Banda tagħna, kunċert din id-darba mimli b'mużika ferriħija. Kien għeluq għall-festa differenti u aktar oriġinali mis-soltu, li ntlaqa' ferm tajjeb. Xiehda ta' dan kienet il-preżenza numeruża li segwiet dan il-kunċert 'ta' l-aħħar', magħmula mhux biss minn nies Imqabbin, iżda wkoll minn għadd ta' nies barranin li għoġobhom jibqgħu magħna jsegwu lill-*Bedford Town Band*. Ġest ferm sabiħ u apprezzat li sar min-naħa tal-*Bedford Town Band* kien li l-bandisti daqqew bil-flokk tal-festa, li kienu ngħataw fl-aħħar tridu. Qabel il-Banda ħalliet l-Imqabba dakinhar, bħala ringrazzjament u apprezzament, il-kumitat tas-Soċjetà stieden lill-Banda ġewwa s-sala prinċipali tal-każin għal riċeviment.

Naturalment, ma stajniex inġibu banda Barranija ġewwa l-gżejjer tagħna u nħalluha tmur lura mingħajr ma' ndewwquha s-sbuħija ta' pajjiżna, kif ukoll minghajr ma' naghtu ċans possibilment lill-poplu Malti u Għawdxi kollu sabiex igawdi lil din il-Banda. Sabiex nilħqu dawn l-għanijiet, matul l-għodwiet ta' filgħodu ġew organizzati eskursjonijiet għal postijiet ta' interess f'Malta u Għawdex, bħal ngħidu aħna l-Imdina, Wied iż-Żurrieq, Ħaġar Qim, ta' Pinu u d-Dwejra, Għawdex, u l-Belt Valletta. Fil-jiem tal-11 u t-12 t'Awissu filgħaxija b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali rispettivi, saru kunċerti ġewwa Wied il-Għajn, Malta, u ż-Żebbuġ u Marsalforn, Għawdex. Matul dawn l-okkażjonijiet il-*Bedford Town Band* iltaqgħu mas-Sindki u Kunsilliera ta' kull lokalità u sar bdil ta' tifkiriet għall-okkażjoni.



*Membri tal-Bedford Town Band jieħdu sehem attiv fil-marċ ta' l-aħħar tridu (13.08.2005)*

**U Wara Din l-Esperjenza?**

Bħal drabi oħrajn din kienet esperjenza sabiħa ħafna għal dawn in-nies. Għandna nammettu li l-festa Maltija hija xi ħaġa unika li trid tgħixha biex tagħraf dak kollu li toffri. Aħna l-Maltin nafu nagħmlu xi ħaġa unika li naħseb ma nkunx qed nesaġera jekk ngħid li jekk iddur kull rokna tad-dinja, ma jirnexxilekx issib xi ħaġa li kapaċi tilħaqha. U din hi l-festa Maltija b'dak kollu li toffri: tradizzjoni, kultura, arti u fuq kollox it-turija ta' mħabba tagħna lejn il-Qaddisin Patruni tagħna. Ma' dawk l-għadd ta' barranin fil-qasam mużikali li jkolli kuntatt magħhom dejjem insibha diffiċli nispjega dak kollu li kapaċi toffri l-festa tagħna. Dejjem ikolli nispiċċa ngħid lil dawn il-ħbieb: "Il-Festa Maltija trid tgħixha biex tifhem x'inhi." U nista' ngħid li sa issa dejjem kelli raġun ma' kull Banda li ġiet Malta għall-festa tagħna. Bħala prova, dan kien dak li kellhom xi jgħidu n-nies ta' Bedford wara li ġew Malta s-sena l-oħra:

**1. Bedford Town Band Iżżur Malta – Awissu 2005**

"Ġejna Malta, daqqejna, u ddevertejna... mhux kliem eżatt li qal Ġulju Ċesari, però ċert li kien jgħidu kieku żar Malta bħala mużiċist. Kmieni din is-sena (2005) konna rċevejna stedina mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V f'Malta biex nieħdu sehem fil-festa tar-raħal tagħhom li ssir fil-15 t'Awissu, il-festa ta' l-Assunzjoni. Aħna baghtnilhom kopja tas-CD riċenti tagħna *'Spirit of Bedford'*, li ntgħoġbot, u b'hekk il-preparamenti bdew.

Il-kumpanija tat-trasport li wasslitna ġewwa Bamberg fil-Ġermanja fl-2003 naħseb kellhom idea ta' affarijiet ta' *Brass Band* li kellhom iġorru, però qabel ġejna Malta l-istaff ġewwa l-ajruport ta' Gatwick deher sorpriż bil-piż kollu li konna qegħdin inġorru magħna, u ħadna ftit żmien mhux ħażin sakemm kellna kollox aċċettat. Bdejna niddubitaw kemm l-ajruplan kien ser jirnexxielu jinqata' mill-art b'dak il-piż kollu, ħaġa però li rnexxielu jagħmel.

Alfred Galea, il-kuntatt tagħna f'isem il-Banda Re Ġorġ V, kien l-ajruport ta' Ħal-Luqa jilqagħna. Il-Lukanda tagħna kienet ġewwa l-Bajja tal-Mellieħa fit-Tramuntana tal-Gżira, imma l-Kunċerti li kellna naghtu kienu kollha fin-Nofsinhar. Għalhekk wara 45 minuta vjaġġ lejn il-Lukanda fin-nofs tal-lejl, wasalna ġewwa Luna Holiday Complex, lukanda kbira, moderna u komda. Dan kien għall-ħabta tas-2.30 am. U kellna naghtu kunċert dakinhar stess filgħaxija.

Ħafna minna suppost kellhom appuntament għall-*Breakfast*, però ftit kienu li żammewh .... il-maġġoranza għażlu li l-aħjar jibqgħu reqdin. L-ewwel kunċert kellu

jkun ġewwa Marsaskala, raħal fix-Xlokk ta' Malta. Ix-xeni tal-vjaġġ bil-*Coach* kienu xi ħaġa regolari li drajna naraw kuljum. Hemmhekk daqqejna fuq *promenade* għoli jagħti fuq il-bajja. Is-sindku bi tbissima sabiħa offrielna rigal żgħir u wara stedinna għal *pizza* ġewwa ristorant għall-apert. Kien hawn li ħafna minna għamlu l-ewwel laqgħa mal-birra lokali ta' Malta.

Il-Ġimgħa kellna organizzata mawra lejn il-gżira ta' Għawdex, xi 20 minuta bogħod bil-baħar minn Malta. Minħabba t-toroq kemmxejn dojoq tal-gżira Għawdxija, kellna nivvjaġġaw ġo tliet *mini-buses*, bl-istrumenti tal-*Percussion* jaslu ftit tard minħabba li tilfu l-vapur! Għawdex żorna knisja mmensa fil-kampanja (ta' Pinu), u post maġenb il-baħar b'forom ta' blat differenti (id-Dwejra), fejn b'kumbinazzjoni rajna mara taħdem il-bizzilla lokali. Wara tlaqna lejn ir-raħal taż-Żebbuġ fejn daqqejna fuq iz-zuntier tal-knisja. Ġejna mistiedna nżuru l-Knisja, mimlija rħam prodott mir-raħal stess. Anke l-artal huwa minqux fl-irħam lokali. Wara kellna l-ikel għall-arja, din id-darba fil-pjazza tar-raħal, fejn l-inbid ħelu lokali kien verament tajjeb. Wara l-ikel soqna lejn Marsalforn, post ħdejn il-baħar fit-Tramuntana ta' Għawdex. Hawnhekk daqqejna fuq *promenade* bħala parti minn serata ta' talent lokali, eżatt kif spiċċaw kor tat-tfal, soprano solista, u grupp folkloristiku. Malajr issettjajna fuq il-palk u daqqejna programm popolari, li kien milqugħ tajjeb ħafna. Wara li rċevejna rigali u xrobna xi ħaġa, tlaqna sabiex qbadna l-vapur lejn id-dar!

Il-parteċipazzjoni tagħna fil-festa ta' l-Imqabba bdiet is-Sibt. Daqqejna fil-pjazza fuq palk splendidu, kbir biżżejjed biex jakkomoda aktar minn 50 mużiċist idoqqu. Wara dan kellna riċeviment mas-Sindku ġewwa sptar medjevali restawrat riċenti. Sue, is-Segretarja għamlet il-preżentazzjoni tar-rigali u wasslet il-messaġġ tas-Sindku tagħna Frank Branston. Wara aktar ikel u xorb imxejna lejn iċ-ċentru tar-raħal sabiex naraw il-marċ.

Ilbisna l-flokkijiet ħomor li jfissru li aħna konna partitarji tal-Banda Re Ġorġ V u ngħaqadna mal-folla miexja b'rata ta' mhux aktar minn metru kull ħames minuti. Kollox kie informali għall-aħħar. Saħansitra l-bandisti setgħu jieqfu ftit milli jdoqqu biex jitkellmu man-nies. Tlieta minn tagħna spiċċaw jerfgħu it-tliet bandieri: tal-Banda, ta' l-Italja u ta' l-Ingilterra, biċċa xogħol li qdew b'dinjità kbira.

Issa li konna drajna r-ritmu



*Bedford Town Band waqt il-Kunċert 'ta' l-aħħar', fejn offritilna mużika leġġera bħala għeluq tal-Festa (15.08.2005)*

ġdid tal-ħajja Maltija, il-membri tal-banda bdew jużaw il-ħafna ħin liberu ta' filgħodu biex jgħumu, jixxemxu, u jżuru l-Belt Valletta, l-Imdina u l-Blue Grotto. Chris North, is-Surmast tagħna, għandu l-mara tiegħu Mary li hi Maltija, li kienet ferm utli għalina biex twassal l-informazzjoni. Però ma ridetx tgħidilna x'kienu qed jgħidu ż-żgħażagħ waqt il-marċ, għalhekk aħna għamilna l-konklużjoni tagħna!

Il-Ħadd daqqejna waqt il-Kunċert uffiċjali ġewwa l-pjazza tar-raħal, bl-introduzzjoni ta' kull biċċa mużika bil-Malti u bl-Ingliż. L-*Acting British High Commissioner* kienet preżenti



*Membri tal-Banda jammiraw l-istatwa ta' Santa Marija waqt il-purċissjoni (15.08.2005)*

flimkien ma' persuni distinti oħrajn u matul l-intervall kien hemm bdil ta' rigali bejn iż-żewġ baned. Wara l-kunċert morna fil-kwartieri tal-banda għal ikla oħra tajba, servuta fuq il-bejt minn fejn rajna sagħtejn sħaħ ta' spettaklu bin-nar. In-nar huwa ferm importanti waqt il-festa Maltija, b'kull raħal jipprova jkun aħjar mill-ġar tiegħu. U l-Imqabba hija rinomata għan-nar, li hu maħdum min-nies lokali. Għadni niftakar xena ta' raġel miexi fil-folla jġorr biċċa nar (murtal finta !!) twila xi tliet piedi f'id waħda u sigarett fl-id l-oħra.

It-Tnejn kien il-qofol reliġjuż tal-festa. Wasalna l-Imqabba eżatt fil-ħin biex naraw il-Purċissjoni ħierġa mill-knisja. L-ewwel ma ħareġ kien kurċifiss, u warajh il-bnadar u x-xemgħat, u f'daqqa waħda il-bieb tal-knisja mtela' bix-xbiha tal-Verġni Marija fuq pedestall tqil tal-fidda, merfugħa minn tmint irġiel. Il-Purċissjoni mbagħad imxiet madwar ir-raħal, akkumpanjata bil-banda, b'waqfa kull madwar għoxrin metru. L-iktar waqfa twila kienet quddiem il-planċier tal-Banda, fejn Banda mistiedna (Queen Victoria, Żurrieq) kienet qiegħda ddoqq, u smajna l-'Ave Maria' għal darba oħra, flimkien ma' biċċiet korali oħra (l-Innu lil Marija mtellgħa s-Sema – Mro. G. Martin). Hekk kif l-istatwa daħlet lura fil-knisja l-Banda Maltija waqfet u aħna daqqejna l-aħħar kunċert ta' mużika allegruża li kien jinkludi wkoll 'Solo' mid-Direttur tagħna Chris North li poġġa f'post għoli tal-palk imtarraġ tal-Banda u daqq *'Children of Sanchez'*. La n-nuqqas ta' ossiġnu u wisq anqas l-għoli ma' affettwaw id-daqq fin tiegħu, matul din is-silta li dderieġa s-solista tagħna Colin Randall. Wara reġa kellna aktar x'nieklu u x'nixorbu ġewwa l-kwartieri tal-Banda Re Ġorġ V, u naturalment, matul il-jum kellna aktar spettaklu ta' nar u fl-aħħar tislijiet mingħand il-ħbieb. F'daqqa waħda però kollox gie fit-tmiem, it-toroq u l-



Mqabba SM Bk06.indd 58 27/7/06 11:40:08

pjazza kkwitaw, u aħna qbadna t-triq lura d-dar.

Kien fadal ġurnata oħra libera, li aħna għaddejna bil-modi varji tagħna. Fil-ġurnata li tlaqna lura lejn l-Ingilterra kellna ikla sabiħa fil-lukanda. Kien għeluq tajjeb għal esperjenza ferm sabiħa. Ir-ringrazzjamenti tagħna għandhom imorru lejn Alfred Galea, għall-mod kalm imma effikaċi li bih organizzana, u lejn is-Segretarja tagħna Sue li kienet taħseb għal kollox u xorta rnexxielha ddoqq fil-fillera ta' quddiem. U fl-aħħar nixtieq nirringrazzja lill-membri żgħażagħ tal-Banda tagħna, li, konxji li issa jien għalaqt 70 sena, ħadu ħsiebi u ġarrewli l-Baxx tqil tiegħi kull meta daqqejna!!

**Roger Nicholls**
Membru tal-Bedford Town Band

(Dawn il-kliem inkitbu ftit jiem wara li l-*Bedford Town Band* irritornat l-Ingilterra minn Malta u tpoġġew fuq il-*website* tal-Banda *www.bedfordtownband.org.uk*)

**2. Ittra minn Bedford:**

Għażiż Alfred,

Waqt li kont nipprepara sabiex nattendi għall-provi tal-Banda ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Frar 2006, deherli jkun opportun nilbes xi ħaġa fuq l-aħmar, fuq kollox kien


Bedford Town Band

*Ittra mibgħuta minn Sue Blunt f'isem Bedford Town Band (19.02.2006)*



*Il-Banda tilqa' l-applawsi waqt il-programm li sar f'lejlet il-festa (14.08.2005)*

Jum San Valentinu. Ħriġt mill-kexxun il-flokk li ngħatali fil-festa ta' Santa Marija 2005. Huwa impossibbli tħares lejn il-flokk, u iżjed u iżjed tilbsu, mingħajr ma tiftakar fl-atmosfera, fid-dehra, fil-ħsejjes u fuq kollox fl-esperjenza ta' kortesija u ħbiberija li l-banda kollha rċeviet kemm fl-Imqabba kif ukoll f'kull parti tal-gżejjer li żorna s-sajf li għadda. Id-dehra oriġinali, is-sorpriżi, l-atmosfera ta' ferħ – kollha tħalltu flimkien f'dak il-baħar aħmar matul il-marċ li kien esperjenza totalment ġdida għalina. Meta ppreżentajt ir-rigal tagħna lill-President tal-Banda Re Ġorġ V, għamilt dan sabiex intom ikollkom xi ħaġa li biha tibqgħu tiftakruna, waqt li kont ċerta li aħna żgur qatt m'hu ser ninsew l-esperjenza tagħna magħkom. Għaddew sitt xhur, u llum ninsab aktar ċerta li l-festa ta' Santa Marija ser tibqa' waħda mill-isbaħ memorji li seħħew fl-istorja tal-Banda tagħna. Ninsab ferħana li banda oħra Ingliża, St. Keverne, ser ikollhom opportunità li jipparteċipaw matul il-festa speċjali tagħkom din is-sena, u nittama li darb' oħra fil-futur ikollna okkażjoni li nerġgħu ningħaqdu magħkom fil-festa. L-awguri tagħna kollha lilkom ilkoll.

**Sue Blunt**
Bedford Town Band
19 ta' Frar 2006

**Konklużjoni**

Ma nistax issa nagħlaq dan l-artiklu dwar din iż-żjara tal-*Bedford Town Band*, mingħajr ma nirringrazzja lil dawk kollha li kkollaboraw miegħi matul din l-esperjenza. L-ewwel u qabel xejn Grazzi lill-mara tiegħi Antoinette, li flimkien ma' binti Martina, kienet ta' *support* kontinwu matul il-ħidma tiegħi. Grazzi wkoll lis-Sinjura Sue Blunt, li min-naħa ta' Bedford, ħadmet ħafna sabiex din iż-żjara setgħet isseħħ. Kif diġà għedt, mhux faċli tispjega l-festa Maltija lil min ma jkun qatt ma' esperjenzaha. Grazzi għas-Sinjura Blunt, li fehmet mill-ewwel li din kellha tkun esperjenza unika, dak li ħdimna għalih seħħ u kellu s-suċċess mixtieq. Min-naħa tas-Soċjetà nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv kollu, li għal darba oħra fdani f'biċċa xogħol bħal din. Grazzi wkoll lill-Kunsilli Lokali li kkollaboraw magħna waqt din l-okkażjoni. Lis-Sindku ta' l-Imqabba s-Sur Nicholas Briffa u shabu Kunsilliera. Lis-Sur Charlot Mifsud, Sindku ta' Wied il-Għajn, li flimkien mal-kunsilliera John B. Camilleri, Owen Bonnici u Alfred Debono, kienu strumentali sabiex tajna impressjoni tajba ta' Malta lil dawn l-Inglizi sa mill-ewwel ġurnata tagħhom fostna. Min-naħa Għawdxija nirringrazzja lis-Sur Charles Saliba, Sindku taż-Żebbuġ, li kien strumentali sabiex ikollna esperjenza stupenda ġewwa Għawdex. Grazzi speċjali liz-zija tiegħi Katie Galea, li ħadet paċenzja bina u ffrankatilna skariċċ żejjed ta' ġarr ta' strumenti, billi żammet ġewwa darha l-istrumenti kollha tal-Banda waqt il-festa fl-Imqabba. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas Grazzi lill-poplu Mqabbi kollu, u lil dawk il-Maltin u Għawdxin kollha li segwew lil din il-Banda f'Malta u Għawdex. Il-membri tal-*Bedford Town Band* ħallew Malta nhar is-17 t' Awissu 2005, kollha kemm huma sodisfatti u ferħanin li għaddew ġimgħa memorabbli f'pajjiżna. U dan Grazzi għalina lkoll li għal darba oħra urejna li, fejn tidħol ospitalità, ħbiberija u tradizzjoni, aħna l-Maltin (u Għawdxin naturalment – intom Maltin bħalna !!) ma jirbħilna HADD!!



Mqabba SM Bk06.indd 59 27/7/06 11:40:09

# Marija Port tas-Salvazzjoni

Kitba ta' Fr. Joseph Zahra O.P. Direttur Spiritwali

Ninsabu għal darb'oħra hawn niċċelebraw ġimgħa Marjana. Ġimgħa li trid terġa' tħalli suċċess bħalma kienet suċċess f'dawn l-aħħar snin li ilha tkun organizzata. Is-suċċess irid ikun ukoll fil-qalb tagħna li llum ħa nitkellmu dwar Marija bħala l-port tas-salvazzjoni. Marija hija dik li trid u tista' teħodna lejn is-salvazzjoni. Marija hija dik li welldet lis-Salvatur. Marija hija l-bniedma li meta s-Salvatur kien fuq is-salib, ażżarda jħallihielna bħala Ommna. Bla tlaqlieq ta' xejn mela nistgħu nikkonkludu u ngħidu li Marija hija Omm Ġesù s-Salvatur u ommna lkoll li trid tkun pellegrina magħna għas-sema pajjiżna. Mhux ta' b'xejn li dan it-titlu Port tas-Salvazzjoni, ħafna drabi huwa ċċelebrat ma' jum l-Assunta nhar il-15 ta' Awissu. Marija Assunta hija t-tama tal-qawmien tagħna. Marija – li diġà ipparteċipat mill-qawmien tal-Mulej Ġesù u hekk ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, issir għalina l-punt lejn x'hiex inħarsu b'fiduċja, b'tama. Marija issir għalina l-għan lejn x'hiex nindirizzaw ħajjitna. U Marija, għax għandha l-kwalità ta' omm tibqa' twelldilna l-vera tama, il-vera salvazzjoni, lil Bin Alla, is-Salvatur. Din hi Marija kif qed inħarsu lejha llum – Marija bħala Port tas-Salvazzjoni.

Jekk nagħtu ħarsa madwarna f'din il-wirja marjana nintebħu li hawn diversi xbihat li qed juru dak li qed ngħidu llum. Hekk ngħidu aħna jekk inħarsu lejn l-Assunta kif diġà semmejna qabel, nimtlew bil-fiduċja lejn is-sema pajjiżna. Jekk inħarsu lejn Marija bħala l-Madonna tar-Rużarju nilmħu li qed tnewwlilna dik il-katina ħelwa li torbotna magħha ħalli tkun tista' twassalna għas-salvazzjoni. Jekk nimmeditaw lil Marija bħala l-Madonna taċ-Ċintura, naraw f'Marija rabta oħra magħha, din id-darba rabta ta' konsolazzjoni, ta' faraġ u ta' tama li naslu fid-destinazzjoni t-tajba. Hekk ukoll jekk nimmeditawha bħala l-Madonna tal-Karmnu, naraw lil Marija bħala l-protezzjoni tagħna biex naslu fis-salvazzjoni. L-aktar importanti iżda huwa t-talb. Ġesù hekk qalilna: "itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib, l-ispirtu jrid, imma l-ġisem dgħajjef" (Mt 26:41).

Il-Knisja kuljum tispiċċa t-talb tagħha, fil-Liturġija tas-Siegħat, billi ssellem lil Marija. U llejla aħna wkoll għalhekk inġbarna hawn quddiem dawn ix-xbihat ta' Ommna Marija. Lilna wkoll dawn ix-xbihat qed jistednuna għat-talb. Hekk hu. Jekk nara x-xbiha tal-Lunzjata x'nilmaħ u nimmedita, jekk mhux it-tislima ta' l-anġlu: "Is-sliem għalik Marija". Id-devozzjoni lejn Marija mhix fil-ġenb tal-fidi tagħna, pjuttost qiegħda fil-qalba tal-messaġġ salvifiku. F'Marija tiddi ix-xemx tas-salvazzjoni, il-bieb tas-sema, il-port tas-salvazzjoni. Ejjew mela nimmeditaw flimkien din il-fidi: F'Marija seħħet il-meravilja tal-ħolqien; l-Inkarnazzjoni t'Alla.

"U il-Verb sar bniedem u għammar f'nofsna" (*Gw* 1, 14). Dan il-messaġġ fundamentali tal-fidi nisranija ma nistgħux nisseparawh minn Marija. Il-misteru ta' l-inkarnazzjoni hu ħaġa waħda ma' Marija. Seħħ għax hi wieġbet: "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek". Hekk fiha, ingħatat bidu s-salvazzjoni tagħna. Hekk Marija twasslilna lil Iben Alla li sar binHa u Huna li fiH biss għandhom sens it-tama tagħna u l-faraġ tagħna.

Dan li qed nitkellmu dwaru mhux misteru antikissmu u daqshekk biss. Marija llum ukoll trid tibqa' tnewwlilna s-Salvatur. U għalhekk f' "Wirja Marjana" bħalma qegħdin norganizzaw hawn, issib ukoll xbihat bħalma huma tal-Madonna



*Fr. Joseph Zahra O.P., Direttur Spiritwali tas-Soċjetà jitkellem fuq il-Madonna bħala l-Port tas-Salvazzjoni, waqt il-Ġimgħa Marjana organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.*



Mqabba SM Bk06.indd 61 27/7/06 11:40:13

ta' Lourdes jew ta' Fatima. Hekk hu, Marija tibqa' tagħtina lil BinHa Ġesù llum ukoll. Tibqa' tidher u titkellem magħna u tistedinna għat-talb, b'mod partikulari bit-talba tar-rużarju mqaddes.

Hekk ukoll għandna ix-xbiha tal-Madonna tal-Għar li minnha kienu ħarġu dawk id-demgħat tad-demm. Xi jfisser dan kollu? Jidher li Marija għadha llum ukoll tinkwieta għalina għax qed tarana nitbegħdu mis-Salvatur. Marija tridna nsalvaw. X'qed nagħmlu għas-salvazzjoni tagħna? Qegħdin nagħtu każ ta' dawn is-sinjali – mirakli li jseħħu madwarna – jew qed nibqgħu indifferenti għax aħna ta' partit u mhux ta' iehor, u ninsew li aħna lkoll aħwa. Il-bniedem illum ukoll għadu qed ifittex ir-raġuni ta' l-eżistenza tiegħu. Din it-tfittxija kultant qed tqabbadna toroq żbaljati. Ħafna għadhom jistaqsu x'inhuma il-veritajiet tal-fidi. Marija tgħidilna x'inhuma dawn il-veritajiet. Marija tħabbrilna l-Bxara t-tajba. L-Iben t'Alla sar bniedem f'ġufha, twieled minnha, għex fostna jagħmel l-għeġubijiet u jkellimna ċar fuq is-saltna t'Alla, u wriena kif għandna nħobbu lil Alla u lill-proxxmu tagħna bħalna nfusna, bata u miet għalina u ħareġ rebbieħ biex irebbaħna miegħu. Għalina dan kollu jfisser xi ħaġa? Din il-verità tal-fidi tbiddlilna ftit l-istil tal-ħajja tagħna?

# *Marija Assunta Hi t-Tama tal-Qawmien Tagħna*

Bdejna l-istaġun tal-festi tagħna. Festi tradizzjonali iva, imma li għandhom għeruqhom fil-fidi u l-kristjanità. Kull purċissjoni li ssir qed tkun veru pellegrinaġġ ta' poplu li qed jitlaq minn post lejn l-għan tal-ħajja tagħna – lejn is-salvazzjoni – lejn dak li hu verament meħtieġ fil-ħajja? X'jiswa li inti tgħix ħajtek kollha kif jaqbillek biex imbagħad titlef ruħek? Għalhekk illum qed induru lejn Marija Ommna bħala l-port tas-salvazzjoni.

Ejjew nitolbu lil Marija Ommna ħalli tibqa' tindukrana u twassalna hi fi ħdanha. Hemm jinsab Binha u Bin Alla, Ġesù s-Salvatur. Ejjew nitolbu llum lill-Madonna tkun il-port li jagħtina kenn, li jipproteġina, li jħarisna mill-maltemp tal-ħajja. Nitolbuha għall-membri kollha tal-Knisja biex jikbru aktar fil-konvinzjoni tal-verità Evanġelika u jimpenjaw ruħhom aktar bis-serjetà fil-ħidma ta' evanġelizzazzjoni li l-knisja għandha.

O Sidtna Marija xbajna b'kulħadd jipprova jbellgħalna l-gideb. Xbajna bit-tgħawwiġ tal-verità. Ipproteġina int u żommna lejali lejn it-twemmin veru li nħaddnu. Marija ibqa' għallimna nagħmlu kulma jgħidilna Ibnek. (cfr. *Gw* 2, 5). Amen.




Arcadia,
Gilbiena Street,
Żabbar.
Tel/Fax: 2167 7970

*We Specialize in:*
1. Frame Moulding in different shapes and sizes, Parquet Flooring and Wooden Skirting
2. Furniture Mouldings
3. Kitchen & Interior doors in standard measures or in desirable size
4. Panelling in solid Pine





All Selections can be made from a wide selection of wood
(Pine - Oak - Mahogany - Samba)

**PURCHASE DIRECTLY FROM MANUFACTURER AND SAVE MONEY**

**FREE DELIVERY**



Mqabba SM Bk06.indd 62 27/7/06 11:40:15

# Leonard Farrugia (1931-1996)

## *F'Għeluq l-10 Snin mill-Mewt Tiegħu*

Informazzjoni mi©bura mis-Sinjuri Alfred Galea u Christopher Spiteri

Leonard Farrugia bla dubju jibqa' mfakkar fi ħdan is-Soċjetà tagħna bħala wieħed mill-pijuniera ewlenin li ħadem bla heda sabiex is-Soċjetà tagħna tibqa' miexja 'l quddiem fil-qasam mużikali. Nardu, kif kien l-aktar magħruf magħna, serva bħala bandist tista' tgħid sa mill-ewwel snin tal-banda, u baqa' sa ftit żmien qabel ħalliena. Żgur li Nardu ma waqafx idoqq għax ried hu. Ċertament kienet saħħtu li waqqfitu. Dan kienet tixhdu l-bixra mdejqa ta' wiċċu kull meta kien jisma' l-banda waqt il-kunċert u hu ma setax idoqq. Nardu kien ukoll Assistent Surmast tal-Banda Re Ġorġ V, u mexxa għal ħafna snin l-iskola tal-mużika tas-Soċjetà tagħna. F'għeluq l-10 sena mill-mewta kemmxejn ħesrem ta' Nardu ħsibna li nġeddu ftit il-memorja ta' meta Nardu kien għadu magħna sabiex napprezzaw dak kollu li għamel f'ħajtu.

### Ħajtu fil-Familja u fil-Ħajja ta' Kuljum

Leonard, jew aħjar kif l-aktar konna nafuh, Nardu, twieled nhar is-26 ta' Lulju 1931 u kien iben Joseph u Marija Reġina, xebba Scicluna. Iżżewweġ lil martu Mansi nhar is-6 ta' Novembru 1956. Kellhom erbat itfal: Joseph, Gina, Mario u Susan. Ħadem għal aktar minn 30 sena mad-Dipartiment tal-Posta. Kien raġel iddedikat ferm lejn il-familja tant li kien lest jagħmel kull sagrifiċċju meħtieġ. Wara ġurnata xogħol il-Posta kont tarah jibqa' sejjer ikompli jaħdem xi xogħol fil-ġebel u mbagħad filgħaxija jmur idoqq f'xi tieġ. Mhux l-ewwel darba li daħal id-dar wara t-3:00 ta' filgħodu.

Tgħallem idoqq il-Kurunetta l-Ħamrun għand Mro. Twanny Chircop, li jiġi hu t-tenur ta' fama mondjali, Oreste. Matul il-karriera mużikali tiegħu tista' tgħid li daqq mal-baned kollha Maltin. Kien ukoll imfittex biex



*Nardu Farrugia qabel logħba futbol li ġiet organizzata bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet meta Mqabba Hajducks FC ġew promossi għall-ewwel darba fl-ogħla diviżjoni tal-futbol Malti.*

idoqq ma' l-orkestra fil-knejjes. Fil-Ġimgħa l-Kbira, ġeneralment kien idoqq ġewwa Ħal-Għaxaq u ż-Żejtun. Jiem ta' impenn mużikali għal Nardu kienu jkunu żgur dawk tal-Karnival. Allegra wkoll ħafna nies waqt għadd ta' tiġijiet, flimkien ma' l-orkestri ta' Jimmy Dowling u Julio Tanti. Però l-aktar għal qalb Nardu kienet bla dubju l-Banda Re Ġorġ V u warajha l-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, fejn għamel ħafna snin idoqq Kurunetta Solista. Il-mużika kien jeħodha b'serjetà kbira. Biżżejjed insemmu fatt ta' meta darba kien ħa l-kurunetta miegħu fuq ix-xogħol, biex filgħaxija jibqa' sejjer idoqq mal-Banda La Vallette. Biex jiċċajtaw sħabu tax-xogħol ħbewlu l-istrument. Dakinhar kien ħa għalih ħafna u ma tantx ħadha b'ċajta! Daqq saħansitra barra minn Malta, ġewwa l-Awstralja fost l-emigranti Maltin.

Għalkemm il-mużika kienet teħodlu ħafna mill-ħin liberu tiegħu, Nardu kien iħobb jerfa' ftit ħin biex joħroġ daqsxejn bis-senter għall-kaċċa. Kien ukoll jilgħab u dilettant kbir tal-futbol. Lagħab ma' Valletta Football Club u ġieli anke ntgħażel biex jilgħab ma' Malta. Martu Mansi tirrakkonta li bħala *honey moon*, eżatt wara li spiċċat l-ikla tat-tieġ għand ommha, kien ħadha tara logħba importanti bejn is-Sliema u l-Belt. Ħafna bandisti għadhom jiftakruh b'dik it-tbissima tiegħu, qabel il-kunċert idoqq l-Innu Taljan meta t-Taljani kienu jkunu rebħu fil-futbol. Nardu kien *supporter* kbir tat-Taljani !!

L-arti u l-mużika kienu ġo qalb Nardu. Kien iħobb, b'mod speċjali waqt l-għerusija, jmur jara l-opri l-Orpheum il-Gżira, u jara *plays* ġewwa t-Teatru Manoel il-Belt, jew ir-Radio City l-Hamrun.

### Nardu, is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V

Fi ħdan is-Soċjetà tista' tgħid involva ruħu f'kull qasam. Kien fil-kumitat fejn serva anke bħala President u aktar tard President Onorarju. Fiż-żogħżija tiegħu kien membru ta' l-għaqda tan-nar. Kien ukoll jagħmel parti attiva mal-grupp tejatrali Aurora. Min jaf kemm daqq il-kurunetta waqt it-tejatrin u min jaf kemm organizza kompetizzjonijiet tal-kant ġewwa s-sala prinċipali tal-każin.

Però l-aktar ħaġa għal qalbu fis-Soċjetà kienet bla dubju l-Banda: it-tieni familja tiegħu kienet tista' tgħid



Mqabba SM Bk06.indd 63 27/7/06 11:40:16

li hi l-Banda. Nardu regolarment kien jisħaq li: "Il-Każin huwa tal-Banda. Għalhekk fil-Każin il-mużika għandu jkollha l-ewwel prijorità. Il-Banda għandha tkun **is-Sinsla tas-Soċjetà"**. Kien jifraħ ħafna meta jara l-banda timxi 'l quddiem u kien jinkwieta mhux ftit meta jara xi ħadd mill-bandisti jaqta' lura u jibda jfalli xi kunċert. Kienu ħafna l-argumenti, xi kultant sħan ukoll, li kien ikollu sew mal-Kumitat Eżekuttiv kif ukoll mas-Surmast tal-Banda, l-aktar fl-ewwel żminijiet tal-ħidma tiegħu bħala għalliem tal-mużika. Mal-Kumitat, dan in-nuqqas ta' ftehim kien ikun ġeneralment ġej meta xi bandist tal-post kien ikun urtat fuq xi ħaga li ġratlu u Nardu kien jesiġi li l-Kumitat jagħmel immedjatament il-parti tiegħu biex dawn id-differenzi jkunu eliminati. Mas-surmast, l-argumenti kienu jieħdu xeħta oħra; ħafna drabi meta kien jesiġi li s-surmast jispjega aktar bil-kalma lill-alljievi (ġodda) l-mużika li tkun qed tiġi kkunċertata ħalli ħadd ma jiddejjaq u jaqta' qalbu; meta s-surmast kien forsi deher li seta' naqas mir-rispett lil xi bandist tal-post; meta s-surmast kien iwaqqaf ħafna waqt il-kunċerti. **Fil-waqt li kien jirrispetta lil kulħadd, dejjem kien jispiċċa jagħti raġun lill-bandist tal-post li kien il-mimmi t'għajnejh.** Nardu sa l-aħħar mumenti ta' ħajtu kien jemmen li: **"Jekk għandek għal qalbek il-ġid tas-Soċjetà ridt tibni pedament sod għall-Banda, permezz tat-tagħlim kontinwu u r-rispett tal-bandisti tal-post".** Kien spiss jgħid: *"Daqs kemm iħoss bandist tal-post għall-banda tiegħu, ma jista' jħoss l-ebda bandist ieħor li jkun qed jiġi maqlugħ bil-flus"*. Nardu kien jaf dan mill-esperjenza tiegħu mal-Baned. Bandist tal-post mgħallem sew mużikalment iżda li jkollu wkoll fil-vini tiegħu jiġri d-demm ta' Mqabbi ġej minn familja li dejjem kienet qrib il-każin u l-festa ta' Santa Marija tagħmel id-differenza kollha. Nardu dejjem saħaq li l-Banda tkun mibnija madwar l-element Imqabbi. Fit-trufijiet dejjem ried li jkun hemm Bandisti Mqabbin !!

Nardu ħadem ħafna biex il-banda tibqa' ħajja b'mod speċjali wara li ħafna mill-bandisti emigraw fis-snin sittin. Konna nisimgħuh jirrakkonta meta f'xi okkażjonijiet f'Santa Marija l-ammont ta' bandisti kien ikun tant żgħir li l-bandisti kienu jaħbtu jaqtgħu qalbhom idoqqu. Però Nardu b'dik id-determinazzjoni



*Nardu flimkien ma' martu s-Sinjura Mansweta Farrugia.*



*Il-familja kollha ta' Nardu waqt it-tieġ tat-tifla tiegħu Susan.*

unika tiegħu kien jagħmel kuraġġ lil sħabu u l-marċ kienu jagħmluh xorta avolja bi ftit bandisti! Bla tlaqlieq nistgħu ngħidu li Nardu jaħti li l-baned Imqabbin għadhom jeżistu u ma mitux mewta naturali. Fi żmien meta fil-Każini tar-raħal l-attività mużikali kienet limitata ħafna, Nardu hekk kif sar jaf li grupp ta' żgħażagħ kienu qed imorru jitgħallmu l-mużika ġewwa tas-Sliema, mill-ewwel ħajjarhom sabiex jibdew imorru l-każin ta' Santa Marija ħalli jkompli jgħinhom fit-tagħlim mużikali hu. Kien minn hemm li aktar tfal u żgħażagħ reġgħu tħajjru jitgħallmu l-banda fl-Imqabba. B'hekk, bis-saħħa ta' Nardu l-Baned fl-Imqabba reġgħu ħadu l-ħajja! Nardu kellu dik il-kariżma specjali ġo fih li kienet tiġbed tfal u żgħażagħ jiġu l-każin jitgħallmu l-banda.

Kien jemmen ħafna fit-tagħlim u nistgħu ngħidu li fis-Soċjetà żera ċertu mħabba u fl-istess ħin dixxiplina sabiex dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Banda jittieħed bl-akbar serjetà. Il-prinċipji mużikali huma l-istess, sew biex iddoqq ma' l-aqwa orkestri tad-dinji kif ukoll waħdek id-dar … biss it-toroq li jwassluk dejjem aktar lejn il-perfezzjoni huma diversi u Nardu fuq dan kien jisħaq u jipprattika. Tifel/tifla promettenti kien jinduna bih/a mill-ewwel ...... u kien jagħraf jaddatta t-tagħlim għalih/a; iżda jekk kien jinduna li xi ħadd li jrid jitgħallem il-mużika kien ikun ftit batut, kien kapaċi jaddatta l-mod tat-tagħlim għalhekk ukoll u b'paċenzja liema bħalha, kien jirnexxilu joħroġ il-fjur saħansitra mix-xewk! Meta xi ħadd, inkluż hu nniffsu, kien imur tajjeb f'xi ħaġa, kemm jekk f'xi Solo, kemm jekk f'xi eżami, Nardu kien iħobb jiċċajta u jgħidlu: **"Din l-ewwel tarġa. Ara li tibqa' tistudja għax it-tagħlim jintemm mal-mewt biss".** U nistgħu ngħidu li, għal ħafna minn dawk li ħadu xi tagħlim mingħand Nardu, dan il-parir sewa, kemm fil-karriera mużikali, kif ukoll fl-oqsma kollha oħrajn tal-ħajja tagħhom.

Fl-"Apprezzament", miktub minn Mro. Anthony Camilleri wara l-mewt ta' Nardu, li kien ippubblikat fil-gazzetti lokali u fil-Programm tal-festa 1996, insibu hekk: *"Fuq il-karriera mużikali tiegħu, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mad-daqq tal-kurunetta, hemm ħafna x'wieħed jgħid iżda li tista' tiġbru fi*



Mqabba SM Bk06.indd 64 27/7/06 11:40:17



*Il-mużika kienet wisq għal qalb Nardu Farrugia.*

*ftit kliem: kien mużiċist eżemplari li dejjem fittex il-perfezzjoni. Min jaf kemm qattajna ħinijiet twal nisimgħu flimkien xi recording ta' Glenn Miller u l-big bands l-oħra tal-Jazz ta' dak iż-żmien u li tant kien iħobb, u jirrakkontali kif ċerti solijiet fuq il-kurunetta kien jagħmilhom fuq l-istil ta' Armstrong, oħrajn fuq ta' Dorsley, eċċ…, dejjem bi skop wieħed f' rasu li jtejjeb il-ħoss ta' l-istrument bħal dak ta' professjonisti stabbiliti. Għalkemm ftaħir ma kienx jaf x'inhu, ġieli konna nkunu qed nitkellmu u jgħidli kemm kien stmat fl-orkestri li daqq magħhom matul is-snin fosthom dik ta' Jimmy Dowling u oħrajn. Fost l-aktar affarijiet li kienu jdejquh kien il-fatt li l-mużiċist Malti huwa stmat aktar barra minn pajjiżu milli f'pajjiżu. Biex jissostanzja dan kien iħobb isemmili meta daqq kemm il-darba f' Pubs l-Ingilterra u aktar riċenti fl-Awstralja, fost l-emigranti Maltin. Mal-baned Maltin, daqq tista' tgħid mal-maġġor parti tagħhom, iżda żgur jibqa' mfakkar bħala l-kurunettista solista għal żmien twil mal-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq kif ukoll mal-Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba, li kienet il-mimmi t' għajnejh."*

**Nardu kien mużiċist ta' veru.** Apparti r-rabtiet mal-Każin u l-Banda taghna, Nardu kien idoqq ma' ħafna baned u "big bands" oħrajn għax kellu talent kbir li minbarra li teknikament, il-kurunetta kien jilgħab biha kif irid, kien iħoss ħafna l-mużika. Jibqgħu mfakkra għadd ta' solijiet li daqq b'abbiltà u professjonalità mal-Banda Re Ġorġ V fil-pjazza matul il-festa ta' Santa Marija. U wara kull programm, bl-umiltà tipika tiegħu, kien dejjem imur fuq sħabu l-bandisti u s-Surmast jgħidilhom… **"stajt daqqejt aħjar!"**

Minbarra dan, kellu wkoll pinna mużikali tajba u l-melodiji li kien juża fil-marċi li kkompona **kienu tiegħu biss!** Jekk l-Innu Marċ "Marija Assunta" huwa t-timbru ta' Nardu bħala kompożitur tal-Marċi tal-widna, il-Marċ Funebri tiegħu "Tislima" juri s-sensittività mużikali kbira li kellu.

Nardu baqa' jħobb il-Banda sa l-aħħar nifs ta' ħajtu. Minħabba saħħtu kellu kontra qalbu jieqaf idoqq. Però xorta waħda baqa' jinżel il-każin għall-kunċert. Ma kienx joqgħod mingħajr ma' jara kif inhi sejra l-banda. Kien ħa gost ħafna meta sar jaf li l-banda kienet ser issiefer l-Italja.

Ma kellux ix-xorti li jakkumpanjana l-Italja għax miet ftit xhur biss qabel morna ndoqqu l-Italja. Kien ikun żgur sodisfazzjon kbir għal Nardu kieku kellu jara l-Banda tagħmel dak is-suċċess kbir Internazzjonali f' Lulju ta' l-1996.

Min jaf kemm kien jifraħ, u bir-raġun jitkabbar, li kieku fl-1998 kien għadu magħna meta primarjament bis-saħħa tal-Banda li hu tant ħabb, is-Soċjetà tagħna kisbet l-unur prestiġġjuż u uniku, **Etoile d'Or du Jumelage**. Mhux ta' b'xejn li t-tifkiriet ta' dan l-unur illum jinsabu ġewwa l-Każin fis-Sala tal-Kunċerti tal-Banda, merfugħa ħdejn il-Kurunetta li Nardu daqq għal ħafna snin mal-Banda Re Ġorġ V.

**Ħajr għall-informazzjoni:**
Sinjura Mansi Farrugia (mart Nardu).
Inġ. Mro. Anthony Camilleri.



*Nardu waqt wieħed mill-kunċerti.*

**Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba**

issa miġbura fi ktieb ta' Carmen Lia

*Ktieb utli għall-istudenti ta' l-Istorja – Rigal uniku għal qrabatna Emigranti*
*Jista' jinxtara mill-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V*



Mqabba SM Bk06.indd 65 27/7/06 11:40:18

# Marija fil-Familja

*Kitba tas-Sur Vince Marshall*

Marija li tul il-ħajja tagħha batiet però dejjem baxxiet rasha għal Binha Ġesù u hekk aħna lkoll għandna nbaxxu rasna għat-talba ta' Ommna Marija.

**(It-Tbatija ta' Marija tul il-33 sena li Sidna Ġesù Kristu kien bħala Bniedem f'din id-dinja.)**

Marija li mat-Tħabbira ta' l-Anġlu li Hi kellha tkun Omm Alla beżgħat. Imma rebħet il-biża' u qalet '..ikun minni skond Kelmtek.' Dik Marija li obdiet is-sejħa tal-Missier Alla. Marija li bdiet il-Missjoni tat-Tbatija (Pjan ta' Alla). Ftit ġranet jekk mhux sigħat qabel ma waslilha ż-żmien biex twelled. Marija u Ġużeppi bdew iħabbtu bieb bieb biex isibu kenn taħt rashom biex din l-omm tagħna twelled is-Salvatur tad-dinja. Imma jien u int konna li sabbatna l-bieb f'wiċċ Ġużeppi. Konna jien u int li għal darba, tnejn, tlieta ma għarafniex min kienet dik it-taħbita fil-qlub tagħna; min kienet dik il-Mara imtertra bil-bard lesta li twelled tarbija. Konna jien u int illi keċċejna lil din l-omm għax Ommna Marija ma għadx hemm postha fil-familja tagħna. Din l-omm trid illi tidħol bil-forza f'kull dar Maltija. Trid illi bit-talba tar-Rużarju ningħaqdu magħha bħala Omm tal-ħniena. Huti niftakru fil-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu fuq is-salib, jien u int konna hemm; iva konna taħt is-salib meta Ġesù ħares lejk u lejja u qalilna **"Hawn hi Ommok"** Imbagħad dar lejn Ommu u qalilha, **"Mara hawn Hu ibnek"** u min dak il-ħin Ġesù nistgħu ngħidu li ħareġ lil dik l-omm mill-qalb għażiża tiegħu u ta lili u lilek biex ngħożżuha. Kemm jien u int lesti li nagħtu lill-ġenituri tagħna lil ħaddieħor? Kemm jien u int lesti li inċedu lil Ommna?

Ħuti din l-omm għalhekk tinsab imweġġgħa, għalhekk qed tibgħat il-messaġġi. Aħna niċċelebraw il-festa tad-Duluri darba fis-sena, mentri din Ommna id-dulur tagħha huwa s-sena kollha u mhux festa imma hija ġurnata li għandna għalfejn nithassruha. Hija ġurnata ta' għajb għal kull wieħed u waħda minna għaliex lil din l-Omm ħallejnieha barra mill-familja tagħna u sabbatnilha l-bieb f'wiċċha. Din l-Omm li Binha Ġesù mar jagħtihielna personalment minn fuq il-mewt tas-Salib bħala Ommna. Aħna wkoll spiċċajna li ttradejna lil din l-Omm li għandna bżonnha fil-ħajja tagħna għax hija biss tista' li tinterċedi għalina quddiem Binha Ġesù bħalma għamlet fit-tieġ ta' Kana meta l-għarajjes naqsilhom l-inbid.

Ejjew ħuti lil din l-Omm tant għażiża insibulha post fid-djar tagħna. Mhux qed ngħid għal xi statwa, imma l-Omm vera insibulha post fil-qlub tagħna. Niftakru x'kienet għalina il-Maltin din l-omm. Jekk aħna nħarsu lejn l-istorja ta' pajjiżna ikun biżżejjed biex naraw x'kienet għalina. Biex ser inħallsu lil din l-Omm? Qegħdin fiż-żmien ta' festi u għandna ħafna festi li huma ddedikati lil Ommna Marija però kif qed inħarsu lejn dawn il-festi? Qed ikunu festi pagani? Qed ikunu festi għall-unur vera ta' Ommna Marija? Il-Madonna ma tridx xinxilli ta' l-armar, ma tridx il-murtali u kaxxi nfernali, imma trid lil kull qalb tagħna tkun infernali b'imħabba tal-ġenn lejn din l-Omm. Trid illi jien u int naċċetawha verament bħala Ommna .

Ħuti mela aħna li nissejħu nsara ejjew biex taħt il-mant ta' Ommna Marija nissieħbu magħha fit-tbatijiet. Nissieħbu magħha fit-talba hekk sabiħa tar-Rużarju u nitolbuha tħarisna minn kull tentazzjoni, minn kull qtiegħ il-qalb u li fuq kollox tressaqna aktar viċin ta' Binha Ġesù billi nżuru ta' spiss is-Santissimu Sagrament li hu l-wirt għażiż li Binha Ġesù mar iħalli għalik u għalija. Il-wirt għażiż li permezz ta' Ommna Marija li kien il-ġuf tagħha it-Tabernaklu Mqaddes li sawwar il-ġisem hekk mistiku ta' Ġesù. Nitolbu biex tħares lil Malta tagħna u titfa' taħt il-mant tagħha liż-żgħażagħ kollha.



*Is-Sur Vince Marshall jitkellem fuq Marija fil-familja bħala waħda mit-temi magħżula għall-Ġimgħa Marjana organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ġewwa l-Isptar il-Qadim.*

# Tifkiriet ta' Toni Borg

## Kitba tas-Sur Giovanni Farrugia

Toni Borg twieled ġewwa l-Imqabba nhar it-12 ta' Settembru 1905 u miet fl-24 ta' Mejju 1988. Fil-familja kienu erba' subien; Anġlu, Toni, Leli u Ġużeppi u oħthom waħda, Karmena. Kienu joqogħdu fi Triq Santa Katarina quddiem Pietru Psaila. Toni żżewweġ fis-16 ta' Settembru 1927 lil Tona Camilleri u kellhom disat itfal, sitt subien u tlieta bniet.



*Toni Borg (1905 – 1988)*

F'żogħżitu kien imdaħħal sew fis-Soċjetà Santa Marija u kien jieħu sehem ħafna fix-xogħol ta' l-armar speċjalment meta għamlu l-Pedestall il-Kbir magħruf aktar magħna l-Imqabbin bħala 'l-Kolonna', flimkien ma' Giovanni Ghigo u Ġanni Ghigo. Hu kien pijunier kbir għall-partit ta' Santa Marija. Filfatt kellu wkoll parti kbira fl-amministrazzjoni li llum jismu Palazz Santa Marija. Fi żmien il-gwerra Toni kien jaħdem fil-limiti Ta' Kandja, ma' l-*Air Ministry* bħala mastrudaxxa. Meta mbagħad spiċċat il-gwerra fetaħ ħanut żgħir għal rasu li kien jinsab f'numru 54 Triq Santa Katarina ġewwa l-Imqabba stess. Waħda mix-xogħlijiet sbieħ li ħarġu minn taħt idejn Toni hija propju l-antiporta ta' l-istess sede tas-Soċjetà. Meta f'April 1942 il-Knisja ta' l-Imqabba sofriet ħsarat kbar billi waqgħet parti minnha matul il-gwerra, Toni kien inkarigat biex jagħmel il-forom tal-ħnejjiet ta' l-istess knisja. Ix-xogħol tal-kostruzzjoni kien taħt Mastru Paskal Xuereb. Meta tlestiet il-koppla, Toni għamel it-twieqi tal-koppla u l-bieb tan-naħa tal-Kunċizzjoni. L-ewwel gallerija ta' l-orgni hi xogħol ta' l-imgħallem Toni Borg. Tant ħa fama nazzjonali li l-arċipriet tal-Furjana kien qabbdu sabiex jagħmel it-twieqi tal-knisja tal-Furjana. Toni kien jagħmel xogħol professjonali kif filfatt kien qallu wieħed Bormliż li kien jaħdem ma' Ġanni Ghigo u ma' Leli Zammit.

L-aħwa Borg kellhom għal qalbhom il-Fratellanza tas-Sagrament. Filfatt kont tarah f'kull purċissjoni mingħajr ma jfalli ebda waħda; il-purċissjoni tal-Għid, fil-Corpus, fil-Qalb ta' Ġesù, fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju….. insomma anke kien iħeġġeġ lill-oħrajn sabiex jilbsu fratelli. Għalkemm f'dawk iż-żminijiet missirijietna ma kellhomx il-mezzi u l-kumdità li għandna llum, xorta waħda kienet tispikka l-qalb tajba tagħhom. Toni minn dejjem kellu dik iċ-ċerta kalma u determinazzjoni.

Toni kellu wkoll għal qalbu ħafna il-bandalora taż-żimarri jew aħjar kif konna nsibuha aħna bħala l-istendard iż-żgħir. Meta kellu l-ħanut ta' mastrudaxxa, niftakar li kont immur għandu. Ġieli ħdimt xi artal fl-injam u kemm-il darba kienu joqogħdu jgħinuni t-tfal tiegħu, meta ma kinux jaqbdu u jagħmluh huma fuq id-disinn li nkun għamilt. Toni kien bniedem paċenzjuż ukoll, joqgħod jisimgħek u wara joqgħod jargumenta. Insomma waħda mill-familji li kelli għal qalbi ġewwa l-Imqabba.

Ix-xogħol f'Malta kien beda jonqos effett tal-gwerra u xi tfal minn tiegħu kienu marru jgħixu l-Awstralja. Riżultat ta' dan Toni mar ukoll l-Awstralja fl-1958 iżda għalkemm għamel minn kollox, ma setax jissetilja hemmhekk. Kien fil-1969 meta dan Toni reġa' lura f'art twelidu bid-differenza li din id-darba mar joqgħod ġewwa Ħad Dingli fejn it-tifla tiegħu Marija. Biss fil-festi prinċipali qatt ma kien jonqos milli jieħu sehem b'mod attiv. L-aħħar li niftakar li rajtu liebes ta' fratell kien f'Santa Marija, jerfa' s-salib tal-fratellanza tar-Rużarju fil-1971.

Toni Borg minbarra li kien bniedem ta' rispett kbir u ta' karattru ħelu kien bniedem ukoll li jżomm il-ħbiberija għal tul ta' żmien u dak li tagħmel miegħu kien jaf jistmah. Barra dan Toni kellu memorja tajba tant li meta kont insemmilu xi parti mill-istorja ta' l-Imqabba kien jgħidhieli b'ċerta dettal li għalija kienu jkunu ta' għajnuna kbira fir-riċerki tiegħi li kont inkun qed nagħmel. Saħħet Toni bdiet tmur lura u niftakar li l-aħħar darba li ltqajt miegħu kien fil-1984. L-għażiż ħabib tagħna Toni, ħalliena fil-24 ta' Mejju 1988.

Lil ħabib tiegħi Toni
Raġel twajjeb u sincier,
Fuq fommu dejjem bid-daħka
Darba qalli, "Giovan, tgħid nagħmel disinn ta' planċier?"

Toni għamel ħafna xogħol kbir,
Dejjem ħadem u stinka mingħajr tnikkir
Biex b'xogħlu jogħġob bla tifħir,
Fl-Imqabba u l-Furjana, raġel ħareġ mingħajr tmaqdir!

Ta' spiss konna aħna niltaqgħu
Biex insolvu x'affarijiet,
Li fuqna jkunu dawn ikunu ġew
Santa Marija tgħinna mingħajr tbatijiet.

Il-Knisja kont dejjem issibu,
Jitlob lil Marija jkollna r-riżq
Habibi Toni sikwit kien jgħidli,
"Santa Marija tagħna ħelwa wisq."

Toni mar u ħalliena
Biex jiltaqa' mal-Feddej,
Nissuktaw għalih nitolbu
Għalih ħenn twajjeb Mulej!



Mqabba SM Bk06.indd 69 27/7/06 11:40:24

# Attivitajiet Varji

Kitba tas-Sur Vince Attard Direttur Attivitajiet

Nixtieq nibda dan il-messaġġ tiegħi billi l-ewwel nirringrazzja lil dawk kollha li fdaw il-fiduċja tagħhom fija billi bil-vot tagħhom tellgħuni għall-ewwel darba fil-Kumitat Ċentrali. Il-Kumitat għoġbu jaħtarni bħala Direttur ta' l-Attivitajiet u minn hawn nixtieq infakkar lis-Soċi, membri u Partitarji kollha tagħna, fl-attivitajiet li għamilna tul l-aħħar ħames xhur tas-sena l-oħra, kif ukoll f'dawn l-ewwel seba' xhur ta' din is-sena.



*Tfal Imqabbin waqt żjara ġewwa s-sede tagħna bħala parti minn SkolaSajf.*

Ma naqsitx bħas-soltu l-parteċipazzjoni tagħkom fis-suċċess enormi tal-Lejla Maltija f'lejlet il-Kwindiċina fejn waqt spettaklu grandjuż, spettaklu li fih spikkat il-Kanzunetta Maltija, offrejna wkoll ikla tradizzjonali Maltija.

Kien imiss il-kunċert annwali li bħas-soltu jaf jagħtina l-bravu Surmast tal-banda tagħna Mro. David Agius, fl-l0 t'Awissu li fost is-siltiet sbieħ li smajna kellna ukoll l-opportunità li nisimgħu lill-famuż kantant Malti Enzo Gusman li jekk hawn min isegwih fuq stazzjon tar-radju partikolarli, għadu hu stess isemmi din il-lejla qatt minsija.



*Is-Salib tal-pjazza mixgħul għall-ewwel darba bi fjakkli f'Jum Ħamis ix-Xirka.*

Attività partikolari li ġiet organizzata ġewwa l-Bini ta' l-Isptar il-Qadim dejjem bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali, ilqajna lill-Banda barranija Bedford Town Band, u lill-grupp ta' żgħażagħ minn Cirò ġewwa l-Italja, li kienu l-mistednin tagħna tul il-festa. Hemmhekk fost kliem ta' l-okkażjoni sar skambju ta' rigali kif ukoll offrejnielhom ikla tradizzjonali Maltija. Il-banda Ingliża ipparteċipat fil-marċi matul it-toroq tagħna kif ukoll minn fuq il-planċier il-ġdid. L-aħħar okkażjoni li kellna mal-grupp ta' Bedford Town Band kienet dik ta' lejlet il-festa fejn stedinihom isegwu il-ħarqa tan-nar li jafu jagħtu shabna tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija, minn fuq il-bejt tal-każin.

Fil-15 ta' Novembru 2005 il-Banda tagħna, għal darba oħra taħt id-direzzjoni tas-Surmast Mro.David Agius tellgħet il-kunċert annwali ta' Santa Ċeċilja organizzat mill-Assoċjazzjoni tal-Baned Maltin, ġewwa t-Teatru Manoel il-Belt Valletta taħt il-patroċinju ta' l-Eċċellenza Tiegħu President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami u l-First Lady Mrs. M. Fenech Adami, fejn dan il-kunċert ħareġ tant u tant tajjeb.

Kunċert ieħor li nżamm f'Marzu 2005 ġewwa l-każin kien dak ta' l-10 anniversarju mill-bidu tal-Ġemellaġġ storiku li s-Soċjetà tagħna permezz tal-Banda Re Ġorġ V għamlet ma' dik ta' Corpo Bandistico ta' Santa Vittorja ġewwa Ascoli l-Italja kif ukoll bħala tifkira ta' l-10 anniversarju mill-mewt tal-mibki iżda qatt minsi s-Sur Leonard Farrugia.



*Il-Banda Re Ġorġ V waqt il-kunċert ġewwa s-sala prinċipali tal-Każin bħala tifkira ta' l-għaxar anniversarju mill-bidu tal-ġemellaġġ storiku kif ukoll l-għaxar anniversarju mill-mewt ta' Leonard Farrugia.*

Bħala nkorraġġiment lil shabna tal-logħob tan-nar, nhar it-28 ta April 2005 lejlet il-Festival tal-logħob tan-nar, organizzajna ikla lil



Mqabba SM Bk06.indd 71 27/7/06 11:40:26



*L-anzjani Mqabbin residenti ġewwa St. Vincent De Paule li ġew fostna sabiex jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Morda matul il-Festa Titulari ta' Santa Marija.*



*Il-Party tal-Milied organizzat ta' kull sena għat-tfal. Żgur li l-aktar mument mistenni mit-tfal ikun dak tal-wasla tal-Christmas Father biex iqassam ir-rigali.*

dawn il-kollegi tagħna, li l-għada, bil-ħila u l-professjonalità tagħhom rebħu u ġabulna ġewwa l-każin tagħna mhux wieħed iżda **SITT** (6) trofej wara l-wirja spettakolari piroteknika ġewwa l-Valletta Waterfront fil-Belt Valletta fl-ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta orgranizzat fuq bażi kompetittiva.

Għalkemm m'hinix mir-raħal sabiħ ta' l-Imqabba, skond kif jgħidu whud mill-familjari tiegħi jiena għandi n-nannu tiegħi li twieled hawn u kien hawnhekk li tħajjar jibda jdoqq xi strument.

Infatti n-nannu tiegħi li kien jismu Karmenu kien wieħed mill-mużiċisti li kien idoqq il-kuntrabaxx mal-Banda King's Own tal-Belt Valletta.

Jien ilni noqgħod hawn, ġewwa l-Imqabba għal dawn l-aħħar 20 sena u kif nitkellem ma' ħafna minn sħabi nħossni li issa jien nagħmel parti sew mill-Imqabbin, b'mod speċjali ġewwa l-każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**VIVA L-PATRUNA TA' L-IMQABBIN KOLLHA SANTA MARIJA**






Mqabba SM Bk06.indd 72 27/7/06 11:40:29

# L-Isqof Mario Grech

## *…l-Isqof il-Ġdid ta' Għawdex*



Monsinjur Mario Grech twieled u tgħammed fil-Parroċċa tal-Qala Għawdex, nhar l-20 ta' Frar 1957. Missieru jismu Ġorġ u ommu Stella. Meta Mario Grech kien għadu ta' età żgħira l-familja kollha marru joqogħdu fil-Parroċċa ta' Kerċem. Hemmhekk beda jattendi l-iskola tas-Sorijiet Karmelitani u wara l-Iskola Primarja ta' Kerċem stess.

Kompla l-istudji tiegħu fl-Iskola Sekondarja tar-Rabat Għawdex u fl-1977 beda l-kors tal-Filosofija segwit minn dak tat-Teoloġija ġewwa s-Seminarju ta' Għawdex. Mario Grech kien ċajtier, ġentili u dejjem serju fuq xogħlu iżda fl-istess ħin kien bniedem attiv speċjalment fi-Rivista Djoċesana li tagħha kien wieħed mill-assistenti edituri għal xi żmien, kif ukoll attiv fl-attività tal-Grupp tad-Drama, arti li Dun Mario dejjem ħabb u wera talenti partikulari fiha sa minn żmien l-Iskola Sekondarja.

Ġie ordnat qassis fil-Katidral ta' Għawdex nhar is-26 ta' Mejju 1984 minn idejn l-Isqof Nikol Cauchi. Dun Mario Grech intbagħat Ruma fejn kiseb il-liċenzjat fil-Liġi Kanonika u Ċivili fl-Università Pontifiċja tal-Lateran. Matul dan iż-żmien ġewwa Ruma, Dun Mario Grech wettaq il-missjoni pastorali tiegħu fil-parroċċa ta' l-Assunzjoni fiż-żona Tuscolana. Kellu esperjenza fit-Tribunal tal-Knisja ġewwa Ruma kemm fil-Vigarjat kif wkoll fis-*Sacra Romana Rota* fejn seta' jipprattika l-liġi Kanonika. Meta rritorna lura Għawdex minn Ruma, Dun Mario ġie maħtur għal diversi snin bħala Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Kurja u mbagħad propju fis-sena 1993 serva bħala Vigarju Ġudizzjali għat-Tribunal Ekkleżjastiku ta' Għawdex. Fl-istess ħin serva wkoll bħala Mħallef fit-Tribunal tal-Knisja f'Malta.

Dun Mario jibqa' mfakkar ukoll fit-twaqqif tar-Radju RTK u l-parteċipazzjoni tad-Djoċisi Għawdxija f'din il-kumpanija, kif ukoll fil-bini tal-*Lumen Christi Media Centre* li llum jospita fih l-Uffiċċji tad-Dar tal-Kotba *Lumen Christi*, ir-Rivista Djoċesana Il-Ħajja f'Għawdex, il-*Book Shop* tad-Djoċesi u l-*istudios* li minnhom jittellgħu diversi programmi fuq l-istazzjon tar-Radju RTK. Dun Mario kien imdaħħal ukoll fil-proċess għall-Beatifikazzjoni tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita Debrincat, fundatriċi ta-Sorijiet Frangiskani Missjunarji tal-Qalb ta' Ġesù, kif ukoll dik tal-fundatur tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, Monsinjur Ġużeppi de Piro. Kien jaħdem ukoll fost il-Grupp ta' Lajċi Konsagrati fil-Grupp Djoċesan ta' l-*Anawim*.

Madwar sena u nofs ilu Dun Mario Grech aċċetta li jidħol għat-tmexxija, bħala Kappillan, tal-Parroċċa ddedikata lill-Madonna tas-Sokkors u San Girgor ġewwa Kerċem. Ġie kkonsagrat Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex nhar il-Ħadd 22 ta' Jannar 2006 ġewwa l-Knisja Katedrali ta' Għawdex wara l-irtirar ta' l-Isqof Nikol Cauchi, li serva lid-Djoċesi għal 34 sena.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq tawgura lil Monsinjur Mario Grech ħidma fejjieda fil-ħatra ġdida tiegħu bħala Isqof ta' Għawdex.

*Ad Multos Annos.*




**Top Hat**

**Tailoring and Hiring Service**

**• Weddings • Holy Communion •**
**Confirmation Suits • Graduation Gowns •**
**Wedding Gowns for Brides • Bridemaids •**
**Mother of the Bride • Lingerie**

**210, St. Edward Street, Qormi**
**Malta**
**Tel/Fax: 00356 2148 8241**




Mqabba SM Bk06.indd 73 27/7/06 11:40:35

# Sena ta' Ħidma bla Waqfien

Is-Sur Carlo Sciberras President – Sezzjoni Żgħażagħ

Għeżież Soċi u Partitarji,

Ninsabu għal sena oħra ferm viċin sabiex niċċelebraw il-Festa Ewlenija ta' l-Imqabba dik tal-Patruna Universali Santa Marija. F'dan iż-żmien tant mistenni minna lkoll, kull fergħa fi ħdan is-Soċjetà tkun impenjata b'mod sħiħ għall-aħħar preparazzjonijiet sabiex ilkoll flimkien naħsdu l-frott ta' sena ħidma mingħajr waqfien.

Bħala Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ nista' ngħid li l-ħidma fejjieda tagħna kompliet tissaħħaħ b'mod partikulari din is-sena fejn għal darb'oħra erġajna konna minn ta' quddiem fl-organizzar ta' attivitajiet u fl-iffinanzjar ta' opri artistiċi ġodda li ser ikunu jistgħu jitgawdew fil-festa titulari. Huwa fatt li dan kollu seta' jsir biss grazzi għall-ħidma volontarja taż-żgħażagħ ulied is-Soċjetà. Nagħmel referenza żgħira fuq il-Festa li għaddiet, fejn ma nistax ma nsemmix il-marċ trijonfali ta' l-aħħar tridu organizzat kollu kemm hu miż-żgħażagħ tagħna b'ħila liema bħalha fejn ikkonfermajna l-kapaċità u l-abbiltà tagħna sabiex jittella' spettaklu uniku ta' briju fil-pjazza ta' l-Imqabba. Ta' min jgħid li fl-istess marċ żanżanna l-invenzjoni intelliġentissima ta' sistema oriġinali ta' kanuni ta' l-arja li ħolqot atmosfera grandjuża. Din kompliet issaħħaħ isem is-Sezzjoni Żgħażagħ f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' briju organizzat. Nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja b'mod partikulari lis-Sinjuri Jerry Ghigo, Marvin Tabone u Simon Saliba kollha membri fi ħdan is-Sezzjoni Żgħażagħ li taw is-sehem sħiħ tagħhom fuq dan il-proġett. Wieħed ta' min isemmi wkoll li għalkemm kien hemm xi intoppi minn xi wħud xorta waħda spikkat l-organizzazzjoni tagħna



*Kumitat Sezzjoni Żgħażagħ 2006.*
*Bil-qiegħda mix-xellug: Nicholas Baldacchino, Carlo Sciberras (President), Pauline Farrugia. Bil-wieqfa mix-xellug: Jurtin Ghigo, Jonathan Mifsud, Chris Schembri Baldacchino, Clinton Zammit, Mario Zammit. Neqsin: Bevill Ghigo, Renée Pace u Steve Cardona.*



*Is- Sur Jerry Ghigo waqt ix-xogħol tiegħu fuq sistema oriġinali ta' kanuni ta' l-arja li żżanżnet mis-Sezzjoni Żgħażagħ waqt il-marċ trijonfali ta' l-Aħħar Tridu.*



*Il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ ma' l-unuri mirbuħa mill-Għaqda tan-Nar waqt il-Festival Internazzjonali tal-logħob tan-nar.*



*Parti mill-Grupp li ħa sehem fil-proġett tal-programm YOUTH f'Awissu 2005.*



Mqabba SM Bk06.indd 75 27/7/06 11:40:43

f'kull aspett li jirrigwarda briju innovattiv. Hawnhekk ġie muri l-moral qawwi u d-determinazzjoni taż-żgħażagħ tagħna li kienu tassew eżemplari u ta' mera għall-bosta. Minn hawn nirringrazzja lil kull min kien involut fl-organizzazzjoni ta' dan l-ispettaklu. Huwa fatt li s-Soċjetà tagħna hija Soċjetà li dejjem ħarset 'il quddiem b'mod realistiku u qatt moħħha f'dak li jagħmel ħaddieħor. Din hija l-identità tagħna li ssawret tul is-snin u eventwalment hija l-mogħdija għal triq mimlija suċċessi.

Is-snin 2005 u 2006 żgur li ser jibqgħu mnaqqxin b'ittri tad-deheb fl-istorja tas-Soċjetà u ta' l-Imqabba. Dan minħabba d-diversi avvenimenti li seħħew fosthom il-bidu ta' l-ewwel Skambju Kulturali mill-Programm YOUTH ta' l-Unjoni Ewropea bejn iż-żgħażagħ li qatt sar f'festa Mqabbija, il-Banda Re Ġorġ V bħala l-ewwel banda Mqabbija li qatt tellgħet kunċert sinfoniku fit-Teatru Manoel, l-esebizzjoni mill-Għaqda tan-Nar fis-Summit taċ-CHOGM u l-kisba ta' l-unur bħala rebbieħa assoluti ta' l-ewwel Festival Internazzjonali tal-logħob tan-nar li qatt sar f'pajjiżna.

Sabiex tikkumplimenta ma' dan kollu, is-Sezzjoni Żgħażagħ kompliet testendi r-relazzjonijiet Internazzjonali tagħha bit-tkomplija ta' l-Iskambju Kulturali fejn propju bejn l-10 u s-17 ta' Lulju 2006 konna qegħdin nirrappreżentaw lis-Soċjetà u lil Malta ġewwa Cirò fir-Reġjun ta' Reggio Calabria ġewwa l-Italja b'ħidma konġunta ma' l-*Associazzioni Cristiane Lavoratori Italiani* (ACLI) li kienu fostna propju fil-Festa tas-sena l-oħra.

Hawnhekk ta' min itenni li s-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna hija uffiċjalment l-ewwel Sezzjoni Żgħażagħ Imqabbija li għandha skambju kulturali. Minn hawnhekk nirringrazzja lill-uffiċjali ta' l-EUPU u lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ta' l-għajnuna li offrewlna.

Ta' min isemmi li din is-sena taħbat propju l-għeluq ta' l-għaxar sena tas-sit uffiċjali tas-Soċjetà *www.santamarija.com* li permezz tiegħu konna l-ewwel Soċjetà Mużikali fl-Imqabba u fost l-ewwel fil-pajjiż li dħalna fid-dinja ta' l-informatika. Minn hawnhekk



Uħud mill-parteċipanti waqt l-isparatura fuq il-plattini.




L-ewwel tliet volumi tal-pubblikazzjoni ġdida bit-titlu 'It-Titular'.

nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lis-Sinjorina Louiselle Sciberras tal-kontribut tagħha sabiex jitmexxa dan is-sit elettroniku.

Kienet ukoll inizjattiva sabiħa min-naħa tagħna li nwelldu pubblikazzjoni ġdida intitolata 'It-Titular' li ntlaqgħet tajjeb ferm mis-soċji u partirarji kif ukoll mill-barranin. Ta' min jgħid li l-livell ta' professjonalità li tgawdi minnha din il-pubblikazzjoni hu tabilħaqq singulari fir-raħal tagħna.

F'dak li jirrigwarda armar ġdid nista' ngħid li bħalissa għaddejjin minn proġett ambizzjuż li jinvolvi ħafna xogħol fejn din is-sena ser naraw sett ta' trofej ġodda għal Triq Karmenu Ciantar. Għal darb'oħra s-Sezzjoni Żgħażagħ qiegħda tgħin fl-iffinanzjar ta' dawn l-opri artistiċi.

Tajjeb li l-ħsieb tiegħi jdur fuq sħabi Mario Camilleri, Charles Falzon u Michael Ghigo li tassew qegħdin ikunu ta' importanża kbira bil-ħidma tagħhom. Inħadmet ammont konsiderevoli ta' liedna għal Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u l-Pjazza, bil-għajnuna ta' Raymond Vella, Antoine Abdilla u Roderick Pace.

Jekk inħarsu ftit lejn l-attivitajiet li ġew organizzati tul din l-aħħar sena naraw kemm tabilħaqq hija attiva l-ħajja ta' din il-fortizza ta' żgħażagħ li tgħix u twarrad fis-Soċjetà tagħna;



Il-Get Together organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tar-rebħ ta' l-ewwel Festival Internazzjonali tan-nar.



Mqabba SM Bk06.indd 77 27/7/06 11:40:55



L-attendenza numeruża tul il-ġimgħa kollha waqt il-Ġimgħa Marjana.



*Il-Kappillan Rev Nazzareno Caruana waqt il-ftuħ uffiċjali tal-wirjiet artistiċi mtellgħa mis-Sezzjoni Żgħażagħ waqt il-Ġimgħa Marjana.*

## Awissu 2005

Hekk kif għaddiet il-Festa u għalaqna l-ewwel parti ta' l-Iskambju Kulturali ma' l-ACLI, organizzjana b'suċċess kbir l-*Ottava Fest* ġewwa l-pjazza quddiem il-Każin. Dlonk middejna għonqna għax-xogħol ta' żarmar u fi ftit tal-jiem erġajna daħħalna l-armar kollu fl-imħażen. Fl-istess xahar organizzajna l-gabbana fl-okkażjoni tas-serata kulturali organizzata mill-Kunsill Lokali.

## Settembru 2005

Hawnhekk kompla jiġġedded il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ b'ħames membri ġodda fil-Kumitat, li ngħataw il-karigi u tfassal pjan ta' sena ħidma bla waqfien.

Tajna bidu għal sensiela ta' lotteriji kollha b'riżq l-iffinanzjar ta' armar ġdid. Minn hawn nirringrazzja mill-qalb lill-partitarja ħabrieka s-Sinjura Doris Camilleri ta' l-għajnuna tagħha waqt dawn il-lotteriji.

## Ottubru 2005

L- ewwel jum t'Ottubru huwa l-Jum iddedikat lill-anzjani kollha. Għaldaqstant, ħsibna sabiex nagħmlu żjara lill-anzjani Mqabbin residenti f'San Vinċenz de Paule. Kienet tassew esperjenza sabiħa li tara tbissima fuq wiċċ dawn l-anzjani u jirrakkontawlna xi episodji f'ħajjithom li għandhom x'jaqsmu mar-raħal għażiż tagħna. Ottubru ġab miegħu niket fis-Soċjetà għall-fatt li tlifna lil Innocent Farrugia ex-membru tal-Kumitat u attivist veteran fis-Soċjetà fejn is-Sezzjoni Żgħażagħ attendiet bi ħġarha għall-funeral tiegħu.

## Novembru 2005

F'Novembru organizzajna *Football Tournament* ġewwa l-grawnd sintetiku ta' l-Imqabba FC li ġie mirbuħ mit-tim tar-*Reborn Snack Bar* u ikla bejn il-ħbieb ġewwa r-*Ristorante Cosmana Navarra* fir-Rabat.

## Diċembru 2005

Fix- xahar ta' Novembru ġiet organizzata lotterija kbira abbinata mal-festi tal-Milied u nġabret ukoll il-manswelità tal-membri żgħażagħ.

## Jannar 2006

Bħala ringrazzjament għas-sena 2005, bl-iktar mod



*Is-Sezzjoni Żgħażagħ kienet għal darba oħra strumentali fl-organizzazzjoni ta' eżerċizzi spiritwali, fil-purċissjoni tad-Duluri kif ukoll fil-Via Sagra matul it-toroq tar-raħal, bi lbies ta' karattri mill-passjoni.*



Mqabba SM Bk06.indd 79 27/7/06 11:41:01



*F'Ħamis ix-Xirka kien imiss li nieħdu sehem fiċ-ċerimonja tal-ħasil tar-riglejn.*

xieraq organizzajna quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba bil-parteċipazzjoni ta' bosta żgħażagħ.

## Frar 2006

B'suċċess kbir ġie organizzat *Playstation Tournament* għall-membri tagħna ġewwa l-Każin bil-logħba *ISS Pro Evolution* li ġie mirbuħ mill-membru Robert Ghigo. Ippubblikajna l-ewwel ħarġa tal-pubblikazzjoni 'It-Titular' li kienet ta' suċċess kbir, kif ukoll fl-istess xahar issejħet l-Elezzjoni Ġenerali għall-Kumitat Eżekuttiv għas-snin 2006–2008. Hawnhekk ingħata appoġġ shiħ lill-membri żgħażagħ li kkontestaw għal din l-Elezzjoni fejn deher biċ-ċar li s-Sezzjoni Żgħażagħ tgawdi ferm mill-fiduċja tas-soċi u partitarji. Dan jimliena b'kuraġġ sabiex ikomplu jitrawmu żgħażagħ ġodda.

## Marzu 2006

Ix-xahar ta' Marzu kien xahar impenjattiv fejn organizzajna *Sunday Lunch* ġewwa *Strawberry Grove Restaurant* f'Buġibba, *Football Tournament* ieħor bejn il-membri fil-grawnd sintetiku ta' l-Imqabba FC, Kompetizzjoni ta' l-Isparar ġewwa l-*Victoria Shooting Range* tal-Ħandaq, Għotja ta' demm permezz tal-*Blood Donation Mobile Unit* quddiem il-Każin mill-membri tagħna u s-sehem shiħ fil-kunċert ta' tifkira mill-Banda Re Ġorġ V ad unur is- Sur Leonard Farrugia.

## April 2006

April ġab miegħu attivitajiet b'xejra kemmxejn differenti għall-fatt li ġew iċċelebrati diversi avvenimenti relatati mal-Passjoni u l-Għid il-Kbir. Għat-tieni sena konsekuttiva ħsibna u ħadna l-inkarigu sabiex flimkien mal-Kappillan tal-Parroċċa u xi żgħażagħ oħrajn norganizzaw sensiela ta' attivitajiet kollha b'temi ta' riflessjoni fuq il-passjoni, il-mewt u l-Qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu. L-ewwel attivitajiet organizzati kienu sensiela ta' laqgħat għaż-żgħażagħ bi preparazzjoni għall-Għid il-Kbir bit-tema "Alla huwa Mhabba" bejn it-3 u l-5 t'April. Fis-7 t'April iċċelebrajna l-Festa ta' Ommna Marija Addolorata bl-irfiegħ tal-vara tul il-Proċessjoni. Fil-11 t'April ġiet organizzata *Via Sagra* bl-ilbies tal-Passjoni madwar it-toroq prinċipali ta' l-Imqabba b'ammont sostanzjali ta' membri żgħażagħ. Il-*Via Sagra* ntemmet b'ċerimonja simbolika quddiem is-Salib tal-ħaġar biswit il-Każin tas-Soċjetà. Ħadna sehem ukoll fil-quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka bil-ħasil tar-riġlejn permezz tar-rappreżentanti tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ. Minn hawn nieħu l-opportunità sabiex f'isem sħabi nirringrazzja lill-Kappillan Rev. Nazzaren Caruana, lill-Kunsill Lokali u lil kull min kien involut sabiex dawn l-attivitajiet setgħu jissarfu f'suċċess kbir. Kien imiss ukoll li nippubblikaw it-tieni ħarġa tal-fuljett 'It-Titular'.

Fl-istess xahar konna ta' għajnuna siewja għall-Għaqda tan-Nar fejn ħadna l-inkarigu sabiex nippubblikaw Programm ta' tifkira fl-okkażjoni ta' l-ewwel Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar li sar bejn id-29 u t-30 t'April ġewwa l-Port il-Kbir. Dan il-programm ġie ppublikat b' ħidma konġunta bejn it-tliet Għaqdiet Maltin li kkompetew fl-istess festival li eventwalment ġie mirbuħ mill-Għaqda tan-Nar tagħna. Fit-28 t'April organizzajna konferenza stampa fejn inawgurajna dan il-programm fuq il-mezzi tax-xandir. Filwaqt li nifraħ lill-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-unur miksub nirringrazzja lil sħabna ta' Ħal Lija u tal-Mosta tal-ħidma li wettaqna flimkien sabiex irnexxilna noħorġu pubblikazzjoni ta' livell daqstant għoli.

## Mejju 20…06

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tar-rebħ tal-Festival Internazzjonali tal-logħob tan-Nar ħsibna sabiex norganizzaw *Get Together* kbir għas-soċji u partitarji fejn f'atmosfera ferriħija iċċelebrajna bil-kbir din ir-rebħa storika. Barra minn hekk ħsibna wkoll sabiex noħorġu għall-bejgħ diversi tifkiriet relatati ma' dan l-unur bħal ma huma d-*DVD* kommemorattiv ta' l-ispettaklu bit-tema 'Dancing Stars over the Water', *T- Shirts*, *Brieret* u *Key chains*. Dawn kollha jinsabu għall-bejgħ bi prezzijiet speċjali mill-bar tal-Każin.

Fil-21 ta' Mejju inawgurajna għat-tieni sena konsekuttiva l-unika **'Ċimgħa Marjana'** ġewwa l-



*Uħud mill-membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ waqt l-għotja tad-demm fil-Blood Donation Mobile Unit.*



Mqabba SM Bk06.indd 81 27/7/06 11:41:05



*Is-Sur Raymond Vella waqt li qiegħed jaħdem il-liedna. Dan ix-xogħol sar ukoll bil-għajnuna tas-Sur Roderick Pace.*

Imqabba, fil-Bini ta' l-Isptar il-Qadim. Kienet Ġimgħa ferm interessanti, komposta minn żewġ wirjiet artistiċi ta' pitturi, kwadri, statwi u xogħol ta' l-artiġġjanat kollu relatat ma' Sidtna Marija li kienu miftuħin għall-pubbliku sa nhar is-Sibt 27 ta' Mejju. Mit-Tnejn 22 sal-Ġimgħa 26 ta' Mejju kellna fostna diversi kelliema li trattaw suġġetti prattiċi fuq il-ħajja u s-sinifikat t'Ommna Marija. Ħsibna wkoll sabiex noħolqu atmosfera ferriħija b'diversi talenti marjani fosthom, mużika *live* , kant u poeżija li kollha kkumplimentaw mat-temi magħżula tul il-ġimgħa kollha. Is-Sibt 27 ta' Mejju assistejna għall-għeluq ta' din il-Ġimgħa ta' attivitajiet bil-preżentazzjoni taċ-ċertifikati lill-parteċipanti kollha. Minn hawn nirringrazzja lill-poplu Mqabbi li kien ferm numeruż tul il-ġimgħa kollha, il-Kelliema, il-Mużiċisti u l-Kantanti, l-artisti li pprovdewlna x-xogħlijiet tagħhom u lill-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba li għoġbu jgħaddilna l-Isptar il-Qadim sabiex inkunu nistgħu ntellgħu din il-Ġimgħa Marjana.

## Ġunju 2006

Ix-xahar ta' Ġunju kien karatterizzat mill-avveniment sportiv annwali tas-Sezzjoni Żgħażagħ 'In-Nardu Farrugia Cup' li għall-għaxar sena konsekuttiva kien suċċess kbir fejn kulħadd wera spirtu sporiv u fratern sabiex infakkru lis-Sur Leonard Farrugia din is-sena b'mod partikulari f'għeluq l-għaxar sena mit-telfa tiegħu. Minn hawn nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lis-Sur Joe Farrugia, President Onorarju tas-Soċjetà li ta' kull sena jieħu ħsieb jisponsorja dan l-avveniment.

Fl-istess xahar ippubblikajna t-tielet ħarġa tal-pubblikazzjoni 'It-Titular'.

## Lulju 2006

Wara diversi xhur ta' ħidma intensiva u diversi laqgħat irnexxielna naslu għall-proġett kbir fejn irnexxielna ntellgħu liż-żgħażagħ tagħna l-Italja sabiex nieħdu sehem fil-proġett imfassal minna stess tal-Programm YOUTH ta' l-UE li huwa t-tkomplija tal-proġett li nbeda fil-Festa Titulari li għaddiet bejn is-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna u l-ACLI ta' Cirò. Fil-fatt bejn is-7 u t-8 ta' Lulju jiena u s-Segretarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ tlajna għaż-żjara ta' preparazzjoni ġewwa Cirò f'Reggio Calabria u eventwalment nhar l-10 ta' Lulju tlajna bi grupp ta' 18-il żagħżugħ u żagħżugħa membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ sabiex ingħata bidu għat-tieni parti ta' l-iskambju kulturali. Ta' min jgħid li dan il-proġett serva ta' ġid interkulturali kbir għall-parteċipanti kollha fejn ingħatajna l-opportunità li nduqu kultura barranija fl-ambitu ta' Ewropa aktar maqgħuda.

Naturalment ix-xahar ta' Lulju jġib miegħu impenn kbir għas-Sezzjoni Żgħażagħ għall-fatt li nibdew narmaw bil-mod il-mod ir-raħal ta' l-Imqabba bil-libsa tiegħu hekk kif jixraq għall-okkażjoni tal-Festa Prinċipali ta' l-Imqabba.

Hekk kif tajna ħarsa lejn l-attivitajiet li ġew organizzati din is-sena, wieħed malajr jista' jinnota kemm hija attiva l-ħajja tas-Sezzjoni Żgħażagħ u kemm tabilħaqq isir xogħol b'riżq is-Soċjetà u l-Festa tant għażiża għalina ta' Santa Marija. Jiena f'isem shabi membri tal-Kumitat nieħu l-opportinità sabiex nawgura festa mill-isbaħ lill-Imqabbin kollha u nappella sabiex inkunu nodfa u maturi fl-imġiba tagħna u kemm jista' jkun nersqu lejn is-Sagramenti u l-funzjonijiet fil-Knisja. B'hekk inkunu nistgħu verament nuru l-imħabba u d-devozzjoni tagħna lejn Ommna Marija Santissima. Minn dan l-ispunt, nieħu l-opportunità sabiex f'isem is-Sezzjoni Żgħażagħ nawgura kull suċċess liż-żagħżugħ Imqabbi s-Seminarista Jonathan Farrugia fit-tkomplija ta' l-istudji tiegħu lejn is-Saċerdozju.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv, lill-Għaqda tan-Nar, lill-Għaqda ta' l-Armar, lill-Fergħa tan- Nisa, il-Kummisjoni Planċier, lill-Banda għażiża tagħna, dawk li jgħinu fil-Knisja, benefatturi, soċji u partitarji u lilkom kollha tal-fiduċja li ta' kull sena turu fis-Sezzjoni Żgħażagħ. Tajjeb li l-ħsieb tagħna lkoll idur finalment fuq Ommna Marija mtellgħa s-sema Protettriċi ta' dan ir-raħal li f'kull ħin u f'kull mument iżżomm ħarsitha fuqna l-Imqabbin ulied tagħha.

**Viva l-Patruna ta' l-Imqabba.**



*Is-Sur Antoine Abdilla waqt li qiegħed jaħdem il-liedna.*



Mqabba SM Bk06.indd 83 27/7/06 11:41:09

# Id-Domma ta' l-Assunzjoni ta' Marija Verġni



*Kitba tas-Sur Joe Chetcuti*

Fil-Knisja tal-Lvant, il-festa hekk imsejħa DORMITIO (li tfisser 'ir-Raqda') ta' Marija, bdiet tiġi ċċelebrata fis-seklu sitta. Mil-Lvant, din il-festa għaddiet għall-Punent u bdiet tissejjaħ il-festa ta' l-Assunta. Sa ma beda s-seklu tlettax, kważi t-teoloġi kollha tal-knisja kattolika aċċettaw it-twemmin li l-Madonna ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Madanakollu kellhom jgħaddu seba' sekli oħra biex dan it-twemmin isir domma tal-fidi. Din id-domma ġiet proklamata mill-Papa Piju XII fl-ewwel ta' Novembru 1950 u ġiet iddikjarata permezz ta' dokument li jġib l-isem ta' *Munificentissimus Deus*, li fost kollox jgħid hekk:

'L-Immakulata Omm t'Alla, dejjem Verġni Marija, wara li temmet il-kors tal-ħajja tagħHa fuq din l-art ġiet imtellgħa s-sema bil-ġisem u bir-ruħ.'



Ikollna nammettu li din id-domma ta' l-assunzjoni ta' Marija mhux imsemmija bħala tali fl-Iskrittura Mqaddsa, imma bosta kummentaturi ta' l-Iskrittura jisiltu diversi passaġġi Bibliċi biex juru li l-Madonna kien jixirqilHa li bħal Binha, ġisimha ma jarax it-taħsir tal-qabar imma li Hi titla' s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Nikkunsidraw xi passaġġi:

- Ġenesi 3:15 - 'Mibegħda nqajjem bejnek u bejn mara, bejn nislek u nisilHa, hu jishaqlek rasek u int trid tħebb għal għarqubu.' Il-fissiera kollha ta' l-iskrittura jargumentaw li din il-mara hi l-Imqaddsa Omm Verġni Marija, li kellha tiehu sehem kbir fil-ġlieda kontra l-għadu ta' l-infern, id-dnub u l-mewt ikkaġunata mid-dnub.
- Luqa 1:28 - 'Daħal l-anġlu għandha u qalilha, "Sliem għalik mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek! … Int sibt grazzja quddiem Alla." L-istess fissiera ta' l-Iskrittura jsostnu li t-tlugħ fis-sema ta' Marija bir-ruħ u bil-ġisem hu effett loġiku u naturali ta' din il-milja kompluta tal-grazzja t'Alla.
- Apokalissi 12:1 - 'Deher sinjal kbir fis-sema: mara mdawra bix-xemx u l-qamar taħt riġlejHa u fuq rasha kuruna ta' tnax-il kewkba'. Il-fissiera ta' dan il-pass ikomplu jgħidulna li l-inkoronazzjoni ta' Marija kienet dritt u wara l-mewt u l-irxoxt tagħHa jindikaw li l-Verġni Marija ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Fl-ewwel sekli tal-Knisja, l-Assunzjoni ta' Marija fis-sema bir-ruħ u l-ġisem tant kienet emmnuta li ftit li xejn insibu argumenti dwar din il-verità. Imma mbagħad fis-sitt seklu ta' l-era Kristjana, bdiet tidher kitba favur l-Assunta. Il-padri tal-Lvant, bħalma huma Sant'Indri ta' Kreta, San Ġwann Damaxxenu u San Mudest ta' Ġerusalemm, fost l-oħrajn kienu jsemmu l-Assunzjoni ta' Marija fil-priedki tagħhom. Fil-Punent kien San Girgor ta' Tours li ppriedka l-ewwel dwar l-Assunta.

Dawn il-qaddisin, predikaturi u kittieba ibbażaw it-tagħlim tagħhom dwar l-Assunzoni ta' Marija fuq it-trattat apokrafu li jġib l-isem *De Obitu Dominae* li jingħad li ġie miktub minn San Ġwann. Kitba antika oħra li titratta dwar l-Assunzjoni ġġib l-isem ta' *De Transitu Virginis* li għall-ewwel kien jingħad li nkitbet minn San Melito ta' Sardi u aktar tard ġiet attribwita lil San Dijonisju l-Areopagita.

Nispiċċa dan l-artiklu qasir bit-talba li San Alfons de Liguori għamel fil-kitba tiegħu li ġġib l-isem *Dwar l-Assunzjoni ta' Marija*;

"O l-aktar ħelwa Sinjura u Omm tagħna Marija,
Inti ħallejt din id-dinja u tlajt fir-Renju tas-sema
fejn ġejt inkoronata Sultana tas-sema u l-art.
Mit-tron għoli tiegħek fejn inti hekk meqjuma,
Itfa' l-ħarsa tiegħek fuqna, għinna u ħu ħsiebna."



Mqabba SM Bk06.indd 85 27/7/06 11:41:13

# Filippo Fortunato Venuti u l-Kwadru Titulari ta' l-Assunta fl-Imqabba

## *110 snin mill-Inawgurazzjoni tal-Kwadru Titulari*

Is-Seminarista Jonathan Farrugia B.A. (Hons.) B.A. Theol. & Hum. Stud.


### Ringrazzjamenti

Nixtieq nibda billi nirringrazzja lil dawn il-professuri Taljani li mingħajr il-għajnuna tagħhom żgur li ma kienx jirnexxili niġbor l-informazzjoni dwar Filippo Venuti li qed tidher għall-ewwel darba f'Malta:

Dr Generoso Pignalosa – Biblioteca Universitaria (Napoli)
Dr Daria Foschini – Biblioteca Universitaria (Genova)
Dr Marina Gargiulo – Biblioteca Galleria Nazionale d'Arte Moderna (Roma)
Dr Nino Gorni – Toscana Colori (Chiusdino/Siena)
Prof. Luca Quattrocchi – Università degli studi (Siena)
Dr Paola Staccioli – Associazione Culturale Lignarius (Roma)

Nirringrazzja wkoll lil Dr Keith Sciberras, lettur ta' l-istorja ta' l-arti fl-Università ta' Malta, li għaddieli studju li kien għamel hu fuq il-kwadru ta' l-Assunzjoni ta' Pietro Gagliardi, li minnu Venuti kien ispirat biex ipitter il-kwadru titulari tar-raħal tagħna. Il-grazzi tmur ukoll lil Ms Sara Grima, *manager* ta' Palazzo Parisio.


### Daħla

Ħaġa li dan l-aħħar ġagħlitni nkabbar l-interess tiegħi dwar il-kwadru ta' l-Imqabba u dwar l-artist li għamlu hija dik li dwar dan l-artist prattikament ħadd ma jaf xejn! Fil-ftit kotba li jeżistu dwar l-arti f'Malta ftit li xejn jissemma, u l-aktar li hemm fuqu huma xi erba' jew ħames linji. Fi ftit programmi ta' festi u f'xi tliet teżijiet saret xi kitba dwar il-pitturi tiegħu f'Malta… imma dwar l-artist innifsu qatt ma ntqal xejn, għajr li hu Taljan u li kien jaħdem f'Malta lejn l-aħħar tas-seklu XIX u l-bidu tas-seklu XX.

Peress li dis-sena l-kwadru titulari tal-knisja tar-raħal tagħna qiegħed jagħlaq 110 snin, kien ilu jberren f'moħħi li nikteb xi ħaġa dwaru. Xi xhur ilu ġietni l-idea li nipprova nikkuntattja xi universitajiet Taljani biex nara huma kinux jafu xi ħaġa dwar l-artist. Li xtaqt kien li mqar niddobba d-dati ta' meta twieled u meta miet. Dawn bqajt ma sibthomx, imma sibt dettalji importanti u interessanti oħra dwaru!

Wara li bgħatt madwar għoxrin *email* lil professuri u istituti ta' l-arti differenti madwar l-Italja kollha, meta veru kont se naqta' qalbi l-aħħar, irċevejt risposta mingħand Dr Generoso Pignalosa mill-Università ta' Napli li fiha talabni ntih numru ta' *fax* fejn seta' jibgħatli xi ħaġa li kien sab. Li bgħatli ma kienx wisq, imma kien fih żewġ



*Il-prospettiva tat-Titular ta' l-Imqabba.*

dettalji importantissimi: l-ewwel kienet l-ammont ta' snin li Venuti għex f'Malta; it-tieni kienet ir-referenza minn fejn ittieħdet din l-informazzjoni. Minn hawn bdiet spedizzjoni elettronika oħra biex nakkwista dak l-artiklu msemmi fir-referenza, u wara ħafna taħbit fl-aħħar Dr Daria Foschini mill-Università ta' Genova bgħatitli l-karti li kelli bżonn b'xejn!

Meta kelli dan f'idi bdejt (fejn kien possibbli) naqra naqra ndur mal-knejjes u l-palazzi fejn kont naf li hemm xi xogħol tiegħu biex kemm jista' jkun ikolli lista eżawstiva ta' xogħlu. Wara dan kollu, u wara l-eżamijiet, fl-aħħar irnexxieli ngħaqqad kollox f'dan l-artiklu – li se joffri informazzjoni dwar l-artist li qatt ma dehret f'Malta qabel. Nittama li tieħdu gost taqrawh daqs kemm jien ħadt gost infittex l-informazzjoni u l-pitturi u nikteb kollox!

### Il-Familja ta' Filippo Venuti

F'artiklu *L'arte italiana a Malta – Filippo Venuti* ta' T. De Dominicis fir-rivista Taljana *Natura e arte* rtu 1 ta'



Mqabba SM Bk06.indd 87 27/7/06 11:41:18

l-1903-04 naqraw li l-familja Venuti diġà kienet waħda mill-aqwa familji fir-raħal ta' Cortona fl-Italja sa mis-seklu XI. F'nofs is-seklu XVII, jiġifieri lejn is-sena 1650 twieled wieħed Venuti li kellu ħames subien li lkoll baqgħu magħrufin fid-dixxiplina professjonali li għażlu. Girolamo sar kaptan ta' l-iġfna, Giovanni Battista baqa' msemmi għall-vjaġġi li għamel, Filippo għax-xogħol letterarju li pproduċa fi Franza, Ridolfino għax-xogħol arkeoloġiku li għamel madwar l-Italja u Marcello, antenat dirett ta' Filippo Venuti 'tagħna', ħa isem fil-kamp artistiku.

Minn fost dawn l-aħwa, l-aktar li baqa' jissemma kien Marcello peress li waqqaf l-*Accademia Etrusca*, mużew ta' antikitajiet minn skavi ta' dawk l-inħawi, li għadha teżisti sal-lum. Barra minn hekk bih bdiet dinastija ta' ħames ġenerazzjonijiet ta' artisti li spiċċat b'Filippo Fortunato fil-bidu tas-seklu XX.

Il-fama ta' Marcello waslet sa widnejn ir-Re Karlu III ta' Napli fiż-żmien meta kienu għadhom kemm ġew skoperti l-iskavi tal-belt ta' Pompeii li kienet ġiet meqruda fis-sena A.D. 79 minħabba eruzzjoni tal-vulkan Vessuvju. Karlu malajr sejjaħ lil Marcello biex dan jieħu ħsieb l-iskavi u jara li xejn mill-oġġetti artistiċi antiki ma jinqered. Ix-xogħol ta' dan Marcello wassal biex ftit xhur wara bdew l-iskavi f'Ercolano, belt oħra, inqas magħrufa, li wkoll inqerdet fl-istess ġurnata bħal Pompeii.

Ir-re tant kien sodisfatt bix-xogħol li wettaq Marcello li tah titlu nobbli li seta' jintiret minn ġenerazzjoni għall-oħra. Fl-istess żmien ħatar lil Domenico, iben Marcello, bħala d-direttur tal-fabbirka tal-porċellana li kellu f'Capodimonte.

Domenico, li kien ukoll artist kapaċissimu, ħalla diversi pitturi tiegħu fil-*Galleria* artistika ta' dak ir-raħal, sakemm kellu jitlaq minn Napli fl-1799 ma' l-uniku iben li kellu, Ludovico. Marru joqogħdu Ruma, u Domenico bagħat lil ibnu jitħarreġ fil-pittura taħt Vincenzo Camuccini (1773-1844), li dak iż-żmien kien wieħed mill-aqwa f'dik il-belt. Bħala alliev Ludovico rriżulta fost l-aħjar li kellu Camuccini, kif fil-fatt jixhdu diversi pitturi tiegħu li għadhom jeżistu fil-knisja ta' Santa Maria dei Miracoli, f'diversi knejjes ta' Cortona kif ukoll fil-palazz irjali ta' Versailles fi Franza.


× Questo parroco prese
possesso il 6 Giugno 1896
vigilia di Corpus Domini.
Al suo tempo si fecero i
quattro Evangelisti in
pittura del Prof. Filippo
Venuti poi si fece ancora
in pittura dello stesso pro-
fessore la Cupola - nella
festa della B.V. della [illegible]
Giglio dello stesso anno
si fece un nuovo pulpito
a spese del Sac. Eng. Mallia
e Sig.r Paolo Galea - Si fece
ancora un nuovo confessio-
nile aperto a spese del
Sac. Salvatore Schembri.
Questo parroco ristaurò
la Casa Parrocchiale, fece
fare il balcone di legno,
l'espansione, l'antiporta
la fogna, la cucina.
Si fece il quadro della B.V.
Assunta a spese del
Sac. Salvatore Schembri
e fu benedetto il dì 27
Decembre 1897 dal me-
desimo parroco. Per ope-
ra di questo parroco si fece
la Missione Grande il 13 no-
vembre 1898. Desso pure ha
introdotto l'uso delle sedie
e nel tempo del suo
Parrocato si fabbricò
[illegible]
[illegible]
[illegible]
£ 60.

*Nota dwar it-titular fl-arkivju tal-parroċċa ta' l-Imqabba.*

L-arti ta' Ludovico Venuti laqtet lit-tfajjel Francesco Grandi (1831-1891), li kellu jsir wieħed mill-aktar artisti profiliċi ta' l-Italja. Grandi fil-fatt sar alliev ta' Ludovico u malajr wera l-kapaċitajiet eċċezzjonali li kellu, tant li fi żmien qasir ġie mqabbad mill-Papa Piju IX jpinġi diversi opri għall-Istati Pontifiċji. Wara dan, meta Francesco kien qed jixjieħ, kien il-Papa Ljun XIII li qabbdu jpinġi l-absidijiet tal-bażilka tal-Lateran, waħda mill-eqdem knejjes tal-Kristjaneżmu.

Fi xjuħitu Grandi xtaq juri r-rikonoxximent tiegħu lil dak li kien ħarrġu fil-pittura, għalhekk talab lil Rodolfo, iben Ludovico, biex iħalli lil ibnu jitgħallem il-pittura għandu. Dan l-iben kien Filippo Fortunato Venuti, li xi snin wara ġie Malta jsebbaħ il-knejjes tagħna.

## Il-Ħidma ta' l-Artist Filippo Fortunato Venuti qabel ġie Malta

It-tagħlim ta' Grandi kien ta' vantaġġ kbir għal Filippo. Grandi, min-naħa tiegħu, kien sodisfatt ħafna bit-talent formidabbli li wera li kellu Filippo. Fil-fatt baqa' jgħid sa mewtu li l-aħjar alliev li kellu kien Filippo u ħadd iżjed. Lilu biss għażel biex jgħinu fil-pittura tax-xeni grandjużi ta' l-absidijiet tal-bażilka tal-Lateran, u anke f'diversi xogħlijiet oħrajn li kellu jagħmel fi xjuħitu. Lejn it-tmiem ta' ħajtu Grandi beda jafdalu x-xogħol kollu li kellu għax kien persważ li Filippo seta' jissodisfa lin-nies daqsu f'xogħlu! B'hekk Venuti spiċċa biex għamel diversi pitturi ta' qaddisin biex jintużaw fil-kanonizzazzjonijiet tagħhom f'Ruma. Dawn il-pitturi kienu kkummissjonati direttament mill-Papa.

Barra minn dawn irċieva diversi ordnijiet oħra mill-Amerka biex jissebbħu l-knejjes li kienu qed jinbnew hemm. Bħal kull artist ieħor għamel ukoll ħafna ritratti privati għan-nies, b'mod speċjali nies mhux mill-Italja. M'hemm xejn ta' l-iskantament f'dil-ħaġa għax ladarba Venuti kien jirċievi ordnijiet mill-Papa, kif ukoll minn diversi lokalitajiet imbegħdin bħall-Amerka, m'hix ħaġa kbira li nies oħra mill-Ewropa riedu proprju lilu biex jagħmlilhom xi ritratt.

Ħa sehem ukoll f'diversi wirjiet, bħall-*Esposizione di Roma* fl-1883 u l-*Esposizione di Torino* sena wara, kif ukoll f'Pariġi. F'Pariġi kellu suċċess enormi, tant li rebaħ premju u ħafna mill-pitturi li kellu esibiti nbiegħu. Minn das-suċċess aktar barranin bdew ifittxu li jixtru xogħlijiet tiegħu, fosthom kollezzjonisti mill-Ingilerra u mill-Filippini. Tliet pitturi li kienu preżenti f'din il-wirja u li ntgħoġbu ħafna kienu *Preghiera dell'Arabo* (Għarbi qiegħed jitlob) *Capuccino* (Patri Kapuċċin xiħ jaqra) u *Nel giubileo della Regina Vittoria* (erba' baħrin jixorbu u jiċċelebraw b'riżq ir-reġina ta' l-Ingilterra, Victoria, f'għeluq il-ħamsin sena mill-inkurunazzjoni tagħha).

Wara das-suċċess kollu hu għażel li jiġi Malta flimkien mal-familja tiegħu u għex hawn għal 9 snin. Issa fl-aħħar nafu fiċ-ċert meta ġie u kemm dam: mill-1894 sa l-1903. Ir-raġuni għala mhix ċara: nafu biss li ġie minħabba t-temp sabiħ u l-kwiet tal-gżira ("*per mitezza di clima, pel quiete soggiorno*").[1] Forsi kellu xi problemi ta' saħħa? S'issa ma nafux fiċ-ċert.

## Xogħlijiet ta' Venuti li Jinsabu Malta

Mela mill-artiklu li kkwotajt issa nafu li Venuti ġie Malta fis-sena 1894. Milli jidher, f'kuntrast għal dak li nkiteb qabel,[2] għad-differenza ta' artisti Taljani oħrajn, Venuti ma kienx inġieb Malta minn xi ħadd apposta biex iħaddmu jew inkella għax f'Malta kien hawn prospetti sbieħ



Mqabba SM Bk06.indd 89 27/7/06 11:41:21

ta' xogħol! Ħabatlu tajjeb iżda li meta kien hawn inzerta li f'Malta kiber f'daqqa l-interess fl-artisti Taljani u fix-xogħlijiet li kienu jagħmlu.[3] Ma kinux ftit l-artisti Taljani jaħdmu f'Malta f'dik l-epoka meta l-uniku artist Malti ta' kalibru kien Giusppe Calì (li wkoll kien tħarreġ l-Italja!). Artisti Maltin oħra kienu qed jagħmlu isem, imma li bla dubju kienu inferjuri għal Calì, kienu Lazzru Pisani u Ġanni Vella. Taljani oħrajn li dak iż-żmien kienu qed jiksbu isem f'Malta kienu Virgilio Monti, Michele Cortegiani u l-kbir Pietro Gagliardi.

Mela Venuti kien f'Malta biex jistrieħ (dan juri li mid-dehra ma kienx nieqes mill-finanzi!) u xorta waħda sab lil min jikrih għall-pittura, talent li bħalma rajna, kien ilu fil-familja tiegħu għal diversi ġenerazzjonijiet. Mhux darba u tnejn li kellu jiffaċċja kritika negattiva minn diversi Maltin li ma setgħux jaċċettaw il-fatt li kien jitqabbad ipitter meta kien hawn min kien aktar kapaċi minnu! Fil-*Gazzetta tal-poplu* tat-28 ta' Novembru 1896 wieħed korrispondent gerger bl-aħrax kontra 'l'artist li qied jahdem fil cnisia ta' Bircircara' minħabba li tqabbad mill-prokuratur tal-knisja mingħajr ma dan qabel ra sewwasew x'kien kapaċi jagħmel! Iqabblu ma Calì u jgħid li dan ta' l-aħħar kien jinqala' ħafna aktar minnu.[4]

Minkejja dan kollu l-kritika kontra Venuti baqgħet qisha għajta f'deżert, għax dan l-artist tqabbad jaħdem f'ħafna knejjes f'pajjiżna – ħafna aktar minn artisti bħal Pietro Gagliardi u Virgilio Monti li kellhom reputazzjoni bil-wisq aqwa minn tiegħu!

Fost ix-xogħlijiet l-oħrajn li għamel u li wħud minnhom għadhom jistgħu jitgawdew nistgħu nsemmu:

- Il-kwadru titulari ta' *Sant'Anna* għall-knisja l-qadima ta' Wied il-Għajn. Illum il-ġurnata jinsab fis-sagristija tal-knisja parrokkjali l-ġdida;
- Il-kwadru titulari tal-*Madonna tal-Karmnu* għall-knisja parrokkjali l-qadima tal-Balluta. Dan ukoll illum jinsab fis-sagristija tal-knisja parrokkjali l-ġdida;
- Il-kwadru titulari tal-kappella ta' l-*Immakulata Kunċizzjoni* f'San Ġiljan;
- Fil-knisja tal-Kalkara għadna nsibu l-pitturi ta' *San Pietru*, *San Pawl*, *Sant'Antnin*, *Sant'Anjeże*, *San Fortunatu* u tat-*Tħabbira ta' Marija*;
- Is-*Sagra Famiglia* li jinsab fil-mużew tas-Santwarju f'Ħaż-Żabbar. Dan qabel kien sotto kwadru fuq l-artal tal-Madonna tar-Rużarju fil-knisja parrokkjali;
- Il-pitturi tal-kopletti u l-pennakki fil-kappellel ta' *San Andrija* u tal-*Madonna tal-Karmnu* u tal-*Lunzjata* fil-bażilka-kolleġġjata ta' Sant'Elena f'Birkirkara. Dawn jinkludu lil *San Pietru*, *San Pawl*, *San Bert*, *San Ġakbu*, is-*Sejħa ta' San Andrija*, *San Andrija jippriedka*, *it-Twelid ta' Ġesù*, il-*Qtil ta' l-Innoċenti*, *San Xmun Stock*, *Elija*, *Il-Madonna tal-Karmnu ma' l-erwieħ tal-purgatorju*, *It-Twelid ta' Ġesù* u oħrajn. F'dil-bażilka għandu bosta xogħlijiet oħra bħal *Ġesù Bambin*, is-*Sagra Famiglia*, il-*Mewt ta' San Ġużepp* u ħafna oħrajn;
- Il-kwadru tal-*Madonna tal-Karmnu* għall-knisja l-antika ta' Santa Tereża f'Birkirkara. Xi snin ilu dil-knisja nbidlet f'sala u l-kwadru jinsab f'post ċentrali fiha. Barra minn dan f'din l-istess knisja kellu pitturi oħra ta' *San Ġużepp* u ta' *San Alfons Maria de Liguori*;[5]
- Sittax-il kwadru li jirrappreżentaw episodji mill-ħajja tal-Madonna għall-knsija parrokkjali ta' Stella Maris f'Tas-Sliema. Minn dawn inqerdu għaxra fil-gwerra meta ntlaqtet il-knisja b'bomba – minkejja li erbgħa biss kienu jinsabu fil-parti li waqgħet, diversi oħrajn saritilhom ħsara irreparabbli minħabba l-*blast*. Dawn ġew sostitwiti minn oħrajn (ferm inferjuri) ta' Mario Caffaro Rore. Is-sitta li għadhom jeżistu huma: *Il-preżentazzjoni tal-Madonna fit-tempju*, *It-twelid ta' Ġesù*, *L-adorazzjoni tar-rgħajja*, *Ġesù jitkellem ma' l-għorrief fit-tempju*, *Ġesù jitniżżel mis-salib u jingħata lil ommu* u *l-mewt tal-Madonna*;[6]
- Pittura fil-kappella privata tal-Markiż Testaferrata-Bonnici-Axiak iddedikata lill-Madonna tal-Bon Kunsill li tinsab f'*Palazzo Aedes Danielis* fiż-Żejtun;
- Diversi pitturi għall-knisja arċipretali ta' Marija Bambina fin-Naxxar;
- *Pitturi ewkaristiċi* fil-pennakki u l-lunetti tal-kappella tas-Sagrament fil-Katidral ta' Marija Assunta f'Għawdex;[7]
- *L-erba' evanġelisti* ta' taht il-koppla għall-bażilka ta' San Ġorġ f'Għawdex.

Barra minn dawn kollha ma nistax ma nsemmix id-diversi xogħlijiet estetikament sbieħ ħafna li jinsabu f'Palazzo Parisio fin-Naxxar.[8] Il-Markiż Giuseppe Scicluna, wieħed mill-aktar nies sinjuri f'Malta, kif ukoll proprjetarju ta' diversi artijiet, intlaqat mill-fama li kien igawdi Venuti u għalhekk stiednu biex ipitter is-soqfa tal-palazz li kellu fil-pjazza tan-Naxxar li f'dawk is-snin kien qiegħed isebbħu bl-aktar mod lussuż possibbli f'dak iż-żmien. Dal-palazz għadu sal-lum wieħed mill-isbaħ ċentri artistiċi li għandna f'Malta. Tiegħu nsibu affresk ta' żewġ kerubini bil-kelma "*Salve*" fis-saqaf ta' l-entrata u *Allegorija tan-navigazzjoni u l-industrija* fis-saqaf ta' l-ewwel sala; l-*Apoteosi ta' Malta* fis-saqaf tal-pjan ta' l-ewwel sular flimkien ma' żewġ *Allegoriji* oħra li jirrappreżentaw *ix-xogħol* u *l-kummerċ*; żewġ xeni tal-*Ħajja f'Pompeii* fis-sala ta' l-pranzu u *Marija Immakulata* fis-saqaf tal-kamra tas-sodda prinċipali. Jidher li fost l-aħħar xogħlijiet li għamel qabel reġa' lura lejn l-Italja kienet l-*Allegorija tal-kummeċ* għax fuqha ġġib id-data 1902, sena biss qabel ma Venuti telaq.

Dawn il-pitturi kollha kemm huma juru l-kapaċitajiet artistiċi li kellu Filippo Venuti minkejja li qatt ma ħa isem daqs artisti oħrajn. Għall-figura prinċipali f'wieħed mill-kwadri tas-sala tal-pranzu Venuti uża bħala mudella lil martu. Il-mudelli l-oħrajn għall-figuri tiegħu, sew sagri kif ukoll profani, kienu jkunu popolani li kien isejħilhom mit-triq! Meta nqisu l-ispejjeż kbar li daħal fihom il-Markiż



***Dettall mit-titular ta' l-Imqabba – l-anġli madwar il-Madonna.***



Mqabba SM Bk06.indd 91 27/7/06 11:41:23



*Dettall mit-titular ta' l-Imqabba – l-anġlu bil-ġilju f'idu.*

Scicluna biex sebbaħ dal-palazz, b'liema mħabba għamel dax-xogħol kif ukoll il-gosti sofistikati li kellu (xhieda ta' dawn huwa l-palazz innifsu bit-tiżjin kollu li fih) żgur li ma nistgħux inżommu mal-pożizzjoni li ħadu u għadhom jieħdu diversi krtiċi ta' l-arti Maltin – li Filippo Venuti ma kien xejn għajr artist medjokri! Huwa veru li ma kienx magħruf daqs oħrajn, huwa veru li ma kienx oriġinali daqs oħrajn… imma żgur li l-kapaċitajiet artistiċi tiegħu kienu notevoli.

Venuti dam Malta disa' snin.[9] Il-raġuni għalfejn mar lura l-Italja u x'sar minnu wara ma nafuhomx. Dan l-artist kien iddestinat li jintesa f'qasir żmien, u l-uniku rikordju tiegħu hija l-arti li ħalla warajh, li naqra naqra qed tiġi dejjem apprezzata ftit iżjed.

## *L-Assunzjoni ta' Marija* – il-Kapulavur ta' Venuti

Qabel ma sar dan il-kwadru fil-kor kien hemm pittura oħra tal-Madonna tielgħa s-sema. Dan jissemma li diġà kien fil-knisja qabel ma tlestiet mill-bini fl-ewwel viżta pastorali li saret lill-knisja preżenti mill-isqof Davide Cocco Palmieri fil-5 ta' Mejju 1686.[10] Minn dil-viżta' pastorali nafu li dan kien sar qabel u kien diġà titular tal-knisja li kienet lesta fl-1607. X'sar minn dan il-kwadru wara li sar ta' Venuti mhux magħruf. Nafu li sa l-1927 kien għadu fis-sagristija tal-knisja.

Il-kwadru preżenti li jagħti l-isem lill-parroċċa tagħna (għalhekk 'titulari') juri lill-Madonna fiċ-ċentru, b'ħarsitha 'l fuq, u b'idejha merfugħin f'ġest tradizzjonali ta' tifħir lejn Dak li għoġbu jagħmel magħha ħwejjeġ ta' l-għaġeb. Madwarha hemm għaxar anġli u numru ieħor ta' kerubini[11].

Tnejn mill-anġli huma akbar mill-oħrajn u jirrappreżentaw lil Mikiel fuq il-lemin ta' Marija u lil Gabrijel fuq ix-xellug. Dawn jingħarfu mill-insinji li għandhom. Mikiel għandu s-sejf tan-nar f'idu u l-kliem "*Quid est cum Deus*" fuq sidru. Il-kulur ta' lbiesu huwa aħdar, il-kulur tat-tama. Gabrijel jingħaraf mill-ġilju kbir li għandu f'idu, li fl-ikonografija tradizzjonali dejjem ikollu f'idu f'rappreżentazzjonijiet ta' l-annunzjazzjoni. Ilbiesu huwa ikħal, il-kulur tas-safa. Iż-żewġ anġli li hemm fl-estremitajiet tal-grupp ċentrali qed idoqqu l-arpi, simbolu tal-ferħ li qed iġġib din l-okkażjoni unika fis-sema u fl-art. Is-sitt anġli żgħar l-oħra qed jiffurmaw girlanda madwar riġlejn Marija, kważi lkoll iżommu l-fjuri u jdejn xulxin. Jispikka wieħed partikulari li qiegħed jagħti dahru lill-pubbliku minħabba li qed joffri warda tal-ġilju lil Marija.

Strixxa ta' kwiekeb tispikka fil-parti ta' fuq tal-kwadru, li donnha tirrappreżenta l-bieb tas-sema. Ħdejha hemm xi gruppi ta' kerubini jħarsu u jitkellmu bejniethom. 'Il fuq mill-istrixxa hemm biss dawl.

Taħt is-sħab li jdawwar il-parti ċentrali u prinċipali tal-pittura, ix-xena tinqasam fi tnejn. Fuq il-lemin, żgħar ħafna, jidhru l-appostli mistagħġba jħarsu lejn id-dija hierġa mill-qabar vojt tal-Madonna, waqt li fuq ix-xellug tidher xtajta bir-ramel u l-blat u l-baħar. Fuqha qed tikber pjanta waħda. Tidher ukoll l-arma ta' Schembri, il-kunjom tas-saċerdot Imqabbi li kien il-benefattur ta' dal-kwadru.

Dal-kwadru ġieli ssemma f'diversi kitbiet, li minnhom se nġib ftit kwotazzjonijiet hawn sabiex tingħatha xi ftit idea ta' dak li jaħsbu fuqu nies li l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom hija l-arti f'Malta.

Fil-ktieb ippubblikat mill-Parroċċa u l-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba f'għeluq l-400 mit-twaqqif tal-parroċċa nsibu:

(…) fil-każ ta' l-Imqabba huwa ferm aktar ġustifikabbli li tqis lil Venuti bħala artist ewlieni mhux biss billi kien hu li pitter il-kwadru titulari tal-knisja, iżda li *dan l-istess xogħol huwa meqjus minn ħafna bħala wieħed mill-aħjar, jekk mhux l-aqwa xogħol li ħareġ mill-pinzell tiegħu li nsibu f'Malta*.[12]

Il-ktieb dwar il-kwadri titulari ta' Malta u Għawdex li ġie stampat sitt snin ilu jgħid dan fuq il-kwadru titulari ta' l-Imqabba:

Din hi opra tat-tabib Sqalli[13] Filippo Venuti. Tlestiet fl-1896. Venuti ma kienx pittur kbir, imma *din hi l-aħjar biċċa xogħol tiegħu*. (…) Hu taħlita ta' liriċiżmu u trijonfaliżmu.[14]

Mario Buhagiar, wieħed mill-aqwa speċjalisti Maltin f'dik li hija arti sagra jikkummenta:

Filippo Venuti (active late 19th-early 20th centuries) was an unabashed plagiarist who could nonetheless be deceptively pleasant. *His finest work is probably in the parish church of Mqabba* where he painted the high altarpiece of *The Assumption* and decorated the west wall and the pendentives of the dome.[15]

F'artiklu qasir ppubblikat ftit tas-snin ilu fil-programm ta' din il-festa, Keith Sciberras – li dak iż-żmien kien student ta' l-arti u li llum iħaddan dottorat f'dan il-qasam, huwa speċjalist ta' l-arti barokka f'Malta kif ukoll lettur fl-Università ta' Malta – kiteb hekk:



Mqabba SM Bk06.indd 92 27/7/06 11:41:24

(Venuti) Għandu bosta xogħlijiet fil-knisja parrokkjali ta' Birkirkara u fil-knisja ta' Lapsi, San Ġiljan, iżda *l-aħjar rappreżentazzjoni ta' l-arti tiegħu huwa żgur il-kwadru ta' l-Assunta* li, impitter fl-1896, jinsab imwaħħal fuq l-altar maġġur tal-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba.[16]

Il-kwadru titulari tal-parroċċa tagħna jissemma wkoll f'diversi teżijiet li saru minn studenti ta' l-arti bħala parti mill-kors tagħhom fl-Università ta' Malta.[17]

Minn dawn il-kummenti ta' nies professjonisti, mhux Imqabbin, miġburin minn hawn u minn hemm nistgħu llum ngħidu b'ċertezza li fil-kor tal-knisja tagħna għandna kapulavur. Ħasra li spiss mhux apprezzat daqs kemm jixraqlu. Dan nistgħu ngħiduh min-nuqqas kbir ta' armar deċenti li għandu għall-ġranet tal-festi tar-raħal. Sa ftit snin ilu ma kellu xejn għajr il-ventartal, il-fjuretti u l-gastri. Xi tliet snin ilu, b'inizjattiva tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni saritlu terħa sabiħa tal-bellus b'xi xogħol ta' rakkmu maħdum minn Emanuela Galea. Imma għadu ta' għajb għalina l-Imqabbin li fil-festi tar-raħal, inkluża l-festa titulari, dan il-kwadru jkollu quddiemu gandlieri tar-ram (li jintużaw matul is-sena fuq altari tal-ġenb!) meta altari oħrajn għandhom il-gandlieri arġentati jew tal-fidda! Ta' min isemmi wkoll li mal-pilastru tax-xellug ta' ħdejn dan il-kwadru hemm irħama antika li tgħid "*Altare privilegiatum*" li għal xi raġuni jew oħra tgħattiet biż-żebgħa.[18] Fl-antik l-altari titulari u dawk mogħnija b'xi privileġġ partikulari kien ikollhom waħda simili.


*Dettall mit-titular ta' l-Imqabba – l-Appostli.*

Wara din id-devjazzjoni żgħira induru mill-ġdid lejn il-kwadru biex inkomplu l-istudju tiegħu u ta' l-artist li għamlu.

Bonnici jgħid li "Venuti ma kienx pittur kbir"[19] – dan forsi minħabba l-fatt li xi drabi l-pitturi tiegħu ma kinux oriġinali għal kollox. Naturalment, bħalma se naraw fil-każ tal-kwadru ta' l-Imqabba, xi elementi oriġinali proprji kien ikun hemm. Ħaġa li dan l-artist kien żgur jinqala' ħafna għaliha kienet li jaqbad xogħol ta' ħaddieħor, jerġa' jagħmlu hu, u jtih interpretazzjoni ġdida għal kollox. Dan se narawh aktar 'il quddiem. Forsi l-aktar deskrizzjoni ġusta ta' Venuti nsibuha f'teżi miktuba minn studenta fid-dipartiment ta' l-Istorja ta' l-Arti fl-Università ta' Malta:

Even though Venuti is looked upon as a plagiarist, one should not exclude the fact that he had the ability of bringing out the natural and realistic forms of figures.[20]

L-ispirazzjoni għall-kwadru tal-knisja tagħna żgur li kien il-kwadru titulari tal-Gudja, impitter minn Pietro Gagliardi u mżanżan fl-1878. Jekk inħarsu lejn daż-żewġ kwadri ninnutaw mill-ewwel li jixxiebhu ħafna. Diversi kritiċi fil-fatt jgħidu li Venuti kkopja bla misthija ta' xejn lil Gagliardi! F'artiklu dwar ir-restawr li kien sar fuq it-titular tal-Gudja meta dan għalaq 125 sena, inkiteb hekk:

At Mqabba, the altarpiece by Filippo Venuti (1896) unscrupulously plagiarises the Gudja Gagliardi, with practially the sole difference being that Our Lady is shown with her arms uplifted.[21]

Ma' l-ewwel daqqa t'għajn din hi l-impressjoni li tingħata: li l-unika differenza hija fil-parti ta' fuq tal-figura tal-Madonna. Ta' Gagliardi għandha idejha fuq sidirha, qagħda li tagħti lill-figura poża ta' talb; ta' Venuti mill-banda l-oħra għandha jdejha merfugħin 'il fuq, fil-poża tradizzjonali li għandha l-ikonografija tal-Madonna mtellgħa s-sema. Imma għall-kuntrarju ta' dak li jgħid l-awtur ta' dan l-artiklu, hemm aktar minn hekk. Il-kuluri ta' Gagliardi jisfumaw fl-isfar, tant li l-impessjoni ġenerali li tingħata hija ta' dija tas-sema fir-rebbiegħa. Venuti bidel id-dawl isfar b'dawl qawwi abjad, tant li l-kuluri tal-ħwejjeġ u tal-ġilda ta' l-anġli huma aktar qawwijin, imma l-impressjoni li tingħata hija ferm aktar kiesħa minn dik tal-Gudja, kważi qisu ta' dawl dgħajjef fi żmien ix-xitwa.

Iżda aktar kemm inħarsu lejn dawn iż-żewġ kwadri aktar ninnutaw id-differenzi fid-dettalji li fihom.

L-ewwel waħda minn dawn li kont innutajt ħafna snin ilu, meta kont għadni tifel, hija l-istrixxa tal-kwiekeb li hemm fil-kwadru ta' l-Imqabba. F'tal-Gudja din hija ferm iżgħar, aktar 'il fuq u bil-kemm tidher. Flokha hemm nofs ċirku ta' kerubini. Venuti l-kerubini ma ħallihomx barra, imma flok għamilhom eżatt bħal ta' Gagliardi, pinġihom f'żewġ gruppi taħt il-kwiekeb, grupp fuq kull naħa. Gagliardi għamel aktar anġli fil-pittura tiegħu, Venuti, imma, naqqas dawk li jinsabu aktar 'il barra minn dawk it-tnejn idoqqu l-arpi. Ir-rokna tal-lemin, li fiha hemm l-appostli mistagħġba, ukoll tvarja. L-ewwelnett Gagliardi ta inqas importanza lil dan l-aspett – fil-fatt fil-kwadru ta' l-Imqabba, ix-xena tal-qabar imdawwar bl-appostli hija akbar minn dik tal-Gudja. Barra minn hekk Gagliardi jippreżentalna qabar imħaffer fil-blat, waqt li Venuti aktar kellu f'moħħu sarkofagu fuq l-art. Apparti dan, il-mod kif Venuti pinġa d-dawl ħiereġ mill-qabar jgħaqqad dak li qed jiġri f'dil-parti żgħira tal-kwadru ma' dak li qed jiġri fil-parti ċentrali. Gagliardi, mill-banda l-oħra jħalli daż-żewġ xeni kemmxejn mifrudin. Żgur illi l-isplużjoni ta' dawl ħiereġ mis-sarkofagu kif pinġieh Venuti hija aktar qawwija mill-mod kif id-dawl huwa ħiereġ mill-qabar kif tpinġa minn Gagliardi. L-appostli jidhru f'pożizzjoni ferm aktar dinamika f'ta' l-Imqabba. Differenza żgħira oħra tidher fil-pajsaġġ li jidher fin-naħa t'isfel tal-kwadru fuq ix-xellug. Gagliardi jippreżenta pajsaġġ bl-għoljiet u ftit baħar fir-rokna, waqt li Venuti jneħħi ħafna mill-għoljiet u jpoġġi aktar baħar.

Imma l-aktar differenza espliċita li wieħed żgur ma jistax jinjoraha tinsab fil-wiċċ tal-Madonna. Fil-waqt li



Mqabba SM Bk06.indd 93 27/7/06 11:41:26

l-Madonna ta' Gagliardi għandha xeħta qaddisa – tant li wieħed ma jiskantax li ħlejqa daqshekk sabiħa u b'bixra daqshekk qaddisa setgħet ikollha l-privileġġ li titella' s-sema bir-ruħ u bil-ġisem – il-Madonna kif narawha fil-kwadru tal-knisja tar-raħal tagħna għandha dehra popolana għall-aħħar. Dik il-qdusija eċċezzjonali li Gagliardi kien magħruf li jpoġġi fil-figuri divini tiegħu hija nieqsa għal kollox fil-pittura ta' Venuti. Mhux hekk biss, imma dan mar pass aktar 'il bogħod billi qabad is-sekulari u poġġieh fil-post tas-sagru. Il-Madonna tagħna hija ppreżentata bħala mara komuni, bint il-poplu, bl-ebda bixra f'ġisimha li tbiegħdha mill-bnedmin ħutha. Peress li hija ppreżentata bħala mara bħall-oħrajn, l-għażla tagħha għal privileġġ hekk kbir hija emfasizzata aktar. Fil-fatt il-kwadru titulari ta' l-Imqabba ġie deskritt ġustament bħala "taħlita ta' liriċiżmu u trijonfaliżmu"[22] – aspetti li fil-pittura ta' Gagliardi ma joħorġux.

Venuti kien magħruf li kien iħobb isib nies mit-triq u jużhom bħala mudelli għall-pitturi tiegħu, għalhekk wieħed m'għandux għalfejn jiskanta li għamel hekk bil-Madonna wkoll. Biss, jekk inħarsu mill-ġdid lejn l-anġli fil-pittura ta' Gagliardi u f'dik tal-knisja tagħna ninnutaw li – għajr fil-kuluri – huma identiċi għal kollox. L-uċuħ ta' Gagliardi huma l-istess uċuħ li pinġa Venuti. Dan forsi jixħet dawl ġdid fuq l-interpretazzjoni li l-artist ried jagħti lill-kwadru. Lill-Madonna ppreżentaha hekk **apposta**, bħala mara komuni – kieku ma kienx hekk kien jibqa' sejjer u jirriproduċi l-wiċċ ta' dik li pinġa Gagliardi. Mill-banda l-oħra ma nistgħux ngħidu li hu pinġa lill-Madonna bħala popolana biss għax kienet id-drawwa tiegħu li jagħmel hekk – kieku dan kien minnu kien jagħmel l-uċuħ ta' l-anġli hekk ukoll! Għalhekk nistgħu nikkonkludu li kienet l-intenzjoni ta' Venuti li lil Marija jippreżentaha bħala *waħda minna* milqugħa fl-isfera divina. B'hekk l-uniċità ta' Marija toħroġ aktar bil-qawwi: hija ma ġietx imżejna bi privileġġi speċjali minn Alla għax kellha xi ħaġa speċjali fiha, imma għax Alla għoġbu jagħżel lilha. B'hekk hi permezz tal-ħidma ta' Alla fiha ***saret*** mara speċjali u unika, filwaqt li żammet dak kollu li huwa uman fiha. Żgur li b'dan f'moħħna meta nħarsu lejn il-Madonna (spiss minsija) ta' ġol-kor għandna nifhmu aħjar li l-kobor ta' din it-tfajla ġie mwettaq appuntu għax Hi għarfet tpoġġi lil Alla **biss** fiċ-ċentru tal-ħajja tagħha.


*San Luqa – l-Imqabba.*

It-teknika artistika taż-żewġ pitturi tixhed li Gagliardi kien fil-fatt superjuri għal Venuti bħala artist, u kien għalhekk li Gagliardi baqa' jissemma aktar mill-ieħor. Silta żgħira minn teżi dwar il-pitturi ta' l-Assunta f'Malta tispjega fi ftit kliem id-differenza fit-teknika taż-żewġ kwadri:

The paintings have a similar attractive palette, but the lighting effect is different. Venuti used a strong white light, as opposed to Gagliardi's equally strong honey-hued light. It hits the forms without diffusing the colour, as seen in Gagliardi's work, and captures a crisper delineation of the figures. As a consequence, the predominant sweetness of the Gudja painting is toned down, but the effect is colder. Also, Venuti was technically not as accomplished as Gagliardi, resulting in a less fluent, more laboured painting.[23]

Meta nħarsu lejn pitturi oħrajn ta' Venuti, jidher li hu kellu mudella partikulari biex tippużalu bħala l-Madonna, almenu fiż-żmien li fih pinġa l-kwadru titulari ta' l-Imqabba. Dan nistgħu ngħiduh għax jekk inħarsu lejn kwadru ieħor tal-Madonna, din id-darba l-kwadru titulari tal-Madonna tal-Karmnu tal-Balluta, li wkoll sar fl-1896, naraw li din għandha l-istess wiċċ bħall-Madonna tal-parroċċa tagħna.

Il-kwadru sab postu fil-knisja bit-tħabrik ta' Dun Salvatore Schembri,[24] saċerdot Imqabbi u benefattur tal-knisja li għamel żmien viċi-parroku u li jisthoqqlu jkun imfakkar aktar. Venuti ħalla tifkira żgħira tiegħu fil-kwadru titulari permezz ta' l-arma ta' kunjomu fir-rokna tax-xellug tan-naħa t'isfel. Il-kappillan ta' dak iż-żmien kien Dun Kalċidon Schembri mill-Ħamrun, li dam fl-Imqabba mill-1896 sa l-1901. Fi żmienu saru ħafna opri biex tissebbaħ il-knisja, fosthom il-pitturi kollha ta' Venuti, il-pulptu u konfessjonarju. Dun Kalċidon ma kienx interessat biss f'dak li hu tiżjin u arti – il-ħidma pastorali tiegħu tibqa' l-aktar magħrufa għax kien hu l-beda l-Missjoni l-Kbira fit-13 ta' Novembru 1898.[25]

Hemm min jgħid illi Venuti għamel żmien jgħix l-Imqabba; ta' min jifhem li dan kien iż-żmien meta kien qiegħed isebbaħ il-knisja tagħna b'xogħlu. Waqt daż-żmien kien jgħix għand il-prokuratur tal-knisja ta' dak iż-żmien, il-ħabrieki Dun Lawrenz Zammit, fid-dar numru 6 fil-Pjazza tal-Knisja.[26] Din id-dar illum m'għadhiex teżisti għax twaqqgħet biex tinfetaħ Triq Karmenu Ciantar.

Ta' min jgħid li l-kwadru titulari huwa l-uniku xogħol ta' Venuti għall-Imqabba li tpinġa fuq it-tila. L-opri l-oħra kienu kollha affresski mpittrin direttament fuq il-ġebel. Huwa probabbli għalhekk li l-kwadru tpitter fid-dar ta' Dun Lawrenz – m'humiex ħafna l-parroċċi li jistgħu jiftaħru li l-kwadru titulari tagħhom tpitter fil-lokalità proprja.

Jingħad ukoll li Venuti għamel ix-xogħol fil-knisja ta' l-Imqabba bla ħlas. Fl-arkivju parrokkjali m'hemm l-ebda riċevuta relatata max-xogħol tal-pittura, anqas ma hemm noti dwar ħlasijiet li saru lill-pittur. Huwa interessanti li fil-manuskritt *Notulæ historicæ Ecclesiæ Parrochialis Micabibæ* insibu nota dwar meta sar u tbierek il-kwadru,[27] imma m'hemm xejn dwar kemm sewa – avolja jgħid li sar "*a spese del Sac. Salvatore Schembri*". Kollox jindika għalhekk li jista' jkun li veru li Venuti seta' għamel xi xogħol b'xejn. Ir-raġuni ta' dan mhix magħrufa, forsi kien il-każ li hu kien ħabib ta' xi saċerdot Imqabbi. Din l-ipotesi tista' tiġi kkuntestata biss minħabba l-preżenza ta' l-arma ta' Schembri fuq il-kwadru titulari. Li kieku Venuti kien



Mqabba SM Bk06.indd 94 27/7/06 11:41:28

qiegħed jaħdem b'xejn, il-loġika tgħid li kien ipoġġi l-arma tiegħu mhux ta' ħaddieħor!

Ta' min isemmi wkoll fatt storiku interessanti marbut ma' dan il-kwadru. Ma nafux x'kienet ir-reazzjoni ta' l-Imqabbin u tal-Maltin in ġenerali meta dal-kwadru tlesta u żżanżan. Nafu li tbierek sena wara li sar, fis-27 ta' Diċembru 1897,[28] imma jekk intgħoġobx jew le ħadd ma jaf. Li hu żgur hu li fl-artiklu li semmejt li sibt fir-rivista Taljana *Natura e Arte* tas-snin 1903-04 l-kwadru ma jissemmiex, waqt li pitturi oħra li għamel Venuti, fosthom anke wħud minn ta' l-Imqabba, jissemmew. Jidher illi wara madwar għoxrin sena l-Imqabbin xebgħu minnu dal-kwadru u ppruvaw jibdluh. Ir-raġuni għala kien dan ħadd ma jaf – forsi l-ġirien kienu jikkritakawhom minħabba li jixbah lil tal-Gudja?[29]

L-artist li għażlu biex ipitter il-kwadru titulari li kellu jieħu post dak ta' Venuti ma kien ħadd għajr Giuseppe Calì, wieħed mill-aqwa artisti Maltin taż-żmien modern. Calì żgur li kien artist aqwa minn Venuti, imma ż-żmien tad-deheb tiegħu kien diġà għadda meta l-Imqabbin ordnaw il-kwadru ta' l-Assunta għandu. Il-kwadru tlesta fl-1917 u Calì talab il-ħlas ta' £40. Diċ-ċifra kienet għolja wisq għall-bwiet ta' dawk li riedu jħallsu, għalhekk lil Calì qalulu li ma kinux bi ħsiebhom iħallsuh. L-artist xejn ma ħabbel rasu għax fil-pront inqala' qassis mill-Qrendi, Dun Franġisk Bugeja, li ħallas għalih hu[30] u b'hekk il-kwadru li kellu jkun għall-Imqabba spiċċa jżejjen il-knisja ferm sabiħa tal-Qrendi!



*It-titular tal-Gudja ta' Pietro Gagliardi.*

Dak il-kwadru kien l-aħħar xogħol importanti ta' Calì u l-aħħar kwadru titulari li pitter qabel ma miet fl-1930, imma mhux meqjus fost l-aqwa xogħlijiet tiegħu. Mill-banda l-oħra waqt li donnu li għall-bidu l-kwadru tagħna ma tantx kien apprezzat, illum huwa ddefinit bħala l-kapulavur indiskuss ta' Venuti. Forsi kienet ix-xorti li ġiegħelet lill-Imqabbin 'jixxaħħu' ma' Calì meta lesta l-kwadru l-ieħor!

## Pitturi Oħrajn ta' Venuti għall-Imqabba

Il-kwadru titulari ma kienx l-uniku xogħol li għamel Venuti għall-knisja tagħna. Li kieku Venuti kompla x-xogħol fl-Imqabba u li kieku l-koppla ma ntlaqtitx fil-gwerra, kieku forsi konna nkunu nistgħu ngħidu li l-knisja ta' l-Imqabba hija mekka ta' pitturi ta' Venuti, bħalma huwa l-konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt mekka tal-pitturi ta' Mattia Preti, jew kif il-bażilka tan-Nadur hija l-mekka tal-pitturi ta' Lazzru Pisani… imma dan ma kellux iseħħ!

Wara s-suċċess tal-kwadru titulari, li milli jidher għall-ewwel għoġob ħafna lil missirijietna, għall-Imqabba Venuti kompla jaħdem billi pitter l-evanġelisti fil-pennakki tal-koppla. Dawn probabilment li dak iż-żmien kienu meqjusa bħala l-aqwa xogħlijiet ta' Venuti fl-Imqabba. Fil-fatt jissemmew ukoll fir-rivista *Natura e* arte tas-snin 1903-04: "*Dimorante a Malta ġ…ħ numerose sono le opere che vi ha compiute. Cito fra essi i quattro Evangelì alla Micabibba*".[31] Jissemmew ukoll fil-gazzetta *Malta* tagħna flimkien ma' "operi" oħra li m'humiex speċifikati.[32] Dawn kienu tħallsu mill-imħallef Giovanni Pullicino, Marju Briffa, Innoċenzu Camilleri, Giuseppe Caruana u Andrea Galea.[33]

Wara dawn kompla jpitter il-koppla bir-rappreżentazzjoni ta' l-Inkurunazzjoni tal-Madonna. Bejn it-twieqi tal-koppla kien pinġa tmien anġli bit-titli tal-Madonna bħala sultana, meħudin mil-litanija bil-latin: *Regina apostolorum*, *Regina martyrum*, *Regina patriarcharum* eċċ. Barra minn dawn kien pitter ukoll *Il-profezija ta' Marija fil-Ġenesi* fuq il-ħajt tal-bieb prinċipali tal-knisja. Kurżità żgħira hija li dan huwa l-uniku ħajt impitter sħiħ f'Malta! Din turi l-Missier qiegħed jippreżenta lil Marija, li qiegħda tirfes is-serp u l-qamar, rebbieħa fuq id-dnub u fuq iż-żmien. Madwarha kien hemm ħafna anġli jżommu l-ġilji, jirrappreżentaw is-safa' tagħha. Fuq il-lemin, fuq il-battisterju jidher il-ġnien ta' l-Eden waqt li fuq ix-xellug, fuq in-niċċa ta' Santa Marija, jidher l-anġlu Gabrijel qiegħed ikeċċi lil Adam u lil Eva.

Fil-figura ta' Marija jidher li Venuti pprova jgħaqqad elementi miż-żewġ vari prinċipali tal-Madonna li għandna fil-knisja: Mill-qadd 'il fuq (apparti d-direzzjoni tal-ħarsa tal-wiċċ) il-figura tixbaħ ħafna l-vara tal-Madonna tal-Ġilju, waqt li mill-qadd 'l isfel hija identika għal-poża tal-vara ta' Santa Marija. Dan jgħodd ukoll għall-mod kif il-mant ikħal idur ma' l-ispalla u d-driegħ xellugi tal-Madonna. Taħt l-anġlu Gabrijel Venuti kien ħalla l-arma ta' kunjomu bħala tifkira tax-xogħol li kien wettaq għalina biex isebbħilna t-tempju tagħna.

B'xorti ħażina minn dan kollu baqa' biss l-evanġelista San Luqa. Minnu naraw li fl-eżekuzzjoni ta' l-evanġelisti Venuti uża teknika aqwa milli uża s-soltu, bħal fil-pennakki tal-kopletti ta' Birkirkara. San Luqa jkompli jispikka fi ġmielu l-aktar meta jitqabbel mat-tliet evanġelisti l-oħra, ferm inferjuri, li saru minn Aldo Micallef-Grimaud fl-1959 meta reġgħet inbniet il-koppla.

Il-pitturi l-oħra tal-koppla u ta' madwarha ntilfu kollha nhar id-9 ta' April 1942 jew inkella (bħal fil-każ ta' xi anġli bejn it-twieqi) meta kompliet titwaqqa' biex tinbena mill-ġdid. Fir-ritratti tal-knisja mkissra għadhom jidhru xi anġli minn dawn. Il-pittura ta' fuq il-bieb baqgħet teżisti sa tmiem is-snin tmenin tas-seklu Għoxrin. Lejn l-aħħar tal-parrokat ta' Dun Willie Vella, meta kien qed isir xi xogħol ta' tisbiħ fil-knisja, dil-pittura kellha tiġi restawrata, imma li ġara fir-realtà kien li tpittret mill-ġdid fuq l-antika, tant li m'għadniex nistgħu ngħidu li għadha l-oriġinali ta' Venuti.[34]



Mqabba SM Bk06.indd 95 27/7/06 11:41:30



*Dettall mit-titular ta' l-Imqabba – l-arma ta' Schembri.*

L-arma ta' Venuti tghattiet ukoll, u l-pittura ċċekknet biex madwarha saret bordura.

## Għeluq

Żgur li isem Filippo Fortunato Venuti jibqa' dejjem marbut ma' l-Imqabba u ma' Santa Marija. Jalla naghrfu napprezzaw dejjem aktar dak li ghandna fil-knisja tagħna u jalla qatt ma jonqsu benefatturi minn kull partit biex jghinu fir-restawr u fil-manutenzjoni ta' l-opri li għandna. Il-kwadru titulari, minkejja li f'qagħda ta' preservazzjoni tajba ħafna ghandu bżonn ta' intervent ta' tindif u ftit restawr: fuqu ghandu ħafna titjir ta' xemgha minn ta' snin twal ilu, barra milli n-naħa t'isfel għandu biċċa mit-tila magħfusa, kważi mċarrta. Hemm bżonn li aħna l-Imqabbin nifhmu darba ghal dejjem li dak li hemm fil-knisja hu tal-poplu kollu mhux ta' xi partit jew ieħor; jekk issir xi ħaġa ġdida jgawdiha kulhadd, u jekk xi ħaġa ta' preġju tintilef tkun telfa ghal kulhadd!

Barra minn dan jalla meta nharsu lejn dan il-kwadru tant sabih nittieħdu mill-ferħ tas-sema li qed juru l-anġli li hemm madwar ommna Marija, il-patruna u protettriċi tagħna lkoll, biex bhalHa aħna wkoll meta jasal il-waqt ninghaqdu ghal dejjem ma' Binha. Naghlaq dan l-istudju b' kelmtejn ferm adatti ta' Dr Emmanuel Fiorentino dwar il-kwadru tagħna:

(…) dan il-kwadru titulari, aktar ma thares lejh, aktar iġiegħlek tinnamra minnu waqt li jelevak fi spirali ta' ħlewwa u ta' ispirazzjoni Nisranija.[35]

1 "*Dimorante a Malta per mitezza di clima, pel quieto soggiorno, Filippo Venuti vi abita da nove anni…*" T. De dominicis, *L'arte italiana a Malta*, minn *Natura e Arte* 1903-04, Milano, 269.

2 Keith Sciberras, *Filippo Venuti, artist Taljan f'Malta*, Programm tal-festa ta' Santa Marija – l-Imqabba, Malta 1992, 78.

3 Christian Attard, *An Italian artistic presence in $19^{th}$ and $20^{th}$ century Malta*, teżi ghal degree ta' Master of Arts ippreżentata fid-dipartiment ta' l-Isorja ta' l-Arti fl-Università ta' Malta, 1999, 168.

4 *Gazzetta tal poplu*, 28 ta' Novembru 1898.

5 Joe Abela, *Filippo Fortunato Venuti*, Programm tal-festa ta' Sant'Anna – Wied il-Ghajn, Malta 2003, 104-105

6 Hajr lill-ex kappillan ta' l-Imqabba, illum kappillan tal-parroċċa matriċi ta' Tas-Sliema Dun Joe Bartolo. Informazzjoni mghoddija fit-23 ta' Ġunju 2006.

7 Informazzjoni moghtija mis-seminarista Joseph Sultana, mir-Rabat (Ghawdex) fis-17 ta' Ġunju 2006.

8 Nicholas de Piro, *The international dictionary of the artists who painted Malta*, Malta 2002, 486.

9 Hans Vollmer, *Allgemeines lexikon der bildenden künstler*, Leipzig 1936, 221.

10 Claude Busuttil, *L-arkitettura tal-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba* f'*L-Imqabba mal-medda tas-snin*, Malta 1998, 63.

11 Hawnhekk id-differenza bejn *anġli* u *kerubini* hi li 'anġlu' huwa rappreżentat bħala bniedem bil-ġwienah, waqt li 'kerubin' huwa anġlu bla ġisem, irrappreżentat bħala ras fuq par ġwienah.

12 Emmanuel Fiorentino, *Il-pittura fil-knejjes ta' l-Imqabba*, f'*L-Imqabba mal-medda tas-snin*, Malta 1998, 73.

13 Hawnhekk l-awtur ħa żball, ghax bħalma wrejt Venuti kien fil-fatt Ruman mhux Sqalli.

14 Alexander Bonnici – Joseph Grech, *Il-kwadri titulari tal-parroċċi ta' Malta u Għawdex*, Malta 2000, 61.

15 Mario Buhagiar, *The iconography of the Maltese Islands 1400-1900. Painting*, Malta 1988, 178.

16 Keith Sciberras, *ibid.*

17 Tnejn minnhom huma: Christian Attard, *op. cit.*; u Sara Galea, *Paintings of the Assumption in the Maltese Islands*, teżi ghal lawrea ta' Bachelor of Arts (Hons.) ippreżentata fid-dipartiment ta' l-Istorja ta' l-Arti fl-Università ta' Malta, 2001.

18 Din indunajt biha ghax iż-żebgha bdiet titqaxxar.

19 Alexander Bonnici – Joseph Grech, *ibid.*

20 Francesca Muscat, *A stylistic and iconographic study of paintings of the Virgin of Mount Carmel in Malta from the $17^{th}$ to the mid-$20^{th}$ century*, teżi ghal lawrea ta' Bachelor of Arts (Hons.) ippreżentata fid-dipartiment ta' l-Istorja ta' l-Arti fl-Università ta' Malta, 2001, 62.

21 Emmanuel Fiorentino, *Gudja titular painting restored*, Programm tal-festa ta' Santa Marija maħruġ mill-parroċċa – il-Gudja, Malta 2003, 59.

22 Alexander Bonnici – Joseph Grech, *ibid.*

23 Sara Galea, *op. cit*, 70.

24 Dun Salv ordnat saċerdot fis-17 ta' Diċembru 1864. Kien maghruf ħafna ghall-priedki li kien jaghmel, fil-fatt kien hu li kellu l-privileġġ jaghmel it-tridijiet tal-festa titulari ta' Santa Marija fis-sena tat-tielet ċentinarju mit-twaqqif tal-parroċċa.

25 Karm Zammit, *Kappillan li mexxew il-parroċċa ta' l-Imqabba*, f'*L-Imqabba mal-medda tas-snin*, Malta 1998, 225.

26 Carmen Lia, *Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-istorja ta' l-Imqabba*, Malta 1997, 34.

27 Arkivju Parrokkjali ta' l-Imqabba, *Notulæ Historicæ Ecclesiæ Parrochialis Micabibæ*, manuskritt, f10b.

28 Ibid.

29 It-tagħjir u l-botti bejn l-irħula tan-naħa tagħna ma kinitx ħaġa rari fis-seklu XIX. Nafu li qabel ma saret il-vara titulari ferm sabiħa ta' Santa Marija l-ġirien ta' l-Imqabbin kienu jiġu jiddiehku bil-vara 'kerha' li kellhom qabel. Ta' min nghidu wkoll li meta mbaghad inġiebet fir-rahal il-vara preżenti ħafna ġew biex jarawha u biex ifaħħru lill-Imqabbin tal-ġmiel li kellha. (cfr. Tumas Agius-Caruana, *Ad futuram memoriam* minn *Notulæ historicæ ecclesiæ parrochialis Micabibæ*, manuskritt, f.21.)

30 Alexander Bonnici – Joseph Grech, *op. cit.*, 71.

31 T. De dominicis, *L'arte italiana a Malta*, minn *Natura e Arte* 1903-04, Milano, 269-270.

32 "ġ…ħ rait hedauc l'operi colla illi saru, u fost l'ohrain, is-sbieh Evangelisti maghmulin mill bravu Giovanni Venuti pittur mill akua" Hisopo, *Malta tagħna*, 13 ta' Mejju 1896, 1. (L-awtur bi żball isejjah lil Filippo 'Giovanni' – jidher li min kien qed jikteb ma kienx mill-Imqabba.

34 Laurenz Zammit, *Descrizioni storica tal cnisia parrochiali tal Imkabba*, Malta 1927, 19.

35 Sara Galea, *ibid.*, 69.

36 Emmanuel Fiorentino, *Il-pittura fil-knejjes ta' l-Imqabba*, 73.



Mqabba SM Bk06.indd 96 27/7/06 11:41:31

# Preżentazzjoni tat-Tfal...

Għall-ewwel darba fil-Parroċċa ta' l-Imqabba ġiet organizzata ċelebrazzjoni fejn it-trabi u t-tfal ġew ippreżentati lil Alla quddiem l-Istatwa devota u artistika ta' Santa Marija. Din iċ-ċelebrazzjoni ġiet organizzata nhar is-Sibt 30 ta' Lulju 2005, propju fil-bidu tal-Kwindiċina tal-Festa. Il-għan ewlieni ta' dan l-arranġament kien sabiex din il-preżentazzjoni tat-trabi u tfal tingħata tifsira aktar liturġika filwaqt li fil-parroċċa inkunu qed nagħtu bidu għall-Festa ta' Ommna Marija taħt it-titlu ta' l-Assunta.

B'arranġament mal-Kappillan Dun Nazzaren Caruana, ġie deċiż li l-età ta' dawk it-tfal li kellhom jiġu ppreżentati tkun minn ħames snin 'l isfel. Fil-fatt għal din iċ-ċelebrazzjoni kellna numru sabiħ ta' 55 tifel u tifla li lkoll flimkien inġbarna fil-Knisja tar-Raħal fejn anke ġew offruti lill-Madonna ftit fjuri u xemgħa li kull tifel u tifla ġab miegħu għal dan il-għan.



Il-Kappillan Dun Nazzaren Caruana waqt iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni tat-tfal li ġiet organizzata għall-ewwel darba ġewwa l-Imqabba nhar it-30 ta' Lulju 2005 bħala ftuħ tal-Kwindiċina tal-Festa ad unur l-Assunzjoni ta' Marija. It-tfal ġabu ftit fjuri u xemgħa li tpoġġew quddiem l-Istatwa devota ta' Santa Marija.



L-attendenza numeruża fil-knisja ta' l-Imqabba ddedikata lil Santa Marija. B'kollox kellna 55 tifel u tifla li ġew ippreżentati lil Alla quddiem ix-xbieha tal-Madonna.




Ktejjeb li ħareġ għall-okkażjoni sabiex wieħed seta' jsegwi ċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni.




Ċerifikat ta' tifkira ffirmat mill-Kappillan tal-Parroċċa li ngħata lil kull tifel u tifla li ġew ippreżentati.



Kuruna tar-Rużarju li ġiet mogħtija lit-tfal bħala tifkira ta' din iċ-ċerimonja u fl-istess ħin inħeġġu lit-tfal minn ċkunithom jitolbu din it-talba tant għażiża għall-Madonna.

# ... għall-ewwel darba fl-Imqabba



Mqabba SM Bk06.indd 97 27/7/06 11:41:33

# Trofew Chev. George Martin A. Mus. L.C.M., O.S.T.J.
## (L-attivist tas-Sena)

Bħal kull sena s-Soċjetà tagħna tieħu ħsieb li tippereżenta l-unur ta' l-attivist tas-sena lil dak jew dawk il-persuni li fl-opinjoni tagħha jkunu ddistingwew ruħhom b'xi mod aktar minn oħrajn. Għall-impenn u ħidma matul is-sena. Din kienet inizjattiva oħra tal-familja Martin li bla dubju għandhom għal qalbhom ferm is-Soċjetà tagħna.

L-attivist għal din is-sena kien fil-fatt il-mibki iżda żgur qatt minsi s-Sur Joseph Galea magħruf magħna aktar bħala *ż-Że*, li propju ħalliena nhar l-24 ta' Diċembru 2004. Dan l-unur ġie ppreżentat nhar l-10 ta' Awissu 2005 lill-mara ta' Joseph, Jacqueline u liż-żewġ uliedu Jean u Justin.

Joseph kien bniedem li f'ħajtu kien ta' kuraġġ kbir u dejjem ħeġġiġna biex l-ispettakli tan-nar u l-festa li tant kien iħobb ma jkun jonqoshom xejn. Kull naqra ċans li jkollu kont tarah dejjem il-post tan-nar, sew bil-lejl u anke Ħdud u festi! Kien iqatta' ġranet sħaħ fil-post li tant kien għal qalbu. Joseph kien bniedem ħabrieki ħafna, sew fil-ħidma tan-nar u anke fil-finanzi li kien ikollna bżonn! Joseph, int dejjem tajt kontribut qawwi biex il-festa ta' Santa Marija tkun imżewqa bl-isbaħ spettakli ta' nar li jixirqilha. Int għalina fjura li ma tmut qatt għax għalkemm fl-età ta' 34 sena, tlaqtna biex mort ma' Omnna l-oħra fis-sema. Nafu li ma' din l-Omm m'hu ħa jkun jonqsok xejn għax Hi riditek biex tkun tista' thaddnek magħha u żżommok taħt il-mant tagħha.

Joseph, insellmulek u ftakar li aħna lkoll xi darba għad irridu niġu ħdejk. Nitolbuk terfagħlna post ħdejn l-għażiża Omnna Marija.



*Is-sinjura Jacqueline Galea flimkien maż-żewġ uliedha Jean u Justin, tirċievi t-trofew f'isem il-mibki iżda qatt minsi Joseph Galea.*

# Xogħol Kontinwu Kollu mill-Qalb

Kitba ta' Fran©iska Ghigo - Ferg˙a Nisa

Awissu reġgħa magħna! Xahar li fih iġib ħafna ferħ, għaliex bla ma trid tħoss ċertu ferħ intern għax taf li f'nofsu eżatt tiġi ċċelebrata l-akbar festa lil Omnna Marija Mtellgħa s-Sema. Santa Marija, li għalina l-Imqabbin hija festa ta' ferħ bla tmiem li nkunu qed nistennew fuq ix-xwiek u li minn sena għal oħra litteralment inkunu qegħdin ngħixu għaliha. Bdejna s-sena billi organizzajna laqgħa ġenerali għalina n-nisa sabiex jiġi ffurmat il-kumitat il-ġdid. Hawnhekk nirringrazzja lil dawk is-soċi nisa li għoġobhom jattendu.

Din is-sena bħal kull sena oħra, aħna n-nisa kellna sena ta' xogħol u sagrifiċċju fejn komplejna niġbru fondi biex dejjem ngħinu lis-Soċjetà tagħna sabiex jittaffew xi ftit mill-ispejjeż kbar li jinħtieġu għal festa kbira bħalma hija l-Festa ad unur Santa Marija Patruna ta' l-Imqabbin kollha. Wara li s-sena l-oħra irnexxielna niġbru s-somma ta' elf lira b'riżq il-planċier artistiku l-ġdid, din is-sena ħsibna sabiex niġbru fondi biżżejjed sabiex il-Banda Re Ġorġ V ikollha sett qniepen ġodda. Nixtieq nirringrazzja lis-soċi u partitarji kif ukoll ħbieb oħra ta' l-attendenza fl-attivitajiet kollha li norganizzaw kull xahar bħalma huma *coffee mornings*, lotteriji u anke xi ħarġiet li norganizzaw minn żmien għal żmien.

Ringrazzjament speċjali jmur lejn sħabi membri tas-sotto kumitat u diversi nisa oħra li matul is-sena kollha jagħmlu sagrifiċċji kbar sabiex jiġbru l-fondi meħtieġa u jbiegħu biljetti tal-lotteriji u attivitajiet oħra li jiġu organizzati kemm mill-fergħa tan-nisa kif ukoll mis-sezzjonijiet l-oħra fi ħdan is-Soċjetà. Hawn nagħmel appell sinċier biex jekk jogħġobkom nieħdu sehem f'kull attività li tiġi organizzata, kemm fiċ-ċelebrazzjonijiet ġewwa l-knisja kif ukoll attivitajiet esterni, filwaqt li nġibu ruħna ta' nies serji u maturi.

Nirringrazzja wkoll lil dawk in-nisa li b'sagrifiċċju kbir jieħdu ħsieb it-tindif tal-każin. Nixtieq inħeġġiġkom sabiex f'dawn il-ġranet ta' ferħ u ta' għożża għalina lkoll nersqu aktar lejn is-sagramenti b'mod partikulari s-sagramenti tal-qrar u t-tqarbin sabiex il-festa tagħmel aktar sens f'ħajjitna u hekk inkunu qed inqimu lil Omnna Marija tas-Sema flimkien ma' Binha Ġesù.

Għaliex x'jiswa li niċċelebraw festa ad unur il-Madonna u mbagħad inkunu l-bogħod mis-sagramenti! **VIVA SANTA MARIJA PATRUNA TA' L-IMQABBIN KOLLHA.**



*Is-Sinjura Georgia Sciberras, tippreżenta s-somma sabiħa ta' elf lira lill-President tas-Soċjetà, b'riżq il-planċier artistiku l-ġdid.*

# Għad-Domma ta' l-Assunzjoni

## *60 Sena mill-Ġbir ta' Firem Favur din ir-Riżoluzzjoni*

Din hi s-sittin sena mill-ġbir ta' firem favur id-Domma ta' l-Assunzjoni.

Konsistenti ma' dan l-Azzjoni Kattolika kienet tippubblika fil-gazzetta tagħha *Leħen is-Sewwa*, ir-Riżoluzzjonijiet li tirċievi minn korpi kostitwiti.

Bi pjaċir hawnhekk qed nippubblikaw iż-żewġ riżoluzzjonijiet li ħarġu mill-Imqabba kif dehru fl-istampa. L-ewwel waħda li nkitbet ħarġet mill-Kongregazzjoni 'Ulied ta' Marija' jew aħjar kif konna nafuha 'Figli di Maria' iffirmata mill-kappillan u direttur Dun Ġerard Mangion u Filomena Camilleri.

Ir-riżoluzzjoni l-oħra ġiet ippubblikata f'isem il-Kumitat ta' **'King Geoge V Club' u ta' 'l-Orkestra Santa Marija'.**

Fit-tiftix li sar instab li ebda korp kostitwit ieħor ma ħa sehem.

### Fir-rigward tal-firem:

Il-popolazzjoni ta' l-Imqabba wara l-gwerra kienet ta' madwar elfejn (2,000) ruħ. L-Azzjoni Kattolika stampat karti apposta bir-riżoluzzjoni favur id-Domma ta' l-Assunzjoni u tqassmu f'kull dar ta' Malta u Għawdex.

363 familja Mqabbija ssottomettew il-karti u rriżulta li l-Imqabba kkontribwixxiet elf u tlett mitt (1,300) firma.

Innota li waqt li l-medja ta' firem f'kull familja hu ta' erbgħa kull dar, l-ammont apprezzat kien hemm bejn sitt mija (600) jew seba' mija (700) li ma ffirmawx.


LEHEN IS-SEWWA

GHAD-DOMMA TA' L-ASSUNZJONI

Kongregazzjoni "Ulied ta' Marija", Imqabba, 25 ta' Awissu, 1946.

Il-Kongregazzjoni ta' l-Ulied ta' Marija, imwaqqfa fil-Parroċċa ta' l-Imqabba, b'xhieda ta' qima u devozzjoni lejn l-Omm tagħhom Marija, f'lagħqa li saret il-lum, 25 ta' Awissu 1946, iddeċidiet b'akklamazzjoni li tingħaqad mal-Kongregazzjoni ta' l-Ulied ta' Marija tas-Sacred Heart Convent, biex tintlagħat talba lill-Papa Piju XII, sabiex ix-xewqa universali li Marija Santissima ġiet imtella' fis-sema bir-ruħ u l-ġisem tiġi definita minnu Domma tal-Fidi u b'hekk tiġi mitjuba glorja oħra lil Marija.

(Ft.) Dun GERARD MANGION, Direttur.

(Ft.) FILOMENA CAMILLERI, Segretarja.

INWIEĠBU

J JISTA' JQARBEN? — IL-MIRAKLI—ID-DNUBALI — L-ANTIPAPI—KIF ISSELLEM LIS SA-RDOTI? — IL-MAHFRA TAL - LHUD

L-ewwel riżoluzzjoni li nkitbet ħarġet mill-Kongregazzjoni 'Ulied ta' Marija' iffirmata mill-kappillan u direttur Dun Ġerard Mangion u Filomena Camilleri, Segretarja.


LEHEN IS-SEWWA

GHAD-DOMMA TA' L-ASSUNZJONI

Il-Kumitat ta' "King George V Club" u ta' l-Orkestra "Santa Marija" ta' l-Imqabba, imlaqqa' f'isem is-soċi kollha f'seduta, il-lum, il-15 ta' Settembru 1946, festa tal-Madonna tad-Duluri, iddeċieda unanimament li jingħaqad mal-Għaqda ta' l-Ulied ta' Marija tas-Sacred Heart Convent, ta' tas-Sliema, biex tiġi mressqa quddiem il-Q.T. il-Papa Piju XII it-talba sabiex it-twemmin universali li Marija Santissima ġiet imtella' fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem jiġi dikjarat u definit bħala Domma tal-Fidi.

J. GHIGO, President.

EMANUEL ZAMMIT, Segretarju.

Ir-riżoluzzjoni l-oħra li ġiet ippublikata f'isem il-Kumitat ta' **'King George V Club' u ta' 'l-Orkestra Santa Marija'** *iffirmata minn J Ghigo bħala President u E Zammit bħala Segretarju.*



Mqabba SM Bk06.indd 101 27/7/06 11:41:56




Mqabba SM Bk06.indd 103 27/7/06 11:42:08

## *L-Ewwel Kampjonat tal-Logħob tan-Nar ta' Malta*

# L-Ewwel Champions tan-Nar

**Il-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar għall-ewwel darba jieħu wkoll il-forma ta' Kampjonat u jintrebaħ mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba**

Id-29 t'April, l-1 ta' Mejju u t-3 ta' Mejju 2006 taw il-konferma, jekk kien hemm bżonnha, li l-Ghaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba hi ċ-Champion tan-nar f'Malta u kapaċi tirbaħ mhux biss l-aqwa kompetizzjoni Maltija iżda wkoll kompetizzjoni barranija. Dawn kienu l-ġranet li fihom l-Ghaqda tan-Nar Santa Marija tat wirja stupenda ta' loghob tan-nar sinkronizzat mal-mużika fil-Port il-Kbir, rebħet il-premju bhala l-ewwel Champion tan-nar moghti minn ġurija ta' esperti internazzjonali u rebħet ukoll il-vot tal-pubbliku bhala l-ewwel rebbieħa ta' l-ewwel kampjonat tan-nar li sar f'Malta. Tassew ġranet li fihom sehhew ġrajjiet uniċi u storiċi ghall-Ghaqda tan-Nar Santa Marija.

Is-Sibt u l-Hadd 29 u 30 t'April fil-Port il-Kbir sar il-Festival Internazzjonali tal-Loghob tan-Nar organizzat mill-Awtorità u mill-Ministeru tat-Turiżmu bil-kollaborazzjoni ta' l-Għaqda Piroteknika Maltija. Ghall-ewwel darba, din is-sena l-Festival ħa l-forma ta' kampjonat bejn ħames fabbriki tal-loghob tan-nar, tlieta Maltin u tnejn barranin.

It-tliet kompetituri Maltin kienu; l-Ghaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba, l-Ghaqda tan-Nar San Mikiel ta' Hal Lija u l-Ghaqda tan-Nar 15 t'Awissu tal-Mosta. Il-kompetituri barranin kienu l-kumpanija Luso Pirotecnia mill-Portugall u l-kumpannija Jubilee Fireworks mir-Renju Unit. Fil-kompetizzjoni, kull kompetitur kellu jaghmel wirja tal-loghob tan-nar minn fuq braken fil-Port il-Kbir u li kellha tkun sinkronizzata mal-mużika ghal tul ta' bejn ghaxra u tnax-il minuta.

Billi ghall-ewwel darba dan il-Festival ħa l-forma ta' kampjonat, l-organizzaturi ġabu Malta ġurija ta' erba' esperti barranin tal-loghob tan-nar li tmexxiet minn Malti. Il-membri barranin tal-ġurija kienu; Marcello Raffaele li hu l-President ta' l-Ghaqda Nazzjonali Piroteknika Taljana, Stolba Yaroslav mill-kumpannija Flash Barandov Special Effects tar-Repubblika Ċeka, Izaskun Astondoa mill-kumpannija Astondoa Fireworks Factory ta' Spanja, u Josè Maria Paris li hu direttur tal-Potassium Nitrate and Fireworks Factory ta' Spanja. Din il-ġurija internazzjonali kienet immexxija mill-Malti Charles Briffa tal-kumpannija Briffa Fireworks Company. Il-ħames kompetituri inqasmu fuq il-jumejn tal-Festival. Is-Sibt 29 t'April bdiet kumpanija barranija, il-Jubilee Fireworks mir-Renju Unit, li fethet il-Festival u l-kampjonat. Wara kien hemm il-wirja ta' l-Ghaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba li semmiet l-ispettaklu taghha 'Dancing Stars over the Water' jew 'Stilel Jiżfnu fuq l-Ilma'.



**Il-ħames premjijiet li rebħet l-Għaqda tan-Nar Santa Marija fl-Ewwel Kampjonat tal-Logħob tan-Nar fil-Festival Internazzjonali ta' Malta - 29 u 30 t'April 2006**

- Rebbieħa ġenerali tal-Kampjonat
  – il-premju ewlieni moghti mill-ġurija internazzjonali
- L-aqwa prodott oriġinali
- L-aqwa sinkronizzazzjoni mal-mużika
- L-aqwa koreografija ta' l-ispettaklu
- Rebbieħa tal-vot tal-pubbliku Malti

Il-wirja tal-loghob tan-nar taghha kellha numru kbir ta' elementi oriġinali kollha xoghol ta' l-Ghaqda Santa Marija Mqabba fosthom murtali tal-beraq li ma jidhirx, l-ittri MALTA miktubin bin-nar minn ma' l-art u ftuh iduru. Il-wirja kienet moghnija wkoll bi blalen jaqilbu, forom ta' slaleb ta' Malta, qlub, trijangli ġo ċrieki, uċuħ u kwadri ġo ċrieki. Biex torbot mat-tema tal-wirja, din kienet tinkludi wkoll numru qawwi ta' forom ta' stilel.

Il-wirja ta' l-Ghaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba kienet sinkronizzata ma' tliet siltiet mużikali klassiċi. L-ewwel silta kienet mill-ewwel moviment tas-Sinfonija nru. 5 ta' Ludwig van Beethoven interpretata mill-Berlin Philharmonic immexxija minn Herbert von Karajan. It-tieni silta kienet arranġament orkestrali ta' xoghlijiet ta' John Williams b'temi mużikali mill-films Star Wars u

**Il-Ġurija Internazzjonali li ddeċidiet il-premjijiet fil-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar - 2006**

Is-Sur Marcello Raffaele - mill-Assoċjazzjoni Nazzjonali Piroteknika ta' l-Italja
Is-Sur Stolba Yaroslav - mill-Kumpannija Piroteknika Flash Barrandov Special Effects tar-Repubblika Ċeka
Is-Sinjura Izaskun Astondoa - mill-Kumpannija Piroteknika Astondoa Fireworks ta' Spanja
Is-Sur Josè Maria Paris - mill-Kumpannija tal-materjal pirotekniku Potassium Nitrate and Fireworks Chemical Factory ta' Spanja

Il-President tal-ġurija Internazzjonali: Is-Sur Charles Briffa - mill-Kumpannija Briffa Fireworks Company f'Malta



Mqabba SM Bk06.indd 105 27/7/06 11:42:12

ET interpretati mil-London Symphony Orchestra immexxija minn John Williams innifsu u tema mużikali mill-Olympic Fanfare interpretata mill-Boston Pops Orchestra immexxija wkoll minn John Williams. It-tielet silta kienet ir-Radetzky March ta' Johann Strauss interpretat mill-Vienna Philharmonic immexxija minn Riccardo Muti.

Dawn kienu 12-il minuta li fihom l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba tat wirja mill-aqwa bi *crescendo* ta' mużika u effetti pirotekniċi li bihom eventwalment rebħet dan l-ewwel kampjonat tan-nar. Għalqet is-sessjoni tas-Sibt kumpanija oħra barranija, il-Luso Pirotecnica mill-Portugall. Il-Ħadd 30 t'April, imbagħad, fetħet is-sessjoni l-Għaqda tan-Nar San Mikiel ta' Ħal Lija u kompliet il-kompetriċi l-oħra Maltija, l-Għaqda tan-Nar 15 t'Awissu tal-Mosta. Il-Festival ingħalaq minn kumpannija barranija li iżda ma ħaditx sehem fil-kompetizzjoni u li kienet il-kumpannija Orzella Fireworks mill-Italja. Bejn il-wirjiet tal-ħames għaqdiet kompetituri kellu jkun hemm ħin biżżejjed biex il-ġurija internazzjonali tkun tista' tevalwa bir-reqqa u tivvota dwar kull wirja. Għalhekk, bejn il-wirjiet, inħarqu wkoll murtali tradizzjonali tal-beraq pront u tal-kulur kif ukoll logħob tan-nar ta' l-art minn numru ta' għaqdiet tal-logħob tan-nar li ma ħadux sehem fil-kampjonat internazzjonali.

# *Premju Mogħti minn Ġurija ta' Esperti Internazzjonali*

It-Tnejn 1 ta' Mejju tħabbru r-riżultati tal-ġurija barranija li nġiebet apposta biex tiġġudika l-ħames kompetituri waqt li l-Erbgħa 3 ta' Mejju tħabbar ukoll ir-riżultat tal-kompetizzjoni



li biha l-pubbliku seta' jivvota b'SMS jew bit-televoting għall-aħjar wirja minn fost il-ħames kompetituri. Fiż-żewġ każi, l-għaqda rebbieħa ta' dan il-Festival Internazzjonali u ta' dan l-ewwel kampjonat tal-logħob tan-nar f'Malta kienet l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba. Din l-għaqda rebħet il-premju ġenerali tal-Festival kif ukoll tliet kategoriji partikolari; dik għall-aqwa prodott oriġinali, dik għall-aqwa sinkronizzazzjoni mal-mużika u dik għall-aqwa koreografija ta' l-ispettaklu fil-Festival. L-Għaqda tan-Nar San Mikiel ta' Ħal Lija, min-naħa tagħha, rebħet żewġ kategoriji; dik għall-aħjar effetti pirotekniċi u dik għall-isbaħ kuluri. L-Għaqda tan-Nar Santa Marija rebħet ukoll il-kompetizzjoni għall-vot tal-pubbliku. Din kienet konferma mill-aqwa tal-fehma ta' ħafna dilettanti tal-logħob tan-nar li l-wirjiet pirotekniċi fil-festa ta' l-Imqabba jilħqu konsistentement l-aqwa livell fil-pajjiż u anke l-livelli ta' spettakli pirotekniċi internazzjonali.





## Il-mużika li magħha kienet sinkronizzata l-wirja 'Dancing Stars over the Water' ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba

**L-ewwel silta**
L-ewwel moviment tas-Sinfonija nru. 5 ta' Ludwig van Beethoven interpretata mill-Berlin Philharmonic immexxija minn Herbert von Karajan

**It-tieni silta**
Arranġament orkestrali ta' xogħlijiet ta' John Williams:
Temi mużikali mill-films Star Wars u ET interpretati mil-London
Symphony Orchestra immexxija minn John Williams innifsu, u
Tema mużikali mill-Olympic Fanfare interpretata mill-Boston Pops Orchestra immexxija wkoll minn John Williams stess

**It-tielet silta**
Ir-Radetzky March ta' Johann Strauss interpretat mill-Vienna Philharmonic immexxija minn Riccardo Muti




Mqabba SM Bk06.indd 108 27/7/06 11:42:28

*L-Ewwel Kampjonat Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar ta' Malta*

# Ta' Santa Marija ta' l-Imqabba l-għażla tal-pubbliku Malti

## Il-votazzjoni tal-pubbliku permezz tal-SMS u t-Televoting tikkonferma r-riżultat tal-ġurija internazzjonali

L-GĦAQDA tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba, apparti l-vot tal-ġurija internazzjonali, rebħet ukoll il-votazzjoni tal-pubbliku Malti li saret permezz tal-SMS u t-Televoting fl-Ewwel Kampjonat tal-Logħob tan-Nar li sar bħala parti mill-Festival Internazzjonali tal-Loghob tan-Nar fl-aħħar jumejn ta' April li għadda. Ir-riżultat tal-votazzjoni tal-pubbliku tħabbar l-Erbgħa, 3 ta' Mejju, filgħaxija billi n-numri tal-SMS u tat-Televoting kienu baqgħu miftuħin sa dakinhar stess f'nofsinhar kif kien tħabbar waqt il-Festival mill-organizzaturi.

Fil-votazzjoni tal-pubbliku, l-ewwel ġiet l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba b'975 vot, imbagħad l-Għaqda tan-Nar San Mikiel ta' Ħal Lija b'596 vot. It-tielet ġiet l-Għaqda tan-Nar 15 t'Awissu tal-Mosta bi 374 vot. Ir-raba' u l-ħames post fl-opinjoni tal-pubbliku marru għal Jubilee Fireworks tar-Renju Unit b'29 vot u għal Luso Pirotecnia tal-Portugall bi 11-il vot.

Dan ir-riżultat fisser ukoll trofew ieħor għall-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba li ngħata lilha fil-ġranet ta' wara minħabba li t-trofej tar-rebħ tal-kampjonat u tal-kategoriji tiegħu kienu ppreżentati lilha fl-1 ta' Mejju, meta l-votazzjoni tal-pubbliku kienet għadha miftuħa.



*Waħda mill-ittri 'A' li ffurmat il-kelma MALTA. Oriġinalità li taraha biss permezz ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba*



### Ir-riżultat tal-votazzjoni tal-pubbliku

| | |
|---|---|
| Għaqda tan-Nar Santa Marija - Mqabba | 975 |
| Għaqda tan-Nar San Mikiel - Lija | 596 |
| Għaqda tan-Nar 15 t'Awissu - Mosta | 374 |
| Jubilee Fireworks - Renju Unit | 29 |
| Luso Pirotecnia - Portugall | 11 |
| **TOTAL** | **1,985** |









Mqabba SM Bk06.indd 109 27/7/06 11:42:39

Ministry for Tourism and Culture

## *Certificate of Merit*

*to*

St. Mary's Fireworks Factory of Mqabba - Malta

***Overall Winner*** *of the*

***Malta International Fireworks Festival 2006.***

Francis Zammit Dimech
Minister for Tourism & Culture

Ministry for Tourism and Culture

## *Certificate of Merit*

*to*

St. Mary's Fireworks Factory of Mqabba-Malta

*For*

***Best Display***

***according to Public Opinion***

*in the*

***Malta International Fireworks Festival 2006.***

Francis Zammit Dimech
Minister for Tourism & Culture

Ministry for Tourism and Culture

## *Certificate of Merit*

*to*

St. Mary's Fireworks Factory of Mqabba - Malta

*For* ***Best Original Fireworks***

*in the*

***Malta International Fireworks Festival 2006.***

Francis Zammit Dimech
Minister for Tourism & Culture

Ministry for Tourism and Culture

## *Certificate of Merit*

*to*

St. Mary's Fireworks Factory of Mqabba - Malta

*For*

***Best Synchronisation to Music***

*in the*

***Malta International Fireworks Festival 2006.***

Francis Zammit Dimech
Minister for Tourism & Culture

Ministry for Tourism and Culture

## *Certificate of Merit*

*to*

St. Mary's Fireworks Factory of Mqabba-Malta

*For*

***Best Choreography***

*in the*

***Malta International Fireworks Festival 2006.***

Francis Zammit Dimech
Minister for Tourism & Culture

Mqabba SM Bk06.indd 110 27/7/06 11:42:48

*L-Ewwel Kampjonat Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar ta' Malta*

# L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tagħmel unur lill-Imqabba u lil Malta

## Konferma li aħna l-Maltin għandna biex nikkompetu u nirbħu




Waqt li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba kienet dikjarata bħala l-ewwel rebbieħa tal-kampjonat tal-logħob tan-nar f'Malta, il-kompetituri li ħadu sehem magħha f'dan il-kampjonat kienu kollha għaqdiet jew kumpanniji rinomati tal-logħob tan-nar li taw spettaklu mill-aqwa matul l-aħħar żewġt iljieli ta' April fl-isfond suġġestiv tal-Port il-Kbir ta' Malta. Kif ikkummentaw l-organizzaturi u numru ta' artikolisti fil-gazzetti fil-ġranet ta' wara, il-Festival Internazzjonali tal-logħob tan-nar hu konferma li aħna l-Maltin għandna biex nikkompetu u nirbħu f'kompetizzjoni anke mal-barranin. Din hi ħarsa lejn il-ħames għaqdiet jew kumpanniji tal-logħob tan-nar li ħadu sehem fl-ewwel kampjonat tal-logħob tan-nar fil-Festival t'April li għadda. Din l-informazzjoni kienet ippubblikata wkoll fil-programm uffiċjali tal-Festival.

### L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba

Din l-għaqda fil-forma preżenti tagħha twaqqfet fl-1960 għalkemm sa mill-bidu tas-seklu 20 kien hemm fabbriki fil-limiti ta' l-Imqabba li kienu jagħmlu l-logħob tan-nar għall-festa tar-raħal. Din l-għaqda hi magħrufa għall-ispettakli li ttella' fil-ġranet tal-festa ta' Santa Marija fil-15 t'Awissu fl-Imqabba. Din l-għaqda dejjem ħarġet b'ideat ġodda li seddqu u kabbru l-wirjiet piroteknici tagħha.

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba tellgħet numru ta' spettakli f'attivitajiet pubbliċi u privati. Wieħed mill-aqwa spettakli li tat kien dak tas-Summit tal-Commonwealth f'Novembru li għadda fl-ikla uffiċjali mogħtija mir-Reġina Eliżabetta II lill-mexxejja tal-pajjiżi tal-Commonwealth. Hi ħadet sehem f'kull edizzjoni tal-Festival tal-Logħob tan-Nar. Fil-Festival ta' din is-sena, l-ispettaklu tagħha kien jismu 'Dancing Stars Over The Water' jew 'Stilel Jiżfnu fuq l-Ilma'.




### L-Għaqda tan-Nar San Mikiel ta' Ħal Lija




Din l-għaqda tan-nar twaqqfet fl-1925 u hi waħda mill-aktar għaqdiet tan-nar rinomati fil-pajjiż b'wirjiet tal-logħob tan-nar fil-ġranet tal-festa tat-Trasfigurazzjoni fis-6 t'Awissu f'Ħal Lija. L-Għaqda tan-Nar San Mikiel ta' Ħal Lija tellgħet wirjiet tal-logħob tan-nar f'avvenimenti nazzjonali bħal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar u l-Giochi Senza Frontiere. Din l-għaqda kienet rebħet il-Festival Internazzjonali Pirotekniku ta' l-1980 f'Monaco. L-Għaqda tan-Nar San Mikiel ta' Ħal Lija ħadet sehem f'kull edizzjoni tal-Festival tal-Logħob tan-Nar. Din l-għaqda semmiet il-wirja tagħha fil-Port il-Kbir din is-sena 'Illuminating Our Grand Harbour' jew 'Nixegħlu l-Port il-Kbir Tagħna'.

### L-Għaqda tan-Nar 15 t'Awissu tal-Mosta




Din l-għaqda tan-nar twaqqfet fl-1983 u ftit snin wara offriet l-ewwel spettaklu tagħha ta' logħob tan-nar sinkronizzat mal-mużika. Hi tieħu sehem ukoll f'diversi spettakli piromużikali f'postijiet differenti f'Malta u Għawdex.



Mqabba SM Bk06.indd 111 27/7/06 11:42:55

# *Kompetituri ta' l-ogħla livell*

L-Għaqda tan-Nar 15 t'Awissu tal-Mosta tilqa' fiha numru ta' voluntieri li jorganizzaw ukoll numru ta' attivitajiet oħrajn.

Il-wirja li tat din l-għaqda fil-kompetizzjoni fil-Festival tal-Logħob tan-Nar kien jisimha 'Flaming Flowers Over the Mediterranean' jew 'Fjuri Jixegħlu fuq il-Mediterran'.



## Il-Kumpannija Luso Pirotecnia tal-Portugall

Din il-kumpannija barranija kienet iffurmata fl-1995 bħala riżultat ta' l-għaqda ta' erba' kumpanniji pirotekniċi Portugiżi differenti. Din il-kumpannija tieħu sehem f'ħafna avvenimenti u spettakli pirotekniċi kemm fil-Portugall kif ukoll barra u tenfasizza r-riċerka, l-esperimentazzjoni u l-innovazzjoni fil-wirjiet tagħha. Hi ħadet sehem f'diversi festivals internazzjonali tal-logħob tan-nar fil-Kanada, fi Franza u fil-Ġappun fejn rebħet ukoll numru ta' unuri. Din il-kumpannija semmiet il-wirja tagħha fil-Port il-Kbir 'Reflexus' jew, bil-Malti, 'Riflessjonijiet'.

## Il-Kumpannija Jubilee Fireworks tar-Renju Unit

Din il-kumpannija Ingliża twaqqfet fl-1987 biex torganizza avvenimenti kbar u spettakli tal-logħob tan-nar mal-mużika. Fil-fatt, din il-kumpannija tipproduċi madwar 200 spettaklu kull sena.

Fost avvenimenti importanti li din il-kumpannija organizzat kien hemm il-'Festival of Fireworks' li hi l-akbar wirja piroteknika fir-Renju Unit. Kull sena, din il-kumpannija torganizza wkoll wieħed mill-akbar spettakli pirotekniċi li jsir f'Belfast, fl-Irlanda, dak tal-Halloween Spectacular.

Fost l-unuri li din il-kumpannija rebħet kien hemm il-'British Fireworks Championship' u l-'British Musical Fireworks Championship'. Il-wirja li tat fil-kampjonat ta' Malta f'April kien jisimha 'Majestic Power' jew 'Setgħa Maestuża'.




Dolceria Croce Bonaci

We are the originals

Over 100 years Experience

*(Prop. Charles Bonaci)*

**Dolceria:**
32, St. Ursula Street,
Valletta
Tel/Fax: 2122 5924

**Shop:**
24D, St. John Street,
Valletta.
Tel: 2124 7933

# Suċċessi u Unuri

Is-Sur Joseph Camilleri Licencee Għaqda tan-Nar Santa Marija

Bħalma tafu ż-żmien ma jistenna lil ħadd u l-festa reġgħet magħna. Aħna ta' l-Għaqda tan-Nar ħejjejna program vast għal din is-sena wkoll. Però ma rridx li nibda u ma nirringrazzjax lil shabi kollha ta' l-Għaqda u lil kull min ta l-għajnuna tiegħu. Bħas-snin l-imgħoddija l-festa tal-2005 reġgħet kienet ta' suċċess kbir u dan ma setax ikun li kieku aħna kollha flimkien ma nkunux magħqudin. Biss wara ftit ġranet li għaddiet il-festa l-għaqda tan-Nar tagħna bdiet tħejji għall-ewwel ħarqa li saret f'Settembru 2005 fil-Jerma Palace Hotel fl-okkażjoni ta' rijunjoni ta' nies distinti barranin kollha veterani tal-gwerra. Dawn ħadu gost ħafna b'dak li ġie ppreżentat mill-Kamra tan-Nar tagħna. L-għaqda tagħna peress li fis-snin l-imgħoddija kellha ħafna suċċessi fejn jirrigwarda l-ħruq tan-nar sinkronizzat mal-mużika ġejna magħżulin ukoll sabiex noffru spettaklu f'Novembru fl-okkażjoni taċ-ċena offruta mill-E.T. ir-Reġina Eliżabetta II lill-membri tas-Summit tal-Commonwealth. Wara dan l-ispettaklu li sar bil-kbir, kellna kliem ta' tifħir mill-mexxejja tal-pajjiżi kollha u anke mingħand il-Maesta' Tagħha r-Reġina, għall-wirja brillanti u unika ġewwa pajjiżna. Ta' dan nerġa' nfaħħar lil shabi kollha. Però dan mhux biżżejjed u l-Għaqda tagħna bħas-snin ta' qabel reġgħet ukoll ġiet mistiedna sabiex tieħu sehem fil-Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta li jiġi organizzat ġewwa l-Port il-Kbir bejn id-29 u 30 ta' April 2006. Din is-sena l-festival sar fuq bażi ta' kompetizzjoni bejn ħames parteċipanti li kienu tlieta Maltin u tnejn barranin. Għal dan il-festival saret ħidma kollettiva kbira mill-membri tal-Għaqda tan-Nar tagħna forsi aktar mis-soltu minħabba lidan kellu jsir fuq bażi kompetittiva. Kif għedt saret ħidma kbira u ta' dan l-għaqda tagħna reġa' kellha suċċess kbir ieħor. Aħna ġejna ddikjarati bħala rebbieħa ewlenin u assoluti ta' dan il-festival hekk kbir minn ġurija internazzjonali bħala l-aħjar prodott oriġinali, l-aħjar spettaklu sinkronizzat mal-mużika kif ukoll l-aħjar korjografija. Dan wassal sabiex finalment niġu ddikjarati rebbieħa assoluti ta' dan il-Festival. Irbaħna wkoll l-aħjar spettaklu offrut skond l-opinjoni tal-pubbliku. Aħna nħossuna ferm onorati li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ġiet iddikjarata Champion ta' dan il-Festival Internazzjonali organizzat għall-ewwel darba f'pajjiżna.




*Is-Sur Joseph Camilleri, Licencee waqt intervista fuq Eden Radio wara r-rebħ tal-Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta 2006.*

Wara li rbaħna dan l-unur hekk kbir għall-Għaqda tagħna, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V organizzat marċ kbir bħala turija ta' ringrazzjament lill-Għaqda tan-Nar tagħna fejn anke waqt il-marċ ġew esebiti s-sitt tofej mirbuħa. Però wara dan is-suċċess hekk kbir l-Għaqda tan-Nar baqgħet għaddejja bit-tħejjijiet kbar ukoll għall-Festa ta' Santa Marija ta' din is-sena. L-Għaqda tagħna fost il-ħafna nar li ħejjiet żgur li ma jistax jonqos li ppreparat għall-ħarqa hekk kbira u rinomata ta' Lejlet il-Festa, li issa għal dawn l-aħħar snin stabbiliet ruħha kemm mal-Maltin u l-Għawdxin kif ukoll mal-barranin bħala wieħed mill-isbaħ spettakli pirotekniċi sinkronizzati mal-mużika f'pajjiżna. Ħbieb dan hu kollu frott il-ħidma kbira mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija li żgur li huwa ta' unur li tkun assoċjat ma' l-aqwa għaqdiet tan-nar ġewwa pajjiżna fejn ta' kull sena dejjem ivvintat xi ħaġa tan-nar ġdida. Bħas-soltu barra l-baraxxijiet ta' lejlet il-festa, l-Għaqda ppreparat ukoll sew murtaletti bil-logħob, murtali tal-beraq pront, kaxxi infernali kif ukoll ma jistax jonqos in-



*Is-Sur Ronald jidher jirċievi l-unur f'isem l-Għaqda tan-Nar.*



Mqabba SM Bk06.indd 115 27/7/06 11:43:12

nar ta' l-art kollu mekkanizzat u oriġinali. Nixtieq mill-ġdid avolja naf li mhux biżżejjed nirringrazzja lil sħabi kollha li jaħdmu n-nar kif ukoll lill-familji tagħna kollha għaliex dawn iħossu n-nuqqas tagħna.

Grazzi lil kulħadd mill-qalb. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil dawk li jiġu jagħtu l-għajnuna tagħhom. Hawn ma nistax ma nirringrazzjax lil Wenzu Ellul u lil ħutu kollha ta' l-għajnuna kbira li dejjem sibna mingħandhom.

Nirringrazzja lill-benefatturi kollha ta' l-għajnuna tagħhom sew fl-arbular u sew finanzjarjament. Bħal ma tafu l-Għaqda tagħna tagħmel sagrifiċċji kbar biex torganizza dawn il-wirjiet pirotekniċi hekk kbar u għalhekk bħal dejjem inħeġġukom biex tgħinuna finanzjarjament mill-aħjar li tistgħu. Ma tistax tkompli tikteb għaliex inkella ma tieqaf qatt però żgur li qabel ma nagħlaq dawn il-ftit kelmiet irrid ngħid grazzi mill-qalb lill-Kumitat Eżekuttiv ta' l-għajnuna kbira li dejjem tana, lis-Sezzjoni Żgħażagħ li dejjem sibnihom ta' stoffa kbira u s-sotto kumitati fi ħdan is-Soċjetà kollha, kif ukoll lis-soċi, partitarji u lill-kleru ta' din il-parroċċa ddedikata lil Santa Marija.



*Is-Sur Chris Spiteri, preżentatur fuq Galaxy Radio waqt waħda mill-intervisti tiegħu. Minn hawn nirringrazzjaw lis-Sur Spiteri ta' l-appoġġ kontinwu tiegħu.*

Nixtieq ngħid grazzi lill-Maltin u l-Għawdxin kollha li jiġu jżuruna fil-jiem tal-festa ta' Santa Marija. Inħeġġeġ lil kulħadd sabiex fil-jiem tal-festa kulħadd jersaq lejn il-knisja għaliex hemm biss tħossok aktar kuntent meta tmur f'dawk il-jiem tal-festa u tqim lil Ommna Marija li dejjem lesta tidħol għalina quddiem Alla sabiex taqlgħalna l-grazzji li jkollna bżonn.

Grazzi o Madonna u nitolbuk minn qalbna biex dejjem tieħu ħsiebna fil-kmamar tan-nar u anke lill-familji tagħna. Aħna nemmnu li Marija Assunta dejjem tisma' lil kull min jersaq lejha u jitlob l-għajnuna tiegħha. Nixtieq il-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha u anke lil ħutna Maltin li jinsabu barra minn xtutna.

Għeżież partitarji ejjew flimkien nieħdu gost bil-festa tagħna, nagħtu eżempju lil kulħadd u ma nikkupjawx lil min forsi bi kliem xejn kumplimentuż iwaqqa' l-festa u s-Soċjetà tiegħu għaż-żufjett. Ejjew inkunu lkoll ta' eżempju għal kulħadd.

**Viva Santa Marija, Patruna Universali.**






Mqabba SM Bk06.indd 116 27/7/06 11:43:17

# Programm tan-Nar

## Il-Ħadd, 30 ta' Lulju:
### *Bidu tal-Kwindiċina*

**8.00am** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.15pm** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali, tiġi sparata kaxxa infernali u murtaletti.
**9.30pm** Hruq tal-beraq pront u murtali tal-kulur.

## L-Erbgħa, 9 ta' Awissu:
### *Ħruġ ta' l-Istatwa fuq iz-zuntier*

**8.00am** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.30pm** Mal-hruġ ta' l-Istatwa jsir ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Hruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.00pm** Hruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art.

## Il-Ġimgħa, 11 ta' Awissu:
### *L-Ewwel jum tat-Tridu*

**8.00am** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15pm** Mal-barka Sagramentali jsir ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Hruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.30pm** Hruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art.

## Is-Sibt, 12 ta' Awissu:
### *It-Tieni jum tat-Tridu*

Kollox bħall-jum ta' qabel.

## Il-Ħadd, 13 ta' Awissu:
### *It-Tielet jum tat-Tridu*

Kollox bħall-jum ta' qabel.

## It-Tnejn, 14 ta' Awissu:
### *Lejlet il-Festa*

**9.30am** Mad-daqq tat-Te Deum, ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernali u diversi murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**6.30pm** Toħroġ it-Tranżulazzjoni. Ikun hemm ħruq ta' salut, kaxxa infernali u esebizzjoni kbira ta' diversi settijiet ta' murtaletti bil-logħob.
**9.45pm** Jingħata bidu għall-ispettaklu kbir ta' logħob tan-nar ta' l-ajru li jinkludi salut, bombi tal-lampjun, blalen u disinni, sfejjer, baraxxijiet kbar u spettakolari sinkronizzat mal-mużika. Settijiet ta' murtali tal-beraq pront u murtali tal-kulur. Din is-sena ser tintuża għall-ewwel darba fl-Imqabba s-sistema kompjuterizzata tal-*Fire One*.
**11.30pm** Wirja ta' logħob tan-nar ta' l-art mekkanizzat.

## It-Tlieta, 15 ta' Awissu:
### *L-Għid ta' l-Assunta*

**8.00am** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**9.30am** Mad-daqq tal-glorja, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Hruq ta' murtali tal-bomba akkumpanjata mid-daqq tas-sirena, segwita minn ħruq ta' murtaletti bil-logħob.
**7.15pm** Waqt il-hruġ tal-purċissjoni bl-Istatwa meraviljuża u artistika ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem, jiġi sparat salut. Hekk kif l-istatwa devota tal-Padruna tar-raħal, Santa Marija, toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-Ave Marija, tinħaraq musketterija u kaxxa infernali spettakolari li ser tkun tinkludi ħafna baraxxijiet u logħob ieħor. Wara jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob li jakkumpanjaw il-purċissjoni.
**9.30pm** Hekk kif jiġi esegwit l-*Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema*, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**10.15pm** Hruq ta' kaxxa infernali tal-kulur ma' tmiem il-purċissjoni. Wara, fil-knisja tingħata l-barka flimkien mal-partitarji u dawk kollha involuti fil-logħob tan-nar bħala ringrazzjament lill-Madonna.

## It-Tlieta, 22 ta' Awissu:
### *L-Ottava tal-Festa*

**6.00pm** Mal-hruġ tal-purċissjoni tinħaraq musketterija, murtali tal-bomba u murtaletti.

**Nota mill-Bord Editorjali**
Bħas-snin ta' qabel, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-membri ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija. F'isem il-Kumitat Eżekuttiv, niehdu din l-opportunità biex f'isem is-soċi u l-partitarji kollha, nirringrazzjaw u nuru l-apprezzament sinċier tagħna lkoll lejn il-membri kollha ta' din l-Għaqda tan-Nar, kif ukoll lil kull min għen sabiex dan il-programm hekk vast seta' jitwettaq. Jalla jkollhom is-sodisfazzjon shiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-nar kif ukoll waqt il-ħruq.



Mqabba SM Bk06.indd 117 27/7/06 11:43:17

*Is-Summit tal-Kapijiet tal-Gvern tal-Pajjiżi tal-Commonwealth f'Malta*

# L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba tagħti l-wirja tal-logħob tan-nar waqt is-Summit tal-Commonwealth

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba ntgħażlet biex tagħmel l-ispettaklu ta' logħob tan-nar sinkronizzat mal-mużika waqt iċ-ċena uffiċjali mogħtija mir-Reġina Eliżabetta II fis-Summit tal-mexxejja tal-Commonwealth li sar f'Malta f'Novembru li għadda.

Din il-wirja ta' logħob tan-nar saret il-Ġimgħa 25 ta' Novembru 2005 fid-9.30 p.m. minn quddiem il-lukanda Radisson SAS Golden Sands f'Għajn Tuffieħa fejn dak il-ħin kienet waslet lejn tmiemha ċ-ċena uffiċjali mogħtija mir-Reġina Eliżabetta għall-mexxejja tal-gvern u ta' l-istat tal-pajjiżi tal-Commonwealth li kienu għadhom kemm bdew il-laqgħa tagħhom fil-lukanda l-ġdida f'Għajn Tuffieħa.

L-ispettaklu sar min-naħa l-oħra tal-bajja biex ikun hemm ukoll rifless tal-logħob tan-nar fuq l-ilma baħar bejn il-post minn fejn inħaraq in-nar u l-lukanda fejn ir-Reġina u l-mistednin tagħha kienu qed jaraw din il-wirja. Dan l-ispettaklu kien jinkludi baraxxijiet tipiċi u logħob tan-nar oriġinali simili għal dak li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija taħraq lejlet il-festa ta' l-Imqabba. F'din il-wirja, il-logħob tan-nar inħaraq permezz ta' sistema kompjuterizzata. Il-mużika li magħha kien sinkronizzat il-logħob tan-nar fis-Summit tal-Commonwealth kienet Valz mill-Malta Suite ta' Maestro Charles Camilleri, il-Kor ta' l-Allelujah mill-Messiah ta' Georg Friedrich Handel u l-Finale tal-Marċ numru wieħed Pomp and Circumstance ta' Edward Elgar. Dawn is-siltiet intgħażlu mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba biex jagħtu tema Maltija flimkien ma' element irjali kif kien jixraq lil din l-okkażjoni tar-Reġina Eliżabetta II f'Malta.

Barra r-Reġina Eliżabetta nnifisha, il-President u l-Prim Ministru Malti u l-mexxejja tal-pajjiżi tal-Commonwealth li raw l-ispettaklu mogħti mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba mil-lukanda, mijiet ta' nies inġabru f'inħawi oħra tal-bajja biex setgħu jaraw dan l-ispettaklu. Fi stqarrija li kienet ħarġet meta tħabbar li kienet intgħażlet biex tagħti l-wirja piroteknika f'din l-okkażjoni unika, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba kienet qalet li *"tħossha onorata li ġiet magħżula biex tagħti din il-wirja ta' logħob tan-nar waqt din l-okkażjoni unika taċ-ċena uffiċjali mogħtija f'Malta mir-Reġina Eliżabetta II. Dan hu għarfien għall-kultura tal-logħob tan-nar li tingħata importanza f'ħafna pajjiżi f'okkażjonijiet ċelebrattivi u li pajjiżna wkoll qed ikompli jsir magħruf għaliha. L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba tqis din l-għażla bħala rikonoxximent kbir għall-ispettakli rinomati li tagħti fil-festa ta' l-Imqabba."*












Mqabba SM Bk06.indd 119 27/7/06 11:43:25

*L-Ewwel Kampjonat Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar ta' Malta*

# L-Imqabba u l-Festa tagħha jiċċelebraw ir-rebħ ta' l-Ewwel Kampjonat tan-Nar

Il-jum tat-Tnejn, l-1 ta' Mejju 2006, jibqa' mnaqqax b'ittri tad-deheb fl-istorja tar-raħal ta' l-Imqabba u tas-Soċjetà li tiċċelebra l-festa tiegħu. Dakinhar, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tħabbret uffiċjalment bħala r-rebbieħa ta' l-ewwel kampjonat Malti tal-logħob tan-nar li sar bħala parti mill-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar li l-istess Għaqda ilha tieħu sehem ewlieni fih mill-ewwel edizzjoni tiegħu.

Kienet stennija twila bejn is-Sibt 29 t'April, il-jum meta l-Għaqda tan-Nar Santa Marija kienet għamlet l-ispettaklu tal-logħob tan-nar sinkronizzat mal-mużika fil-Port il-Kbir, u jumejn wara, it-Tnejn filgħaxija, meta l-organizzaturi ħabbru r-riżultat uffiċjali mogħti mill-ġurija internazzjonali u qassmu l-premijijiet lir-rebbieħa.

Ir-rappreżentanti li marru għat-tħabbir tar-riżultat fil-Valletta Waterfront, Josef Camilleri, Raymond Camilleri, Mario Farrugia u Ronald Zammit, kellhom eċċitament mistenni. Il-mistoqsijiet kienu jberrnu f'moħħhom; Kien se jkun rikonoxxut ix-xogħol sabiħ u uniku li ta' Santa Marija ta' l-Imqabba kienu għamlu fil-Festival? Kien se jkun hemm l-għarfien uffiċjali għall-ewwel darba f'Malta li, kif ħafna Maltin dejjem irrikonoxxew, l-ispettakli li pprovdiet l-Għaqda tan-Nar Santa Marija fil-festa ta' l-Imqabba u f'okkażjonijiet oħrajn bħas-Summit tal-Commonwealth kienu mill-aqwa u ta' livell internazzjonali?



*Il-membri ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija quddiem is-sede tas-Soċjetà.*

L-istess mistoqsija kienet qed tberren fost ħafna partitarji tal-festa ta' l-Imqabba li kienu qed jistennew ir-riżultat bil-ħerqa ħdejn il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u fi djarhom. It-tħabbir tar-riżultat kellu jibda fit-8.30pm imma beda ftit tard. Sakemm tħabbru r-riżultati ta' kull kategorija, għadda aktar ħin. Ħafna li kienu qed jistennew xi SMS bir-riżultat setgħu bdew jitħassbu. Iżda hekk kif tħabbar li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba kienet ħadet il-premju bħala l-ewwel rebbieħa tal-kampjonat tan-nar, it-telefonati u l-messaġġi mill-ewwel waslu fir-raħal. U min ma rċeviex telefonata jew messaġġ, mill-ewwel seta' jobsor bil-ħruq ta' sfafar fil-pjazza tar-raħal fejn dwiet l-għajta "**Champions tan-nar**" fost il-partitarji miġburin ħdejn il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija li kienet għadha kif rebħet dan l-unur kbir għaliha, għall-festa tar-raħal u għal-lokalità ta' l-Imqabba.

***Okkażjoni storika u unika***





*L-unuri mirbuħa mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija.*

Aktar nies inġabru ħdejn il-Każin ta' Santa Marija waqt li r-rappreżentanti ta' l-Għaqda tan-Nar kienu qed jirċievu t-trofej għar-rebħ tal-kampjonat u tad-diversi









## *Okkażjoni mnaqqxa fl-istorja u fil-memorja ta' dawk kollha li għexuha*

kategoriji tiegħu. Waqt li dawn telqu mill-Valletta Waterfront, mgħobbijin bit-trofej, l-istennija ħdejn il-Każin tal-festa tar-raħal kibret. U kif waslet il-karrozza bir-rappreżentanti, huma u joħorġu minnha, jitgħollew fuq l-idejn, u jgħollu 'l fuq it-trofej xhieda tar-rebħ tal-Kampjonat tan-Nar, reġgħu dwew fil-pjazza tar-raħal il-kliem "Champions tan-Nar", "We Are the Champions" u "F'Idejna ċ-Ċintorin", din ta' l-aħħar kif dejjem kantaw il-partitarji ta' Santa Marija fil-festa u issa b'konferma uffiċjali bħala l-ewwel champions tan-nar f'Malta.

Iċ-ċelebrazzjoni ħdejn il-Każin ta' Santa Marija baqgħet sejra sa tard f'dik il-lejla ta' l-1 ta' Mejju 2006 u ma naqasx it-teħid ta' l-ewwel ritratti minn partitarji ħdejn il-mejda tal-billiard li issa kienet imżejna bit-trofej taċ-champions.

Fil-ġranet ta' wara, kien deċiż li l-Ħadd ta' wara, 7 ta' Mejju, ssir ċelebrazzjoni b'marċ madwar ir-raħal. Iżda mhux qabel attività għaż-żgħażagħ li saret fil-Każin tas-Soċjetà Santa Marija l-Ġimgħa 5 ta' Mejju. Il-Ħadd 7 ta' Mejju, beda marċ mill-Banda Re Ġorġ Ħamsa tas-Soċjetà Santa Marija minn ħdejn il-Każin għal divesi toroq madwar ir-raħal. Il-protagonisti fir-rebħa tal-kampjonat tal-logħob tan-nar kollha libsu l-flokk abjad bil-logo tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija bħala champions u refgħu t-trofej mirbuħa, li issa kienu żdiedu għal ħamsa bir-rebħ tal-premju tal-vot tal-pubbliku.

Fil-Każin ta' Mqabba FC, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija kienet ippreżentata b'rigal ta' din l-okkażjoni storika u unika. Il-marċ kompla għaddej għal Triq Santa Katerina ghal Triq San Bażilju u mbagħad għall-pjazza tal-Knisja fejn ma naqsux ir-ritratti ta' l-okkażjoni unika u storika li tibqa' mnaqqxa fl-istorja tar-raħal ta' l-Imqabba u fil-memorja ta' dawk kollha li għexu din l-esperjenza kbira.



*1 ta' Mejju 2006: Ċelebrazzonijiet fil-Pjazza mat-tħabbir tar-riżultat.*



Mqabba SM Bk06.indd 123 27/7/06 11:43:35

# Suċċess frott id-dedikazzjoni ta' ħafna dilettanti

*Intervista mal-koordinatur ta' l-ispettakli pirotekniċi mal-mużika, is-Sur Ronald Zammit*



L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba f'dawn l-aħħar disa' snin ħadet il-fama mistħoqqa li hi l-aqwa organizzatriċi ta' spettakli tal-logħob tan-nar sinkronizzati mal-mużika. Iżda dan ma kienx ikun possibbli mingħajr id-dedikazzjoni u l-professjonaliżmu tal-ħafna parteċipanti li jagħtu sehemhom u x-xogħol artistiku tagħhom lejlet il-festa ta' Santa Marija, nhar il-festa u fil-ġranet tal-festa ta' l-Imqabba. Hekk jgħidilna Ronald Zammit, il-koordinatur tal-wirjiet tan-nar sinkronizzati mal-mużika f'intervista. *"Hemm ħafna nies involuti u kollha jagħtu sehem kbir u qawwi biex l-Għaqda tan-Nar Santa Marija kull sena turi dak li f'Mejju li għadda kien ikkonfermat uffiċjalment meta rebħet l-ewwel kampjonat tal-logħob tan-nar"* qalilna Ronald Zammit.

Il-koordinatur ta' dawn l-ispettakli ħadna lura disa' snin, meta fl-1997 għall-ewwel darba l-Għaqda għamlet spettaklu tal-logħob tan-nar sinkronizzat mal-mużika lejlet il-festa. *"Dak l-ewwel pass kien pass importanti ħafna għax minnu seta' jiżviluppa spettaklu li ta' kull sena jkun aħjar mis-sena ta' qabel u li jkabbar il-festa u jiġbed il-ħafna nies li llum qed jiġu l-Imqabba lejlet il-festa."* Ronald Zammit spjegalna li r-rikonoxximent għall-ispettakli uniċi li qed tagħmel l-Għaqda tan-Nar Santa Marija kompla jiżdied meta l-Għaqda kienet mistiedna biex tieħu sehem ewlieni bi spettaklu ta' nar u mużika sa mill-ewwel Festival tal-Logħob tan-Nar li sar Malta, fil-Port il-Kbir. *"Ħafna Maltin u Għawdxin li attendew il-Festival tal-Logħob tan-Nar forsi qatt ma kienu ġew l-Imqabba għall-festa. Imma mill-Festival indunaw li x-xogħol li nagħmlu aħna hu xogħol ta' livell internazzjonali li jħabbatha sew ma' dak tal-barranin".*

Ronald Zammit kompla jfissrilna kif anke l-awtoritajiet li kienu qed jorganizzaw il-Festival, għamlu kuraġġ kbir matul is-snin bil-kwalità tal-prodott fil-Festival u din is-sena organizzaw l-ewwel kampjonat tal-logħob tan-nar bħala parti mill-Festival. *"Din is-sena, il-Festival kien differenti għal kollox. Qabel konna qed nagħmlu spettaklu li kulħadd kien jiġġudikah b'mod personali u mhux b'mod uffiċjali. Issa, il-Festival sar kampjonat uffiċjali u kulħadd kien jaf li qed jikkompeti mhux biss ma' l-aqwa għaqdiet tan-nar Maltin imma wkoll ma' kumpanniji magħrufin tan-nar barranin li żgur ma ġewx jikkkompetu biex jitilfu".*



*Raymond Camilleri, Joseph Camilleri, Mario Farrugia u Ronald Zammit li rrappreżentaw lill-Għaqda tan-Nar Santa Marija fl-għoti tal-premjijiet ta' l-ewwel Kampjonat tan-Nar.*

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba ħadmet bis-sħiħ għal kampjonat bħal dan. Dan mhux biss kien kampjonat imma wkoll l-ewwel wieħed u għalhekk b'importanza forsi akbar minn ta' dawk li jiġu warajh.



Mqabba SM Bk06.indd 125 27/7/06 11:43:40



Kien hemm ħafna involuti, kollha dilettanti tan-nar ta' Santa Marija ta' l-Imqabba. *"Issemmi wieħed u tinsa għaxra",* qalilna Ronald Zammit għal dawk kollha li taw sehemhom għas-suċċess fil-Port il-Kbir. Ix-xogħol kien kollu xogħol id-dilettanti tan-nar ta' Santa Marija li ilhom magħrufin għal xogħol uniku li bħalu tara biss fil-festa ta' l-Imqabba u, jekk jikkupjah xi ħadd, jirnexxilu jagħmel dan biss wara snin sħaħ. *"Aħna għaqda volontarja imma professjonali li laħqet il-quċċata tal-livelli internazzjonali fil-logħob tan-nar u dan issa b'rikonoxximent uffiċjali".*

**Għaqda volontarja imma professjonali u innovattiva li laħqet il-quċċata tal-livelli internazzjonali fil-logħob tan-nar u dan issa b'rikonoxximent uffiċjali**

Hu tana wkoll dettalji dwar il-mod kif l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba kienet minn ta' l-ewwel li użat teknoloġiji ġodda ħalli ttejjeb il-ħruq tal-logħob tan-nar. Barra li dejjem daħħlet metodi ġodda, l-Għaqda kienet l-ewwel waħda f'Malta li użat sistema ġdida kompjuterizzata fil-Festival tal-Logħob tan-Nar tas-sena l-oħra u mbagħad fil-festa s-sena l-oħra. *"L-innovazzjonijiet huma element mill-aqwa ta' l-Għaqda tagħna u dan mhux biss fil-logħob tan-nar innifsu imma wkoll fil-metodu li bih jinħaraq ħalli l-ispettaturi dejjem igawdu l-aqwa spettaklu possibbli".*

Kif ħassejtukom intom u sejrin għat-tħabbir tar-riżultati u t-tqassim tal-premjijiet? staqsejna lill-koordinatur ta' l-ispettaklu tal-Port. *"Fil-jumejn ta' qabel konna għamilna l-ispettaklu tagħna u konna rajna l-ispettakli tal-kompetituri l-oħrajn. Kollha kienu ta' kwalità. Imma minn dak li konna rajna konna konvinti li l-ġurija internazzjonali li kellha tivvota fuq kull spettaklu kienet se tivvota b'punti tajbin ħafna għall-ispettaklu mill-aqwa li konna għamilna aħna, anke jekk kellna kompetizzjoni qawwija."* Staqsejna lil Ronald Zammit dwar l-atmosfera fil-Valletta Waterfront huma u jitħabbru r-riżultati. Id-deskrizzjoni tiegħu kienet waħda ta' eċċitament minn kulħadd. *"Imma dak li konna qed nistennew u li tant ħdimna għalih seħħ u l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba ġiet dikjarata l-ewwel rebbieħa tal-kampjonat tan-nar fil-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar."*

Apparti s-sodisfazzjon kbir għar-rebħ tal-vot tal-ġurija internazzjonali, sorpriża sabiħa kienet dik dwar il-vot tal-pubbliku. *"Kellna daqsxejn ta' dubju fuq il-vot tal-pubbliku għax aħna raħal żgħir, imma l-aktar importanti kien il-vot ta' l-erba' ġurati barranin, kollha esperti tal-logħob tan-nar. Madankollu, il-vot tal-pubbliku, meta tħabbar jumejn wara, kien konferma sabiħa u qawwija tal-vot tal-ġurija barranija u dan kien ta' sodisfazzjon kbir għalina"*, qalilna Ronald Zammit.

Hu fakkarna wkoll li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba kienet diġà ntgħażlet biex tipprovdi l-ispettaklu tal-logħob tan-nar fl-ikla uffiċjali tar-Reġina Elizabetta fis-summit tal-Commonwealth quddiem il-lukanda Radisson il-ġdida f'Għajn Tuffieħa f'Novembru li għadda. Dan ukoll kien ta' sodisfazzjon kbir u dawk involuti fis-summit kellhom kliem ta' tifħir kbir għall-ispettaklu u qalu li r-Reġina, l-awtoritajiet Maltin u l-mexxejja barranin li attendew infexxew iċapċpu lejn tmiem l-ispettaklu ta' logħob tan-nar ta' l-aqwa livell li għalaq l-ikla uffiċjali mogħtija mir-Reġina fis-summit.

*"Aħna Għaqda innovattiva li qed isseddaq l-arti ta' l-ispettakli tal-logħob tan-nar. Din kienet sena mill-aqwa għall-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba. Din is-sena kkonfermat is-suċċessi li dejjem kellha din l-Għaqda u matulha qtajna l-frott tax-xogħol dedikat u professjonali ta' dawk kollha li jagħtu sehemhom f'din l-Għaqda"*, qalilna fl-aħħar ta' l-intervista Ronald Zammit, il-kordinatur ta' l-ispettakli tan-nar mal-mużika.





Mqabba SM Bk06.indd 127 27/7/06 11:43:44

# L-ewwel Skambju Kulturali miż-Żgħażagħ fl-Imqabba

Is-Sur Nicholas Baldacchino Segretarju Sezzjoni Żgħażagħ

Fil-festa tas-sena li għaddiet ilqajna fostna grupp ta' żgħażagħ li jagħmlu parti mill-Assoċjazzjoni ACLI ta' Cirò, fejn tul ġimgħa mimlija b'attivitajiet kulturali u ta' tagħlim b'mod informali nistgħu ngħidu li nibtet familja waħda żagħżugħa fi spirtu ta' ferħ u briju. Familja ta' żgħażagħ minn żewġ kulturi differenti, li bdew iħaddnu għaqda li kienet mibnija fuq intiża kompleta bejn gruppi ta' żgħażagħ li ġejjien minn ambjent totalment differenti.

Kulħadd seta' jara kemm dawn iż-żgħażagħ Taljani daħlu fl-atmosfera ferriħija tal-festa fejn ħadu sehem daqs li kieku kienu jagħmlu parti minn dan ir-raħal. Din hija l-konferma li dan il-proġett kien suċċess kbir u ħalla l-frott mixtieq. Ġimgħa indimentikabbli li rat grupp ta' żgħażagħ Mqabbin u Cirotani jieħdu sehem f'attivitajiet kulturali fir-raħal ta' l-Imqabba, fil-Belt Valletta u fl-Imdina, fejn żorna siti storiċi u tkellimna kontinwament dwar it-twemmin u l-kultura Maltija u d-diversità bejn iż-żewġ kulturi. Dan wassal sabiex jinħoloq grupp magħqud ta' żgħażagħ li jaċċettaw lil xulxin bħala persuni u mhux għal dak li jemmnu u jħaddnu.



Mill-istess ġurnata li dawn iż-żgħażagħ mir-raħal pittoresk ta' Cirò fir-reġjun tal-Calabria telqu lura lejn pajjiżhom, bdejna naħsbu immedjatament kif ser nirreċiprokaw iż-żjara tagħhom f'pajjiżna, fejn f'dawk il-ftit jiem kienu messew b'idejhom u ħadnu it-tradizzjonijiet tagħna u l-kultura tant kbira li għandna aħna l-Maltin.

Ix-xogħol beda minnufih u bl-għajnuna ta' Marija Assunta l-proġett tagħna ġie approvat u għalhekk issa kien imiss lill-grupp ta' żgħażagħ mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija sabiex jibdew jippreparaw għall-attivitajiet ġewwa Cirò u Cirò Marina. Għalhekk bejn l-10 u s-17 ta' Lulju, ftit jiem qabel ma tibda l-festa wisq għażiża għalina ta' l-Assunta kien imiss liż-żgħażagħ tagħna jesperjenzaw kultura u tradizzjonijiet differenti għalina. Flimkien ma' Roberta Paletta, il-President ta' l-ACLI, Cirò ġie mħejji programm varjat fejn minbarra numru ta' workshops, diskussjonijiet u animazzjonijiet, fejn iż-żgħażagħ jitgħallmu b'mod informali kellna numru ta' eskursjonijiet.

Fost dawn kien hemm viżita ġewwa diversi ażjendi li jipproduċu prodotti tipiċi, viżita ta' Cirò fejn sirna nafu aktar dwar dan il-villaġġ u l-istorja tiegħu, eskursjoni naturalistika fil-muntanja Sila, viżita ġewwa l-Kastell Aragoniż ta' la Castella u ċelebrazzjoni tradizzjonali ġewwa r-raħal ta' Cirò.

Sabiex inħejju dan l-iskambju b'mod effettiv jiena flimkien ma' Carlo Sciberras, President tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, għamilna viżita preliminari ġewwa Cirò fejn kellna il-possibiltà li naraw il-faċilitajiet li kienu ser jintużaw miż-żgħażagħ tagħna, żorna numru ta' postijiet fosthom Cirò u Cirò Marina u ppreparajna dak kollu meħtieġ sabiex il-proġett tagħna jkun suċċess. F'din il-btala qasira ġejna milqugħa ferm tajjeb mill-ħbieb tagħna li ħadu ħsiebna bl-aqwa mod, fejn laqqgħuna wkoll ma' numru ta' rappreżentanti ta' għaqdiet oħra ġewwa Cirò u ċ-ċittadini tal-villaġġ li kienu tant familjari magħna.

Għalhekk, hekk kif il-preparamenti kollha meħtieġa kienu waslu fil-konklużjoni tagħhom ma kien jonqos xejn ħlief li dan il-proġett ġewwa Cirò ikun suċċess kbir bħal dak li sar ġewwa raħalna, bejn it-12 u l-20 t'Awissu. B'dan il-proġett għalaqna l-iskambju kulturali bejn iż-żewġ għaqdiet taż-żgħażagħ rispettivi li kien l-ewwel wieħed ta' dan it-tip li sar minn żgħażagħ Imqabbin.

Ma nistax ma nirringrazzjax minn qalbi lil shabi tal-Kumitat li dejjem taw appoġġ sħiħ fil-ħidma tiegħi fuq dan il-proġett, lil Roberto Paletta u shabu ta' l-ACLI li bqajna nżommu kuntatt u naħdmu sabiex dan l-iskambju seħħ, liż-żgħażagħ li ħadu sehem fil-proġett tas-sena l-oħra f'Malta u dawk kollha li din is-sena ġew magħna ġewwa l-Italja, lill-Kumitat Ċentrali u l-partitarji li taw l-appoġġ sħiħ tagħhom u ospitaw il-grupp bl-aktar mod tajjeb, lill-Kunsill Lokali u lill-Imqabbin kollha li kienu parti integrali ta' din l-istorja ta' suċċess.

Nagħlaq dawn l-erba' kelmiet billi nirringrazzja lil Janette Busuttil u lil Jeremy Piscopo li jieħdu ħsieb il-Programm Youth ta' l-Unjoni Ewropea, ta' l-interess u l-koperazzjoni dejjiema tagħhom u lill-Onorevoli Dr. Louis Galea, Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi, ta' l-appoġġ kollu.

J'Alla l-Imqabbin ikollna festa parrokjali kbira li tixirqilna u li bl-għajnuna t'Omnna Marija mtellgħa s-Sema kollox jgħaddi b'wiċċ il-ġid. Nixtieqilkom festa mill-isbaħ. Viva Santa Marija, Patruna ta' l-Imqabbin!



Mqabba SM Bk06.indd 129 27/7/06 11:43:46

# Ir-Reffiegħa ta' l-Istatwa ta' Santa Marija

*...30 Sena Ilu l-Vara Ġiet Merfugħa għall-Ewwel Darba minn Fratelli Lebsin il-Muzzetta l-Ħamra*

Kitba tas-Sinjura Carmen Lia B. Ed. (Hons), B. A.

Parti integrali tal-Festa ta' Santa Marija, anzi ta' kull festa, hija l-purċissjoni bil-vara. U parti importantissima tal-purċissjoni jkunu żgur ir-reffiegħa tal-vara. Waħda mit-tradizzjonijiet antiki fir-raħal ta' l-Imqabba kienet li l-Istatwa Titulari tkun merfugħa minn rappreżentanti ta' tliet Fratellanzi: tnejn tal-Kunċizzjoni, tnejn tar-Rużarju u erba' tas-Sagrament. Ir-reffiegħa tal-Kunċizzjoni u tar-Rużarju kienu jkunu jerfgħu fuq il-wara ta' l-Istatwa u kienu jilbsu l-abjad filwaqt li tas-Sagrament kienu jkunu fuq quddiem lebsin l-aħmar. Ma' kull żewġ persuni kien ikun hemm forċina, b'kollox żewġ forċini quddiem u tnejn wara. Ir-reffiegħa kienu, kif għadhom, jidħlu sew mal-lasti u jaħkmuhom b'idejhom. Maż-żmien is-Soċjetà ta' Santa Marija kienet riedet li r-reffiegħa jkunu kollha partitarji ta' l-istess Soċjetà għaliex dehrilha li seta' jkun hemm xi abbużi waqt il-purċissjoni.



*L-Istatwa ta' Santa Marija ġiet merfugħa għall-ewwel darba fil-Purċissjoni minn individwi lebsin bil-kunfratija bajda u magħżulin mill-Kumitat tal-Festa ta' Santa Marija. Dan seħħ propju 45 sena ilu nhar il-Festa tal-1961.*

## Lejn soluzzjoni fl-1960

Fl-10 ta' Ottubru 1960, is-Segretarju tas-Soċjetà *King George V* kien infurmat mill-Kurja permezz tal-Kappillan ta' l-Imqabba, illi Kumitat iffurmat apposta bil-Kappillan bħala *Chairman* tiegħu, kellu:

- jibda jieħu ħsieb il-Festa ta' Santa Marija fil-Parroċċa;
- illi l-organizzazzjoni tal-Festi fil-Knisja kellha tibqa' prerogattiva tal-Kappillan;
- li kellu jilqa' kull suġġeriment f'waqtu li l-membri tal-Kumitat tal-Festa setgħu jissuġġerixxu dwar il-Festi fil-Knisja;
- l-Istatwa ta' Santa Marija kellha tkun merfugħa fil-Purċissjoni minn individwi lebsin bil-konfratija u mingħajr muzzetta iżda magħżulin mill-Kumitat tal-Festa ta' Santa Marija, liema Kumitat kellu jaħdem id f'id mal-Kumitat tas-Soċjetà ta' Santa Marija dwar dak kollu li kien ikun meħtieġ għall-Festi fil-Knisja u fir-Raħal, inkluż ukoll il-bilanċ tal-ġbir tal-flus jew żbilanċ.

B'hekk l-Istatwa ta' Santa Marija ġiet merfugħa għall-ewwel darba fil-Purċissjoni minn individwi lebsin bil-kunfratija bajda u magħżulin mill-Kumitat tal-Festa ta' Santa Marija. Dan seħħ propju 45 sena ilu nhar il-Festa tal-1961.

## Fratelli lebsin il-Muzzetta l-Ħamra fl-1976

Wara l-1960, is-Soċjetà ta' Santa Marija qatt ma waqfet tinsisti ma' l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi sabiex il-vara tkun merfugħa minn fratelli lebsin il-muzzetta tas-Sagrament.



*Fratelli lebsin il-Muzzetta l-Ħamra għall-ewwel darba fl-1976.*

Fit-30 ta' Mejju 1976, il-President tas-Soċjetà ta' dak iż-żmien, is-Sur George Busuttil issottometta għall-kunsiderazzjoni tal-Kurja Arċiveskovili, ix-xewqa assidwa tas-Soċjetà li l-vara ta' Santa Marija minn dik is-sena 'l quddiem tkun merfugħa minn fratelli lebsin il-muzzetta, bid-dritt ta' l-għażla tar-reffiegħa tibqa' f'idejn is-Sottokumitat. Din ix-xewqa tas-Soċjetà nqatgħet fit-23 ta' Ġunju 1976 fi żmien il-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Anton Vella. B'hekk l-inkwiet dwar ir-reffiegħa u l-muzzetta l-ħamra spiċċa għal kollox.

**Riferenzi:**

*Lia Carmen. Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba, Malta, 1997.*
*Programm Festa Santa Marija – Mqabba 1999, Festa Kbira tal-Każin fl-1960, paġna 69.*



Mqabba SM Bk06.indd 133 27/7/06 11:43:49

# Minn fejn se jgħaddi l-Marċ

Għal darb'oħra permezz ta' din il-paġna se nagħtu ftit dettalji rigward ir-rotot tal-marċi u tagħrif ieħor fuq il-baned mistiedna. Din is-sena se jkollna sitt baned mistiedna għall-festa titulari ta' Santa Marija fosthom il-Banda Ingliża minn Bedford. Però qabel ma nagħtukom aktar dettalji; nieħdu din l-opportunità biex bħas-soltu nheġġukom takkumpanjaw il-marċ matul it-triq kollha, kif ukoll sabiex nagħtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz tat-tiżjin mad-djar tagħkom. Infakkru wkoll fl-imġiba tajba matul il-jiem tal-festa. Għalhekk, dan li ġej huwa programm fid-dettall tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-baned rispettivi:

## Il-Ħadd, 30 ta' Lulju:

### *Bidu tal-Kwindiċina*

**8.00pm** Tiftaħ il-Festa ta' din is-sena permezz ta' Lejla Maltija bl-aqwa talent lokali.

## L-Erbgħa, 9 ta' Awissu:

### *Ħruġ ta' l-Istatwa fuq iz-Zuntier*

**7.30pm** Wara li tilqa' l-Istatwa artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta bi programm ta' innijiet Marjani fuq iz-zuntier tal-knisja, il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. David Agius, tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi. Il-marċ jgħaddi hekk: zuntier tal-knisja, Triq il-Parroċċa, Duluri, Madonna tal-Ġilju, Aħwa Ghigo, Barumbara, Madonna tal-Ġilju, Sejba, Troll, Mithna, Santa Katerina, Santa Marija, Ċavi, San Innoċenzju, Triq Santa Katerina għall-Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.

## Il-Ħamis, 10 ta' Awissu:

### *Jum il-Banda*

**8.00pm** Il-Banda *St. Keverne Town Brass Band* ta' l-Ingilterra taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha, Mro. Alan Retellack, tagħmel il-marċ trijonfali li jibda minn Triq Karmenu Ciantar, Pjazza tal-Knisja u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin. Wara l-Banda Re Ġorġ V tesegwixxi programm mużikali quddiem il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.



## Il-Ġimgħa, 11 ta' Awissu:

### *L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**8.15pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cassar, tagħmel marċ li jibda minn quddicm il-Każin u jkompli kif ġej: Triq San Bażilju, Sqaq San Bażilju, San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, il-Qattara, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Barrieri, il-Ħarriġict, Misraħ il-Fidwa, Karmenu Ciantar, naqsmu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq in-Nazzarenu, Kirkop, il-Katakombi, Dun Gerald Mangion, Nikol Zammit, Dun Gerald Mangion, nerġgħu naqsmu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq il-Kileb, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar u l-Pjazza tal-Parroċċa fejn jintemm quddiem il-Każin.

## Is-Sibt, 12 ta' Awissu:

### *It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8.15pm** Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella, tagħmel marċ (sponsorjat mis-Sezzjoni Żgħażagħ) li jibda minn quddiem il-Każin u tkompli tallegrana b'sett marċi brijużi fit-toroq li ġejjin: Triq il-Ġilju, l-Aħwa Ghigo, Barumbara, ix-Xriek, il-Mithna, it-Troll, is-Sejba, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Kirkop, Saljatura, Qrendi, Pjazza tad-Djamanti, Santa Katerina, il-Kileb, Mikielanġ Sapiano, il-Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ciantar, il-Pjazza tal-Parroċċa, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.

## Il-Ħadd, 13 ta' Awissu:

### *It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8.15pm** Il-Banda Ingliża mistiedna għall-Festa ta' din is-sena, *St. Keverne Town Brass Band*, taħt id-direzzjoni Mro. Alan Retallack tesegwixxi programm qasir ġewwa l-pjazza.

**9.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha fost il-briju kbir u l-ispettaklu li hejjew għalina s-Sezzjoni Żgħażagħ. Il-marċ jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk kif ġej: Triq San Bażilju, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa mit-tarf, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin.



Mqabba SM Bk06.indd 135 27/7/06 11:43:50

## It-Tnejn, 14 ta' Awissu:
### *Lejlet il-Festa*

**8.00pm** Wara l-istess banda Ingliża, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alan Retallack tibda marċ mat-toroq ta' l-Imqabba li jibda minn quddiem il-Każin u jgħaddi kif ġej: San Bażilju, San Mikiel, 9 ta' April, Karmenu Ciantar u Pjazza tal-Knisja.

**8.00pm** Il-Banda Ingliża, *St. Keverne Town Brass Band*, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alan Retallack tesegwixxi Program Strumentali ġewwa l-pjazza.

**8.30pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda marċ minn Triq it-Troll, Sejba, Santa Katerina għall-pjazza. Wara l-banda tesegwixxi programm strumentali quddiem il-Każin.

## It-Tlieta, 15 ta' Awissu:
### *L-Għid ta' l-Assunta*

**12.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. D. Agius, A.Mus.V.C.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' filgħodu li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli għal Triq il-Ġilju, Xriek, Santa Katerina, San Bażilju, il-Lanġasa, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, u wara għall-Pjazza quddiem il-Każin.

**6.00pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus. L.C.M tibda marċ minn Triq Santa Katerina għall-Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem il-Każin.

**6.00pm** Il-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ taħt it-tmexxija ta' Mro. Ronnie Debattista, tibda marċ minn Triq Valletta, Triq il-Parroċċa, Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u lura għall-Pjazza. Il-banda tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ ta' l-Istatwa artistika ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara, il-Banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria flimkien mas-Soprana Marie Theresa Vassallo issellem lill-Istatwa bl-Ave Marija.

**8.45pm** Hekk kif l-Istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna, il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M. tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi ex-Surmast Chev. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo SJ. Ikantaw it-Tenur Andrew Sapiano u l-Baritonu Piju Dalli, flimkien mal-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara mmexxi mis-Sur Samuel Bezzina A.T.C.L.. A.L.C.M. Wara, bis-sehem ta' l-istess Kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro. Leonard Farrugia. L-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq ta' l-Ave Maria.

**10.30pm** Wara l-Barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-Knisja mill-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà, il-Banda Ingliża, *St. Keverne Town Brass Band*, jagħlqu l-Festa b'daqq ta' mużika leġġera quddiem il-Każin.






Mqabba SM Bk06.indd 137 27/7/06 11:43:51

# Inkomplu Nsebbħu l-Każin Tagħna

Is-Sur Anthony Ellul Direttur tal-Każin

Għal darba oħra mess lili sabiex permezz ta' din il-paġna nagħti rendikont ta' dak kollu li sar matul is-sena li għaddiet b'mod speċjali fejn tidħol is-sede tagħna. Però qabel xejn nixtieq l-ewwelnett nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat li għal darba oħra sibt appoġġ kbir fejn jidħol il-qasam tiegħi. Insellem ukoll bħas-soltu lir-residenti kollha tal-lokal tagħna b'mod partikolari lil dawk li għoġobhom jagħżlu lir-raħal tagħna bħala r-residenza tagħhom. Bħas-soltu nistedinkom taslu sal-każin b'mod speċjali issa li waslet il-festa.

Għal darba oħra bħalma titlob sede bħal tagħna kien hemm bżonn ta' manutenzjoni ġewwa l-każin kif ukoll ġo l-imħażen tas-Soċjetà fejn saru xi xogħlijiet ta' tikħil u żebgħa. Saret xi manutenzjoni fuq is-sistema tad-dawl. Wara li s-sena li għaddiet ġie rrestawrat is-saqaf tas-sala artistika li għandna ġewwa l-każin, kien sar iż-żmien li nkomplu nsebbħu din is-sala permezz ta' pitturi oħra li jikkumplimentaw ix-xogħol artistiku li diġà fiha, xogħol tal-wisq bravu l-Kav. Camilleri Cauchi. Fil-fatt wara li għaddew il-festi ġie avviċinat l-istess artist sabiex jinbeda x-xogħol ta' pittura għal fuq is-saqaf. Dan jagħmel is-sala artistika aktar sinjura u unika b'kapolavuri kollha ta' l-istess artist. Nittamaw li fil-futur qarib inkunu nistgħu nikxfu l-ewwel pitturi ta' din l-opra artistika.



*L-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija hekk kif tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà imżejjen għall-okkażjoni tal-Festa Titulari.*

Qabel nagħlaq dan il-messagg tiegħi bħas soltu napella sabiex nibżgħu għall-proprjetà tas-sede tagħna. Niftakru li l-affarijiet li għandna ma ġewx b'xejn imma b'sagrifiċċji tagħna u ta' missirijietna. Nixtiequ li matul is-sena jkollna aktar appoġġ f'dik li hija manutenzjoni wisq u wisq aktar meta fil-futur qarib tinbeda l-estensjoni tal-każin li tant hija meħtieġa.

F'din l-okkażjoni tal-Festa ta' l-Imqabba, flimkien ma' l-irħula u bliet li bħalna jiċċelebraw l-Assunta nawguralkom jiem sbieħ ta' festa denja kif tixraq lis-Soċjetà tagħna.

SCUDOFLEX MEMBRANE

**Għandek il-bejt iqattar?**
**Għandek il-kontrabejt maqsum?**

Tista' ssolvi din il-problema. Uża l-membrane żebgħa tal-pinzell u tagħmel ix-xogħol int stess. Kif tagħmilha? Tingħata parir b'xejn mingħand is-

SUPER S IRONMONGERY
ta'
Triq Dun Matteolo Saliba, Żurrieq
Tel: 2168 9256 Mobile: 9949 2416

Ħinijiet:
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa
6.30am – 1.00am, 3.30pm – 7.00pm
Is-Sibt
6.30am – 1.00pm

IL-PROPRJETARJI TAL-ĦANUT JAWGURAW IL-FESTI T-TAJBA LIL KULĦADD.



Mqabba SM Bk06.indd 139 27/7/06 11:43:54

# Il-Leġġenda ta' Peppinu

Kont għadni daqsxejn ta' tfajjel
kelli xi seba' jew tmien snin,
stejjer kienet tgħidilna ommi
meta tarana miġburin.

Fil-ġranet kiesħa xitwija
magħha magħluqa ġewwa d-dar,
kienet tgħid minn dawn l-istejjer
li l-ommijiet jgħidu liż-żgħar.

Dawn l-istejjer jien niftakar,
li kienu jqanqluni bis-sħiħ.
Qatt ma ħarbuli minn ġo moħħi
Avolja issa bdejt nixjieħ.

"Minn hemm fuq Santa Marija",
dina l-istorja hekk kif bdiet,
'il fuq wisq mill-kwiekeb jiddu
fil-għaxija, fis-smewwiet."

"Hi tinsab f'dil-belt li ssaħħar
u mimlija bil-qaddisin
kif ukoll anġli jittajru
ta' ġwenħajhom imdeħbin."

Ommi mbagħad kompliet tgħidilna,
"Dan hu post ta' hena u benna
fejn marru dawk ta' qabilna,
kulħadd jafha bħala Ġenna."

"Ħadmu ferm dawn, f'din id-dinja
biex jagħtu ġieħ u foħrija
lir-Reġina minn tas-sema
l-Omm tagħna Santa Marija."

"Bnewlha knejjes u kappelli
biex tagħhom juru l-imħabba,
ġo kull rokna minn ta' Malta
anke wkoll barra l-Imqabba."

"F'Ħaż-Żebbuġ bnewlha kappella
fi Triq Mamo, ftit imbegħda
mit-tempju ġewwa l-Imqabba,
biex ikunu wettqu l-wegħda."

"Xjuħ u żgħażagħ hemm imorru
bi fjuri u rigali sbieħ,
ħalli hemm bi kbira ġabra
bil-qalb jitolbu u bis-sħiħ."

"Għaliex żgur li qatt ma nstema'
li min kellu bżonn dar lejha
u minn ħniniethà ġie mićħud.
Dejjem Hi fetħet idejha."

"Darba waħda kien hemm tifel
li f'dil-kappella kien imur
u hemmhekk ħniena kien jitlob
b'imħabbtu kbira dejjem tfur."

"Peppinu kien jismu t-tfajjel
kien tilef 'il ġenituri.
Iżda trabba' b'għożża kbira
minn zijuh, bejjiegħ tal-fjur."

"Ta' kull nhar ta' Sibt erħilu
f'Ta' Mamo regolari jmur
biex lill-kbira Ommna Marija
jippreżentalha l-isbaħ fjur".

"Peppinu b'kelma ta' raġel,
wiegħed li 'lMadonna jżurha
ta' kull nhar ta' Sibt fl-għaxija
u joħdilha l-isbaħ fjura".

"Dan it-tfajjel kelmtu żammha,
baqa' jmur bla qatt ma falla,
bl-isbaħ fjuri li kien jaqta'
biex joffrihom lil Omm Alla."

"U quddiem Ommna Marija
b'idejh it-tnejn merfugħa 'l fuq
il-fjuri lilha offrielha
u talabha b'leħen maħnuq."

"Ja Ommna Sidtna Marija
xebba w bla tebgħa fl-istess ħin,
ħenn għal dan Peppinu tiegħek
li hu l-ifqar fost il-fqajrin."

"Żgħir għadni u mingħajr ħila
diffiċli wisq li naqla' l-flus,
fqir ukoll dak li jrabbini,
mill-għakz nitlob li nkun meħlus."

"Din it-talba dejjem jitlob
lill-Madonna mtellgħa s-sema.
B'qalb hekk kbira kien ilissen,
li sikwit toħroġlu demgħa."

"Kien jum il-ħmistax t'Awissu
nhar is-Sibt, ġurnata sħuna.
Qatt ma naqas jagħmel żjara
lill-Omm tagħna u patruna."

"Isma' talbi, O Marija,
talba ta' wieħed imsejken
li lil ommu u missieru
Tilifhom meta kien ċkejken."

Hekk kif din il-fjura poġġa
ġo ħdan il-Verġni Marija
ra Sinjura wisq sabiħa
resaq lejha bla mistħija.

"Kienet mara ta' sbuħija
ta' din id-dinja m'hijiex żgur
kull meta jiftakar fiha
qalbu bl-imħabba tibda tfur."

"Tfajjel ħelu, ejja ħdejja,
dejjem nisma' it-talb tiegħek
meta inti hawnhekk tiġi
u iġġib il-fjuri miegħek."

"Għaliex int titlob bil-ħerqa
u bi kbira devozzjoni.
Ibqa' żgur li talbek jisma'
U tikseb is-salvazzjoni."

"X'tixtieq minni, tfajjel ħelu?",
kompliet tgħidlu dis-Sinjura.
"Sa fejn nista' żgur li ngħinek
u ma ndurx minn kelmti lura."

"Jiena tifel fqajjar ħafna
mingħajr iż-żewġ ġenituri,
iżda qiegħed irabbini
iz-ziju, bejjiegħ tal-fjuri."

"Huwa jaħdem il-jum kollu
minn fil-għodu sa fil-għaxija
sabiex hu jaqla' l-ġurnata
kemm għalih u kemm għalija."

"Ma jistax jibgħatni skola
għaliex aħna wisq fqajrin,
ħwejjeġ ftit għandna biex nilbsu
minn kollox aħna neqsin."

"Dwejra fqira għandna aħna
nieqsa minn bosta affarijiet,
il-għaliex li nieklu w norqdu
għalina huma l-ħtiġijiet."

"Għażiż ħanini minn tiegħi",
kompliet tgħidlu dis-Sinjura.
"X'inhi l-akbar xewqa tiegħek
għidli fil-verità pura?"

"Minn dejjem xtaqt insir patri
fl-Ordni minn tad-Dumnikani,
għaliex dawn fil-priedki tagħhom
ifaħħru 'l Alla setgħani."



Mqabba SM Bk06.indd 141 27/7/06 11:43:59

"Naħliflek li xewqtek naqta'
il-għaliex int fidil tassew.
Dal-pakkett int aqbad f'idek
U newwlu lil Patri Mattew."

Lil Patri Mattew kien jafu
għax kien jgħallmu d-Duttrina,
għalhekk xejn ma kellu jtellfu
jaqla' grazzja hekk ħanina.

"Lil zijuk jien ġa kellimtu,
feraħ ħafna b'din il-wegħda.
Iġri, mur dal-pakkett newel
il-grazzja m'hijiex imbegħda."

Kif Peppinu id-dar wasal
stqarr dan kollu lil żijuh,
biex il-pakkett tas-Sinjura
lil Patri Mattew inewwluh.

Peppinu u z-ziju marru
ifittxu lil Patri Mattew
sabiex il-pakkett inewwlu
u dik il-qadja jkunu qdew.

Wara l-bieb tal-Kunvent marru
b'ruħhom tfawwar u tirtogħod
b'qalbhom tħabbat sitta sitta,
u l-ħabbata ħabbtu bil-mod.

Hekk kif ħabbtu kemm il-darba
passi mkaxkra ħassew resqin,
il-bieb tbexxaq, deher quddiemhom
ix-xwejjaħ Patri Serafin.

"X'kien hawn ġiebkom, ħbieb
minn tiegħi?"
staqsihom Patri Serafin.
"Lil Patri Mattew irridu
biex inkellmu, bla telf ta' ħin."

Il-Patri daħħalhom ġewwa,
qalilhom biex jistennew,
skutella kafè ġabilhom
sakemm jasal Patri Mattew.

Patri Mattew kien fih raġel,
qawwi, twil, wiċċu ħamrani,
qisu statwa ġewwa niċċa
biċ-ċoqqa tad-Dumnikani.

Hekk kif Patri Mattew lemaħ
lil dan Peppinu ma' żijuh
fil-pront qal lil Serafinu,
"Aħna lil dat-tfajjel nafuh."

Peppinu il-pakkett newwel
bla dewmien lil Patri Mattew
u dana dlonk lilu fetaħ
sabiex ikun jaf x'fih hemm ġew.

Malli Patri Mattew fetħu
dal-pakkett għalaq minnufih,
għaliex ħass ħaġa qaddisa
ġewwa qalbu hena taghtih.

"Għażiż tfajjel", beda jgħidlu,
"merliba bik u lil żijuk,
merħba wkoll lill-ġenituri
li f'did-dinja hawn ġabuk."

"Mur id-dar u lesti ħwejġek,
tista' tiġi għada kmieni.
Ibqa' ċert li tifel bħalek
hawnhekk żgur iħossu hieni."

Bilkemm kien għadu kif sebaħ,
Għall-Kunvent Peppinu rħielha,
sab lil Patri Mattew jilqgħu
u l-patrijiet kollha ringiela.

"Nilqgħu lilek tifel bravu,
fil-familja Dumnikana,
bil-pjaċir kollu ngħidulek
ħajtek sejjer tqatta' magħna."

Għall-ewwel dana Peppinu
beda jgħin lill-Fra fil-kċina
kif ukoll idejh imiddhom
għal xogħol ieħor ta' rutina.

Fil-Kunvent kulħadd bih feraħ
tant ħabirku biex fl-iqsar żmien
studju serju huwa jibda,
u bdew jgħinuh ilkoll flimkien.

In-novizzjat huwa beda
kien ta' eżempju għal kulħadd.
Ħaġa waħda daħħal f'rasu
li jħares lura ma jkun qatt.

Fl-aħħar waslet il-ġurnata
jieħu l-libsa Dumnikana.
Kemm xegħlet qalbu bil-ħeġġa
ma' sħabu, ilkoll ferħana.

Fra Peppin bdew isejħulu
għax fil-messaġġ hekk kien miktub,
Fra Peppin kien ta' eżempju
f'dal-Kunvent, hu kien wisq maħbub.

Fra Peppin kollu bżulija
fil-Kunvent jieqaf ma' kulħadd
dejjem fittex jgħin lil għajru,
mibgħeda ma kellu lejn ħadd.

Patri Ġwann u Patri Pawlu
it-tnejn mimlija għerf u snin,
dawn kienu l-għalliema tiegħu,
it-tnejn miżmuma b'qaddisin.

Fra Peppin hemm tefa' rasu,
talb u studju, dawn ħbieb tiegħu.
Fejn imur kotba u kuruna
Tar-Rużarju iġorr miegħu.

Fl-istudju avvanza sewwa
u beda jagħmel progress,
kulħadd tifħir kellu f'fommu
l-iżjed mill-għalliema stess.

Għalkemm avvanza fl-istudju
baqa' jħobb il-fjuri u l-ward,
ta' kull nhar ta' Sibt kien joffri
lis-Sinjura tas-sema w l-art.

"Għażiża Ommi", kien jgħidilha,
"Int biss tista' tieqaf miegħi.
Madonna 'tini l-għajnuna
Li nwettaq ix-xewqa tiegħi."

"Kull ma rrid hi l-Ordni Sagri,
nitolbok, idħol għalija
ħalli devozzjoni nxerred
lejk, u 'l Ibnek, O Marija."

Il-Madonna talbtu semgħet,
ġie ordnat Patri Dumnikan
baqa' bl-isem ta' Ġużeppi
u bl-istess ħeġġa w ħerqan.

Patri Ġużepp predikatur,
mill-aqwa sar u b'fomm kulħadd
il-fama xerred, u fejn mar
tifħir biss qala', tmaqdir qatt.

Ġibed lejh imħabba kbira
għax jagħraf jirrakkonta kien,
xi silta mill-Evanġelju,
biex tal-qalb jiftaħ il-bibien.

Għall-priedki fuq il-Madonna
huwa kien majjistru mill-kbar,
b'dik il-kelma ħelwa tiegħu
kapaċi jgħaxxaq anke ż-żgħar.



Mqabba SM Bk06.indd 143 27/7/06 11:44:12

"Irrikorru lejn Marija,
ejjew nitolbu lil din l-Omm
biex il-Mulej lilna bil-grazzja
u magħqudin ma' Binha jżomm."

"Ejja nfaħħru lil Marija
Omm t'Alla u tal-bnedmin,
il-Mulej b'Ommna tahielna
araw ħuti, kemm Hu ħanin."

Da d-diskors sikwit kien jgħidu
lid-devoti ta' Marija.
Kien jgħidlilhom biex ifaħħru
Kull fil-għodu u fil-għaxija.

Tista' tgħid hekk qatta' ħajtu,
priedki, qrar, talb u fohrija
lil dik l-Omm tagħna tas-sema
Beata Verġni Marija.

Biss ħsieb wieħed kien iħabbtu,
min kienet dik is-Sinjura,
illi darba pakkett tatu
wara li ppreżenta fjura.

Fittex u staqsa kemm felaħ,
talab lil Ommna Marija,
"Tini l-grazzja li nkun nafħa,
isma' talbi, ħenn għalija."

B'ħerqa kbira hu kien jitlob
b'qalbu kollha, b'nifsu maqtugħ,
tkexkixa ta' bard ma' ġismu
u ħaddejh imxarrba bid-dmugħ.

Iżda ż-żmien kien għamel tiegħu,
is-snin tgerrbu, ix-xjuħija
fuqu waslet, saħħtu naqset
u bdiet tiżdiedlu t-tbatija.

Mitluf f'estasi ta' mħabba
lejn l-Omm tas-sema Marija,
kompla jitlob b'ħerqa kbira
talb ta' ndiema u fohrija.

"O Marija, Int mis-sema
żgur li tara lil kulħadd;
għidli min hi dis-Sinjura
illi ħlief darba ma rajt qatt."

U mis-saqaf feġġet sħaba
niżlet bil-mod il-mod sa ħdejh
b'dik is-Sinjura ġo fiha
u fjura tfuħ tatu f'idejh.

"Hekk għamilt miegħi Peppinu,
meta lili inti kont iżżur
f'dik id-dwejra ħelwa t'Ibni
u miegħek kont iġġib il-fjur."

"Kont jien nisma' it-talb tiegħek
li Dumnikan int xtaqt issir.
Jien għidt biss kelma lil Ibni
u laqgħaha bi pjaċir."

"Il-fohrija u il-fjuri
li inti tajtni tul is-snin,
ta' dan kollu inpattilek
u nieħdok fejn il-qaddisin."

**Giovanni Farrugia**
Mqabba

Din il-leġġenda, jew storja, saret fil-Kappella ddedikata lil Santa Marija li tinsab ġewwa Ħaż-Żebbuġ, magħrufa aktar bħala l-Kappella Ta' Mamo. Kappella ta' valur u storja kbira, li jingħad li sabiex inbniet mill-ġdid kienu ħadu l-ġebel mill-Imqabba.

# Festa Santa Marija 2005 Rendikont Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja

## Dħul

| | | |
|---|---|---|
| Ġbir bl-*envelopes* bieb bieb | Lm | 1,491.00 |
| Ġbir fil-Knisja | Lm | 540.00 |
| Kaxxa quddiem l-Istatwa | Lm | 35.00 |
| Donazzjonijiet | Lm | 100.00 |
| Preżentazzjoni tat-tfal | Lm | 62.00 |
| Total | Lm | 2,228.00 |
| Żbilanċ għas-sena 2006 | Lm | 416.65 |

## Ħruġ

| | | |
|---|---|---|
| Żbilanċ mis-sena 2004 | Lm | 570.00 |
| Ċelebranti u saċerdoti barranin | Lm | 155.00 |
| Orkestra, organista u vuċijiet | Lm | 832.00 |
| Daqq ta' qniepen | Lm | 60.00 |
| Dawl fil-faċċata, koppla u kampnar | Lm | 814.20 |
| Servizzi ta' kappi u kruċiferu | Lm | 60.00 |
| Fjuri | Lm | 34.80 |
| *Envelopes* u *printing* | Lm | 118.65 |
| Total | Lm | 2,644.65 |



Mqabba SM Bk06.indd 145 27/7/06 11:44:18

# Titjira sal-Ġenna

**Nota:** Meta ġejt biex nikteb din il-poeżija, immaġinajt lill-ħabib tiegħi Patrick Mallia li ltqajt miegħu jien u tiela' l-ġenna. Id f'id bqajna ntiru sakemm wasalna u dħalna l-ġenna. Aqraw din il-poeżija u taraw x'kelli f'moħħi meta ktibtha.

Ilni nħoss ix-xewqa fija
ilha din għal ħafna snin
li mmur nara lil Marija
l-għaxqa tagħna l-Imqabbin.

Qbadt il-ġwienaħ bdejt nittajjar
u bdejt tiela' sew il-fuq
qalb is-sħab jien bdejt niddawwar
kont sew sod u xejn mitluq.

Jien u tiela' rajt lil Patrick
bil-par ġwienaħ imdaqqsin
ejja mmorru t-tnejn sal-ġenna
u id f'id, bqajna sejrin.

Wasalna hemm ħdejn bieb il-ġenna
bieb sabiħ u kollu dija
f'nofs il-ħnejja hemm Kuruna
bil-ħbabat b'lewn dehebija.

Bil-mod il-mod ġejt sewwa qrib
minn bejn il-bieb mort ħarist
dlonk nisma, 'għidli ħabib'
u l-għatba 'l ġewwa irfist.

Għandi 'l Patrick ħabib tiegħi
Qegħdin hawn it-tnejn flimkien
ġibtu hawn fil-ġenna miegħi
qatt ma rajna dan l-imkien.

Taptapli ħafif fuq spallti
u staqsieni x'għandi bżonn
jiena fiss dawwart lejħ ħarsti
waqt li l-ġwienaħ bqajt inżomm.

Iżda mbagħad San Pietru qalli
ejja mmorru ħa naraw
u dlonk ħadna ħdejn kor l-anġli
kollha kienu ikantaw.

Qtajjiet kbar ilkoll ta' anġli
tassew kien il-kor kotran
magħhom ġew ukoll l-arkanġli
ikantaw mingħajr serħan.

Ma naqsux il-kerubini
b'ilbies abjad tal-ħarir
minusġin, jidhru sew fini
ikantaw ilkoll b'tifħir.

Indunaw li mill-Imqabba
ħarsu lejna imbissmin
wiċċhom deher li kollu mħabba
u bejniethom maħbubin.

Riedu huma iferrħuna
daru bina lkoll flimkien
u sorpriża wkoll jagħtuna
sew fuq tagħhom, ħadd għajjien.

Iżda ġara li f'ħin minnhom
l-anġli lkoll bdew ikantaw
xtaqna kieku nkantaw magħhom
bżajna li se nistunaw.

Patrick dlonk ħares fiss lejja
Għedtlu jien qed nisma' sew
dan l-Innu Santa Marija
anke hawn, jafuh tassew.

Bdejna niżfnu l-innu magħhom
mur għidilhom l-Imqabbin
li dan l-innu n-noti tagħhom
Għalih l-anġli imsaħħrin.

Ara Ġorġ is-Surmast Martin
bil-bakketta jżomm f'idejh
qrib bandisti Imqabbin
ejja Patrick nersqu lejh.

Se ndoqqu l-Ave Marija
Dlonk qalilna b'wiċċ ferħan
O xi ġmiel ta' melodija
tixraq l-Omm, Alla s-setgħan.

Sellimnielu ferħanin
u komplejna t-tnejn mixjin
lejn dawk is-swali tawwalin
b'linef kbar kienu mdawwlin.

Nixtieq nara l-ġenituri
ilhom nieqsa ħafna snin
biex imħabbti lejhom nuri
li qatt minni minsijin.

Hekk kif rawni dlonk ħaddnuni
u għannquni magħhom sew
anke wkoll bdew ibusuni
u dwar ħuti wkoll staqsew.

Kulhadd tajjeb jien għidtilhom
Għadna f'għaqda magħqudin
Nibqgħu nobdu x-xewqa tagħkom
billi ngħinu lil xulxin.

Kif tmur lura għid lil ħutek
L'aħna l-ġenna lkoll ħenjin
ebda għadu hawn ma jirbħek
u minn xejn m'aħna neqsin.

Erġajt jien għannaqthom miegħi
daqs kemm kont ħdejhom ferħan
mhux bilfors ħdejn l-għeżież tiegħi
biex narahom kont sew għatxan.

Tajthom bewsa twila ħafna
u ħadna b'idejn xulxin
bla waqfien aħna xejjirna
mbagħad komplejna t-tnejn mixjin.

B'xorti tajba wkoll ilmaħthom
l-għeżież tiegħi maħbubin
u miegħi it-tnejn ħaddanthom
bqajna hekk għal ħafna ħin.

Ma ridniex nemmnu l-għajnejna
li qegħdin daqshekk viċin
iffissati nħarsu bqajna
waqt li lkoll konna mbissmin.

Għal ħin twil bdejna nitgħannqu
u nitbewsu bla waqfien
ma xtaqniex illi ninfirdu
xtaqt li nibqgħu f'dak l-imkien.



Mqabba SM Bk06.indd 147 27/7/06 11:44:21

Għid lil ħutek l'aħna ħienja
żgur li m'hawnx nies imnikktin
kollha ngawdu dik il-glorja
tinsiex l'aħna qaddisin.

Meta tmur għid l-għeżież ħutek
biex jgħixu ta' nies twajbin
naf li huma twajba bħalek
mill-ġenituri, mberkin.

Kif dlonk rajna lil Marija
qlubna dawn imtlew bil-ferħ
u wisq konna għalenija
f'dak il-paċi, f'dak is-serħ.

U Marija kif lemħitna
ġiet b'idejha miftuħin
u bdiet lilna itħaddanna
aħna magħha imgħannqin.

Ersqu l'hawn, Patrick, Karmenu
żewġ uliedi maħbubin
hekk ferħana rridkom tkunu
mhux hawn biss, imma f'kull ħin.

Ġejtu ħdejja mill-Imqabba
tgħidx kemm bikom ħadt pjaċir
wrejtu lejja veru mħabba
ngħożżkom sew daqs teżor kbir.

Għidulhom l' Ommkom Marija
tassew tħobbkom l-Imqabbin
u bil-festi wisq kburija
naf li f'Malta magħrufin.

Kemm nitpaxxa b'dawk il-marċi
u bil-kant ta' l-inniiiet
miktubin minn nies kapaċi
żgur m'hemmx fihom għeltijiet.

Iżda intom kollha wliedi
qatt ma nħares lejn kulur
inħobbkom bla distinzjoni
kollha għalija nies t'unur.

Xejn jimporta l-blu jew aħmar
dawn għalija ħmerijiet
huma piki tal-partiti
illi jwasslu għall-firdiet.

Nixtieq ħafna tnaqqsu l-piki
dawn ma jagħmlu ġid lil ħadd
mhux il-festi it-tnejn f'ġieħi
żgur li nifraħ sew b' kulħadd.

Kemm nixtieq li nara l-għaqda
intom nies sew magħturin
ikun għajb fejn hemm il-firda
u minn nies tkunu mwarrbin.

Xieraq li taraw lil Ibni
fuq it-tron mat-Trinità
kemm hu sbejjaH u setgħani
jibqa' hemm eternità.

Dħalna nsellmu l-Missier Alla
lill-Ispirtu s-Santu wkoll
u 'l Ġesù Iben Marija
ħdejhom l-hena il-qlub tħoll.

U Marija sellmitilna
bil-kliem kunu imberkin
u kompliet lilna tgħidilna
ħafna nħobbkom l-Imqabbin.

Qormi **Carmel Bianchi**
26 ta' Lulju 2005
Nhar il-festa ta'
Sant'Anna u San Ġwakkin

Din il-poeżija nqrat għall-ewwel darba mill-ħabib tiegħi Patrick u jien fil-Pjazza tal-Knisja ta' l-Imqabba, nhar l-Erbgħa 10 ta' Awissu 2005, waqt Programm Vokali u Strumentali organizzat mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Dan il-programm annwali jsir ad unur il-Patruna tar-raħal, Santa Marija propju f'Jum iddedikat lill-Banda Re Ġorġ V.


SILVIO'S

*For all types of chairs, stools, armchairs and tables*



Chairs and tables

***FOR HIRE***

**Telephones:**
**2146 8982, 2146 1683**
**Mob: 9945 4333**

11, Triq il-Kataniż, Żebbuġ - Malta

# Vista Pastorali fl-Imqabba mill-Kan. A. Bolonja

*Kitba tas-Sur Lorenzo Zahra*

Kienet is-sena 1663 meta l-Kanonku tal-Katidral Alessandru Bolonja ghamel żjara f'isem l-Isqof u hemm kien milqugh minn Dun Leone Bugeja flimkien mal-kleru u l-poplu. Kif dahal il-knisja żar fejn jinżamm is-Sagrament; kien f'tabernaklu ta' l-injam imżejjen. Kien hemm mixghela doppja. Ra wkoll il-fonti tal-maghmudija li kellu armarju ta' l-injam, imma kien hemm reċipjent tal-fidda. L-artal maġġur kien deċenti u kellu l-bżonnijiet meħtieġa. Kien hemm xbiha ta' l-assunzjoni tal-Madonna u kien hemm l-obbligi meħtieġa biex jiġi ffesteġġjat. Mal-artal kien hemm fratellanza tas-Sagrament b'ilbies abjad u l-prokuratur kien Dun Baskal Zammit.

Fil-knisja kien hemm artali ohra. Dak tar-Rużarju li kellu wkoll fratellanza u kien hemm jiehdu hsieb Dun Karl Agius u Mikiel Magro. Artal iehor kien dak tal-Viżitazzjoni ta' Marija lil Eliżabetta li kien jiehu hsiebu Baskal Aquilina. Artal tal-Madonna tas-Sokkors, iehor tal-Lunzjata, iehor ta' l-Ispirtu s-Santu, ta' San Pietru u kien hemm xbiha tal-Madonna b'Santa Katerina u Sant'Andrija. Fir-rahal kien hemm dawn il-knejjes; dik ta' San Bażilju li tissejjah il-parroċċa l-qadima. Hemm kienet issir il-festa minn Dun Pawl Agius. Knisja ohra kienet dik ta' San Mikiel li kienet hdejn iċ-ċimiterju u kien jiehu hsiebha Gius Indri Zammit. Tissemma fir-rahal knisja ohra, dik ta' l-assunta li kienu jiehdu hsiebha l-ahwa Agius.

Il-kittieb jaghtina lista tal-kontribuzzjonijiet ghall-bini tal-Knisja Parrokkjali. Dawn l-ismijiet kienu l-qassisin tar-rahal u s-sena meta kienu ordnati; Frangisk Agius (1638), Duminku Caruana (1633), Anġlu Mallia (1634), Leone Bugeja (1642), Girgor Debrincat (1637), Rokku Agius (1646), Valerju Debrincat (1646), Gius Pawl Magro (1655) u Vincenz Magro (1663).

Jissemmew wkoll dawn il-kleriċi; Ġakob Cassar, Nikol Agius, Tumas Magro, Duminku Debrincat, u Gius Indri Zammit

**Referenzi:**
AAM VIP vol 18 pag 378 et seq.



MANGION BROS.
(ID-DIELJA)
ŻURRIEQ TELEPHONE: 2164 9590





**Suppliers of concrete mix, capable of producing 80 cu. metres per hour.**

**Suppliers of steel rods and straps. The company undertakes all construction, civil engineering and excavation works.**

**Manufacturers of fine quality bricks and interlocking paving system to a variety of designs and colours. this is operated by a computerised controlled plant capable of producing 8000 hollow concrete bricks a day.**



Mqabba SM Bk06.indd 151 27/7/06 11:44:29

# Il-Kult Marjan fil-Gżejjer Maltin

*Kitba tas-Sur Mario Fenech*



Il-Festa ta' Santa Marija għalina l-Maltin hija waħda popolari ħafna u dan jixhduh 'l eluf ta' nies li jmorru minn raħal għall-ieħor biex jassistu għal parti mill-festa li tkun qiegħda ssir. Li festa bħal din tiġi ċċelebrata f'seba' lokalijiet bħala Festa Parrokkjali u fi tnejn oħra bħala l-Festa ta' żona partikolari fl-istess jum huwa diġà fatt li jsostni l-kobor ta' din il-Festa. Il-Festi Titulari huma din ta' l-Imqabba, tal-Qrendi, tal-Gudja, ta' ħal Għaxaq, tal-Mosta, ta' H'Attard u tal-Katidral f'Għawdex. It-Tnejn l-oħra huma dik ta' ħal Muxi f'Ħaż-Żebbuġ u tas-Samra fil-Ħamrun. Ma rridux ninsew li fl-ewwel Ħadd fuq il-15 ta' Awissu jiġu ċċelebrati tliet Festi oħra ad unur Santa Marija f'lokalitajiet oħrajn li huma Ħad-Dingli, l-Imġarr u fiż-Żebbuġ, Għawdex. Biex inkunu għedna kollox insibu għadd ġmielu ta' kappelli żgħar li fihom issir ukoll il-Festa ta' Santa Marija u dan għaliex dawn jinsabu taħt il-ħarsien ta' l-Assunta. Fost dawn, is-Santwarju ta' Santa Marija tal-Ħlas f'Ħal Qormi.

Nistaqsu, x'wassal biex fil-Gżejjer Maltin hawn din id-devozzjoni tant kbira lejn Santa Marija? Irridu ngħidu li bosta mill-knejjes jew kappelli li kienu jinbnew kienu jissejħu ta' Santa Marija. Biżżejjed jekk wieħed jaqra l-kitba ta' l-Istoriku Għawdxi Ġann Franġisk Agius De Soldanis biex ikun jaf kemm kien ikun hemm knejjes iddedikati lill-Assunta matul is-Sekli Sittax u Sbatax. Il-Madonna minn dejjem kienet meqjusa mill-Maltin bħala l-Omm tagħna lkoll, u mhux darba u tnejn li dawn irrikorrew lejHa għall-għajnuna. Bħalma kien seħħ waqt it-tieni Gwerra Dinija, u waqt id-diversi epidemji tal-pesta li kienu jolqtu lil Malta snin ilu.



Kemm hawn Fratellanzi taħt il-ħarsien tal-Madonna b'titli differenti fil-knejjes li huma wkoll iddedikati lill-Madonna? Qatt għaddielna minn moħħna kemm hawn toroq bl-isem ta' "Santa Marija", kemm hawn niċeċ fit-toroq u statwi tal-ġebel mill-isbaħ fil-pjazez. Fost l'oħrajn f'San Ġwann insibu statwa kbira ta' Santa Marija fuq pedestall quddiem il-Knisja tal-Mensija, Knisja u statwa quddiemha ftit 'il fuq mill-Knisja Parrokkjali ta' l-Annunzjata f'ħal Balzan, Kappella bi Statwa fuq il-faċċata tagħha f'ħal Tarxien, f'Ħal Qormi f'Tal-Ħlas u Santa Marija ta' fuq il-Blata f'ħal Qormi wkoll. F'Tas-Sliema l-ewwel triq li kienet ġiet iffurmata kienet bl-isem ta' Santa Marija kif għadha sal-lum u fiha żewġ statwi kbar tal-Assunta. F'San Ġiljan kien hemm żmien meta t-Titular tal-Knisja l-Qadima ta' Lapsi kien inbidel għal dak ta' Santa Marija, tant li fis-Sagristija għad hemm il-Kwadru li kien jintuża bħala Titular. Tikkonfema dan, l-istatwa tal-ġebel fuq pedestall li hemm biswit il-Knisja. Fil-Qala Għawdex nafu li s-Santwarju l-qadim tal-Immakulata qabel kien iddedikat lill-Assunta u kienet issir il-Festa bil-kbir nhar il-15 t'Awissu. Tant kienet kbira li kienet qiegħda ttellef il-Festa tal-Katidral tal-Belt Victoria li l-Isqof ta' dak iż-żmien kien ordna li t-Titular kellu jinbidel għal dak ta' l-Immakulata u kien offra l-kwadru, il-lum inkurunat, hu stess lill-Knisja.

Ma nistgħu qatt inħollu lil Malta u lill-Maltin mir-rabta li għandhom ma' Marija Assunta. L-imħabba ta' poplu lejn il-Patruna tiegħu ma jista' jħassarha ħadd, u għalhekk din il-Festa li ssir bil-kbir speċjalment fl-Imqabba matul dawn il-jiem. Festa li tiġbed tant nies lejn ir-raħal mhux biss għall-logħob tan-nar li issa qiegħed fost l-ewlenin ta' dawn il-Gżejjer, iżda wkoll biex wieħed jara x-xogħol kbir li jkunu għamlu matul is-sena l-Kumitat, il-membri u l-partitarji tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, biex jingħata ġieħ lil MARIJA ASSUNTA waqt il-jiem tal-Festa tagħHa.



Mqabba SM Bk06.indd 152 27/7/06 11:44:31